Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1998

tal-5 ta' Novembru 2015

li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2426 tat-18 ta' Diċembru 2015	L 334	5	22.12.2015
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/815 tat-12 ta' Mejju 2017	L 122	1	13.5.2017
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/837 tas-17 ta' Mejju 2017	L 125	3	18.5.2017
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/55 tad-9 ta' Jannar 2018	L 10	5	13.1.2018
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/103 tat-23 ta' Jannar 2019	L 21	13	24.1.2019
►M6	emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910 tat-30 ta' Ġunju 2020	L 208	43	1.7.2020
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/413 tal-14 ta' Marzu 2019	L 73	98	15.3.2019
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1583 tal-25 ta' Settembru 2019	L 246	15	26.9.2019
►M9	emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910 tat-30 ta' Ġunju 2020	L 208	43	1.7.2020
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/111 tat-13 ta' Jannar 2020	L 21	1	27.1.2020
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910 tat-30 ta' Ġunju 2020	L 208	43	1.7.2020
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/255 tat-18 ta' Frar 2021	L 58	23	19.2.2021
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/421 tal-14 ta' Marzu 2022	L 87	1	15.3.2022
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/463 tat-22 ta' Marzu 2022	L 94	3	23.3.2022

►**M15**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1174 tas-7 ta' Lulju 2022	L 183	35	8.7.2022
►**M16**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/566 tal-10 ta' Marzu 2023	L 74	47	13.3.2023
►**M17**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1255 tat-3 ta' Mejju 2024	L 1255	1	6.5.2024
►**M18**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2108 tad-29 ta' Lulju 2024	L 2108	1	31.7.2024
►**M19**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/920 tad-19 ta' Mejju 2025	L 920	1	20.5.2025
►**M20**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/449 tas-27 ta' Frar 2026	L 449	1	2.3.2026

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1998

tal-5 ta' Novembru 2015

li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni sabiex l-avjazzjoni ċivili tiġi ssalvagwardjata minn atti ta' interferenza mhux skont il-liġi li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, imsemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, u l-miżuri ġenerali li jissupplimentaw dawk l-istandards bażiċi komuni msemmija fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament, huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 jitħassar. Ir-referenzi għae-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan jibda japplika mill-1 ta' Frar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

1. SIGURTÀ FL-AJRUPORTI

1.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, l-awtorità, l-operatur tal-ajruport, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità responsabbli skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

1.0.2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, inġenju tal-ajru, xarabank, karru tal-bagalji jew mezzi oħra tat-trasport, jew passaġġi minn fejn jgħaddu nnies, jew pont tal-imbark għandhom jitqiesu bħala parti minn ajruport.

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "bagalji sikuri" tfisser bagalji skrinjati għal ġol-istiva li huma protetti b'mod fiżiku sabiex jiġi evitat li jiddaħħal kwalunkwe oġġett fihom.

▼M2

1.0.3. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji għad-derogi stabbiliti fil-Parti K tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 ([1]), l-awtorità xierqa tista' tippermetti proċeduri ta' sigurtà speċjali jew eżenzjonijiet għall-protezzjoni u s-sigurtà tan-naħiet tal-ajru fl-ajruporti fi ġranet meta ma jkunx hemm aktar minn inġenju tal-ajru wieħed li se jitgħabba, li se jinħatt, li se jimbarkaw in-nies fuqu jew se jiżbarkaw minnu fi kwalunkwe ħin wieħed jew fil-parti kritika taż-żona ristretta ta' sigurtà jew f'ajruport li ma jkunx fl-ambitu tal-punt 1.1.3.

▼B

1.0.4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness "oġġetti li jkunu qed jinġarru mill-persuni li mhumiex passiġġieri" tfisser oġġetti personali maħsuba għall-użu personali tal-persuna li ġġorrhom.

1.0.5. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi f'dan il-Kapitolu u fejn applikabbli fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005 final ([2]) jinkludu pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dan it-Trattat.

▼M8

1.0.6. L-awtorità xierqa għandha tistabbilixxi u timplimenta proċeduri biex, kif xieraq u b'mod prattiku u f'waqtu, tikkondividi informazzjoni rilevanti biex tgħin lil awtoritajiet u aġenziji nazzjonali oħra, operaturi tal-ajruporti, trasportaturi tal-ajru u entitajiet oħra kkonċernati, iwettqu valutazzjonijiet effettivi tar-riskju tas-sigurtà relatati mal-operazzjonijiet tagħhom.

▼B

1.1. IR-REKWIŻITI TA' PPJANAR FL-AJRUPORTI

1.1.1. **Il-konfini**

1.1.1.1. Il-konfini bejn in-naħa tal-art, in-naħa tal-ajru, iż-żoni ristretti ta' sigurtà, il-partijiet kritiċi u, fejn applikabbli, iż-żoni demarkati għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar f'kull ajruport sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri xierqa ta' sigurtà f'kull waħda minn dawk iż-żoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 300/2008 (ĠU L 91, 3.4.2009, p. 7).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005 final ta' li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li jinkludu t-tagħrif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u li jħassar id-Deċiżjoni (2010) 774 tat-13 ta' April 2010.

▼B

1.1.1.2. Il-konfini bejn in-naħa tal-art u n-naħa tal-ajru għandhom ikunu ostaklu fiżiku li viżibbli b'mod ċar mill-pubbliku ġenerali u li ma jippermettix aċċess għal persuni mhux awtorizzati.

1.1.2. **Iż-żoni ristretti ta' sigurtà**

1.1.2.1. Iż-żoni ristretti ta' sigurtà għandhom jinkludi tal-anqas dan li ġej:

(a) parti minn ajruport li l-passiġġieri skrinjati li jkunu se jitilqu għandhom aċċess għaliha; kif ukoll

(b) parti minn ajruport li minnha jistgħu jgħaddu jew li fiha jistgħu jinżammu l-bagalji skrinjati għal ġol-istiva, sakemm ma tikkonċernax il-bagalji sikuri; kif ukoll

(c) parti minn ajruport allokata għall-parkeġġ tal-inġenji tal-ajru li jkunu se jitilgħu l-passiġġieri fuqhom jew li jkunu se jitgħabbew.

1.1.2.2. Parti minn ajruport għandha titqies bħala żona ristretta ta' sigurtà tal-anqas għall-perjodu taż-żmien li tulu jkunu qegħdin jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-punt 1.1.2.1.

Meta tiġi stabbilita żona ristretta ta' sigurtà, għandha titwettaq tfittxija ta' sigurtà tal-partijiet li setgħu ġew ikkontaminati immedjatament qabel ma tiġi stabbilita t-tali żona sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma fihiex oġġetti pprojbiti. Din id-dispożizzjoni għandha titqies li ġiet issodisfata għall-inġenji tal-ajru li jkunu soġġetti għal tfittxija ta' sigurtà tal-inġenji tal-ajru.

▼M15

Persuni li jwettqu tfittxija ta' sigurtà f'żoni differenti minn dawk użati għall-iżbark ta' passiġġieri mhux skrinjati skont l-istandards bażiċi komuni, iridu jkunu mħarrġa f'konformità mal-punti 11.2.3.1, 11.2.3.2, 11.2.3.3, 11.2.3.4 jew 11.2.3.5.

▼B

1.1.2.3. Kull meta persuni mhux awtorizzati jista' jkun li kellhom aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà, għandha titwettaq tfittxija ta' sigurtà minnufih tal-partijiet li setgħu ġew ikkontaminati sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma fihomx oġġetti pprojbiti. Din id-dispożizzjoni għandha titqies li ġiet issodisfata għall-inġenji tal-ajru li jkunu soġġetti għal tfittxija ta' sigurtà tal-inġenji tal-ajru.

1.1.3. **Il-partijiet kritiċi ta' żoni ristretti ta' sigurtà**

▼M2

1.1.3.1. Il-partijiet kritiċi għandhom jiġu stabbiliti fl-ajruporti fejn aktar minn 60 persuna jkollhom karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport li tagħti aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà.

▼B

1.1.3.2. Il-partijiet kritiċi għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:

(a) il-partijiet kollha ta' ajruport li l-passiġġieri skrinjati li jkunu se jitilqu għandhom aċċess għalihom; kif ukoll

(b) il-partijiet kollha ta' ajruport li minnhom jistgħu jgħaddu jew li fihom jistgħu jinżammu l-bagalji skrinjati għal ġol-istiva, sakemm ma jikkonċernawx il-bagalji sikuri.

Parti minn ajruport għandha titqies bħala parti kritika tal-anqas għall-perjodu taż-żmien li tulu jkunu qegħdin jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).

1.1.3.3. Meta tiġi stabbilita parti kritika, għandha titwettaq tfittxija ta' sigurtà tal-partijiet li setgħu ġew ikkontaminati immedjatament qabel ma tiġi stabbilita t-tali parti sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma fihiex oġġetti pprojbiti. Din id-dispożizzjoni għandha titqies li ġiet issodisfata għall-inġenji tal-ajru li jkunu soġġetti għal tfittxija ta' sigurtà tal-inġenji tal-ajru.

▼M5

1.1.3.4. Għandha titwettaq tfittxija tas-sigurtà ta' dawk il-partijiet kritiċi li setgħu ġew ikkontaminati mill-iktar fis possibbli sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jkunx fihom oġġetti pprojbiti, kull fejn l-aċċess għall-partijiet kritiċi seħħ minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) persuni li ma twettqilhomx l-iskrinjar;

(b) passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ li jaslu minn pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fid-Dokument Mehmuż 4-B;

▼M5

(c) passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ li jaslu minn ajruporti tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti jkun idderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 ([1]), sakemm huma ma jiġux milqugħin mal-wasla tagħhom u skortati 'l barra minn dawk iż-żoni skont il-punt 1.2.7.3.

Dan il-punt għandu jitqies li ġie ssodisfat għall-inġenji tal-ajru li jkunu soġġetti għal tfittxija tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, u ma għandux japplika meta l-persuni koperti bil-punt 1.3.2 u l-punt 4.1.1.7 kellhom aċċess għall-partijiet kritiċi.

Fir-rigward tal-punti (b) u (c), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal dawk il-partijiet kritiċi li jintużaw mill-bagalji tal-istiva li twettqilhom l-iskrinjar u/jew mill-passiġġieri tat-tluq li twettqilhom l-iskrinjar li ma jkunux se jitilqu fuq l-istess inġenju tal-ajru bħal dawn il-passiġġieri u l-membri tal-ekwipaġġ.

▼B

1.2. KONTROLL FUQ L-AĊĊESS

1.2.1. **L-aċċess għan-naħa tal-ajru**

1.2.1.1. L-aċċess għan-naħa tal-ajru jista' jiġi awtorizzat biss jekk il-persuni u l-vetturi jkollhom raġuni leġittima għala jkunu qegħdin hemm. Żjarat gwidati tal-ajruport skortati minn persuni awtorizzati għandha titqies li tkun raġuni leġittima.

1.2.1.2. Sabiex persuna tingħata aċċess għan-naħa tal-ajru għandu jkollha awtorizzazzjoni.

1.2.1.3. Sabiex vettura tingħata aċċess għan-naħa tal-ajru l-vettura għandha turi l-pass tal-vettura.

1.2.1.4. Persuni li jinsabu fin-naħa tal-ajru għandhom, meta mitluba, jippreżentaw l-awtorizzazzjoni tagħhom għall-kontroll.

1.2.2. **L-aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà**

1.2.2.1. L-aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà jista' jingħata biss jekk il-persuni u l-vetturi jkollhom raġuni leġittima għala jkunu qegħdin hemm. Żjarat gwidati tal-ajruport skortati minn persuni awtorizzati għandha titqies li tkun raġuni leġittima.

1.2.2.2. Sabiex tingħata aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà persuna għandha tippreżenta waħda mill-awtorizzazzjonijiet li ġejjin:

(a) karta valida tal-imbarkazzjoni jew l-ekwivalenti; jew

▼M20

(b) karta tal-identifikazzjoni tal-ekwipaġġ valida ta' membru tal-ekwipaġġ impjegat minn trasportatur bl-ajru tal-Unjoni jew minn trasportatur bl-ajru barrani skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punti 4 u 5, tar-Regolament (KE) Nru 300/2008; jew

▼B

(c) karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport valida; jew

(d) karta tal-identifikazzjoni valida tal-awtorità xierqa nazzjonali; jew

(e) karta tal-identifikazzjoni tal-awtorità tal-konformità valida rikonoxxuta mill-awtorità xierqa nazzjonali.

Minflok, jista' jingħata wkoll aċċess wara identifikazzjoni pożittiva permezz ta' verifika ta' dejta bijometrika.

▼M20

1.2.2.3. L-aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà jista' jingħata lill-bdoti privati, u fejn applikabbli lill-ekwipaġġ ta' akkumpanjament, li jwettqu titjiriet mhux kummerċjali operati b'inġenju tal-ajru li jkun niżel qabel fl-ajruport, sabiex jaċċessawh għall-finijiet ta' tluq, jew għaż-żmien strettament neċessarju biex titwettaq manutenzjoni operazzjonali tal-inġenju tal-ajru. Sabiex jingħataw aċċess:

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 17).

▼M20

(a) il-liċenzja ta' bdot tagħhom għandha tiġi ċċekkjata qabel id-dħul;

(b) l-aċċess tagħhom ikun limitat għaż-żona fejn l-inġenju tal-ajru tagħhom ikun ipparkjat u d-distanzi bejn it-terminal jew il-punt ta' aċċess u l-inġenju tal-ajru;

(c) għandhom jiġu skortati meta dan ikun meħtieġ lokalment għall-ekwipaġġ u għall-passiġġieri tal-operazzjonijiet tal-avjazzjoni ġenerali.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi fil-punti (b) u (c), bdot privat li jaqa' taħt il-kundizzjonijiet operazzjonali deskritti f'dan il-punt jista' jingħata aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà fejn ikollu karta ta' identifikazzjoni valida tal-ajruport kif imsemmi fil-punt 1.2.2.2 (c) jew karta ta' identifikazzjoni nazzjonali valida maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1.2.3 u 11.2.6.

▼B

1.2.2.4. Il-karta tal-imbarkazzjoni jew l-ekwivalenti msemmija fil-punt 1.2.2.2 (a) għandha tiġi ċċekkjata qabel ma persuna tingħata aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li tkun valida.

Il-karta msemmija fil-punt 1.2.2.2(b)–(e), rispettivament, għandha tiġi ċċekkjata qabel ma persuna tingħata aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li tkun valida u tikkorrispondi mad-detentur.

Meta tintuża identifikazzjoni bijometrika, il-verifikazzjoni għandha tiżgura li l-persuna li tkun qed tfittex aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà jkollha waħda mill-awtorizzazzjonijiet elenkati fil-punt 1.2.2.2 u li din l-awtorizzazzjoni tkun valida u ma tkunx ġiet diżattivata.

1.2.2.5. Għall-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għaż-żoni ristretti ta' sigurtà l-punti tal-aċċess għandhom jiġu kkontrollati minn:

(a) sistema elettronika li tillimita l-aċċess għal kull persuna waħda waħda; jew

(b) persuni awtorizzati li jimplimentaw il-kontroll fuq l-aċċess.

L-awtorità xierqa tista' tiddefinixxi fil-programm nazzjonali tagħha tas-sigurtà tal-avjazzjoni li l-limitazzjoni għal persuna waħda biss fl-istess ħin taħt il-punt (a) ma għandux japplika fil-punti ta' aċċess użati esklussivament minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

▼M20

1.2.2.6. Sabiex vettura tingħata aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà, għandha turi pass tal-vettura validu. Il-pass tal-vettura għandu jiġi ċċekkjat qabel ma vettura tingħata aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà biex jiġi żgurat li jkun validu u jikkorrispondi mal-vettura.

▼B

1.2.2.7. L-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandu wkoll ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M5

1.2.3. **Rekwiżiti għall-karti tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ u għall-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni**

1.2.3.1. Karta tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ ta' membru tal-ekwipaġġ impjegat minn trasportatur bl-ajru tal-Unjoni u karta tal-identifikazzjoni tal-ajruporti jistgħu jinħarġu biss lil persuna li jkollha ħtieġa operazzjonali u li jkun irnexxielha tgħaddi minn verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża skont il-punt 11.1.3.

1.2.3.2. Il-karti tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ajruporti għandhom jinħarġu għal perjodu li ma jaqbiżx ħames snin.

1.2.3.3. Il-karta tal-identifikazzjoni ta' persuna li ma jirnexxilhiex tgħaddi minn verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha minnufih titħassar jew tiġi rtirata, kif ikun applikabbli, u għandha tintbagħat lura lill-awtorità, lill-operatur jew lill-entità emittenti, kif ikun xieraq.

1.2.3.4. Il-karta tal-identifikazzjoni għandha tintlibes f'post viżibbli minn tal-inqas kull meta d-detentur ikun f'żona ta' sigurtà ristretta.

Persuna li ma jkollhiex il-karta tal-identifikazzjoni tagħha f'post viżibbli f'żoni ta' sigurtà ristretta għajr f'dawk iż-żoni fejn ikunu preżenti l-passiġġieri għandhom jiġu interpellati minn persuni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-punt 1.5.1 (c) u, kif ikun xieraq, għandhom jiġu rrappurtati.

1.2.3.5. Il-karta tal-identifikazzjoni għandha tintbagħat lura minnufih fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba tal-awtorità kompetenti, tal-operatur jew tal-entità emittenti kif xieraq;

(b) malli jintemm l-impjieg;

(c) malli jinbidel min iħaddem;

(d) malli tinbidel il-ħtieġa għall-aċċess għal żoni li għalihom kienet ingħatat awtorizzazzjoni;

(e) malli l-karta tiskadi;

(f) malli l-karta tiġi rtirata.

1.2.3.6. L-entità emittenti għandha tiġi nnotifikata minnufih malli karta tal-identifikazzjoni tintilef, tinsteraq jew ma tintbagħatx lura.

1.2.3.7. Karta elettronika għandha tiġi diżattivata minnufih wara r-ritorn, l-iskadenza, l-irtirar jew in-notifika li ntilfet, insterqet jew ma ntbagħtitx lura.

▼B

1.2.4. **Ir-rekwiżiti supplimentari għall-karti tal-identifikazzjoni tal-ekwipaġġ tal-Unjoni**

1.2.4.1. Karta tal-identifikazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ impjegat minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandha turi:

▼B

(a) isem id-detentur u ritratt tiegħu; kif ukoll

(b) isem it-trasportatur tal-ajru; kif ukoll

(c) il-kelma “crew” bl-Ingliż; kif ukoll

(d) id-data ta' skadenza.

1.2.5. **Ir-rekwiżiti supplimentari għall-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruport**

1.2.5.1. Karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport għandha turi:

(a) isem id-detentur u ritratt tiegħu; kif ukoll

(b) isem min iħaddem lid-detentur, sakemm il-karta ma tkunx ipprogrammata elettronikament; kif ukoll

(c) isem l-entità li toħroġ il-karta jew isem l-ajruport; kif ukoll

(d) iż-żoni li d-detentur hu awtorizzat li jkollu aċċess għalihom; kif ukoll

(e) id-data ta' skadenza, sakemm il-karta ma tkunx ipprogrammata elettronikament.

L-ismijiet u ż-żoni ta' aċċess jistgħu jiġu ssostitwiti b'identifikazzjoni ekwivalenti.

1.2.5.2. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tal-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruport, għandu jkun hemm sistema li tiżgura b'mod raġonevoli li jiġi individwat kwalunkwe attentat ta' użu ta' karti li jkunu ntilfu, insterqu jew li ma jkunux ingħataw lura. Malli t-tali użu jiġi individwat, għandha tittieħed azzjoni xierqa.

1.2.6. **Ir-rekwiżiti għall-passes tal-vetturi**

1.2.6.1. Pass ta' vettura jista' jinħareġ biss fejn tkun ġiet stabbilita ħtieġa operazzjonali.

1.2.6.2. Pass ta' vettura għandu jkun speċifiku għall-vettura u juri:

(a) iż-żoni li għandha aċċess għalihom; kif ukoll

(b) id-data ta' skadenza.

▼M2

_____

1.2.6.3. Pass elettroniku ta' vettura għandu, jew:

(a) jitwaħħal mal-vettura b'mod li jiżgura li ma jistax jiġi ttrasferit minn vettura għall-oħra; jew

▼M5

(b) għandha tkun marbuta mal-utent tal-vettura rreġistrata, kumpanija jew individwu, permezz ta' bażi tad-*data* sigura tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

▼M2

Il-passes elettroniċi ta' vetturi mhumiex meħtieġa juru ż-żoni li l-vettura għandha aċċess għalihom u lanqas id-data ta' skadenza, sakemm dan it-tagħrif ikun jista' jinqara b'mod elettroniku u jiġi ċċekkjat qabel ma jingħata l-aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà. ►M5 Il-permessi elettroniċi tal-vetturi għandhom ukoll ikunu jistgħu jinqraw b'mod elettroniku fiż-żona tat-titjir. ◄

▼B

1.2.6.4. Il-pass tal-vettura għandu jitqiegħed f'post fejn jidher kull meta l-vettura tkun tinsab fuq in-naħa tal-ajru.

1.2.6.5. Il-pass tal-vettura għandu jingħata lura immedjatament lill-entità li tkun ħarġitu:

(a) malli jintalab mill-entità li tkun ħarġitu; jew

(b) meta l-vettura ma tkunx se tibqa' tintuża sabiex ikollha aċċess għan-naħa tal-ajru; jew

(c) malli jiskadi l-pass, sakemm il-pass ma jiġix invalidat awtomatikament.

1.2.6.6. L-entità li toħroġ il-karta għandha tiġi nnotifikata immedjatament dwar telf, serq jew f'każ li l-pass tal-vettura ma jingħatax lura.

1.2.6.7. Pass elettroniku tal-vettura għandu jiġi invalidat immedjatament wara li jingħata lura, jiskadi, jew ikun hemm notifika dwar telf, serq jew f'każ li ma jingħatax lura.

1.2.6.8. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tal-passes tal-vetturi, għandu jkun hemm sistema li tiżgura b'mod raġonevoli li jiġi individwat kwalunkwe attentat ta' użu ta' passes tal-vetturi li jkunu ntilfu, insterqu jew li ma jkunux ingħataw lura. Malli t-tali użu jiġi individwat, għandha tittieħed azzjoni xierqa.

1.2.6.9. Vetturi li jintużaw biss fin-naħa tal-ajru u li ma jkollhom l-ebda permess li jsuqu f'toroq pubbliċi jistgħu jkunu eżentati mill-applikazzjoni tal-punti 1.2.6.2 sa 1.2.6.8 jekk fuq barra jkollhom immarkat b'mod ċar li huma vetturi operazzjonali użati f'dak l-ajruport.

1.2.7. **Aċċess skortat**

1.2.7.1. Il-membri tal-ekwipaġġ, għajr dawk li jkollhom karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport valida, għandhom jiġu skortati l-ħin kollu meta jkunu f'żoni ristretti ta' sigurtà għajr:

(a) żoni fejn jista' jkun hemm il-pasiġġeri; kif ukoll

(b) żoni fil-qrib ħafna tal-inġenju tal-ajru li jkunu waslu jew sejrin fuqu; kif ukoll

(c) żoni allokati għall-ekwipaġġ; kif ukoll

(d) id-distanzi bejn it-terminal jew il-punt ta' aċċess u l-inġenju tal-ajru li fuqu l-membri tal-ekwipaġġ ikunu waslu jew ikunu se jitilqu.

1.2.7.2. Eċċezzjonalment, persuna tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti tal-punt 1.2.5.1 u l-obbligi tal-kontrolli tal-preċedenti personali sakemm il-persuna tiġi skortata l-ħin kollu meta tkun fiż-żoni ristretti ta' sigurtà. Persuna tista' tiġi eżentata mir-rekwiżit li tiġi skortata jekk dik il-persuna turi awtorizzazzjoni u jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport valida.

1.2.7.3. Persuna li tiskorta:

(a) għandu jkollha karta tal-identifikazzjoni valida kif imsemmi fil-punt 1.2.2.2(c), (d) jew (e); kif ukoll

(b) għandha tkun awtorizzata tiskorta f'żoni ristretti ta' sigurtà; kif ukoll

(c) iżżomm lill-persuna jew lill-persuni skortata/i l-ħin kollu direttament taħt għajnejha; kif ukoll

(d) tiżgura b'mod raġonevoli li ma jitwettaq l-ebda ksur tas-sigurtà mill-persuna jew il-persuni skortata/i.

1.2.7.4. Vettura tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti tal-punt 1.2.6 sakemm tiġi skortata l-ħin kollu meta tkun fin-naħa tal-ajru.

1.2.7.5. Kull meta passiġġier ma jivvjaġġax b'riżultat ta' kuntratt ta' trasport bl-ajru li jirriżulta fl-għoti ta' karta tal-imbark jew l-ekwivalenti, membru tal-ekwipaġġ li jkun qed jeskorta dan il-passiġġier jista' jiġi eżentat mir-rekwiżiti tal-punt 1.2.7.3(a).

▼B

1.2.8. **Eżenzjonijiet oħra**

Eżenzjonijiet oħra għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

1.3. SKRINJAR TA' PERSUNI GĦAJR IL-PASSIĠĠIERI U L-OĠĠETTI LI JĠORRU MAGĦHOM

1.3.1. **Skrinjar ta' persuni għajr il-passiġġieri u l-oġġetti li jġorru magħhom**

1.3.1.1. Persuni għajr il-passiġġieri għandhom ikunu skrinjati permezz ta' wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) it-tfittxija bl-idejn;

(b) tagħmir bokka għall-individwazzjoni tal-metall (WTMD);

(c) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi;

(d) it-tagħmir għall-individwazzjoni tat-traċċi ta' splussivi (ETD);

(e) skeners tas-sigurtà li ma jużawx radjazzjoni jonizzanta.

▼M5

(f) tagħmir tal-individwazzjoni tat-traċċi splussivi (ETD) flimkien ma' tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli li jinżammu fl-idejn (HHMD);

(g) tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli fiż-żraben (SMD);

(h) tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussivi fiż-żraben (SED).

It-tagħmir SMD u SED jista' jintuża biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar.

▼B

1.3.1.2. Il-punti 4.1.1.3–4.1.1.6 u 4.1.1.10–4.1.1.11 għandhom japplikaw fir-rigward tal-iskrinjar ta' persuni oħra għajr il-passiġġieri.

▼M5

1.3.1.3. Il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi, it-tagħmir ETD u t-tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir SED jistgħu jintużaw biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar ta' persuni għajr il-passiġġieri jew b'alternanza imprevedibbli mat-tfittxijiet bl-idejn, mat-tfittxijiet bl-idejn flimkien ma' tagħmir SMD, WTMD jew skeners tas-sigurtà.

▼M16

1.3.1.4. L-oġġetti li jinġarru minn persuni li ma jkunux passiġġieri għandhom jiġu skrinjati permezz ta' wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) tfittxija bl-idejn;

(b) tagħmir tar-raġġi X;

(c) tagħmir b'sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS);

(d) softwer awtomatizzat għall-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti (APID) flimkien mal-punt (c);

(e) klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi;

(f) tagħmir għall-individwazzjoni ta' traċċi ta' splussivi (ETD).

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista' jiddetermina jekk l-oġġetti li jkunu qed jinġarru fihomx oġġetti pprojbiti jew le, dan għandu jiġi rrifjutat jew għandu jerġa' jiġi skrinjat sa ma l-iskrinjatur ikun issodisfat.

1.3.1.5. Il-punti 4.1.2.4 sa 4.1.2.7 u 4.1.2.11 sa 4.1.2.12 għandhom japplikaw fir-rigward tal-iskrinjar tal-oġġetti li jinġarru minn persuni li ma jkunux passiġġieri.

▼B

1.3.1.6. Il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi u t-tagħmir għall-ETD jistgħu jitużaw biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar ta' oġġetti li jkunu qed jinġarru mill-persuni li mhumiex passiġġieri jew f'alternazzjoni mhux prevista tat-tfittxija bl-idejn, tat-tagħmir tar-raġġi X jew tat-tagħmir bl-EDS.

▼B

1.3.1.7. Fejn persuni għajr il-passiġġieri u l-oġġetti li jġorru magħhom jeħtieġu li jiġu skrinjati fuq bażi aleatorja, il-frekwenza għandha tiġi stabbilita mill-awtorità xierqa abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji.

▼M2

1.3.1.8. Annimali użati għal ħtiġijiet operattivi u ġestiti minn persuna li jkollha karta valida tal-identifikazzjoni tal-ajruport, għandhom jiġu soġġetti għal verifika viżiva qabel ma jingħatalhom aċċess f'żoni ristretti ta' sigurtà.

1.3.1.9. L-iskrinjar ta' persuni għajr il-passiġġieri u l-oġġetti li jġorru magħhom għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼B

1.3.2. **Eżenzjonijiet u proċeduri ta' skrinjar speċjali**

1.3.2.1. L-awtorità xierqa tista', għal raġunijiet oġġettivi, tippermetti li persuni għajr il-passiġġieri jkunu eżentati mill-iskrinjar, jew li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' skrinjar speċjali, sakemm ikunu skortati minn persuna awtorizzata tiskorta skont il-punt 1.2.7.3.

1.3.2.2. Il-persuni skrinjati għajr il-passiġġieri li temporanjament jitilqu mill-partijiet kritiċi jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar malli jaslu lura sakemm ikunu ilhom biżżejjed taħt osservazzjoni minn persuni awtorizzati biex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jdaħħlux oġġetti pprojbiti f'dawk il-partijiet kritiċi.

1.3.2.3. Eżenzjonijiet u proċeduri ta' skrinjar speċjali għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

1.4. EŻAMI TAL-VETTURI

1.4.1. **Vetturi li jidħlu fil-partijiet kritiċi**

1.4.1.1. Il-vetturi kollha għandhom jiġu eżaminati qabel ma jidħlu fil-partijiet kritiċi. Għandhom jiġu protetti minn interferenza mhux skont il-liġi minn wara l-eżami sa ma jidħlu fil-partijiet kritiċi.

1.4.1.2. Ix-xufier u kull okkupant ieħor tal-vettura ma għandhomx ikunu fil-vettura meta jsir l-eżami. Huma jkunu meħtieġa joħorġu l-affarijiet personali tagħhom minn ġol-vettura għall-iskrinjar.

1.4.1.3. Jeħtieġ li jkun hemm metodoloġiji definiti li jiżguraw li l-għażla taż-żoni li għandhom jiġu eżaminati tkun aleatorja.

1.4.1.4. Il-vetturi li jidħlu fil-partijiet kritiċi għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

1.4.2. **Vetturi li jidħlu f'żoni ristretti ta' sigurtà għajr il-partijiet kritiċi**

1.4.2.1. Ix-xufier u kull okkupant ieħor tal-vettura ma għandhomx ikunu fil-vettura meta jsir l-eżami. Huma jkunu meħtieġa joħorġu l-affarijiet personali tagħhom minn ġol-vettura għall-iskrinjar.

1.4.2.2. Għandu jkun hemm metodoloġiji definiti li jiżguraw li l-għażla kemm tal-vetturi kif ukoll taż-żoni li għandhom jiġu eżaminati tkun aleatorja.

1.4.2.3. Il-vetturi li jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà għajr il-partijiet kritiċi għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

1.4.3. **Metodi ta' eżaminar**

1.4.3.1. Tfittxija bl-idejn għandha tikkonsisti minn kontroll manwali bir-reqqa taż-żoni magħżula, inkluż il-kontenut tagħhom, sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jkunx fihom oġġetti pprojbiti.

1.4.3.2. Il-metodi li ġejjin jistgħu jintużaw biss bħala mezz supplimentari ta' eżaminar:

▼M20

(a) klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi, sakemm ma tkunx tapplika l-proċedura deskritta fil-punt 1.4.5 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005; u

▼B

(b) it-tagħmir għall-individwazzjoni ta' traċċi ta' splussivi (ETD).

1.4.3.3. Il-metodi tal-eżaminar għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

1.4.4. **Eżenzjonijiet u proċeduri ta' eżaminar speċjali**

1.4.4.1. L-awtorità xierqa tista', għal raġunijiet oġġettivi, tippermetti li vetturi jkunu eżentati mill-eżami, jew li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' eżaminar speċjali, sakemm ikunu skortati minn persuna awtorizzata tiskorta skont il-punt 1.2.7.3.

▼M15

1.4.4.2. Vetturi eżaminati li temporanjament jitilqu minn partijiet kritiċi jistgħu jiġu eżentati minn eżaminar mar-ritorn tagħhom diment li kienu taħt osservazzjoni kostanti minn persuni awtorizzati biżżejjed biex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma ġie introdott fil-vetturi.

1.4.4.3. L-eżenzjonijiet u l-proċeduri ta' eżaminar speċjali għandhom ikunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

1.5. SORVELJANZA, GĦASSA U KONTROLLI FIŻIĊI OĦRA

1.5.1. Għandha titwettaq sorveljanza jew għassa sabiex jiġu mmonitorjati:

(a) il-konfini bejn in-naħa tal-art, in-naħa tal-ajru, iż-żoni ristretti ta' sigurtà, il-partijiet kritiċi u, fejn applikabbli, iż-żoni demarkati; kif ukoll

(b) iż-żoni tat-terminals u ż-żoni li jkunu fil-qrib tagħhom li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku, inklużi ż-żoni ta' parkeġġ u l-partijiet tat-toroq li jgħaddu minnhom il-vetturi; kif ukoll

(c) il-validità tal-karti tal-identifikazzjoni tal-persuni f'żoni ristretti ta' sigurtà għajr f'dawk iż-żoni fejn ikun hemm il-passiġġieri u li l-karti tal-identifikazzjoni tagħhom ikunu jidhru; kif ukoll

(d) il-validità tal-passes tal-vetturi u li l-passes ikunu jidhru meta l-vetturi jinsabu fin-naħa tal-ajru; kif ukoll

(e) il-bagalji tal-istiva, il-merkanzija u l-posta, il-provvisti għal matul it-titjira, il-posta u l-materjali tat-trasportatur tal-ajru fil-partijiet kritiċi li jkunu qegħdin jistennew biex jitgħabbew.

1.5.2. Il-frekwenza tat-twettiq tas-sorveljanza u l-għassa, u l-mezzi li permezz tagħhom jitwettaq dan, għandhom jiġu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskji u għandhom jiġu approvati mill-awtorità xierqa. Dawn għandhom iqisu:

(a) id-daqs tal-ajruport, inklużi l-għadd u n-natura tal-operazzjonijiet; kif ukoll

(b) it-taqsim tal-ajruport, b'mod partikolari l-interrelazzjoni bejn iż-żoni stabbiliti fl-ajruport; kif ukoll

(c) il-possibbiltajiet u l-limitazzjonijiet tal-mezzi għat-twettiq tas-sorveljanza, u l-għassa.

Il-partijiet tal-valutazzjoni tar-riskji relatati mal-frekwenza u l-mezzi għat-twettiq tas-sorveljanza u l-għassa għandhom, meta mitluba, jiġu provduti bil-miktub għal finijiet ta' monitoraġġ tal-konformità.

1.5.3. Is-sorveljanza u l-għassa ma għandhomx isegwu mudell prevedibbli. Il-validità tal-karti tal-identifikazzjoni għandhom jiġu ċċekkjati fuq bażi aleatorja.

1.5.4. Għandu jkun hemm miżuri li jiskoraġġixxu kemm li persuni jiksru l-punti ta' kontroll tas-sigurtà kif ukoll, li f'każ li jseħħ it-tali ksur, jippermettu li l-ksur u r-riperkussjonijiet tiegħu jiġu solvuti u rrettifikati.

▼M15

1.5.5. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri sabiex il-bagalji u l-oġġetti suspettużi mhux identifikati jiġu ttrattati f'konformità ma' valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà mwettqa jew approvata mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

▼B

1.6. OĠĠETTI PPROJBITI

1.6.1. Persuni għajr il-passiġġieri ma għandux ikollhom il-permess li jġorru l-oġġetti elenkati fid-Dokument Mehmuż 1-A fiż-żoni ristretti ta' sigurtà.

1.6.2. Tista' tingħata eżenzjoni mill-punt 1.6.1 bil-kundizzjoni li l-persuna tkun awtorizzata ġġorr l-oġġetti pprojbiti f'żoni ristretti ta' sigurtà sabiex twettaq ħidmiet li huma essenzjali għat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ajruport jew tal-inġenji tal-ajru, jew biex twettaq il-ħidmiet ta' waqt it-titjira.

1.6.3. Sabiex jiġi permess it-taqbil tal-persuna awtorizzata li ġġorr oġġett wieħed jew aktar, kif elenkat fid-Dokument Mehmuż 1-A mal-oġġett li jkun qiegħed jinġarr:

(a) il-persuna għandu jkollha awtorizzazzjoni u għandha ġġorrha magħha. L-awtorizzazzjoni għandha jew tiġi indikata fuq il-karta tal-identifikazzjoni li tagħti aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà jew inkella fuq dikjarazzjoni bil-miktub separata. L-awtorizzazzjoni għandha tindika l-oġġetti li jistgħu jinġarru, jew bħala kategorija jew inkella bħala oġġett speċifiku. Jekk l-awtorizzazzjoni tkun indikata fuq il-karta tal-identifikazzjoni, għandha tkun ta' tip li jista' jingħaraf fuq bażi ta' ħtieġa ta' għarfien; jew

(b) għandu jkun hemm sistema stabbilita fil-punt ta' kontroll tas-sigurtà li tindika liema oġġetti jistgħu jinġarru minn liema persuni, jew bħala kategorija inkella bħala oġġett speċifiku.

▼M2

1.6.4. It-tqabbil għandu jitwettaq qabel ma l-persuna tingħata l-permess iġġorr l-oġġett(i) ikkonċernat(i) fiż-żoni ristretti ta' sigurtà u jekk tintalab tagħmel dan minn persuni li jwettqu sorveljanza jew għassa skont il-punt (c) tal-punt 1.5.1.

▼B

1.6.5. L-oġġetti elenkati fid-Dokument Mehmuż 1-A jistgħu jinħażnu f'żoni ristretti ta' sigurtà sakemm jinżammu f'kundizzjonijiet siguri. L-oġġetti elenkati fil-punti (c), (d) u (e) tad-Dokument Mehmuż 4-C jistgħu jinħażnu f'żoni ristretti ta' sigurtà sakemm ma jkunux aċċessibbli għall-passiġġieri.

▼M8

1.7. IDENTIFIKAZZJONI U PROTEZZJONI TAS-SISTEMI TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI U TAD-*DATA* KRITIĊI MIT-THEDDIDIET ĊIBERNETIĊI

1.7.1. L-awtorità xierqa għandha tiżgura li l-operaturi tal-ajruporti, it-trasportaturi tal-ajru u l-entitajiet kif definit fil-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili jidentifikaw u jipproteġu s-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-*data* kritiċi tagħhom miċ-ċiberattakki li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

1.7.2. Fil-programm tas-sigurtà tagħhom, jew fi kwalunkwe dokument rilevanti b'kontroreferenza fil-programm tas-sigurtà, l-operaturi tal-ajruporti, it-trasportaturi tal-ajru u l-entitajiet għandhom jidentifikaw is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-*data* kritiċi deskritti fil-punt 1.7.1.

Il-programm tas-sigurtà, jew kwalunkwe dokument rilevanti b'kontroreferenza fil-programm tas-sigurtà għandu jippreżenta l-miżuri fid-dettall li jiżguraw il-protezzjoni miċ-ċiberattakki, id-detezzjoni tagħhom, ir-rispons għalihom u l-irkupru minn dawn iċ-ċiberattakki, kif deskritt fil-punt 1.7.1.

1.7.3. Il-miżuri dettaljati li jipproteġu dawn is-sistemi u d-*data* minn interferenza illegali għandhom jiġu identifikati, żviluppati u implimentati skont valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur tal-ajruport, mit-trasportatur tal-ajru jew mill-entità kif xieraq.

▼M8

1.7.4. Meta awtorità jew aġenzija speċifika tkun kompetenti għal miżuri relatati mat-theddid ċibernetiku fi Stat Membru wieħed, din l-awtorità jew din l-aġenzija tista' tiġi nnominata bħala kompetenti għall-koordinazzjoni u/jew il-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet relatati maċ-ċibernetika f'dan ir-Regolament.

1.7.5. Meta l-operaturi tal-ajruporti, it-trasportaturi tal-ajru u l-entitajiet kif definiti fil-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili jkunu soġġetti għal rekwiżiti separati dwar iċ-ċibersigurtà li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-UE oħra, l-awtorità xierqa tista' tissostitwixxi l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament bil-konformità mal-elementi fil-leġiżlazzjoni tal-UE jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali l-oħra. L-awtorità xierqa għandha tikkoordina ma' kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti oħra sabiex tiżgura reġimi tas-sorveljanza koordinati jew kompatibbli.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 1-A

PERSUNI GĦAJR PASSIĠĠIERI

LISTA TA' OĠĠETTI PPROJBITI

(a) *armi tan-nar u kull apparat ieħor li jispara l-projettili* — apparat li jista', jew li jidher li jista' jintuża sabiex jikkawża ġrieħi serji billi jispara projettili, inklużi:

— armi tan-nar ta' kull tip, bħalma huma l-pistoli, ir-revolvers, l-azzarini, is-snieter,

— armi tan-nar tal-logħob, kopji u imitazzjonijiet tal-armi tan-nar li dak li jkun jista' jaħsibhom armi ta' vera,

— partijiet komponenti ta' armi tan-nar, eskluż l-miri teleskopiċi,

— armi tal-arja u tas-CO_2 kkumpressati, bħalma huma pistoli, armi li jisparaw il-pritkuni, azzarini u armi li jisparaw il-ball bearings,

— pistoli tas-suffarelli tas-sinjali u pistoli tat-tlielaq,

— qwies, “cross bows” u vleġeġ,

— apparat li jispara l-ħarpuni jew il-froxxni,

— wdab u żbandoli;

(b) *apparat li jistordi* — apparat maħsub speċifikament biex jistordi jew jimmobilizza, inklużi:

— apparat li jixxokkja, bħalma huma l-pistoli li jistordu, tasers u lembubi li jistordu,

— apparat li jistordi l-annimali u li joqtol l-annimali,

— kimiċi, gassijiet u sprejs li jrendu inkapaċi, bħalma huma l-mace, l-isprejs tal-bżar, l-isprejs tal-bżar aħdar, il-gass tad-dmugħ, sprejs tal-aċidu u sprejs li jgerrxu l-annimali;

▼B

(c) *splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u* — splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u li jistgħu, jew jidhru li jistgħu, jintużaw biex jikkawżaw ġrieħi serji jew biex jheddu s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, inklużi:

— munizzjon,

— mezzi detonaturi,

— detonaturi u miċeċ,

— tagħmir splussiv ta' imitazzjoni,

— mini, granadi u oġġetti splussivi militari oħra,

— logħob tan-nar u pirotekniki oħra,

— bombi tad-duħħan u stoċċijiet li jiġġeneraw id-dħaħen,

— dinamite, porvli u splussivi plastiċi.

(d) kull oġġett ieħor li jista' jintuża biex jikkawża ġrieħi serji u li ġeneralment ma jintużax f'żoni ristretti ta' sigurtà, eż. tagħmir tal-arti marzjali, xwabel, eċċ.

2. ŻONI DEMARKATI TAL-AJRUPORTI

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

3. SIGURTÀ TAL-INĠENJI TAL-AJRU

3.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

3.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, trasportatur tal-ajru għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-kapitolu fir-rigward tal-inġenji tal-ajru tiegħu.

3.0.2. Il-pajjiżi terzi fejn l-istandards tas-sigurtà applikati huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni fir-rigward tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru huma elenkati fid-Dokument Mehmuż 3-B.

3.0.3. Inġenju tal-ajru jeħtieġ li ma jkunx soġġett għal kontroll ta' sigurtà ta' inġenju tal-ajru. Għandu jkun soġġett għal tfittxija ta' sigurtà tal-inġenju tal-ajru skont il-punt 3.1.

3.0.4. Trasportatur tal-ajru għandu, meta mitlub, jiġi nnotifikat mill-operatur tal-ajruport dwar jekk l-inġenju tal-ajru tiegħu jkunx jinsab f'parti kritika jew le. Meta dan it-tagħrif ma jkunx ċar, wieħed għandu jassumi li l-inġenju tal-ajru jinsab f'parti li mhijiex kritika.

3.0.5. Meta żona ma tibqax titqies bħala parti kritika minħabba bidla fl-istatus tas-sigurtà l-ajruport imbagħad għandu jgħarraf lil dawk it-trasportaturi tal-ajru milquta.

▼M2

3.0.6. Il-lista ta' oġġetti projbiti għat-tfittxijiet ta' sigurtà tal-inġenju tal-ajru ġewwa l-inġenju hija l-istess bħal dik stipulata fid-Dokument Mehmuż 1-A. Splussiv assemblat u tagħmir inċendjarju għandhom jitqiesu bħala oġġetti projbiti għat-tfittxijiet ta' sigurtà fuq il-parti esterna tal-inġenji tal-ajru.

3.0.7. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, "pannelli tas-servizz tal-inġenju tal-ajru u l-bokkaporti," tfisser punti ta' aċċess esterni tal-inġenju tal-ajru u kompartimenti li jkollhom manek jew panewijiet esterni li jagħlqu bi klipp u jintużaw bħala rutina biex jipprovdu servizzi ta' groundhandling lill-inġenju tal-ajru.

3.0.8. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi f'dan il-Kapitolu u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)8005 jinkludu pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dan it-Trattat.

▼M20

3.0.9. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "proċeduri ta' stazzjon supplimentari" tfisser dokument stabbilit minn trasportatur bl-ajru barrani sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-Istat Membru minn jew lejn fejn jopera titjiriet kummerċjali.

3.0.10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, l-awtorità xierqa għandha tiżgura li t-trasportaturi barranin li jipprovdu servizz lil u mit-territorju tal-Istat Membru tagħha jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu proċeduri supplimentari tal-istazzjon bil-miktub li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tagħha, sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jkunux diġà indirizzati fil-programm tas-sigurtà tat-trasportatur bl-ajru.

▼B

3.1. TFITTXIJA TAS-SIGURTÀ TA' INĠENJU TAL-AJRU

3.1.1. **Meta għandha titwettaq tfittxija ta' sigurtà ta' inġenju tal-ajru**

3.1.1.1. Inġenju tal-ajru dejjem għandu jiġi soġġett għal tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru kull meta jkun hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li persuni mhux awtorizzati setgħu kellhom aċċess għalih.

3.1.1.2. Tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru għandha tikkonsisti minn eżami taż-żoni tal-inġenju tal-ajru ddefiniti li huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)8005.

3.1.1.3. Inġenju tal-ajru li jasal f'parti kritika minn pajjiż terz li mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 3-B għandu jkun soġġett għal tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru fi kwalunkwe ħin wara l-iżbarkar tal-passiġġieri miż-żona li trid tiġi mfittxija u/jew il-ħatt tal-istiva. ►M15 It-tfittxija ma tistax tibda qabel ma l-inġenju tal-ajru jkun laħaq il-pożizzjoni finali tiegħu ta' parkeġġ. ◄

3.1.1.4. Inġenju tal-ajru li jkun ġej minn Stat Membru fejn kien fi tranżitu wara li jkun wasal minn pajjiż terz li mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 3-B għandu jitqies bħala inġenju tal-ajru li jkun ġej minn pajjiż terz.

3.1.1.5. Iż-żmien li matulu għandha titwettaq it-tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

3.1.2. **Kif għandha titwettaq tfittxija ta' sigurtà ta' inġenju tal-ajru**

Il-mod kif għandha titwettaq it-tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M15

3.1.3. **Tagħrif dwar it-tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru**

It-tagħrif li ġej dwar it-tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru mwettqa ta' titjira li tkun se titlaq għandu jiġi rreġistrat u għandu jinżamm xi mkien mhux fuq l-inġejnu tal-ajru għad-durata tat-titjira jew għal 24 siegħa, skont liema minnhom tkun l-itwal.

(a) in-numru tat-titjira;

(b) l-oriġini tat-titjira preċedenti;

(c) id-data u l-ħin meta tkun tlestiet it-tfittxija tas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru;

(d) l-isem u l-firma tal-persuna responsabbli għat-twettiq tat-tfittxija tas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru.

Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni elenkata fl-ewwel paragrafu tista' ssir b'format elettroniku.

▼B

3.2. PROTEZZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU

3.2.1. **Protezzjoni tal-inġenji tal-ajru — Ġenerali**

3.2.1.1. Ikun fejn ikun ipparkjat fl-ajruport, inġenju tal-ajru għandu jkun protett minn aċċess mhux awtorizzat billi:

(a) jkun żgurat li l-persuni li jfittxu li jiksbu aċċess mhux awtorizzat jiġu kkontrollati minnufih; jew

▼B

(b) jkollu l-bibien esterni tiegħu magħluqa. Meta l-inġenju tal-ajru jkun f'parti kritika, il-bibien esterni li ma jkunux aċċessibbli minn persuna mill-art għandhom jitqiesu magħluqa jekk l-għajnuniet għall-aċċess ikunu tneħħew u tqiegħdu 'l bogħod biżżejjed mill-inġenju tal-ajru sabiex l-aċċess jiġi evitat b'mod raġonevoli minn persuna; jew

(c) ikun hemm mezzi elettroniċi li immedjatament jindividwaw aċċess mhux awtorizzat. jew;

(d) ikun hemm sistema b'karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport li tagħti aċċess elettroniku għall-bibien kollha li jwasslu għall-pont tal-imbark tal-passiġġieri, maġenb bieb miftuħ tal-inġenju tal-ajru, li tagħti aċċess biss lill-persuni li huma mħarrġa f'konformità mal-punt 11.2.3.7. Dawn il-persuni għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm aċċess mhux awtorizzat waqt li jkunu qed jużaw il-bieb.

3.2.1.2. Il-punt 3.2.1.1 ma għandux japplika għal inġenju tal-ajru pparkjat f'ħangar li jkun imsakkar jew protett b'xi mod ieħor minn aċċess mhux awtorizzat.

3.2.2. **Protezzjoni addizzjonali ta' inġenju tal-ajru bil-bibien esterni magħluqa f'parti oħra għajr il-parti kritika**

3.2.2.1. Meta l-bibien esterni jingħalqu u l-inġenju tal-ajru jkun f'parti għajr il-parti kritika, kull bieb estern għandu wkoll:

(a) ikollu l-għajnuniet għall-aċċess imneħħija; jew

(b) ikun issiġillat; jew

(c) ikun imsakkar; jew

(d) jiġi mmonitorjat.

Il-punt (a) ma għandux japplika għal bieb li jkun aċċessibbli mill-art minn persuna.

3.2.2.2. Meta jitneħħew l-għajnuniet għall-aċċess għall-bibien li ma jkunux aċċessibbli minn persuna mill-art, dawn għandhom jitqiegħdu 'l bogħod biżżejjed mill-inġenju tal-ajru sabiex l-aċċess jiġi evitat b'mod raġonevoli.

3.2.2.3. Meta l-bibien esterni jkunu msakkra, il-persuni li jkollhom ħtieġa operazzjonali biss għandhom ikunu jistgħu jiftħu dawn il-bibien.

3.2.2.4. Meta l-bibien esterni jiġu mmonitorjati, il-monitoraġġ għandu jiżgura li l-aċċess mhux awtorizzat għall-inġenju tal-ajru jiġi individwat immedjatament.

3.2.2.5. Il-protezzjoni tal-inġenji tal-ajru bil-bibien esterni magħluqa f'parti għajr parti kritika għandha tkun soġġetta wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 3-A

TFITTXIJA TAS-SIGURTÀ TA' INĠENJU TAL-AJRU

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għal tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M7

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 3-B

SIGURTÀ TAL-INĠENJI TAL-AJRU

PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA PAJJIŻI U TERRITORJI LI JAPPLIKAW STANDARDS TAS-SIGURTÀ LI HUMA EKWIVALENTI GĦALL-ISTANDARDS BAŻIĊI KOMUNI DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Fir-rigward tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, il-pajjiżi terzi li ġejjin, kif ukoll pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dak it-Trattat, ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi u territorji li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili:

▼M7

Il-Kanada

Il-Gżejjer Faeroe, fir-rigward tal-ajruport Vagar

▼M19

_____

▼M17

Ir-Renju tan-Norveġja, fir-rigward tal-Ajruport ta' Svalbard

▼M7

Il-Montenegro

▼M13

Ir-Repubblika tas-Serbja, fir-rigward tal-Ajruport ta' Belgrad Nikola Tesla

▼M7

Ir-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-ajruport Singapore Changi

▼M19

_____

▼M7

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

L-Istati Uniti tal-Amerka

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri jekk ikollha xi tagħrif li jindika li l-istandards tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni mhumiex iktar ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni tal-Unjoni.

L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif dwar azzjonijiet, inkluż miżuri ta' kumpens, li jikkonfermaw li ġiet stabbilita mill-ġdid l-ekwivalenza tal-istandards rilevanti tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat.

▼B

4. PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINA

4.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

4.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, l-awtorità, l-operatur tal-ajruport, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità responsabbli skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

4.0.2. Il-pajjiżi terzi fejn l-istandards tas-sigurtà applikati huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni fir-rigward tas-sigurtà tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina huma elenkati fid-Dokument Mehmuż 4-B.

▼M5

4.0.3. Il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom li jaslu minn Stat Membru fejn l-inġenju tal-ajru kien fi tranżitu wara li wasal minn pajjiż terz mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 4-B jew minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala passiġġieri u bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.

▼B

4.0.4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "likwidi, aerosols u ġellijiet" (LAGs) għandhom jinkludu pejsts, lozonijiet, taħlitiet likwidi/solidi u l-kontenut ta' reċipjenti taħt pressjoni, bħalma huma tutpejst, ġell tax-xagħar, xarbiet, sopop, xropp, fwieħa, ragħwa tal-leħja u oġġetti oħra b'konsistenzi simili.

▼B

(b) “il-borża ta' sigurtà li tikxef kwalunkwe tbagħbis” (STEB) hija borża konformi mal-linji gwida ta' kontroll tas-sigurtà rrakkomandati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.

(c) “sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi likwidi (LEDS)” huwa tagħmir li kapaċi jindividwa materjali ta' theddid li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-punt 12.7 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

4.0.5. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi f'dan il-Kapitolu u fejn applikabbli fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)8005 jinkludu pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dan it-Trattat.

▼M5

4.0.6. Il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom li jaslu minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala passiġġieri u bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.

▼B

4.1. SKRINJAR TAL-PASSIĠĠIERI U TAL-BAGALJI TAL-KABINA

4.1.1. **Skrinjar tal-passiġġieri**

▼M16

4.1.1.1. Qabel l-iskrinjar, l-ilbies ta’ barra għandu jitneħħa u għandu jiġi skrinjat bħala bagalji tal-kabina, sakemm il-kunċett tal-operazzjonijiet tat-tagħmir ma jippermettix li l-ilbies ta’ barra jinżamm milbus. L-iskrinjatur jista’ jitlob lill-passiġġier biex jinża’ iktar ħwejjeġ kif xieraq.

▼B

4.1.1.2. Għallinqas il-passiġġieri għandhom jiġu skrinjati b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) it-tfittxija bl-idejn;

(b) tagħmir bokka għall-individwazzjoni tal-metall (WTMD);

(c) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi;

(d) it-tagħmir għall-individwazzjoni tat-traċċi ta' splussivi (ETD);

(e) skaners tas-sigurtà li ma jużawx radjazzjoni jonizzanta.

▼M5

(f) tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli li jinżammu fl-idejn (HHMD);

(g) tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli fiż-żraben (SMD);

(h) tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussivi fiż-żraben (SED).

▼B

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista' jindividwalizza jekk il-passiġġier hux iġorr oġġetti pprojbiti jew le, il-passiġġier ma għandux jingħata aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà jew għandu jerġa' jiġi skrinjat sa ma l-iskrinjatur ikun sodisfatt.

4.1.1.3. Meta ssir tfittxija bl-idejn din għandha titwettaq b'mod li jiżgura b'mod raġonevoli li l-persuna ma tkunx qiegħda ġġorr oġġetti pprojbiti.

4.1.1.4. Meta t-tagħmir jiskatta l-allarm tad-WTMD, il-kawża tal-allarm għandha tiġi riżolta.

4.1.1.5. It-tagħmir li jinżamm fl-idejn għall-individwazzjoni tal-metall (HHMD) jista' jintuża biss bħala mezz supplimentari għall-iskrinjar. Ma għandux jissostitwixxi r-rekwiżiti ta' tfittxija bl-idejn.

▼B

4.1.1.6. Meta annimal ħaj jitħalla jinġarr fil-kabina ta' inġenju tal-ajru, dan għandu jiġi skrinjat jew bħala passiġġier jew bħala bagalja tal-kabina.

4.1.1.7. L-awtorità xierqa tista' toħloq kategoriji ta' passiġġieri li, għal raġunijiet oġġettivi, għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali ta' skrinjar jew jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa dwar il-kategoriji maħluqa.

4.1.1.8. L-iskrinjar tal-passiġġieri għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M5

4.1.1.9. Il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi, it-tagħmir ETD u t-tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir SED jistgħu jintużaw biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar.

▼B

4.1.1.10. Meta għall-iskrinjar tal-passiġġieri jintuża skener tas-sigurtà b'eżaminatur uman, kif iddefinit skont il-punt 12.11.1 tat-tieni paragrafu, għandu jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) skeners tas-sigurtà ma għandhomx jaħżnu, jżommu, jikkupjaw, jistampaw jew jirkupraw immaġnijiet. Madankollu, kwalunkwe immaġni ġġenerat matul l-iskrinjar jista' jinżamm għaż-żmien meħtieġ mill-eżaminatur uman biex janalizzah u għandu jħassru hekk kif il-passiġġier ikun rilaxxat. Kwalunkwe aċċess u użu mhux awtorizzat tal-immaġni huwa pprojbit u għandu jkun evitat;

(b) l-eżaminatur uman li janalizza l-immaġni għandu jkun f'post separat sabiex hu/hi ma jkunx/tkunx jista'/tista' tara lill-passiġġier skrinjat;

(c) kwalunkwe tagħmir tekniku li għandu l-kapaċità li jaħżen, jikkopja jew jiffotografa jew jirrekordja immaġni mod ieħor ma għandux ikun permess fil-post separat fejn ikun qed jiġi analizzat l-immaġni;

(d) l-immaġni ma għandhiex tkun marbuta ma' ebda dejta li tikkonċerna lill-persuna skrinjata u l-identità tiegħu/tagħha għandha tibqa' anonima;

(e) passiġġier jista' jitlob li l-immaġni tiegħu/tagħha tkun analizzata minn persuna tas-sess tal-għażla tiegħu/tagħha;

(f) l-immaġni għandha tkun imċajpra jew skurata biex tkun evitata l-identifikazzjoni tal-wiċċ tal-passiġġier.

Il-paragrafi (a) u (d) għandhom japplikaw ukoll għall-iskeners tas-sigurtà li għandhom individwazzjoni awtomatika ta' theddid.

Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li ma jagħżlux l-iskener tas-sigurtà. F'dan il-każ, il-passiġġier għandu jkun skrinjat b'metodu ta' skrinjar alternattiv, inkluża għall-inqas tfittxija bl-idejn f'konformità mad-Dokument Mehmuż 4-A tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005. Meta jiskatta l-allarm tal-iskener tas-sigurtà, il-kawża tal-allarm għandha tiġi riżolta.

Qabel ma jkun skrinjat bi skener tas-sigurtà, il-passiġġier għandu jkun infurmat dwar it-teknoloġija użata, il-kundizzjonijiet assoċjati mal-użu tiegħu u l-possibbiltà li jagħzel li ma jiġix skrinjat bi skener tas-sigurtà.

4.1.1.11. It-tagħmir għall-individwazzjoni ta' traċċi ta' splussivi (ETD) flimkien ma' tagħmir li jinżamm fl-idejn għall-individwazzjoni tal-metall (HHMD) jistgħu jintużaw biss f'każijiet meta l-persunal tal-iskrinjatur iqis li tfittxija bl-idejn ta' ċerta parti tal-persuna hija ineffiċjenti u/jew mhux mixtieqa.

▼B

4.1.2. **L-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina**

4.1.2.1. Qabel l-iskrinjar, il-kompjuters li jinġarru u oġġetti kbar oħra li jaħdmu bl-elettriku għandhom jitneħħew mill-bagalji tal-kabina u għandhom jiġu skrinjati b'mod separat, sakemm il-bagalji tal-kabina ma jkunux se jiġu skrinjati b'tagħmir b'sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS) li jkun jissodisfa l-istandard C2 jew standard ogħla minnu.

4.1.2.2. L-entità xierqa fl-ajruporti kollha għandhom jiskrinjaw, mad-dħul fiż-żona ta' sigurtà ristretta (SRA), mill-inqas l-LAGs miksuba f'ajruport jew abbord inġenju tal-ajru li jkunu ssiġillati f'STEB li fiha tintwera prova sodisfaċenti li nxtraw fin-naħa tal-ajru f'dak l-ajruport jew abbord inġenju tal-ajru, kif ukoll LAGs li se jintużaw waqt il-vjaġġ għal raġunijiet mediċi inkella bħala rekwiżit speċjali tad-dieta, inkluż l-ikel tat-trabi.

Qabel l-iskrinjar, l-LAGs għandhom jitneħħew mill-bagalji tal-kabina u għandhom jiġu skrinjati b'mod separat minn oġġetti oħra tal-bagalji tal-kabina, sakemm it-tagħmir li jkun qiegħed jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina ma jkunx jista' jiskrinja wkoll kontenituri magħluqin multipli tal-LAGs li jkun hemm fil-bagalji.

Meta l-LAGs ikunu tneħħew mill-bagalji tal-kabina, il-passiġġier għandu jippreżenta:

(a) l-LAGs kollha f'kontenituri individwali b'kapaċità ta' mhux aktar minn 100 millilitru jew l-ekwivalenti f'borża waħda tal-plastik trasparenti li tista' tiġi ssiġillata mill-ġdid b'kapaċità li ma taqbiżx litru (1), fejn il-kontenut tal-borża tal-plastik ikun joqgħod tajjeb fil-borża u l-borża tkun magħluqa kompletament; kif ukoll

(b) l-LAGs l-oħra kollha, inklużi STEBs li jinkludu LAGs.

L-awtoritajiet xierqa, il-linji tal-ajru u l-ajruporti għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa lill-passiġġieri fir-rigward tal-iskrinjar tal-LAGs fl-ajruporti tagħhom.

▼M16

4.1.2.3. Il-bagalji tal-kabina għandhom jiġu skrinjati b’mill-inqas wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) tfittxija bl-idejn;

(b) tagħmir tar-raġġi X;

(c) tagħmir b’sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS);

(d) softwer awtomatizzat għall-individwazzjoni ta’ oġġetti pprojbiti (APID) flimkien mal-punt (c);

(e) klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi flimkien mal-punt (a);

(f) tagħmir ETD.

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista’ jiddetermina jekk il-bagalji tal-kabina fihomx oġġetti pprojbiti jew le, dawn għandhom jew jiġu rrifjutati jew għandhom jerġgħu jiġu skrinjati sa ma l-iskrinjatur ikun issodisfat.

▼B

4.1.2.4. Tfittxija bl-idejn tal-bagalji tal-kabina għandha tikkonsisti minn kontroll manwali tal-bagalji, inkluż il-kontenut tagħhom, sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jkunx fihom oġġetti pprojbiti.

▼M16

4.1.2.5. Meta jintuża tagħmir tar-raġġi X, l-iskrinjatur għandu jara kull immaġni.

Meta jintuża tagħmir bl-EDS, l-iskrinjatur għandu jara kull immaġni jew dawn għandhom jiġu analizzati minn softwer awtomatizzat għall-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti (APID).

4.1.2.6. Meta jintuża softwer tal-APID, l-allarmi kollha kif imsemmija fil-punt 12.13.1.1 għandhom jiġu riżolti sa ma l-iskrinjatur ikun issodisfat sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jinġarr fis-SRA jew abbord l-inġenju tal-ajru.

Meta jintuża tagħmir bl-EDS, l-allarmi kollha kif imsemmija fil-punt 12.4.1.3 għandhom jiġu riżolti billi l-bagalji jerġgħu jiġu skrinjati permezz ta' metodu ta' skrinjar addizzjonali.

Meta tagħmir bl-EDS ikun ġie installat qabel l-1 ta' Lulju 2023 u jintuża mingħajr softwer tal-APID, l-allarmi kollha kif imsemmija fil-punt 12.4.1.3 għandhom jiġu riżolti sa ma l-iskrinjatur ikun issodisfat sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jinġarr l-ebda oġġett ipprojbit fis-SRA jew abbord l-inġenju tal-ajru. Meta l-identità ta' oġġett ma tkunx ċara, l-allarmi għandhom jiġu riżolti billi l-bagalji jerġgħu jiġu skrinjati permezz ta' metodu ta' skrinjar addizzjonali.

▼B

4.1.2.7. Meta jintuża tagħmir tar-raġġi X jew bl-EDS, kwalunkwe oġġett li minħabba d-densità tiegħu ma jħallix lill-iskrinjatur janalizza l-kontenut tal-bagalji tal-kabina għandu jinħareġ mill-bagalji. Il-bagalji għandhom jerġgħu jiġu skrinjati u l-oġġett għandu jiġi skrinjat b'mod separat bħala bagalja tal-kabina.

4.1.2.8. Kwalunkwe bagalja li fiha jinsab oġġett kbir li jaħdem bl-elettriku għandha terġa' tiġi skrinjata mingħajr dak l-oġġett fiha u l-oġġett li jaħdem bl-elettriku għandu jiġi skrinjat b'mod separat, sakemm il-bagalja tal-kabina ma tkunx ġiet skrinjata bl-EDS li jkun jissodisfa l-istandard C2 jew standard ogħla minnu.

4.1.2.9. Klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi u tagħmir għall-individwazzjoni ta' traċċi ta' splussivi (ETD) jistgħu jintużaw biss bħala mezzi supplimentari għall-iskrinjar.

4.1.2.10. L-awtorità xierqa tista' toħloq kategoriji ta' bagalji tal-kabina li, għal raġunijiet oġġettivi, għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali ta' skrinjar jew jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa dwar il-kategoriji maħluqa.

4.1.2.11. Persuni li jwettqu l-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina b'tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS ma għandhomx normalment iqattgħu iżjed minn 20 minuta kontinwi janalizzaw l-immaġinijiet. Wara kull wieħed minn dawn il-perjodi, l-iskrinjatur ma għandux jirrevedi immaġinijiet oħra għal mill-inqas 10 minuti. Din il-ħtieġa għandha tapplika biss meta jkun hemm fluss ta' immaġinijiet bla interruzzjoni li jridu jiġu analizzati.

Għandu jkun hemm superviżur responsabbli għall-iskrinjatur tal-bagalji tal-kabina sabiex ikun assigurat l-aħjar kompożizzjoni tat-tim, kwalità tax-xogħol, taħriġ, appoġġ u evalwazzjoni.

▼M16

4.1.2.12. Meta jintuża softwer tal-APID flimkien ma' tagħmir bl-EDS li jissodisfa wieħed mill-istandards C1, C1+, C2 jew C2+, l-operatur jew l-entità li tuża t-tagħmir għandhom jiżguraw li l-proċeduri jkunu f'konformità mal-kunċett ta' operazzjonijiet ta' dawn l-istandards fir-rigward tal-iskrinjar ta' oġġetti elettroniċi kbar u l-iskrinjar tal-LAGs.

▼M16

4.1.2.13. L-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼B

4.1.3. **Skrinjar tal-likwidi, l-aerosols u l-ġellijiet (LAGs)**

▼M5

4.1.3.1. L-LAGs li jinġarru mill-passiġġieri jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar b'tagħmir LEDS mad-dħul fiż-żona ta' sigurtà ristretta jekk l-LAGs ikunu jinsabu f'kontenituri individwali b'kapaċità li ma tkunx ikbar minn 100 millilitru jew ekwivalenti f'basket tal-plastik trasparenti wieħed li jista' jerġa' jiġi ssiġillat b'kapaċità li ma taqbiżx litru (1), fejn il-kontenut tal-basket tal-plastik ikun joqgħod komodament u l-basket ikun magħluq għalkollox.

_____

▼M2

4.1.3.3. L-awtorità xierqa tista' toħloq kategoriji ta' passiġġieri li, għal raġunijiet oġġettivi, għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali ta' skrinjar jew jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa dwar il-kategoriji maħluqa.

4.1.3.4. L-iskrinjar tal-LAGs għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼B

4.2. PROTEZZJONI TAL-PASSIĠĠIERI U TAL-BAGALJI TAL-KABINA

Il-protezzjoni tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

4.3. PASSIĠĠIERI POTENZJALMENT PROBLEMATIĊI

4.3.1. Trasportatur tal-ajru għandu jiġi nnotifikat bil-miktub minn qabel mill-awtorità kompetenti dwar il-ħsieb li passiġġier potenzjalment problematiku se jittella' abbord l-inġenju tal-ajru tiegħu.

4.3.2. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-identità u s-sess tal-persuna; kif ukoll

(b) ir-raġuni tal-vjaġġ; kif ukoll

(c) l-isem u t-titolu tal-iskorta/i, jekk ikun(u) ipprovdut/i; kif ukoll

(d) valutazzjoni tar-riskji mill-awtorità kompetenti, inklużi r-raġunijiet dwar jekk għandux ikun hemm skorta jew le; kif ukoll

(e) arranġament minn qabel dwar il-postijiet, jekk meħtieġa; kif ukoll

(f) n-natura tad-dokumenti tal-ivvjaġġar disponibbli.

It-trasportatur tal-ajru għandu jipprovdi lill-pilota kmandant b'dan it-tagħrif qabel ma l-passiġġieri jitilgħu abbord l-inġenju tal-ajru.

4.3.3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-persuni taħt kustodja legali dejjem jiġu skortati.

4.4. OĠĠETTI PPROJBITI

4.4.1. Il-passiġġieri ma għandux ikollhom il-permess li jġorru l-oġġetti elenkati fid-Dokument Mehmuż 4-C fiż-żoni ristretti ta' sigurtà jew abbord inġenju tal-ajru.

4.4.2. Tista' tingħata eżenzjoni għall-punt 4.4.1 bil-kundizzjoni li:

(a) l-awtorità xierqa tkun tat kunsens li l-oġġett jista' jinġarr; kif ukoll

(b) it-trasportatur tal-ajru ġie mgħarraf dwar il-passiġġier u l-oġġett li l-passiġġier qiegħed iġorr qabel ma l-passiġġieri jkunu telgħu abbord l-inġenju tal-ajru; kif ukoll

(c) jkun hemm konformità mar-regoli tas-sikurezza applikabbli.

Dawn l-oġġetti għandhom imbagħad jitqiegħdu taħt kundizzjonijiet sikuri abbord l-inġenju tal-ajru.

▼B

4.4.3. It-trasportatur tal-ajru għandu jiżgura li l-passiġġieri jiġu mgħarrfa dwar l-oġġetti pprojbiti elenkati fid-Dokument Mehmuż 4-C qabel ma jsir iċ-check in.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 4-A

IR-REKWIŻITI GĦAL TFITTXIJA BL-IDEJN

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għal tfittxija bl-idejn huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M7

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 4-B

PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINA

PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA PAJJIŻI U TERRITORJI LI JAPPLIKAW STANDARDS TAS-SIGURTÀ LI HUMA EKWIVALENTI GĦALL-ISTANDARDS BAŻIĊI KOMUNI DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Fir-rigward tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina, il-pajjiżi terzi li ġejjin, kif ukoll pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dak it-Trattat, ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi u territorji li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili:

Il-Kanada

Il-Gżejjer Faeroe, fir-rigward tal-ajruport Vagar

▼M19

_____

▼M17

Ir-Renju tan-Norveġja, fir-rigward tal-Ajruport ta’ Svalbard

▼M7

Il-Montenegro

▼M13

Ir-Repubblika tas-Serbja, fir-rigward tal-Ajruport ta’ Belgrad Nikola Tesla

▼M7

Ir-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-ajruport Singapore Changi

▼M19

_____

▼M7

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

L-Istati Uniti tal-Amerka

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri jekk ikollha xi tagħrif li jindika li l-istandards tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni mhumiex iktar ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni tal-Unjoni.

L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif dwar azzjonijiet, inkluż miżuri ta' kumpens, li jikkonfermaw li ġiet stabbilita mill-ġdid l-ekwivalenza tal-istandards rilevanti tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 4-C

PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINA

LISTA TA' OĠĠETTI PPROJBITI

Mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-sikurezza applikabbli, il-passiġġieri ma għandhomx permess iġorru l-oġġetti li ġejjin fiż-żoni ristretti ta' sigurtà u abbord inġenju tal-ajru:

(a) *armi tan-nar u kwalunkwe apparat ieħor li jispara l-projettili* — apparat li jista', jew li jidher li jista' jintuża sabiex jikkawża ġrieħi serji billi jispara projettili, inklużi:

— armi tan-nar ta' kull tip, bħalma huma l-pistoli, ir-revolvers, l-azzarini, is-snieter,

— armi tan-nar tal-logħob, kopji u imitazzjonijiet tal-armi tan-nar li dak li jkun jista' jaħsibhom armi ta' vera,

— partijiet komponenti ta' armi tan-nar, esklużi l-miri teleskopiċi,

— armi tal-arja u tas-CO_2 kkumpressati, bħalma huma pistoli, armi li jisparaw il-pritkuni, azzarini u armi li jisparaw il-ball bearings,

— pistoli tas-suffarelli tas-sinjali u pistoli tat-tlielaq,

— qwies, “cross bows” u vleġeġ,

— apparat li jispara l-ħarpuni jew il-froxxni,

— wdab u żbandoli;

(b) *apparat li jistordi* — apparat maħsub speċifikament biex jistordi jew jimmobilizza, inklużi:

— apparat li jixxokkja, bħalma huma l-pistoli li jistordu, tasers u lembubi li jistordu,

— apparat li jistordi l-annimali u li joqtol l-annimali,

— kimiċi, gassijiet u sprejs li jrendu inkapaċi, bħalma huma l-mace, l-isprejs tal-bżar, l-isprejs tal-bżar aħdar, il-gass tad-dmugħ, sprejs tal-aċidu u sprejs li jgerrxu l-annimali;

(c) *oġġetti b'ponta taqta' jew xifer jaqta'* — oġġetti b'ponta taqta' jew xifer jaqta' li jistgħu jintużaw sabiex jikkawżaw ġrieħi serji, inklużi:

— oġġetti għat-tqattigħ, bħall-imnanar, mannaretti u skieken tal-biċċiera,

— fisien u baqquni tas-silġ,

— xfafar tal-leħja,

— xfafar tal-kartun,

— skieken bi xfafar ta' aktar minn 6 cm,

— mqassijiet bi xfafar ta' aktar minn 6 cm mill-fulkru,

— tagħmir tal-arti marzjali bil-ponta taqta' jew b'xifer jaqta',

— xwabel;

(d) *għodod tal-ħaddiema* — għodod li jistgħu jintużaw jew biex jikkawżaw ġrieħi serji jew inkella biex jheddu s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, inklużi:

— lievi,

— drillers u trapani, inklużi d-drillers portabbli mingħajr wajer,

— għodod bi xfafar jew xaftijiet ta' aktar minn 6 ċm li jistgħu jintużaw bħala armi, bħalma huma t-turnaviti u l-furmaturi,

— srieraq, inklużi s-srieraq portabbli mingħajr wajer,

— torċi tal-ħruq,

— apparat li jispara l-boltijiet u l-imsiemer;

▼B

(e) *strumenti spuntati* — oġġetti li jistgħu jintużaw biex jikkawżaw ġrieħi serji mad-daqqa, inklużi:

— mazez tal-baseball u tas-softball,

— mazez u lembubi, bħall-billy clubs, blackjacks u lembubi tal-għassa,

— tagħmir tal-arti marzjali;

(f) *splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u* — splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u li jistgħu, jew jidhru li jistgħu, jintużaw biex jikkawżaw ġrieħi serji jew biex jheddu s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, inklużi:

— munizzjon,

— mezzi detonaturi,

— detonaturi u miċeċ,

— tagħmir splussiv ta' imitazzjoni,

— mini, granadi u oġġetti splussivi militari oħra,

— logħob tan-nar u pirotekniki oħra,

— bombi tad-duħħan u stoċċijiet li jiġġeneraw id-dħaħen,

— dinamite, porvli u splussivi plastiċi.

5. BAGALJI TAL-ISTIVA

5.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

5.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, l-awtorità, l-operatur tal-ajruport, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità responsabbli skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

5.0.2. Il-pajjiżi terzi fejn l-istandards tas-sigurtà applikati huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni fir-rigward tal-bagalji tal-istiva huma elenkati fid-Dokument Mehmuż 5-A.

▼M5

5.0.3. Il-bagalji tal-istiva li jaslu minn Stat Membru fejn l-inġenju tal-ajru kien fi tranżitu wara li wasal minn pajjiż terz mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 5-A jew minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009 għandhom jiġu kkunsidrati bagalji tal-istiva li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li l-bagalji tal-idejn twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.

▼B

5.0.4. Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu, "bagalji sikuri" tfisser bagalji skrinjati għal ġol-istiva li huma protetti b'mod fiżiku sabiex jiġi evitat li jiddaħħal kwalunkwe oġġett fihom.

5.0.5. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi f'dan il-Kapitolu u fejn applikabbli fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)8005 jinkludu pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dan it-Trattat.

▼M5

5.0.6. Il-bagalji tal-istiva li jaslu minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li l-bagalji tal-istiva twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.

▼B

5.1. SKRINJAR TAL-BAGALJI TAL-ISTIVA

5.1.1. Il-metodi li ġejjin, jew individwalment jew flimkien, għandhom jintużaw għall-iskrinjar tal-bagalji:

(a) it-tfittxija bl-idejn; jew

(b) it-tagħmir tar-raġġi X; jew

(c) it-tagħmir b'sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS); jew

(d) it-tagħmir għall-individwazzjoni tat-traċċi ta' splussivi (ETD); jew

(e) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi.

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista' jiddetermina jekk il-bagalji tal-istiva fihomx oġġetti pprojbiti jew le, għandhom jew jiġu rrifjutati jew jerġgħu jiġu skrinjati sa ma l-iskrinjatur ikun sodisfatt.

5.1.2. Tfittxija bl-idejn għandha tikkonsisti minn kontroll manwali bir-reqqa tal-bagalji, inkluż il-kontenut kollu tagħhom, sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jkunx fihom oġġetti pprojbiti.

5.1.3. Il-bagalji għandhom jiġu soġġetti għal metodu ieħor ta' skrinjar meta jintuża tagħmir tar-raġġi X jew bl-EDS, f'każ ta' kull oġġett ta' densità li ma tħallix lill-iskrinjatur janalizza l-kontenut tal-bagalji.

5.1.4. L-iskrinjar b'tagħmir għall-individwazzjoni ta' traċċi ta' splussivi (ETD) għandu jikkonsisti mill-analiżi ta' kampjuni meħuda kemm minn ġol-bagalji kif ukoll mill-parti ta' barra tal-bagalji u mill-kontenut tagħhom. Il-kontenut jista' jiġi soġġett ukoll għal tfittxija bl-idejn.

5.1.5. L-awtorità xierqa tista' toħloq kategoriji ta' bagalji tal-istiva li, għal raġunijiet oġġettivi, għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali ta' skrinjar jew jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa dwar il-kategoriji maħluqa.

5.1.6. L-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

5.1.7. Il-persuni li jwettqu l-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva permezz ta' tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS ma għandhomx normalment iqattgħu iżjed minn 20 minuta kontinwament janalizzaw l-immaġinijiet. Wara kull wieħed minn dawn il-perjodi, l-iskrinjatur ma għandux jirrevedi immaġinijiet oħra għal mill-inqas 10 minuti. Din il-ħtieġa għandha tapplika biss meta jkun hemm fluss ta' immaġinijiet bla interruzzjoni li jridu jiġu analizzati.

Għandu jkun hemm superviżur responsabbli għall-iskrinjaturi tal-bagalji tal-istiva sabiex tkun assigurata l-aħjar kompożizzjoni tat-tim, il-kwalità tax-xogħol, it-taħriġ, l-appoġġ u l-evalwazzjoni.

5.2. PROTEZZJONI TAL-BAGALJI TAL-ISTIVA

5.2.1. Il-passiġġieri ma għandux ikollhom aċċess għal bagalji tal-istiva skrinjati, sakemm ma jkunux il-bagalji tagħhom stess u jkunu taħt sorveljanza sabiex ikun żgurat li:

(a) l-ebda oġġett ipprojbit kif hemm elenkat fid-Dokument Mehmuż 5-B ma jiddaħħal fil-bagalji tal-istiva; jew

(b) l-ebda oġġett ipprojbit kif hemm elenkat fid-Dokument Mehmuż 4-C ma jitneħħa mill-bagalji tal-istiva u jiddaħħal f'żoni ristretti ta' sigurtà jew abbord inġenju tal-ajru.

▼B

5.2.2. Bagalji tal-istiva li ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata għandhom jerġgħu jiġu skrinjati mill-ġdid.

5.2.3. Il-protezzjoni tal-bagalji tal-istiva għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

5.3. TAQBIL TAL-BAGALJI

5.3.1. **Identifikazzjoni tal-bagalji tal-istiva**

5.3.1.1. Trasportatur tal-ajru għandu, waqt il-proċess li tulu l-passiġġieri jkunu telgħin abbord, jiżgura li passiġġier jippreżenta karta tal-imbarkazzjoni valida jew l-ekwivalenti li tikkorrispondi mal-bagalji tal-istiva li sar iċ-check in tagħhom.

5.3.1.2. Trasportatur tal-ajru għandu jiżgura li teżisti proċedura li tidentifika l-bagalji tal-istiva tal-passiġġieri li ma telgħux abbord jew li telqu mill-inġenju tal-ajru qabel it-tluq.

5.3.1.3. Jekk il-passiġġier ma jkunx abbord l-inġenju tal-ajru, il-bagalji tal-istiva li jikkorrispondu mal-karta tal-imbarkazzjoni tiegħu jew l-ekwivalenti għandhom jitqiesu bħala mhux akkumpanjati.

5.3.1.4. Trasportatur tal-ajru għandu jiżgura li kull oġġett li jinsab fil-bagalji tal-istiva mhux akkumpanjati jkun identifikabbli b'mod ċar bħala li huwa awtorizzat għat-trasport bl-ajru.

5.3.2. **Fatturi li l-passiġġieri ma għandhomx kontroll fuqhom**

5.3.2.1. Ir-raġuni għaliex il-bagalja tkun saret bagalja mhux akkumpanjata għandha tiġi rreġistrata qabel ma titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru, sakemm ma jiġux applikati l-kontrolli tas-sigurtà msemmija fil-punt 5.3.3.

5.3.2.2. Id-dispożizzjonijiet dettaljati addizzjonali dwar il-fatturi li l-passiġġieri ma għandhomx kontroll fuqhom huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

5.3.3. **Kontrolli tas-sigurtà xierqa għall-bagalji tal-istiva mhux akkumpanjati**

5.3.3.1. Bagalji tal-istiva mhux akkumpanjati li mhumiex koperti bil-punt 5.3.2 għandhom jiġu skrinjati permezz ta' wieħed mill-metodi stipulati fil-punt 5.1.1 u, fejn applikabbli, bl-applikazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

5.3.3.2. Bagalji tal-istiva li jsiru bagalji mhux akkumpanjati minħabba fatturi għajr dawk imsemmija fil-punt 5.3.2.2 għandhom jitneħħew mill-inġenju tal-ajru u jerġgħu jiġu skrinjati qabel ma jerġgħu jitgħabbew.

5.3.3.3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati addizzjonali għal kontrolli tas-sigurtà xierqa għall-bagalji tal-istiva mhux akkumpanjati huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

5.4. OĠĠETTI PPROJBITI

5.4.1. Il-passiġġieri ma għandux ikollhom il-permess li jġorru l-oġġetti elenkati fid-Dokument Mehmuż 5-B fil-bagalji tal-istiva tagħhom.

5.4.2. Tista' tingħata eżenzjoni għall-punt 5.4.1 bil-kundizzjoni li:

(a) l-awtorità xierqa jkollha regoli nazzjonali li jippermettu l-ġarr tal-oġġett; kif ukoll

(b) jkun hemm konformità mar-regoli tas-sikurezza applikabbli.

▼M15

Trasportatur tal-ajru għandu jiżgura li l-ġarr tal-armi tan-nar fil-bagalji tal-istiva jkun permess biss wara li persuna awtorizzata u kkwalifikata kif xieraq tkun iddeterminat li dawn ma kinux ikkargati. Tali armi tan-nar għandhom jiġu stivati f'post li ma jkun aċċessibbli għall-ebda persuna matul it-titjira.

▼M2

5.4.3. It-trasportatur tal-ajru għandu jiżgura li l-passiġġieri jiġu mgħarrfa dwar l-oġġetti pprojbiti elenkati fid-Dokument Mehmuż 5-B f'xi ħin qabel ma jsir iċ-check-in.

▼M7

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 5-A

BAGALJI TAL-ISTIVA

PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA PAJJIŻI U TERRITORJI LI JAPPLIKAW STANDARDS TAS-SIGURTÀ LI HUMA EKWIVALENTI GĦALL-ISTANDARDS BAŻIĊI KOMUNI DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Fir-rigward tal-bagalji tal-istiva, il-pajjiżi terzi li ġejjin, kif ukoll pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dak it-Trattat, ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi u territorji li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili:

Il-Kanada

Il-Gżejjer Faeroe, fir-rigward tal-ajruport Vagar

▼M19

———————

▼M17

Ir-Renju tan-Norveġja, fir-rigward tal-Ajruport ta’ Svalbard

▼M7

Il-Montenegro

▼M13

Ir-Repubblika tas-Serbja, fir-rigward tal-Ajruport ta’ Belgrad Nikola Tesla

▼M7

Ir-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-ajruport Singapore Changi

L-Istat ta' Iżrael, fir-rigward tal-Ajruport Internazzjonali Ben Gurion

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

L-Istati Uniti tal-Amerka

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri jekk ikollha xi tagħrif li jindika li l-istandards tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni mhumiex iktar ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni tal-Unjoni.

L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif dwar azzjonijiet, inkluż miżuri ta' kumpens, li jikkonfermaw li ġiet stabbilita mill-ġdid l-ekwivalenza tal-istandards rilevanti tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 5-B

BAGALJI TAL-ISTIVA

LISTA TA' OĠĠETTI PPROJBITI

Il-passiġġieri ma għandhomx il-permess iġorru l-oġġetti li ġejjin fil-bagalji tal-istiva tagħhom:

splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u — splussivi u sustanzi u apparat inċendjarji/u li jistgħu jintużaw biex jikkawżaw ġrieħi serji jew biex jheddu s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, inklużi:

— munizzjon,

— mezzi detonaturi,

— detonaturi u miċeċ,

▼B

— mini, granadi u oġġetti splussivi militari oħra,

— logħob tan-nar u pirotekniki oħra,

— bombi tad-duħħan u stoċċijiet li jiġġeneraw id-dħaħen,

— dinamite, porvli u splussivi plastiċi.

6. MERKANZIJA U POSTA

6.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

6.0.1. L-awtorità, l-operatur tal-ajruport, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità kif inhuma ddefinti f'dan il-Kapitolu għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

6.0.2. Apparat splussiv u inċendjarju armat li ma jinġarrx skont ir-regoli tas-sikurezza applikabbli għandu jitqies bħala oġġetti pprojbiti f'kunsinni tal-merkanzija u tal-posta.

6.0.3. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi f'dan il-Kapitolu u fejn applikabbli fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)8005 jinkludu pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dan it-Trattat.

▼M12

6.0.4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "Informazzjoni Antiċipata dwar il-Merkanzija qabel it-Tagħbija" jew "PLACI" tfisser il-proċess tal-ewwel analiżi tar-riskju għall-finijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-merkanzija li għandha tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni ([1]) bl-ajru.

▼M17

6.0.5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "trasportatur approvat" tfisser entità li tiżgura, f'isem aġent regolat jew konsenjatur magħruf, it-trasport bis-superfiċje u l-protezzjoni tal-kunsinni tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati preċedentement il-kontrolli tas-sigurtà u li l-proċeduri tagħhom jissodisfaw regoli komuni tas-sigurtà u standards suffiċjenti biex tinżamm l-integrità tal-kunsinni.

6.0.6. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "ħażna limitata" tfisser iż-żmien ġenerali strettament meħtieġ għal trasportatur approvat biex iwettaq it-trażbord tal-merkanzija u tal-posta minn mezz wieħed ta' trasport għal dak li jintuża għall-porzjon sussegwenti tat-trasport bis-superfiċje ta' dak il-vjeġġ.

Għall-finijiet tad-definizzjoni fl-ewwel paragrafu, iż-"żmien strettament meħtieġ":

(a) jinkludi ż-żmien meħtieġ biex jitwettqu l-operazzjonijiet ta' mmaniġġar relatati u biex jitlestew il-formalitajiet amministrattivi;

(b) fejn meħtieġ loġistikament, jinkludi ħażna qasira tal-kunsinna bejn iż-żewġ mezzi tat-trasport li matulhom il-kunsinna tinżamm protetta minn interferenza mhux awtorizzata f'konformità mal-punti 6.5.2, 6.6.1 u 6.6.2;

(c) ma jinkludi l-ebda operazzjoni ta' ħżin għajr dawk imsemmija fil-punt (b), sakemm it-trasportatur ma jkunx approvat ukoll bħala aġent regolat.

([1]) Billi l-Iżlanda mhijiex parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, għall-finijiet tal-punt 6.8.7 ta' dan l-Anness, l-Iżlanda hija meqjusa bħala pajjiż terz.

▼M19

6.0.7. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "relazzjoni kummerċjali" tfisser l-assoċjazzjoni bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti fi ftehim li jinvolvi t-twettiq ta' operazzjonijiet bħat-twassil, l-aċċettazzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġar, it-tagħbija, il-ħatt u t-trasport ta' merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru.

6.0.8. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "relazzjoni kummerċjali stabbilita" tfisser:

(a) relazzjoni kummerċjali stabbilita qabel l-1 ta' Settembru 2024; jew

(b) relazzjoni kummerċjali stabbilita wara l-1 ta' Settembru 2024, fejn l-aġent regolat ikun talab, kiseb u żamm l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li ġejja mingħand it-trasportatur jew l-ispeditur, jew mingħand id-destinatarju li jħallas il-merkanzija, kif applikabbli:

— l-informazzjoni personali, kummerċjali jew korporattiva, inkluż l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika;

— l-informazzjoni dwar il-pagamenti, bħal kont bankarju jew numru tal-karta ta' kreditu traċċabbli;

— in-numru tal-VAT, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija, jekk applikabbli;

— ftehim kuntrattwali.

▼M20

6.0.9. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "kontenitur issiġillat ermetikament" tfisser kontenitur li l-karatteristiċi tad-disinn u tal-issiġillar tiegħu jipprevjenu l-iskambju ta' partikoli jew fwar tal-kontenut tiegħu mal-ambjent ta' barra, anke jekk il-kontenitur innifsu jiġi kkonsenjat kif ippakkjat f'kontenitur, pallet jew kompożizzjoni ta' merkanzija jew provvisti li mhux issiġillati ermetikament.

▼B

6.1. KONTROLLI TAS-SIGURTÀ — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

6.1.1. Il-merkanzija u l-posta kollha għandhom jiġu skrinjati minn aġent regolat qabel ma jitgħabbew fuq inġenju tal-ajru, sakemm:

(a) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati għall-kunsinna minn aġent regolat u l-kunsinna ma tkunx ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa ma titgħabba; jew

(b) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati għall-kunsinna minn speditur magħruf u l-kunsinna ma tkunx ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa ma titgħabba; jew

▼M15

———————

▼B

(d) il-kunsinna ma tkunx eżentata mill-iskrinjar u ma tkunx ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta tkun saret merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta tal-ajru identifikabbli sa ma titgħabba.

6.1.2. Kull meta jkun hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li kunsinna li jkunu sarulha l-kontrolli tas-sigurtà ġiet imbgħabsa jew ma ġietx protetta minn interferenza mhux awtorizzata [b'seħħ mill-mument li fih ikunu saru dawk il-kontrolli], din għandha tiġi skrinjata minn aġent regolat qabel ma titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru. Il-kunsinni li jidhru li tbagħbsu b'mod sinifikanti jew li huma taħt suspett għandhom ikunu ttrattati bħala merkanzija jew posta b'riskju għoli (High Risk Cargo — HRCM) skont il-punt 6.7.

▼M5

_____

▼M15

6.1.3. Aġent regolat li jirrifjuta kunsinna minħabba raġunijiet ta' riskju għoli għandu jiżgura li l-kunsinna u d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament jiġu mmarkati bħala merkanzija u posta b'riskju għoli qabel ma l-kunsinna tiġi rritornata lill-persuna li tirrappreżenta l-entità li twassalha. Tali kunsinna ma għandhiex titgħabba fuq inġenju tal-ajru sakemm ma tiġix ittrattata minn aġent regolat ieħor f'konformità mal-punt 6.7.

▼M17

6.1.4. L-aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà tal-merkanzija u tal-posta għandu jingħata biss wara li jkun ġie stabbilit għal liema mill-kategoriji li ġejjin tkun tappartjeni l-entità li tittrasporta l-kunsinna min-naħa tal-art:

(a) aġent regolat;

(b) konsenjatur magħruf;

(c) trasportatur maħtur f'konformità mal-punt 6.6.1.1(c), li jittrasporta kunsinni li għalihom ikunu ġew applikati preċedentement il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) trasportatur approvat;

(e) l-ebda waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d).

Il-punt (c) għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

▼M12

6.1.5. Meta jkun japplika l-punt 6.1.4(c), kopja tad-dikjarazzjoni ffirmata kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-E għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-aġent regolat, tat-trasportatur tal-ajru jew tal-operatur tal-ajruport li jagħti aċċess għaż-żoni ristretti ta' sigurtà, sakemm ma tkunx tapplika xi waħda miż-żewġ kundizzjoni li ġejjin:

(a) it-trasportatur stess ikun aġent regolat;

(b) it-trasport isir f'isem l-aġent regolat li jkun qiegħed jirċievi jew it-trasportatur tal-ajru fiż-żoni ristretti ta' sigurtà.

Il-preżentazzjoni ta' kopja tad-dikjarazzjoni ffirmata mit-trasportatur fid-Dokument Mehmuż 6-E tista' tiġi ssostitwita b'mekkaniżmu ekwivalenti ta' notifika minn qabel lill-punt ta' aċċess, żgurat jew mill-ispeditur magħruf 'il barra mill-ajruport jew mill-aġent regolat li f'ismu jitwettaq it-trasport, jew mill-aġent regolat li jirċievi jew mit-trasportatur tal-ajru fiż-żona ristretta ta' sigurtà.

6.1.6. Kunsinni tal-merkanzija jew tal-posta li jkunu għadhom ma sarulhomx il-kontrolli tas-sigurtà jistgħu jitħallew jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà, sakemm dawn ikunu soġġetti għall-implimentazzjoni ta' waħda mill-għażliet li ġejjin:

(a) ġew skrinjati qabel id-dħul, f'konformità mal-punt 6.2, u taħt ir-responsabbiltà tal-aġent regolat li jirċievi jew tat-trasportatur tal-ajru;

▼M12

(b) ġew skortati fil-bini tal-aġent regolat jew tat-trasportatur tal-ajru li jinsab fiż-żoni ristretti ta' sigurtà, taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Mat-twassil, dawn il-kunsinni għandhom jinżammu protetti minn interferenza mhux awtorizzata, sakemm jiġu soġġetti għall-iskrinjar.

Il-persunal li jeskorta dawn il-kunsinni jew li jipproteġihom minn interferenza mhux awtorizzata għandu jkun ġie rreklutat f'konformità mal-punt 11.1.1, u tal-anqas ikun tħarreġ f'konformità mal-punt 11.2.3.9.

▼B

6.2. SKRINJAR

6.2.1. **L-iskrinjar**

6.2.1.1. Meta l-merkanzija jew il-posta tkun qiegħda tiġi skrinjata:

(a) għandu jintuża l-mezz jew il-metodu li l-aktar li huwa probabbli li jindividwa oġġetti pprojbiti, fil-qies tan-natura tal-kunsinna; kif ukoll

(b) il-mezz jew il-metodu użat għandu jkun ta' standard biżżejjed li jiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma' jkun moħbi fil-kunsinna.

6.2.1.2. Meta l-iskrinjatur ma jistax ikun żgur, b'mod raġonevoli, li ma hemm l-ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna, il-kunsinna għandha tiġi rrifjutata jew terġa' tiġi skrinjata mill-ġdid sakemm l-iskrinjatur ikun sodisfatt.

▼M20

6.2.1.3. Kunsinni li jikkonsistu minn oġġetti kif definiti fil-punt 6.0.9 li n-natura, l-imballaġġ jew il-kontejner tagħhom jistgħu jfixklu jew jipprevjenu b'mod sinifikanti l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti jew l-analiżi tal-materjal, tas-sustanza jew tal-oġġetti li jinsabu fihom matul l-applikazzjoni tad-Dokumenti Mehmuża 6-J u 12-H tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005 għandhom jiġu aċċettati bħala merkanzija jew posta bl-ajru mill-aġent regolat riċevitur jew mit-trasportatur bl-ajru, kif applikabbli, f'waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin biss:

(a) ikunu oriġinaw u ġew ikkonsenjati minn konsenjatur magħruf f'konformità mal-punt 6.4;

(b) jiġu pproċessati permezz ta' entità li taġixxi bħala speditur talbejgħ bl-imnut ta' kunsinni bħal dawn li ma tkunx fl-oriġini tagħhom;

(c) jintgħażlu minn aġent regolat, f'konformità mal-punt 6.3.2.3(b);

(d) fejn permess mill-awtorità xierqa u nnotifikat lill-Kummissjoni, ikunu soġġetti għal kombinament ta' skrinjar u kontrolli xierqa oħra tas-sigurtà, kif definiti mill-awtorità xierqa.

L-ispeditur imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b), għandu jiġi approvat mill-awtorità xierqa bħala konsenjatur magħruf esklużivament għal dawk l-operazzjonijiet speċifiċi. L-approvazzjoni għandha tkopri l-operazzjonijiet speċifiċi u tikkonferma l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 6.4.2 kemm fis-sit tal-ispeditur kif ukoll f'dak tal-manifattur oriġinarju tal-kunsinni.

L-ewwel paragrafu, il-punt (d), għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.

▼B

6.2.1.4. Persuni li jiskrinjaw il-merkanzija b'tagħmir tar-raġġi X jew tagħmir bl-EDS m'għandhomx normalment iqattgħu iżjed minn 20 minuta ta' analiżi kontinwa ta' immaġinijiet. Wara kull wieħed minn dawn il-perjodi, l-iskrinjatur ma għandux jirrevedi immaġinijiet oħra għal mill-inqas 10 minuti. Din il-ħtieġa għandha tapplika biss meta jkun hemm fluss ta' immaġinijiet bla interruzzjoni li jridu jiġu analizzati.

▼B

6.2.1.5. Għallinqas il-merkanzija u l-posta għandhom jiġu skrinjati b'wieħed mill-metodi li ġejjin skont id-Dokument Mehmuż 6-J:

(a) it-tfittxija bl-idejn;

(b) it-tagħmir tar-raġġi X;

(c) it-tagħmir bl-EDS;

(d) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDD);

(e) it-tagħmir għall-ETD;

(f) kontrolli viżwali;

▼M16

(g) tagħmir għall-individwazzjoni tal-metall (MDE);

(h) tagħmir għall-EVD.

▼M2

_____

▼B

6.2.1.6. Jekk ikun hemm qbil mill-awtorità xierqa u nnotifikat lill-Kummissjoni, kontrolli oħra xierqa ta' sigurtà jistgħu jiġu applikati biss meta ma jkunx possibbli li jiġi applikat kwalunkwe mezz jew metodu ieħor speċifikat fil-punt 6.2.1.5 minħabba n-natura tal-kunsinna:

▼M20

6.2.1.7. L-iskrinjar tal-merkanzija u tal-posta għandu jkun ukoll soġġett għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

6.2.2. **Eżenzjonijiet mill-iskrinjar**

Id-dispożizzjonijiet għall-eżenzjonijiet mill-iskrinjar huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

6.3. AĠENTI REGOLATI

6.3.1. **Approvazzjoni ta' aġenti regolati**

6.3.1.1. Aġenti regolati għandhom ikunu approvati mill-awtorità xierqa.

L-approvazzjoni bħala aġent regolat għandha tkun speċifika għas-sit.

Kwalunkwe entità li tapplika l-kontrolli tas-sigurtà kif inhuma msemmija fil-punt 6.3.2 għandha tkun approvata bħala aġent regolat. Dan jinkludi forniturі ta' servizzi ta' loġistika li jkunu partijiet terzi responsabbli għall-magazzinaġġ integrat u servizzi tat-trasport, trasportaturi tal-ajru u aġenti tal-immaniġġar.

Aġent regolat jista' jissottokuntratta wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe kontroll tas-sigurtà msemmi fil-punt 6.3.2 ma' kwalunkwe aġent regolat ieħor;

(b) kwalunkwe kontroll tas-sigurtà msemmi fil-punt 6.3.2 ma' entità oħra, meta l-kontrolli jitwettqu fil-post tal-aġent regolat stess jew f'ajruport, u jkunu koperti bil-programm tas-sigurtà tal-aġent regolat jew tal-ajruport;

(c) kwalunkwe kontroll tas-sigurtà msemmi fil-punt 6.3.2 ma' entità oħra, meta l-kontrolli jitwettqu x'imkien ieħor li ma jkunx il-post tal-aġent regolat stess jew f'ajruport, u l-entità tkun ġiet iċċertifikata jew approvata u elenkata sabiex tforni dawn is-servizzi mill-awtorità xierqa;

▼M17

(d) il-protezzjoni u t-trasport ta' kunsinni lil trasportatur li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punti 6.5 u 6.6, kif applikabbli.

▼B

6.3.1.2. Għandha tapplika l-proċedura li ġejja dwar l-approvazzjoni ta' aġenti regolati:

(a) L-applikant għandu jfittex li jikseb l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-postijiet inklużi fl-applikazzjoni.

L-applikant għandu jressaq programm ta' sigurtà quddiem l-awtorità xierqa konċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li l-aġent għandu jsegwi sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif il-konformità ma' dawn il-metodi u l-proċeduri għandha tiġi mmonitorjata mill-aġent innifsu. Programm tas-sigurtà ta' trasportatur tal-ajru li jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li t-trasportatur tal-ajru għandu jsegwi sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżit għal programm ta' sigurtà ta' aġent regolat.

L-applikant għandu jressaq ukoll id-"Dikjarazzjoni tal-impenji — aġent regolat" kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-A. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata mir-rappreżentant legali tal-applikant jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà.

▼M15

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tiddikjara b'mod ċar il-post tas-sit jew tas-siti li għalihom tirreferi u għandha tinżamm mill-awtorità xierqa kkonċernata;

▼M12

(b) l-awtorità xierqa jew validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha għandu jeżamina l-programm tas-sigurtà qabel ma jwettaq verifika fuq il-post tas-siti speċifikati sabiex tiġi vvalutata l-konformità tal-applikant mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu.

Ħlief għar-rekwiżiti ta' skrinjar stipulati fil-punt 6.2, eżami tas-sit tal-applikant mill-awtorità doganali rilevanti f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]) għandu jitqies bħala verifika fuq il-post jekk ikun sar mhux qabel 3 snin qabel id-data li fiha l-applikant jitlob approvazzjoni bħala aġent regolat. L-awtorizzazzjoni bħala AEO u l-valutazzjoni rilevanti tal-awtoritajiet doganali għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-applikant għal spezzjoni ulterjuri.

▼B

(c) jekk l-awtorità xierqa tkun sodisfatta bit-tagħrif ipprovdut taħt il-punti (a) u (b), għandha tiżgura li d-dettalji meħtieġa tal-aġent jiddaħħlu fil-"Bażi tad-dejta dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista" sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta t-tagħrif jiddaħħal fil-bażi tad-dejta l-awtorità xierqa għandha tagħti identifikatur alfanumeriku uniku skont il-format standard għal kull sit approvat.

Jekk l-awtorità xierqa ma tkunx sodisfatta bit-tagħrif ipprovdut taħt il-punti (a) u (b) ir-raġunijiet għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-entità li tkun qiegħda tfittex li tikseb l-approvazzjoni bħala aġent regolat.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

▼B

(d) aġent regolat ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiddaħħlu fil-"Bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

6.3.1.3. Aġent irregolat għandu jinnomina tal-anqas persuna waħda f'kull sit li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm tas-sigurtà li jkun ġie sottomess. Jeħtieġ li din il-persuna jkun sarilha kontroll tal-preċedenti personali b'eżitu pożittiv skont il-punt 11.1.

6.3.1.4. Aġent regolat għandu jerġa' jiġi vvalidat mill-ġdid f'intervalli regolari li ma jaqbżux il-ħames (5) snin. Dan għandu jinkludi verifika fuq il-post sabiex jiġi vvalutat jekk l-aġent regolat għadux konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti tal-implimentazzjoni tiegħu.

Spezzjoni fuq il-post ta' aġent regolat mill-awtorità xierqa skont il-programm nazzjonali tiegħu tal-kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala verifika fuq il-post, sakemm din tkun tkopri r-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-approvazzjoni.

▼M12

Ħlief għar-rekwiżiti tal-iskrinjar stabbiliti fil-punt 6.2, eżami tas-sit tal-aġent regolat mill-awtorità doganali rilevanti mwettaq f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandu jitqies bħala verifika fuq il-post.

6.3.1.5. Meta l-awtorità xierqa ma tibqax sodisfatta li l-aġent regolat jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, hija għandha tirtira l-istatus tal-aġent regolat għas-sit jew għas-siti speċifikati.

Immedjatament wara l-irtirar u, f'kull każ, fi żmien 24 siegħa mill-irtirar, l-awtorità xierqa għandha tiżgura li t-tibdil fl-istatus tal-eks aġent regolat ikun indikat fil-"bażi ta' *data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

Meta l-aġent regolat ma jibqax detentur ta' awtorizzazzjoni bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew meta l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala AEO tiġi sospiża minħabba nuqqas ta' konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u mal-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-awtorità xierqa għandha tieħu azzjoni xierqa sabiex tiżgura l-konformità tal-aġent regolat mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

L-aġent regolat għandu jinforma lill-awtorità xierqa dwar kwalunkwe tibdil relatat mal-awtorizzazzjoni tiegħu bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2015/2447.

▼B

6.3.1.6. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, aġent regolat approvat skont il-punt 6.3 ta' dan l-Anness għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

6.3.1.7. Ir-rekwiżiti tal-punt 6.3.1, għajr il-punt 6.3.1.2(d), ma għandhomx japplikaw meta l-awtorità xierqa stess tkun se tiġi approvata bħala aġent regolat.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

▼M12

6.3.1.8. L-awtorità xierqa għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità doganali kwalunkwe tagħrif relatat mal-istatus ta' aġent regolat li jista' jkun rilevanti għaż-żamma ta' awtorizzazzjoni bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Dak it-tagħrif għandu jinkludi t-tagħrif relatat ma' approvazzjonijiet ġodda ta' aġenti regolati, ma' rtirar tal-istatus ta' aġent regolat, ma' validazzjoni mill-ġdid u spezzjonijiet, ma' skedi ta' verifika u mal-eżiti ta' dawn il-valutazzjonijiet.

Għandhom jiġu stabbiliti modalitajiet għal dan l-iskambju ta' tagħrif bejn l-awtorità xierqa u l-awtoritajiet doganali nazzjonali.

▼M17

6.3.1.9. Fuq talba mill-awtorità xierqa, l-aġent regolat għandu jipprovdi evidenza dokumentarja tal-ftehimiet eżistenti fis-seħħ ma' kwalunkwe trasportatur approvat li jipprovdi trasport f'ismu. Jekk meħtieġ mill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni, l-aġent regolat għandu jżomm ukoll lista li jkun fiha, għal kull trasportatur approvat li miegħu jkun daħal fi ftehim dwar it-trasport, mill-inqas l-identifikatur alfanumeriku uniku, id-data inizjali tal-validità tal-ftehim u, jekk applikabbli, id-data ta' skadenza tiegħu.

Il-lista għandha tkun disponibbli għal spezzjoni mill-awtorità xierqa.

▼B

6.3.2. **Kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn aġent regolat**

▼M19

6.3.2,1. Meta jaċċetta kwalunkwe kunsinna, aġent regolat għandu:

(a) jistabbilixxi jekk l-entità li mingħandha jkun irċieva l-kunsinna hijiex aġent regolat jew speditur magħruf jew l-ebda wieħed minn dawk;

(b) jeżamina l-parti ta' barra ta' kwalunkwe kunsinna riċevuta, inklużi l-konsolidazzjonijiet, għal sinjali ta' interferenza, tbagħbis jew kwalunkwe anomalija li tista' tqajjem suspett.

6.3.2.2. L-aġent regolat għandu jitlob lill-persuna li twassal kwalunkwe kunsinna biex tippreżenta karta tal-identità, passaport, liċenzja tas-sewqan jew dokument ieħor, li jkunu jinkludu ritratt tiegħu jew tagħha u li jkunu nħarġu jew li huma rikonoxxuti minn awtorità nazzjonali. Il-karta jew id-dokument għandhom jintużaw biex tkun stabbilita l-identità tal-persuna li twassal il-kunsinni.

In-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dokument validu li jistabbilixxi l-identità tal-persuna li twassal il-kunsinni għandu jirriżulta fir-rifjut u fl-immarkar tal-kunsinni u tad-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament f'konformità mal-punt 6.1.3, jew fl-obbligu li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

6.3.2.3. Għall-kunsinni li għalihom ma jkunux ġew applikati minn qabel il-kontrolli tas-sigurtà kollha meħtieġa, l-aġent regolat għandu jiżgura li dawn jiġu:

▼M15

(a) skrinjati f'konformità mal-punt 6.2 jew 6.7, kif xieraq; jew

▼B

(b) aċċettati għall-ħżin taħt ir-repsonsabbiltà esklussiva tal-aġent regolat, ma jkunux jistgħu jiġu identifikati bħala kunsinni li jridu jiġu ttrasportati fuq inġenju tal-ajru qabel jiġu magħżula u li jintgħażlu b'mod awtonomu mingħajr l-ebda intervent tal-ispeditur jew ta' kwalunkwe persuna jew entità oħra għajr dawk innominati u mħarrġa mill-aġent regolat għal dak il-għan.

▼B

Il-punt (b) jista' jiġi applikat biss jekk ma jistax jitbassar mill-ispeditur li l-kunsinna se tiġi ttrasportata bl-ajru.

▼M2

6.3.2.4. Wara li jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà msemmija fil-punti 6.3.2.1 sa 6.3.2.3 ta' dan l-Anness u fil-punt 6.3 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005, l-aġent regolat għandu jiżgura l-protezzjoni tal-merkanzija u tal-posta f'konformità mal-punt 6.6.

▼B

6.3.2.5. Wara li jkunu ġew applikati l-kontrolli kollha tas-sigurtà msemmija fil-punti 6.3.2.1 sa 6.3.2.4 ta' dan ir-Regolament, l-aġent regolat għandu jiżgura li kwalunkwe kunsinna ppreżentata lil trasportatur tal-ajru jew lil aġent regolat ieħor ikollha mehmuża magħha d-dokumentazzjoni xierqa, jew fil-forma ta' polza tal-vjaġġ bl-ajru jew f'dikjarazzjoni separata u jew f'forma elettronika jew bil-miktub.

6.3.2.6. Id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 6.3.2.5 għandha tkun disponibbli għal spezzjoni mill-awtorità xierqa fi kwalunkwe ħin qabel ma l-kunsinna titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru u wara, għal kemm iddum it-titjira jew għal 24 siegħa, skont liema minnhom tkun l-itwal, u għandha tipprovdi t-tagħrif li ġej:

(a) l-identifikatur alfanumeriku uniku tal-aġent regolat kif ikun wasal mingħand l-awtorità xierqa;

(b) identifikatur uniku tal-kunsinna, bħalma huwa n-numru tal-polza tal-vjaġġ bl-ajru (house jew master);

(c) il-kontenut tal-kunsinna, ħlief għall-kunsinni elenkati fil-punti 6.2.1(d) u (e) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005;

▼M15

(d) l-istatus tas-sigurtà tal-kunsinna, li jiddikjara wieħed minn dawn li ġejjin:

— "SPX", li tfisser sigur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta;

— "SHR", li tfisser sigur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta f'konformità mar-rekwiżiti ta' riskju għoli;

▼M2

(e) ir-raġuni għala nħareġ l-istatus tas-sigurtà, li jindika:

(i) "KC", tfisser li wasal mingħand kunsinnatarju magħruf; jew

▼M15

_____

▼M2

(iii) "RA", tfisser li magħżul minn aġent regolat, jew jew

▼M16

(iv) il-mezz jew il-metodu li ntuża għall-iskrinjar; kif ġej:

— tfittxija bl-idejn (PHS);

— tagħmir tar-raġġi X (XRY);

— tagħmir bl-EDS (EDS);

— klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDD)

— tagħmir bl-ETD (ETD);

— kontroll viżiv (VCK);

— tagħmir għall-individwazzjoni tal-metall (CMD);

— tagħmir għall-EVD (EVD);

▼M16

— kwalunkwe metodu ieħor (AOM) f'konformità mal-punt 6.2.1.6 fejn il-metodu użat għandu jiġi speċifikat; jew

▼M2

(v) ir-raġunijiet għaliex il-kunsinna ġiet eżentata mill-iskrinjar;

▼B

(f) isem il-persuna li ħarġet l-istatus tas-sigurtà, jew identifikazzjoni ekwivalenti, u d-data u l-ħin ta' meta nħarġet;

▼M12

(g) l-identifikatur uniku riċevut mingħand l-awtorità xierqa, ta' kwalunkwe aġent regolat li jkun aċċetta l-istatus tas-sigurtà mogħti lil kunsinna minn aġent regolat ieħor, inkluż matul l-operazzjonijiet ta' trasferiment.

▼B

Aġent regolat li joffri l-kunsinni lil aġent regolat jew trasportatur tal-ajru ieħor jista' jiddeċiedi wkoll li jittrażmetti biss l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punti (a) sa (e) u (g) u li jżomm l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punt (f) għal kemm iddum it-titjira (titjiriet) jew għal 24 siegħa, skont liema minnhom ikun l-itwal.

▼M12

Merkanzija jew posta ta' trasferiment li għaliha t-trasportatur tal-ajru, jew l-aġent regolat li jopera f'ismu, ma jkunx jista' jikkonferma fid-dokumentazzjoni ta' appoġġ it-tagħrif meħtieġ minn dan il-punt, jew mill-punt 6.3.2.7, skont kif ikun applikabbli, għandha tkun soġġetta għall-iskrinjar qabel ma titgħabba abbord inġenju tal-ajru għat-titjira sussegwenti.

▼B

6.3.2.7. Fil-każ tal-konsolidazzjonijiet, se jitqies li r-rekwiżiti fil-punti 6.3.2.5 u 6.3.2.6 jkunu ntlaħqu jekk:

(a) l-aġent regolat li jagħmel il-konsolidazzjoni jżomm l-informazzjoni meħtieġa fil-punti 6.3.2.6(a) sa (g) għal kull kunsinna individwali għal kemm iddum it-titjira (titjiriet) jew għal 24 siegħa, skont liema minnhom tkun l-itwal; kif ukoll

(b) id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-konsolidazzjoni tinkludi l-identifikatur alfanumeriku tal-aġent regolat li jkun wettaq il-konsolidazzjoni, identifikatur uniku tal-konsolidazzjoni u l-istatus ta' sigurtà tiegħu.

Il-punt (a) ma għandux ikun meħtieġ għal konsolidazzjonijiet li jkunu dejjem soġġetti għal skrinjar jew li jkunu eżentati mill-iskrinjar skont il-punti 6.2.1(d) u (e) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005 jekk l-aġent regolat jagħti lill-konsolidazzjoni identifikatur uniku u jindika l-istatus ta' sigurtà u raġuni waħda għaliex dan l-istatus ta' sigurtà nħareġ.

6.3.2.8. Meta jaċċetta kunsinni li għalihom ma jkunux ġew applikati minn qabel il-kontrolli tas-sigurtà kollha meħtieġa, l-aġent regolat jista' jagħżel li ma japplikax il-kontrolli tas-sigurtà kif imsemmija fil-punt 6.3.2, iżda li jgħaddi l-kunsinni lil aġent regolat ieħor sabiex jiżgura l-applikazzjoni ta' dawn il-kontrolli tas-sigurtà.

▼M17

6.3.2.9. Aġent regolat għandu jiżgura li l-persunal kollu jiġi rreklutat f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 11 u mħarreġ kif xieraq f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-impjieg rilevanti. Għall-finijiet ta' taħriġ, il-persunal b'aċċess mingħajr superviżjoni għal merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa għandu jitqies bħala persunal li jimplimenta l-kontrolli tas-sigurtà. Is-sewwieqa mingħajr aċċess jew b'aċċess taħt superviżjoni għal merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa għandhom mill-inqas jirċievu taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7.

6.3.2.10. Il-kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn aġent regolat għandhom ikunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

6.4. SPEDITURI MAGĦRUFA

6.4.1. **Approvazzjoni ta' spedituri magħrufa**

6.4.1.1. Spedituri magħrufa għandhom ikunu approvati mill-awtorità xierqa.

L-approvazzjoni bħala speditur magħruf għandha tkun speċifika għas-sit.

6.4.1.2. Għandha tapplika l-proċedura li ġejja dwar l-approvazzjoni ta' spedituri magħrufa:

▼M2

(a) l-applikant għandu jfittex li jikseb l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li fih jinsab is-sit tiegħu.

L-applikant għandu jressaq programm ta' sigurtà quddiem l-awtorità xierqa konċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li l-kunsinnatarju għandu jsegwi sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif il-konformità ma' dawn il-metodi u l-proċeduri għandha tiġi mmonitorjata mill-kunsinnatarju innifsu.

L-applikant għandu jingħata "Gwida għall-kunsinnatarji magħrufa" li tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-B u l-"Lista ta' kontroll tal-validazzjoni għall-kunsinnatarji magħrufa" li tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-C;

(b) l-awtorità xierqa jew validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha, għandhom jeżaminaw il-programm tas-sigurtà u mbagħad iwettqu verifika fuq il-post tas-siti speċifikati sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant huwiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu.

Sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant huwiex konformi jew le ma' dawn ir-rekwiżiti, l-awtorità xierqa, jew validatur tas-sigurtà tal-UE li jaġixxi f'isimha, għandhom jużaw il-"Lista ta' kontroll tal-validazzjoni għall-kunsinnatarji magħrufa" kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-C. Din il-lista ta' kontroll tinkludi dikjarazzjoni tal-impenji li għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentant legali tal-applikant jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà tas-sit.

Ladarba timtela l-lista ta' kontroll tal-validazzjoni, it-tagħrif li jkun hemm fil-lista ta' kontroll għandu jiġi ttrattat bħala informazzjoni klassifikata.

▼M2

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tinżamm mill-awtorità xierqa konċernata jew tinżamm mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u tkun disponibbli għall-awtorità xierqa konċernata;

▼M12

(c) eżami tas-sit tal-applikant mill-awtorità doganali rilevanti f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandu jitqies bħala verifika fuq il-post jekk ma jsirx qabel 3 snin qabel id-data li fiha l-applikant jitlob approvazzjoni bħala speditur magħruf. F'dawk il-każijiet, l-applikant għandu jimla t-tagħrif meħtieġ fl-Ewwel Parti tal-"Lista ta' kontroll tal-validazzjoni għall-ispedituri magħrufa" li tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-C u jibgħatha lill-awtorità xierqa flimkien mad-dikjarazzjoni tal-impenji li għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentant legali tal-applikant jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà tas-sit.

L-awtorizzazzjoni bħala AEO u l-valutazzjoni rilevanti tal-awtoritajiet doganali għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-applikant għal spezzjoni ulterjuri.

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tinżamm mill-awtorità xierqa kkonċernata jew tinżamm mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u meta tintalab titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità xierqa kkonċernata;

▼B

(d) jekk l-awtorità xierqa tkun sodisfatta bit-tagħrif ipprovdut taħt il-punti (a) u (b) jew (a) u (c), kif applikabbli, għandha tiżgura li d-dettalji meħtieġa tal-ispeditur jiddaħħlu fil-"Bażi tad-dejta dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista" sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta t-tagħrif jiddaħħal fil-bażi tad-dejta l-awtorità xierqa għandha tagħti identifikatur alfanumeriku uniku skont il-format standard għal kull sit approvat.

Jekk l-awtorità xierqa ma tkunx sodisfatta bit-tagħrif ipprovdut bħala parti mill-punti (a) u (b) jew (a) u (c), kif applikabbli, ir-raġunijiet għandhom jiġu mgħarrfa minnufih lill-entità li tkun qiegħda tfittex li tikseb l-approvazzjoni bħala speditur magħruf;

(e) speditur magħruf ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiddaħħlu fil-"Bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

6.4.1.3. Speditur magħruf għandu jinnomina tal-anqas persuna waħda f'kull sit li għandha tkun responsabbli għall-applikazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà f'dak il-post. Jeħtieġ li din il-persuna jkun sarilha kontroll tal-preċedenti personali b'eżitu pożittiv skont il-punt 11.1.

6.4.1.4. Speditur magħruf għandu jerġa' jiġi vvalidat mill-ġdid f'intervalli regolari li ma jaqbżux il-ħames (5) snin. Dan għandu jinkludi verifika fuq il-post sabiex jiġi vvalutat jekk l-ispeditur magħruf għadux konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu.

Spezzjoni mill-awtorità xierqa fil-bini ta' speditur magħruf skont il-programm nazzjonali tiegħu tal-kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala verifika fuq il-post, sakemm din tkun tkopri l-oqsma kollha speċifikati fil-lista ta' kontroll tad-Dokument Mehmuż 6-C.

▼M12

Eżami tas-sit tal-ispeditur magħruf mill-awtorità doganali rilevanti f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandu jitqies bħala verifika fuq il-post.

▼M12

6.4.1.5. Fejn l-awtorità xierqa ma tibqax issodisfata fir-rigward tal-konformità tal-ispeditur magħruf mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, hija għandha tirtira l-istat tal-ispeditur magħruf għassit(i) speċifikat(i).

Immedjatament wara l-irtirar, u, f'kull każ, fi żmien 24 siegħa, l-awtorità xierqa għandha tiżgura li t-tibdil fl-istatus tal-ispeditur magħruf ikun indikat fil-"bażi ta' *data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

Meta l-ispeditur magħruf ma jibqax detentur ta' awtorizzazzjoni bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew meta l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala AEO tiġi sospiża minħabba nuqqas ta' konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u mal-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-awtorità xierqa għandha tieħu azzjoni xierqa sabiex tiżgura l-konformità tal-ispeditur magħruf mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

L-ispeditur magħruf għandu jinforma lill-awtorità xierqa dwar kwalunkwe tibdil relatat mal-awtorizzazzjoni tiegħu bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

▼B

6.4.1.6. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, speditur magħruf approvat skont il-punt 6.4 għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

▼M2

_____

▼M12

6.4.1.7. L-awtorità xierqa għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità doganali kwalunkwe tagħrif relatat mal-istatus ta' speditur magħruf li jista' jkun rilevanti għaż-żamma ta' awtorizzazzjoni bħala AEO msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Dak it-tagħrif għandu jinkludi t-tagħrif relatat ma' approvazzjonijiet ġodda ta' spedituri magħrufa, ma' rtirar tal-istatus ta' speditur magħruf, ma' validazzjoni mill-ġdid u spezzjonijiet, ma' skedi ta' verifika u mal-eżiti ta' dawn il-valutazzjonijiet.

Għandhom jiġu stabbiliti modalitajiet għal dan l-iskambju ta' tagħrif bejn l-awtorità xierqa u l-awtoritajiet doganali nazzjonali.

▼M17

6.4.1.8. Fuq talba mill-awtorità xierqa, il-konsenjatur magħruf għandu jipprovdi evidenza dokumentarja tal-ftehimiet eżistenti fis-seħħ ma' kwalunkwe trasportatur approvat li jipprovdi trasport f'ismu. Jekk meħtieġ mill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni, il-konsenjatur magħruf għandu jżomm ukoll lista li jkun fiha, għal kull trasportatur approvat li miegħu jkun daħal fi ftehim dwar it-trasport, mill-inqas l-identifikatur alfanumeriku uniku, id-data inizjali tal-validità tal-ftehim u, jekk applikabbli, id-data ta' skadenza tiegħu.

Il-lista għandha tkun disponibbli għal spezzjoni mill-awtorità xierqa.

▼B

6.4.2. **Kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn speditur magħruf**

6.4.2.1. Speditur magħruf għandu jiżgura li:

(a) jkun hemm livell ta' sigurtà fis-sit jew fil-bini li jkun suffiċjenti sabiex il-merkanzija bl-ajru identifikabbli u l-posta bl-ajru identifikabbli jkunu protetti minn interferenza mhux awtorizzata; kif ukoll

▼M17

(b) il-persunal kollu li jimplimenta l-kontrolli tas-sigurtà u l-persunal kollu b'aċċess mingħajr superviżjoni għal merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jiġu rreklutati f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 11 u jkunu rċevew taħriġ tas-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.3.9. Is-sewwieqa mingħajr aċċess jew b'aċċess taħt superviżjoni għal merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa għandhom mill-inqas jirċievu taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7. u

▼B

(c) matul il-produzzjoni, l-ippakkjar, il-ħżin, il-bgħit u/jew it-trasport, skont kif ikun xieraq, merkanzija bl-ajru identifikabbli u posta bl-ajru identifikabbli jkunu protetti minn interferenza mhux awtorizzata jew minn tbagħbis;

Meta, għal kwalunkwe raġuni, dawn il-kontrolli tas-sigurtà ma jkunux ġew applikati għall-kunsinna, jew meta l-kunsinna ma tkunx oriġinat mingħand l-ispeditur magħruf għall-kont tiegħu stess, l-ispeditur magħruf għandu jindika dan b'mod ċar lill-aġent regolat sabiex ikun jista' jiġi applikat il-punt 6.3.2.3.

6.4.2.2. L-ispeditur magħruf għandu jaċċetta li l-kunsinni li ma jkunux sarulhom il-kontrolli tas-sigurtà xierqa jiġu skrinjati skont il-punt 6.2.1.

▼M17

6.4.2.3. Il-kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn konsenjatur magħruf għandhom ikunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

6.5 TRASPORTATURI APPROVATI

6.5.1. **Approvazzjoni tat-trasportaturi**

6.5.1.1. It-trasportaturi għandhom jiġu approvati mill-awtorità xierqa.

L-applikant, persuna fiżika jew ġuridika, għandu jfittex l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li fih jinsab l-indirizz residenzjali jew irreġistrat tal-applikant, skont liema japplika. Il-fergħat barranin tal-istess applikant, jew tas-sussidjarji tiegħu, għandhom ifittxu l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn jinsab l-indirizz irreġistrat ta' dik il-fergħa barranija jew tas-sussidjarja.

6.5.1.2 L-applikant għandu jissottometti programm ta' sigurtà lill-awtorità xierqa kkonċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mit-trasportatur sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan għandu jinkludi dispożizzjonijiet u proċeduri dettaljati li mill-inqas ikopru:

(1) informazzjoni ġenerali, inklużi l-organizzazzjoni, il-persuna responsabbli għas-sigurtà, il-kontroll tal-kwalità, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet, ir-rapportar u pjanijiet u struzzjonijiet oħrajn;

(2) il-protezzjoni tal-merkanzija matul il-ġbir, l-immaniġġar, il-ħżin limitat, it-trasport u t-twassil;

(3) ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal, inklużi r-rekords tat-taħriġ u evidenza tat-tlestija b'suċċess tal-verifiki tal-preċedenti personali, kif applikabbli;

▼M17

(4) il-miżuri li jipprevjenu interferenza illegali fir-rigward tal-kunsinni tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru li għalihom ġew applikati kontrolli tas-sigurtà u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' tali interferenza.

Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif il-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri għandha tiġi mmonitorjata mit-trasportatur innifsu.

Il-programm għandu jitfassal bl-użu tal-mudell standardizzat stabbilit fid-Dokument Mehmuż 6-K – Programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat. L-entitajiet li jkunu qed ifittxu l-approvazzjoni li jippjanaw li jwettqu operazzjonijiet ta' trasportatur fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikunu rreġistrati u approvati għandu jkollhom il-programm ta' sigurtà tagħhom imfassal ukoll bl-Ingliż.

L-applikant għandu jissottometti wkoll id-"Dikjarazzjoni tal-impenji — trasportatur approvat" kif stabbilit fid-Dokument Mehmuż 6-D. Dik id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata mir-rappreżentant legali tal-applikant jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà.

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tiddikjara b'mod ċar il-post jew il-postijiet li għalihom tirreferi u għandha tinżamm mill-awtorità xierqa kkonċernata.

6.5.1.3. Wara s-sottomissjoni tal-programm ta' sigurtà u l-valutazzjoni b'suċċess tiegħu li tistabbilixxi r-rilevanza u l-kompletezza tiegħu, l-applikant għandu jkun soġġett għal verifika fuq il-post, sabiex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-verifika fuq il-post għandha tinkludi l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u l-proċeduri rilevanti implimentati mit-trasportatur mingħajr nuqqasijiet, matul il-ġbir, l-immaniġġar, il-ħżin limitat, it-trasport u t-twassil tal-kunsinni, kif applikabbli. Il-verifika fuq il-post għandha tkopri mill-inqas wieħed mill-postijiet operazzjonali li jappartjenu għan-network tat-trasportatur.

L-awtorità xierqa għandha tispeċifika fil-programm nazzjonali tagħha tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jekk il-valutazzjoni tal-programm tas-sigurtà u l-verifika fuq il-post għandhomx jitwettqu mill-awtorità nnifisha jew minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha.

Fil-konklużjoni tal-verifika fuq il-post, l-awtorità xierqa, jew il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha, għandhom jabbozzaw rapport ta' validazzjoni billi jużaw il-lista ta' kontroll standardizzata stabbilita fid-Dokument Mehmuż 6-L.

Jekk il-verifika fuq il-post issir minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, ir-rapport ta' validazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' indipendenza – validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE stabbiliti fid-Dokument Mehmuż 11-A għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità xierqa fi żmien mhux aktar minn xahar miż-żjara fuq il-post.

Jekk applikabbli u meħtieġ sabiex jiġu mmonitorjati l-operazzjonijiet u l-proċeduri rilevanti implimentati mit-trasportatur, l-Istat Membru tal-approvazzjoni jista' jitlob l-assistenza u l-appoġġ tal-awtorità xierqa ta' Stat Membru ieħor fejn iseħħu ċerti operazzjonijiet. Bil-kunsens tal-Istat Membru tal-approvazzjoni, tista' ssir verifika fuq il-post ta' dawk l-operazzjonijiet minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isem l-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn iseħħu ċerti operazzjonijiet. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoordinaw it-twettiq f'waqtu ta' dik il-verifika fuq il-post, jaqblu dwar il-firxa u l-kontenut tagħha, u jistabbilixxu modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-eżiti tagħha. F'tali każ, ir-rapport ta' validazzjoni li jkopri dawn l-operazzjonijiet, li jikkonsisti fil-lista ta' kontroll stabbilita fid-Dokument Mehmuż 6-L u, fejn applikabbli, akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' indipendenza – validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE stabbilita fid-Dokument Mehmuż 11-A, għandu:

▼M17

(a) jitfassal bl-Ingliż jew b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni, kif miftiehem bejn l-Istati Membri kkonċernati;

(b) jiġi sottomess lill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni fi żmien mhux aktar minn xahar miż-żjara fuq il-post.

Ladarba l-awtorità xierqa tal-approvazzjoni tkun lestiet b'suċċess il-passi msemmija f'dan il-punt u ddeterminat li l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tagħti l-istatus ta' trasportatur approvat għal perjodu massimu ta' 5 snin. Meta tagħmel dan, l-awtorità xierqa għandha tiżgura li d-dettalji meħtieġa tat-trasportatur jiddaħħlu fil-"bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista" mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta tagħmel l-entrata fil-bażi tad-*data*, l-awtorità xierqa għandha tagħti lil kull indirizz irreġistrat identifikatur alfanumeriku uniku fil-format standard.

Trasportatur ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiġu elenkati fil-"bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

6.5.1.4. Bħala alternattiva għall-proċedura stipulata fil-punt 6.5.1.3 u biss fil-każ tal-ewwel approvazzjoni, wara l-valutazzjoni b'suċċess tal-programm ta' sigurtà li jistabbilixxi r-rilevanza u l-kompletezza tiegħu, l-awtorità xierqa tista' tissoġġetta lill-applikant għal verifika bbażata fuq id-dokumentazzjoni li tikkonsisti f'intervista bir-reqqa mal-persuna maħtura bħala responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà u l-operazzjonijiet u l-proċeduri rilevanti implimentati. Jekk l-awtorità xierqa tiddetermina li l-applikant huwa konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tagħti l-istatus ta' trasportatur approvat għal perjodu massimu u mhux rinnovabbli ta' sena, li fih it-trasportatur għandu jkun soġġett għal verifika fuq il-post, kif stabbilit fil-punt 6.5.1.3.

Wara li titlesta l-verifika fuq il-post, jekk l-awtorità xierqa tiddetermina li l-applikant huwa konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tagħti l-istatus ta' trasportatur approvat għal perjodu massimu ta' 5 snin.

Jekk il-verifika fuq il-post ma sseħħx fi żmien sena għal raġunijiet lil hinn mir-responsabbiltà tat-trasportatur, l-awtorità xierqa tal-approvazzjoni tista' testendi l-istatus għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 xhur. Fi tmiem il-perjodu ta' estensjoni, l-awtorità xierqa għandha tissospendi l-istatus tat-trasportatur u ma terġax tattivah sakemm il-verifika fuq il-post titlesta b'suċċess.

6.5.1.5. Jekk l-awtorità xierqa ma tkunx sodisfatta bl-informazzjoni pprovduta u vvalutata skont il-punti 6.5.1.2, 6.5.1.3 u 6.5.1.4, kif applikabbli, hija għandha tinnotifika minnufih ir-raġunijiet lill-entità li tkun qed tfittex l-approvazzjoni bħala trasportatur approvat.

6.5.1.6. Trasportatur approvat għandu jaħtar mill-inqas persuna waħda li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà sottomess u għall-operazzjonijiet u l-proċeduri rilevanti implimentati. Dik il-persuna għandha tkun lestiet b'suċċess verifika tal-preċedenti personali msaħħa f'konformità mal-punt 11.1.1(b).

6.5.1.7. Trasportatur approvat għandu jkun soġġett għal proċedura ta' approvazzjoni mill-ġdid f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 5 snin sabiex jiġi vvalutat jekk għadux konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-proċedura għandha tinkludi eżami tal-programm ta' sigurtà u verifika fuq il-post f'konformità mal-punt 6.5.1.3.

▼M17

Spezzjoni mill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni f'konformità mal-programm nazzjonali tagħha ta' kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala verifika fuq il-post, diment li din tkun tkopri r-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-approvazzjoni.

6.5.1.8. Meta l-awtorità xierqa tal-approvazzjoni jew awtorità xierqa oħra tidentifika nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasportatur, hija għandha tinforma minnufih lit-trasportatur b'dan u titlob li jiġu rrettifikati n-nuqqasijiet. Meta r-rettifika ma tinkisibx fi żmien raġonevoli jew in-nuqqasijiet jitqiesu li għandhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-katina tal-provvista, l-awtorità xierqa tal-approvazzjoni għandha tissospendi jew tirtira l-istatus ta' trasportatur approvat, kif xieraq.

Meta l-awtorità xierqa li tkun tat l-approvazzjoni ma tibqax sodisfatta li t-trasportatur approvat jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tirtira l-istatus ta' trasportatur approvat.

Immedjatament wara l-irtirar, u fi kwalunkwe każ, fi żmien 24 siegħa mill-irtirar, l-awtorità xierqa tal-approvazzjoni għandha tiżgura li l-bidla tal-istatus tat-trasportatur approvat tkun indikata fil-"bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

6.5.1.9. Trasportatur approvat, approvat f'konformità mal-punt 6.5 ta' dan l-Anness, għandu jiġi rikonoxxut bħala tali fl-Istati Membri kollha.

6.5.2. **Kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn trasportatur approvat**

6.5.2.1. Trasportatur approvat għandu jiżgura li:

(a) fil-bini tiegħu u fil-postijiet fejn jiġu implimentati l-operazzjonijiet u l-proċeduri, ikun hemm livell ta' sigurtà suffiċjenti biex tiġi protetta l-merkanzija bl-ajru identifikabbli u l-posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati preċedentement kontrolli tas-sigurtà;

(b) il-persunal kollu li jwettaq it-trasport tal-merkanzija u tal-posta jkun irċieva taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7;

(c) il-persunal kollu msemmi fil-punt (b) li jingħata wkoll aċċess mingħajr superviżjoni għall-merkanzija u għall-posta li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa, ikun irċieva taħriġ tas-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.3.9 u jkun lesta b'suċċess verifika tal-preċedenti personali f'konformità mal-punt 11.1.2(b);

(d) il-merkanzija bl-ajru identifikabbli u l-posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati preċedentement il-kontrolli tas-sigurtà jkunu protetti minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzati matul il-ġbir, l-immaniġġar, il-ħżin limitat, it-trasport u t-twassil.

6.5.2.2 Sabiex jiġi żgurat li l-kunsinni li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu protetti minn interferenza mhux awtorizzata matul l-operazzjonijiet imwettqa mit-trasportatur approvat, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

▼M17

(a) il-kunsinni għandhom jiġu ppakkjati jew issiġillati mill-aġent regolat jew mill-konsenjatur magħruf sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tbagħbis ikun evidenti. Meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jittieħdu miżuri ta' protezzjoni alternattivi li jiżguraw l-integrità tal-kunsinna;

(b) għandha ssir tfittxija fil-kompartiment tat-tagħbija immedjatament qabel ma ssir it-tagħbija u l-integrità ta' dik it-tfittxija għandha tinżamm sakemm titlesta t-tagħbija;

(c) il-kompartiment tal-vettura għat-tagħbija tal-merkanzija fejn għandhom jiġu ttrasportati l-kunsinni għandu jissakkar jew jiġi ssiġillat jew il-vetturi li jkollhom il-purtieri fil-ġnub tagħhom għandhom jingħalqu b'mod sikur permezz tal-ħbula tat-TIR sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tbagħbis ikun evidenti, jew iż-żona tat-tagħbija ta' vetturi bi pjattaforma għall-ġarr għandha tinżamm taħt osservazzjoni;

(d) kull sewwieq għandu jġorr miegħu karta tal-identità, passaport, liċenzja tas-sewqan jew dokument ieħor, li jkun fih ritratt tal-persuna, li jkun inħareġ jew ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-karta jew id-dokument għandhom jintużaw biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna li tirċievi jew twassal il-kunsinni;

(e) is-sewwieqa ma għandhomx jagħmlu waqfiet mhux skedati bejn il-ġbir u t-twassil. Meta dan ikun inevitabbli, is-sewwieq għandu jivverifika s-sigurtà tat-tagħbija u l-integrità tas-serraturi jew tas-siġilli, jew it-tnejn, mar-ritorn tagħhom. Jekk is-sewwieq jiskopri kwalunkwe evidenza ta' interferenza, huwa għandu jinnotifika kemm lis-superviżur tiegħu kif ukoll lir-riċevitur tal-merkanzija jew tal-posta bl-ajru;

(f) it-trasport ma għandux jiġi sottokuntrattat lil parti terza, sakemm il-parti terza ma tkunx hija stess trasportatur approvat f'konformità mal-punt 6.5 jew aġent regolat f'konformità mal-punt 6.3;

(g) l-ebda servizz ieħor ta' mmaniġġar ta' merkanzija bl-ajru (bħal ħżin limitat jew protezzjoni limitata) ma għandu jiġi sottokuntrattat lil xi parti oħra għajr aġent regolat.

6.5.3. **Data tal-applikazzjoni**

6.5.3.1 Mill-1 ta' Jannar 2027, it-trasport bis-superfiċje fl-Unjoni ta' kunsinni ta' merkanzija u posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati preċedentement kontrolli tas-sigurtà, inkluż it-trasport permezz ta' vettura b'polza tal-vjeġġ bl-ajru u b'numru tat-titjira tat-trasportatur tal-ajru li f'ismu jitwettaq it-trasport, f'konformità mal-mudell ta' servizz ta' alimentazzjoni bit-triq tal-merkanzija bl-ajru, għandu jsir biss minn:

(a) aġent regolat, bil-mezzi u r-riżorsi tiegħu stess kif deskritti fil-programm ta' sigurtà tiegħu u kkonfermati matul il-verifika fuq il-post fil-proċess ta' approvazzjoni;

(b) konsenjatur magħruf, għall-merkanzija u għall-posta li joriġinaw minnu stess, bil-mezzi u r-riżorsi tiegħu stess kif deskritti fil-programm ta' sigurtà tiegħu u kkonfermati matul il-verifika fuq il-post fil-proċess ta' approvazzjoni;

(c) trasportatur li jkun ġie approvat minn awtorità xierqa f'konformità mal-punt 6.5. u jkun daħal fi ftehim dwar it-trasport mal-aġent regolat jew mal-konsenjatur magħruf li f'ismu jsir it-trasport, jew fil-każ ta' attività ta' servizz ta' alimentazzjoni bit-triq tal-merkanzija bl-ajru, direttament mat-trasportatur tal-ajru rilevanti li f'ismu jitwettaq it-trasport.

▼M17

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għat-trasport fiż-żoni ristretti ta' sigurtà fl-ajruporti.

▼B

6.6. PROTEZZJONI TA' MERKANZIJA U POSTA

6.6.1. **Protezzjoni ta' merkanzija u posta matul it-trasport**

▼M15

6.6.1.1. Sabiex jiġi żgurat li l-kunsinni li jkunu sarulhom il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu protetti minn interferenza mhux awtorizzata matul it-trasport, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-kunsinni għandhom jiġu ppakkjati jew issiġġilati mill-aġent regolat jew mill-ispeditur magħruf sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tbagħbis ikun evidenti; fejn dan ma jkunx possibbli, għandhom jittieħdu miżuri ta' protezzjoni alternattivi li jiżguraw l-integrità tal-kunsinna;

(b) il-kompartiment tal-vettura għat-tagħbija tal-merkanzija li fih għandhom jiġu ttrasportati l-kunsinni għandu jissakkar jew jiġi ssiġillat jew il-vetturi li jkollhom il-purtieri fil-ġnub tagħhom għandhom jingħalqu b'mod sigur permezz ta' ħbula tat-TIR sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tbagħbis ikun evidenti, jew iż-żona tat-tagħbija ta' vetturi bi pjattaforma għall-ġarr għandha tinżamm taħt osservazzjoni;

(c) id-dikjarazzjoni tat-trasportatur kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-E għandha ssir bi qbil mat-trasportatur li jkun iddaħħal fil-ftehim dwar it-trasport mal-aġent regolat jew l-ispeditur magħruf, sakemm it-trasportatur innifsu ma jkunx approvat bħala aġent regolat.

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tinżamm mill-aġent regolat jew mill-ispeditur magħruf li f'ismu jkun qiegħed isir it-trasport. Meta tintalab, kopja tad-dikjarazzjoni ffirmata għandha tkun disponibbli wkoll għall-aġent regolat jew għat-trasportatur tal-ajru li jirċievi l-kunsinna jew għall-awtorità xierqa kkonċernata.

▼M17

Meta t-trasportatur ikun ġie approvat minn awtorità xierqa f'konformità mal-punt 6.5, id-dikjarazzjoni tat-trasportatur imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu ta' dan il-punt tista' tiġi sostitwita b'verifika tal-istatus tat-trasportatur approvat fil-"bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

Il-punt (c) tal-ewwel paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

▼B

6.6.1.2. Il-punti 6.6.1.1(b) u (c) ma għandhomx japplikaw waqt it-trasport finnaħa tal-ajru.

▼M12

6.6.1.3. It-trasportatur għandu jiżgura li l-persunal li jiġbor, li jġorr, li jaħżen u li jwassal il-merkanzija u l-posta bl-ajru li diġà jkunu għaddew mill-kontrolli tas-sigurtà tal-anqas ikunu sarulu:

(a) kontroll tal-integrità personali, li jikkonsisti fil-verifika tal-identità u tal-*curriculum vitae* u/jew tar-referenzi pprovduti;

(b) taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà, f'konformità mal-punt 11.2.7.

▼M12

6.6.1.4. Kwalunkwe membru tal-persunal tat-trasportatur li jingħata aċċess mhux sorveljat għall-merkanzija u għall-posta waqt li jkun qed iwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6.1.3, jew waqt li jkun qed jimplimenta kwalunkwe wieħed mill-kontrolli tas-sigurtà stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandu:

(a) ikun temm b'suċċess kontroll tal-preċedenti personali;

(b) jgħaddi minn taħriġ dwar is-sigurtà, f'konformità mal-punt 11.2.3.9.

6.6.1.5. Meta trasportatur juża s-servizzi ta' kumpanija oħra sabiex iwettaq waħda jew aktar mill-funzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6.1.3, dik il-kumpanija l-oħra għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tiffirma ftehim ta' trasportatur mat-trasportatur;

(b) toqgħod lura milli tagħti aktar sottokuntratti;

(c) timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-punti 6.6.1.3 u 6.6.1.4, kif applikabbli.

It-trasportatur li jopera permezz tas-sottokuntratt iżomm ir-responsabbiltà sħiħa għat-trasport kollu f'isem l-aġent jew l-ispeditur.

▼B

6.6.2. **►M2 Protezzjoni għall-merkanzija u l-posta waqt it-tqandil, il-ħżin u t-tagħbija fuq inġenju tal-ajru ◄**

6.6.2.1. Il-kunsinni tal-merkanzija u tal-posta li jkunu f'parti kritika għandhom jitqiesu bħala protetti minn interferenza mhux awtorizzata.

▼M2

6.6.2.2. Għal kunsinni tal-merkanzija u tal-posta f'parti għajr parti kritika ta' żona ristretta ta' sigurtà għandhom ikunu protetti minn interferenza mhux awtorizzata sakemm jgħaddu f'idejn aġent regolat jew trasportatur tal-ajru ieħor. Il-kunsinni għandhom ikunu lokalizzati fil-partijiet tal-post tal-aġent regolat fejn l-aċċess huwa kkontrollat, jew kull meta l-bini jinsab barra dawk il-partijiet, għandhom jitqiesu bħala protetti minn interferenza mhux awtorizzata jekk:

(a) ikunu protetti fiżikament sabiex jiġi evitat li jiddaħħlu xi oġġetti fihom; jew

(b) ma jitħallewx waħedhom u l-aċċess ikun limitat għal persuni involuti fil-protezzjoni u t-tagħbien tal-kunsinni tal-merkanzija u tal-posta fuq l-inġenju tal-ajru.

▼B

6.7. MERKANZIJA JEW POSTA B'RISKJU GĦOLI (HRCM)

Id-dispożizzjonijiet għall-merkanzija jew il-posta b'riskju għoli huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

6.8. IL-PROTEZZJONI TAL-MERKANZIJA U L-POSTA LI JINĠARRU MINN PAJJIŻI TERZI LEJN L-UNJONI

▼B

6.8.1. **Nominazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru**

6.8.1.1. Kull trasportatur tal-ajru li jġorr merkanzija jew posta minn ajruport f'pajjiż terz li mhuwiex elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-Fi jew 6-Fii għat-trasferiment, għat-tranżitu jew għall-ħatt fi kwalunkwe ajruport li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandu jkun innominat bħala "Trasportatur ta' Merkanzija jew ta' Posta bl-Ajru li jopera lejn l-Unjoni minn Ajruport ta' Pajjiż Terz" (ACC3) minn waħda minn dawn l-awtoritajiet li ġejjin kif inhu xieraq:

(a) mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li jkun ħareġ iċ-Ċertifikat tal-Operatur tat-trasportatur tal-ajru;

(b) mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 ([1]), għat-trasportaturi tal-ajru li ma għandhomx Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru maħruġ minn Stat Membru;

(c) mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn it-trasportatur tal-ajru għandu l-bażi prinċipali tiegħu tal-operazzjonijiet fl-Unjoni, jew minn kwalunkwe awtorità xierqa oħra tal-Unjoni bi ftehim ma' dik l-awtorità xierqa, għat-trasportaturi tal-ajru li mhumiex detenturi ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru maħruġ minn Stat Membru u li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 748/2009.

6.8.1.2. In-nominazzjoni ta' trasportatur tal-ajru bħala ACC3 fir-rigward tal-operazzjonijiet tiegħu tal-merkanzija u tal-posta minn ajruport li għalih tkun meħtieġa nominazzjoni tal-ACC3 (minn hawn 'il quddiem, "l-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija") għandha tkun abbażi ta':

(a) in-nomina ta' persuna b'responsabbiltà globali f'isem it-trasportatur tal-ajru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-merkanzija jew tal-posta fir-rigward tal-operazzjoni rilevanti tal-merkanzija; kif ukoll

(b) rapport ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jikkonferma l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà.

6.8.1.3. L-awtorità xierqa għandha talloka identifikatur alfanumeriku uniku fil-format standard lill-ACC3 innominat li jidentifika t-trasportatur tal-ajru u l-ajruport tal-pajjiż terz li għalih it-trasportatur tal-ajru jkun ġie nnominat biex iġorr il-merkanzija jew il-posta lejn l-Unjoni.

6.8.1.4. In-nominazzjoni għandha tkun valida minn dakinhar li l-awtorità xierqa tkun daħħlet id-dettalji tal-ACC3 fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, għal perjodu massimu ta' ħames snin.

6.8.1.5. ACC3 elenkat fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha għall-operazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz.

▼M20

_____

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara, li tispeċifika l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru (ĠU L 219, 22.8.2009, p. 1).

▼B

6.8.2. **Validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għall-ACC3**

6.8.2.1. Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE fir-rigward tal-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija ta' trasportatur tal-ajru għandha tikkonsisti minn

(a) eżami tal-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru li jiżgura r-rilevanza u l-kompletezza tiegħu fir-rigward tal-punti kollha stipulati fid-Dokument mehmuż 6-G; kif ukoll

(b) verifika tal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija permezz tal-użu tal-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument mehmuż 6-C3.

6.8.2.2. Il-verifika tal-implimentazzjoni tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandha ssir fuq il-post, f'wieħed minn dawn il-gradi:

(1) Fl-ajruport minn fejn it-trasportatur tal-ajru jkollu operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija qabel ma tkun tista' tingħata n-nominazzjoni bħala ACC3 għal dak l-ajruport.

Jekk, bħala riżultat ta' dan, il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE tistabbilixxi n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-objettivi elenkati fil-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument mehmuż 6-C3, l-awtorità xierqa ma għandhiex tinnomina lit-trasportatur tal-ajru bħala ACC3 għall-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija mingħajr prova tal-implimentazzjoni tal-miżuri mit-trasportatur tal-ajru sabiex jiġi rrettifikat in-nuqqas identifikat.

(2) F'għadd rappreżentattiv ta' ajruporti b'operazzjonijiet rilevanti ta' merkanzija ta' trasportatur tal-ajru qabel tingħata nominazzjoni bħala ACC3 għall-ajruporti kollha b'operazzjonijiet rilevanti ta' merkanzija ta' dak it-trasportatur tal-ajru. Il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(a) Din l-għażla tintalab mit-trasportatur tal-ajru li jopera bosta operazzjonijiet rilevanti ta' merkanzija bl-ajru; kif ukoll

(b) l-awtorità xierqa tkun ivverifikat li t-trasportatur tal-ajru japplika programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità tas-sigurtà interna li jkun ekwivalenti għall-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE; kif ukoll

(c) in-numru rappreżentattiv għandu jkun mill-inqas 3 jew 5 %, skont liema jkun l-ogħla, u l-ajruporti kollha jkunu jinsabu f'oriġini ta' riskju għoli; kif ukoll

(d) l-awtorità xierqa tkun qablet ma' pjan direzzjonali li jiżgura l-validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għal kull sena tan-nominazzjoni f'ajruporti addizzjonali li għalihom tkun sejra tingħata n-nominazzjoni bħala ACC3 jew sakemm jiġu vvalidati l-ajruporti kollha. Dawk il-validazzjonijiet għandhom kull sena jkunu mill-inqas ugwali fin-numru għal dawk meħtieġa fil-punt (c). Il-pjan direzzjonali għandu jgħid x'inhuma r-raġunijiet li jsostnu l-għażla tal-ajruporti addizzjonali; kif ukoll

▼B

(e) in-nominazzjonijiet kollha bħala ACC3 għandhom jiġu fi tmiemhom fl-istess ġurnata; kif ukoll

(f) fejn waħda mill-validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE maqbula skont il-pjan direzzjonali tistabbilixxi n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-objettivi elenkati fil-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C3, l-awtorità xierqa li tinnomina għandha titlob prova tal-implimentazzjoni tal-miżuri li jirrettifikaw in-nuqqas identifikat f'dak l-ajruport, u, skont is-serjetà tan-nuqqas, titlob:

— Validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE tal-ajruporti kollha li għalihom tkun meħtieġa n-nominazzjoni tal-ACC3 skont il-punt 6.8.2.2.1 fi ħdan l-iskadenza stabbilita mill-awtorità xierqa, jew

— id-doppju tan-numru tal-validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE stabbiliti skont il-punt (d) għal kull sena mis-snin li jifdal ta' nominazzjonijiet bħala ACC3.

▼M2

6.8.2.3. L-awtorità xierqa tista' taċċetta r-rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ta' entità ta' pajjiż terz, jew ta' ACC3 ieħor, għal dożinjazzjoni tal-ACC3 f'każijiet fejn dik l-entità jew ACC 3 twettaq operazzjoni ta' merkanzija sħiħa, inkluż it-tagħbien fl-istiva tal-inġenju tal-ajru, f'isem l-ACC3 applikant u r-rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ikopri dawn l-attivitajiet kollha.

6.8.2.4. Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandha tiġi rreġistrata f'rapport ta' validazzjoni li jkun jikkonsisti mill-inqas fid-dikjarazzjoni tal-impenji stipulati fid-Dokument Mehmuż 6-H1, il-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C3 u dikjarazzjoni mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE kif stipulata fid-Dokument Mehmuż 11-A. Il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jissottometti r-rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa u għandu jipprovdi kopja tagħha lit-trasportatur tal-ajru vvalidat.

_____

▼B

6.8.3. **Il-kontrolli tas-sigurtà għall-merkanzija u l-posta li jaslu minn pajjiż terz**

▼M2

6.8.3.1. L-ACC3 għandu jiżgura li l-merkanzija u l-posta kollha li jinġarru għat-trasferiment, għat-tranżitu jew għall-ħatt f'ajruport tal-Unjoni jiġu skrinjati, sakemm:

(a) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu ġew applikati għall-kunsinna minn aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3) u l-kunsinna tkun ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa meta titgħabba; jew

(b) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu ġew applikati għall-kunsinna minn kunsinnatarju magħruf ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (KC3) u l-kunsinna tkun ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa meta titgħabba; jew

▼M15

_____

▼M2

(d) il-kunsinna ma tkunx eżentata mill-iskrinjar skont il-punt (d) tal-6.1.1 u ma tkunx ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn meta tkun saret merkanzija bl-ajru identifikabbli jew posta bl-ajru identifikabbli sa ma titgħabba.

▼M15

_____

▼M19

6.8.3.2. Il-merkanzija u l-posta li jinġarru lejn l-Unjoni għandhom jiġu skrinjati permezz ta' wieħed mill-mezzi u l-metodi elenkati fil-punt 6.2.1 skont standard li jkun biżżejjed biex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li dawn ma jkun fihom l-ebda oġġett ipprojbit. Mill-1 ta' Jannar 2026 ACC3 jew RA3 jistgħu jiġu approvati għall-użu ta' klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDD, explosive detection dogs) għall-iskrinjar tal-merkanzija u tal-posta destinati għall-Unjoni biss jekk matul il-proċess ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE l-awtorità xierqa jew il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, kif applikabbli tkun osservat il-proċess ta' skrinjar tal-EDD u tkun ivvalutatu li jilħaq l-objettivi elenkati fil-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-M.

▼B

6.8.3.3. L-ACC3 għandu jiżgura, fir-rigward ta':

(a) it-trasferiment u t-tranżitu tal-merkanzija jew tal-posta, li l-iskrinjar skont il-punt 6.8.3.2 jew il-kontrolli tas-sigurtà jkunu ġew applikati minnu stess jew minn awtorità tal-avjazzjoni tal-UE fil-punt tal-oriġini jew f'xi punt ieħor fil-katina tal-provvista u li tali kunsinni jkunu ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa meta jitgħabbew. kif ukoll

(b) il-merkanzija u l-posta b'riskju għoli, li l-iskrinjar skont il-punt 6.7 ikun ġie applikat minnu nnifsu jew minn entità vvalidata tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE fil-punt tal-oriġini jew f'xi punt ieħor fil-katina tal-provvista, li tali kunsinni jkunu ġew ittikkettjati bħala SHR u li jkunu ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà sa meta jitgħabbew.

▼M2

6.8.3.4. Meta joħorġu l-offerti għall-kunsinni li għalihom ikun applika l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa għal ieħor ACC3 jew RA3, l-ACC3, l-RA3, jew il-KC3, għandu jindika fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament l-identifikatur alfanumeriku uniku li wasal mingħand l-awtorità xierqa li tinnomina.

6.8.3.5. Meta jaċċetta kwalunkwe kunsinna, ACC3 jew RA3 għandu jistabbilixxi jekk it-trasportatur tal-ajru jew l-entità li mingħandha jkun irċieva l-kunsinna hijiex ACC3, RA3, jew KC3 ieħor bil-mezzi li ġejjin:

(a) jivverifika jekk l-identifikatur alfanumeriku uniku tal-entità li tkun qed twassal il-kunsinni hix indikata fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament; kif ukoll

(b) jikkonferma li t-trasportatur tal-ajru jew l-entità li twassal il-kunsinna hija elenkata bħala attiva fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista għall-ajruport jew il-post speċifikat, kif xieraq.

▼M2

Jekk ma jkunx hemm indikazzjoni fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tal-identifikatur, jew jekk tat-trasportatur tal-ajru jew l-entità li qed twassal il-kunsinni mhix elenkata bħala attiva fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, għandu jitqies li qabel ma ġew applikati l-ebda kontrolli tas-sigurtà, u l-kunsinni għandhom jiġu skrinjati mill-ACC3 jew minn RA3 ivvalidat tas-sigurtà ieħor tal-avjazzjoni tal-UE qabel ma jitgħabbew fuq l-inġenju tal-ajru.

▼M12

6.8.3.6. Wara li jkunu ġew implimentati l-kontrolli tas-sigurtà msemmija fil-punti 6.8.3.1 sa 6.8.3.5, l-ACC3 jew l-aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3) li jkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà għandu jiżgura li d-dokumentazzjoni ta' appoġġ, fil-forma ta' polza tal-vjaġġ bl-ajru, f'dokumentazzjoni postali ekwivalenti jew f'dikjarazzjoni separata, mogħtija f'format elettroniku jew bil-miktub, tkun tinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikatur alfanumeriku uniku tal-ACC3;

(b) l-istatus tas-sigurtà tal-kunsinna msemmi fil-punt (d) tal-punt 6.3.2.6 u maħruġ mill-ACC3 jew mill-aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3), kif xieraq;

(c) identifikatur uniku tal-kunsinna, bħalma huwa n-numru tal-polza tal-vjaġġ bl-ajru maħruġa minn speditur jew ta' dik maħruġa minn trasportatur, fejn applikabbli;

(d) il-kontenut tal-kunsinna, jew indikazzjoni ta' konsolidazzjoni fejn applikabbli;

(e) ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-istatus tas-sigurtà, inkluż il-mezz jew il-metodu li ntuża għall-iskrinjar jew ir-raġunijiet li għalihom il-kunsinna ġiet eżentata mill-iskrinjar filwaqt li jintużaw l-istandards adottati fl-iskema tad-Dikjarazzjoni ta' Sigurtà tal-Konsenja tal-ICAO.

Fil-każ tal-konsolidazzjonijiet, l-ACC3 jew l-aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3) li wettaq il-konsolidazzjoni għandu jżomm l-informazzjoni stipulata fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel paragrafu għal kull kunsinna individwali tal-anqas sal-ħin stmat tal-wasla tal-kunsinni fl-ewwel ajruport fl-Unjoni jew għal 24 siegħa, skont liema perjodu jkun l-itwal.

6.8.3.7. Kwalunkwe trasportatur tal-ajru li jasal minn pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-F għandu jiżgura l-konformità mal-punti applikabbli stabbiliti fil-punt 6.8.3.6 fir-rigward tal-merkanzija u tal-posta ttrasportati abbord. Id-dokumentazzjoni ta' appoġġ rigward dawn il-kunsinni għandha tal-anqas tikkonforma mal-iskema tad-Dikjarazzjoni tas-Sigurtà tal-Konsenja tal-ICAO jew ma' skema alternattiva li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa b'mod ekwivalenti.

▼M5

6.8.3.8. Tranżitu jew trasferiment ta' konsenji li jaslu minn pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-I li d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tagħhom ma tikkonformax mal-punt 6.8.3.6 għandhom jiġu ttrattati skont il-Kapitolu 6.7 qabel it-titjira sussegwenti.

▼M12

6.8.3.9. Kunsinni ta' tranżitu jew ta' trasferiment li jaslu minn pajjiż terz mhux imsemmi fil-punt 6.8.3.8 li d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tagħhom ma tkunx konformi mal-punt 6.8.3.6, għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-punt 6.2 qabel it-titjira sussegwenti.

▼M15

6.8.3.10. Il-kontrolli tas-sigurtà għal merkanzija u posta li jaslu mingħand pajjiż terz għandhom ikunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

▼M2

6.8.4. **Id-dežinjazzjoni tal-aġenti regolati u tal-kunsinnatarji magħrufa**

6.8.4.1. Entitajiet ta' pajjiżi terzi li huma, jew għandhom l-intenzjoni li jkunu, parti mill-katina tal-provvista tal-ikel ta' trasportatur tal-ajru li għandu

▼M2

l-istatus ta' ACC3, jistgħu jiġu nnominati jew bħala “aġent regolat ta' pajjiż terz (RA3)” jew “kunsinnatarju magħruf ta' pajjiż terz” (KC3).

6.8.4.2. Sabiex tikseb id-dežinjazzjoni, l-entità għandha tindirizza t-talba lil:

(a) l-awtorità xierqa tal-Istat Membru responsabbli għad-dežinjazzjoni tal-ACC3 ta' trasportatur tal-ajru fl-ajruport tal-pajjiż terz fejn l-applikant jieħu ħsieb il-merkanzija li tkun sejra lejn l-UE; jew

(b) fejn ma jkun hemm l-ebda trasportatur tal-ajru nominat bħala ACC3 f'dak il-pajjiż, l-awtorità xierqa tal-Istat Membru responsabbli għall-approvazzjoni ta' validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jwettaq, jew wettaq il-validazzjoni.

L-awtorità xierqa li tirċievi t-talba għandha tibda l-proċess ta' dežinjazzjoni jew taqbel mal-awtorità xierqa ta' Stat Membru ieħor dwar id-delegazzjoni tagħha filwaqt li titqies il-kooperazzjoni politika jew tal-avjazzjoni, jew it-tnejn li huma.

6.8.4.3. Qabel id-dežinjazzjoni, għandha tiġi kkonfermata l-eliġibilità biex jinkiseb l-istatus ta' RA3 jew KC3 skont il-punt 6.8.4.1.

6.8.4.4. Id-dežinjazzjoni ta' entità bħala RA3 jew KC3 fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-merkanzija u tal-posta tagħha (iktar 'il quddiem, “l-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija”) għandha tkun abbażi ta':

(a) in-nomina ta' persuna b'responsabbiltà globali f'isem l-entità għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-merkanzija jew tal-posta fir-rigward tal-operazzjoni rilevanti tal-merkanzija; kif ukoll

(b) rapport ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jikkonferma l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà.

6.8.4.5. Lir-RA3 jew lill-KC3 innominati, l-awtorità xierqa għandha talloka identifikatur alfanumeriku uniku fil-format standard li jidentifika l-entità u l-pajjiż terz li għalih ġie nnominat biex jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' sigurtà fir-rispett tal-merkanzija jew il-posta li tkun sejra lejn l-Unjoni.

6.8.4.6. Id-dežinjazzjoni għandha tkun valida minn dakinhar li l-awtorità xierqa tkun daħħlet id-dettalji tal-entità fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, għal perjodu massimu ta' tliet snin.

6.8.4.7. Entità elenkata bħala RA3 jew KC3 fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista għandha tkun rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha għall-operazzjonijiet kollha mwettqin fir-rigward tal-merkanzija jew il-posta li tkun sejra lejn l-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz minn ACC3.

6.8.4.8. Id-dežinjazzjonijiet tal-RA3 u KC3 maħruġa qabel l-1 ta' Ġunju 2017 għandhom jiskadu ħames snin wara n-nomina tagħhom jew fl-31 ta' Marzu 2020, skont liema data tiġi l-ewwel.

6.8.4.9. Fuq talba mill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni tagħhom, validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandhom jagħmlu disponibbli d-dettalji li hemm fil-Parti 1 tal-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C2 jew fid-Dokument Mehmuż 6-C4, kif inhu xieraq, għal kull entità li jinnominaw, sabiex tiġi stabbilita lista konsolidata ta' entitajiet indikati mill-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

▼M20

_____

▼M2

6.8.5. **Il-validazzjoni tal-aġenti regolati u tal-kunsinnatarji magħrufa**

6.8.5.1. Sabiex jiġu nnominati bħala aġenti regolati u vvalidati tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew kunsinnatarji magħrufa, l-entitajiet minn pajjiżi terzi għandhom jiġu vvalidati skont waħda miż-żewġ għażliet li ġejjin:

▼M2

(a) il-programm tas-sigurtà tal-ACC3 għandu jistabbilixxi d-dettalji tal-kontrolli tas-sigurtà implimentati f'ismu minn entitajiet minn pajjiżi terzi minn fejn huwa jaċċetta l-merkanzija jew il-posta direttament sabiex jinġarru lejn l-Unjoni. Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE tal-ACC3 għandha tivvalida l-kontrolli tas-sigurtà applikati minn dawk l-entitajiet; jew

(b) l-entitajiet minn pajjiżi terzi għandhom jissottomettu l-attivitajiet rilevanti ta' ġestjoni tal-merkanzija għal validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin. Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(i) eżami tal-programm tas-sigurtà tal-entità li jiżgura r-rilevanza u l-kompletezza tiegħu fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa; kif ukoll

(ii) verifika fuq il-post tal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija.

Għal aġenti regolati ta' pajjiż terz, ir-rapport tal-validazzjoni għandu jikkonsisti mid-dikjarazzjoni tal-impenji kif stipulat fid-Dokument Mehmuż 6-H2, il-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C2, u għal kunsinnatarji magħrufa ta' pajjiż terz, ir-rapport għandu jkun magħmul mid-dikjarazzjoni tal-impenji kif stipulat fid-Dokument Mehmuż 6-H3 u l-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C4. Ir-rapport ta' validazzjoni għandu jinkludi wkoll dikjarazzjoni mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE kif stipulata fid-Dokument Mehmuż 11-A.

6.8.5.2. Ladarba l-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE skont il-punt (b) tal-punt 6.8.5.1 tkun tlestiet, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jissottometti r-rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa u għandu jipprovdi kopja lill-entità vvalidata.

6.8.5.3. L-attività ta' monitoraġġ tal-konformità mwettqa mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru jew mill-Kummissjoni tista' titqies bħala validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, sakemm din tkun tkopri l-oqsma kollha speċifikati fil-lista ta' kontroll stipulata fid-Dokument Mehmuż 6-C2 jew 6-C4, kif xieraq.

6.8.5.4. L-ACC3 għandu jżomm bażi tad-dejta li tagħti mill-inqas l-informazzjoni li ġejja għal kull aġent regolat jew kunsinnatarju magħruf li jkun soġġett għal validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE skont il-punt 6.8.5.1, minn fejn huwa jaċċetta l-merkanzija jew il-posta direttament sabiex jinġarru lejn l-Unjoni:

(a) id-dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz tan-negozju *bona fide*; kif ukoll

(b) in-natura tan-negozju, minbarra informazzjoni sensittiva għan-negozju, kif ukoll

(c) id-dettalji ta' kuntatt, inklużi dawk tal-persuna/i responsabbli mis-sigurtà, kif ukoll

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, jekk ikun applikabbli; kif ukoll

(e) ir-rapport ta' validazzjoni, fejn disponibbli; kif ukoll

(f) l-identifikatur alfanumeriku uniku attribwit fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

▼M15

_____

▼M2

Il-bażi tad-dejta għandha tkun disponibbli għal-ispezzjoni tal-ACC3.

Entitajiet oħrajn ivvalidati tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jistgħu jżommu bażi tad-dejta bħal din.

▼M12

_____

▼M2

6.8.6. **In-nuqqas ta' konformità u d-diskontinwità tad-dežinjazzjoni tal-ACC3 u tal-RA3 u tal-KC3**

6.8.6.1. *In-nuqqas ta' konformità*

▼M12

1. Meta l-Kummissjoni jew awtorità xierqa tidentifika jew tirċievi tagħrif bil-miktub fuq nuqqas serju relatat mal-operazzjonijiet ta' ACC3, ta' RA3 jew ta' KC3, li jitqies li jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell globali ta' sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni, hija għandha:

   (a) tinforma minnufih lit-trasportatur tal-ajru jew lill-entità kkonċernata, titlob kummenti u miżuri xierqa fir-rigward tan-nuqqas serju;

   (b) tinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

   In-nuqqas serju msemmi fl-ewwel paragrafu jista' jiġi identifikat matul waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

   (1) matul l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità;

   (2) matul l-eżami tad-dokumentazzjoni inkluż ir-rapport ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ta' operaturi oħra li huma parti mill-katina tal-provvista tal-ACC3, tal-RA3 jew tal-KC3;

   (3) mal-wasla ta' tagħrif fattwali bil-miktub mingħand awtoritajiet u/jew mingħand operaturi oħrajn fir-rigward tal-attivitajiet tal-ACC3, tal-RA3 jew tal-KC3 ikkonċernati, fil-forma ta' evidenza dokumentata li tindika b'mod ċar ksur tas-sigurtà.

▼M2

2. Meta l-ACC3, l-RA3 jew il-KC3 ma jkunx irrettifika n-nuqqas serju f'perijodu ta' żmien speċifiku, jew f'każ li l-ACC3, l-RA3, jew il-KC3 ma jirreaġixxix għat-talba stipulata fil-punt (a) tal-punt 6.8.6.1, l-awtorità, jew il-Kummissjoni għandha:

   (a) tiddiżattiva l-istatus ACC3, RA3, jew KC3 tal-operatur jew l-entità fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista; jew

   (b) titlob lill-awtorità xierqa responsabbli għad-dežinjazzjoni biex tiddiżattiva l-istatus ACC3 jew RA3, KC3 tal-operatur jew entità fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

   Fis-sitwazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, l-awtorità, jew il-Kummissjoni, għandha tinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

3. Trasportatur tal-ajru jew entità li l-istatus tagħhom, rispettivament bħala ACC3, RA3, jew KC3, ġew diżattivati skont il-punt 6.8.6.1.2 ma għandhomx jerġgħu jiddaħħlu jew jiġu inklużi fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista sakemm ma tkunx seħħet dežinjazzjoni mill-ġdid tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE f'konformità ma' 6.8.1 jew 6.8.4.

4. Jekk trasportatur tal-ajru jew entità ma jkunux għadhom detentur tal-istatus ta' ACC3, RA3, jew KC3, l-awtoritajiet xierqa għandhom jieħdu azzjoni xierqa biex ikunu ċerti li ACC3s, RA3s u KC3s oħra taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li joperaw fil-katina tal-provvista tat-trasportatur tal-ajru jew entità li tkun tilfet l-istatus, xorta jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

6.8.6.2. *Id-diskontinwità*

1. L-awtorità xierqa li nnominat l-ACC3, l-RA3 jew l-KC3 hija responsabbli għat-tneħħija tad-dettalji tiegħu mill-"Bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista":

   (a) fuq it-talba tat-trasportatur tal-ajru jew bi qbil miegħu jew l-entità; jew

   (b) fejn l-ACC3, l-RA3 jew l-KC3 ma jsegwix l-operazzjonijiet rilevanti tal-merkanzija u ma jirreaġixxix għal talba għall-kummenti jew inkella jfixkel il-valutazzjoni tar-riskju għall-avjazzjoni.

▼M2

2. Jekk trasportatur tal-ajru jew entità ma jkunux għadhom detentur tal-istatus ta' ACC3, RA3, jew KC3, l-awtoritajiet xierqa għandhom jieħdu azzjoni xierqa biex ikunu ċerti li ACC3s, RA3s u KC3s oħra taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li joperaw fil-katina tal-provvista tat-trasportatur tal-ajru jew entità li ma baqgħetx teżisti, xorta jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

▼M12

6.8.7. **Informazzjoni Antiċipata dwar il-Merkanzija qabel it-Tagħbija (PLACI)**

6.8.7.1. Skont l-Artikolu 186 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-proċess PLACI għandu jitwettaq qabel it-tluq minn pajjiż terz, mal-wasla għand l-awtorità doganali tal-ewwel punt ta' dħul, tas-sett ta' *data* minimu tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 106(2) u (2a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([1]).

6.8.7.2. Matul il-PLACI u meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli għall-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li jissuspetta li kunsinna li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni bl-ajru tista' tkun ta' theddida serja għall-avjazzjoni ċivili, dik il-kunsinna għandha tiġi ttrattata bħala merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM) f'konformità mal-punt 6.7. ►M16 Trasportatur tal-ajru ma għandux jgħabbi tali kunsinna għall-ġarr fl-Unjoni, sakemm il-miżuri meħtieġa kif stabbiliti fil-punti 6.8.7.3 u 6.8.7.4, kif applikabbli, ma jkunux ġew implimentati b'mod sodisfaċenti. ◄

6.8.7.3. It-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna f'pajjiż terz għajr dawk elenkati fid-Dokument Mehmuż 6-F u fl-Iżlanda, għandha, mal-wasla ta' notifika mill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li jeħtieġ li kunsinna tiġi ttrattata bħala merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM) f'konformità mal-punt 6.8.7.2:

(a) Timplimenta fir-rigward tal-kunsinna speċifika, il-kontrolli tas-sigurtà elenkati fil-punti 6.7.3 u 6.7.4 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005, f'każ ta' ACC3 jew ta' RA3 approvat għat-twettiq ta' kontrolli tas-sigurtà bħal dawn;

(b) tiżgura li ACC3 jew RA3 approvat għat-twettiq ta' kontrolli tas-sigurtà bħal dawn jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a). L-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul għandu jiġi pprovdut b'tagħrif f'każ li l-kunsinna tkun se tingħata jew tkun ingħatat lil operatur, lil entità jew lil awtorità oħra għall-applikazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà. Tali operatur, entità jew awtorità oħra għandha tiżgura l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà msemmijin fil-punt (a) u għandha tikkonferma lit-trasportatur tal-ajru, lill-operatur, lill-entità jew lill-persuna li mingħandha tkun waslet il-kunsinna, kemm l-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli tas-sigurtà kif ukoll ir-riżultati tagħhom;

(c) tikkonferma mal-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul kemm l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà msemmijin fil-punt (a) kif ukoll ir-riżultati tagħhom.

Il-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu ma għandhomx japplikaw fil-każ li l-kontrolli tas-sigurtà mitlubin jkunu ġew implimentati qabel. Madankollu, jekk ikun hemm tagħrif speċifiku dwar it-theddid li jkun sar disponibbli biss wara l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà preċedenti, it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna tista' tintalab tirrepeti l-kontrolli tas-sigurtà billi tuża mezzi u metodi speċifiċi, u tipprovdi konferma kif stabbilit fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu. It-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna jistgħu jiġu mgħarrfa dwar kwalunkwe element u tagħrif meħtieġ sabiex jintlaħaq b'mod effettiv l-objettiv tas-sigurtà.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

▼**M12**

6.8.7.4. It-trasportaturi tal-ajru, l-operaturi, l-entitajiet jew il-persuni f'pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-F jew fl-Iżlanda, li jirċievu notifika mill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li teħtieġ li kunsinna tiġi ttrattata bħala merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM) f'konformità mal-punt 6.8.7.2, għandhom:

(a) jimplimentaw, fir-rigward tal-kunsinna speċifika, tal-anqas il-kontrolli tas-sigurtà stabbiliti fl-Anness 17 tal-ICAO għal Merkanzija jew għal Posta b'Riskju Għoli ([1]);

(b) jiżguraw li r-rekwiżiti tal-punt (a) ikunu ssodisfati minn operatur, minn entità jew minn awtorità approvata mill-awtorità xierqa rilevanti fil-pajjiż terz għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli tas-sigurtà. L-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul għandu jiġi pprovdut b'tagħrif f'każ li l-kunsinna tkun se tingħata jew tkun ingħatat lil operatur, lil entità jew lil awtorità oħra għall-applikazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà. Tali operatur, entità jew awtorità oħra għandha tiżgura l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà msemmijin fil-punt (a) u għandha tikkonferma lit-trasportatur tal-ajru, lill-operatur, lill-entità jew lill-persuna li mingħandha tkun waslet il-kunsinna, kemm l-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli tas-sigurtà kif ukoll ir-riżultati tagħhom;

(c) tikkonferma mal-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul kemm l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà msemmijin fil-punt (a) kif ukoll ir-riżultati tagħhom.

Il-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu ma għandhomx japplikaw fil-każ li l-kontrolli tas-sigurtà mitlubin jkunu ġew implimentati qabel. Madankollu, jekk ikun hemm tagħrif speċifiku dwar it-theddid li jkun sar disponibbli biss wara l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà preċedenti, it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna tista' tintalab tirrepeti l-kontrolli tas-sigurtà billi tuża mezzi u metodi speċifiċi, u tipprovdi konferma kif stabbilit fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu. It-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna jistgħu jiġu mgħarrfa dwar kwalunkwe element u tagħrif meħtieġ sabiex jintlaħaq b'mod effettiv l-objettiv tas-sigurtà.

6.8.7.5. Matul il-PLACI u meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli għall-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li jissuspetta li kunsinna li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni bl-ajru toħloq theddida serja għas-sigurtà, u dan iwassal sabiex toħroġ notifika sabiex ma titgħabbhiex, dik il-kunsinna ma għandhiex titgħabba abbord inġenju tal-ajru, jew tinħatt minnu, skont kif ikun applikabbli.

6.8.7.6. It-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna f'pajjiż terz li tirċievi notifika mill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li tirrikjedi li kunsinna ma titgħabbiex abbord inġenju tal-ajru f'konformità mal-punt 6.8.7.5, għandha:

(a) tiżgura li l-kunsinna fil-pussess tagħha ma titgħabbiex abbord inġenju tal-ajru, jew tinħatt minnu minnufih f'każ li l-kunsinna diġà tkun tinsab abbord l-inġenju tal-ajru;

(b) tipprovdi konferma li hija ssodisfat it-talba lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) tikkoopera mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tal-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul;

(d) tinforma lill-awtorità xierqa għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-Istat fejn jinsab it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna li tirċievi n-notifika u tal-pajjiż terz fejn tkun tinsab il-kunsinna f'dak iż-żmien, jekk dan ikun differenti.

6.8.7.7. Jekk il-kunsinna tkun diġà ma' trasportatur tal-ajru, ma' operatur jew ma' entità oħra tul il-katina tal-provvista, it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna li tirċievi n-notifika sabiex kunsinna ma titgħabbiex li hija stabbilita fil-punt 6.8.7.5 għandha tinforma minnufih lil tali trasportatur tal-ajru, operatur, entità jew persuna oħra li hija għandha:

([1]) It-trasportaturi tal-ajru, l-operaturi u l-entitajiet fl-Iżlanda għandhom japplikaw il-punti 6.7.3 u 6.7.4 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼M12

(a) tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punti (a), (c) u (d) tal-punt 6.8.7.6;

(b) tikkonferma l-applikazzjoni tal-punt (b) tal-punt 6.8.7.6 lit-trasportatur tal-ajru, lill-operatur, lill-entità jew lill-persuna li rċiviet innotifika stabbilita fil-punt 6.8.7.5.

6.8.7.8. Jekk l-inġenju tal-ajru diġà jkun fl-ajru b'kunsinna abbord li għaliha l-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul kien innotifika, skont il-punt 6.8.7.5, li kunsinna ma tistax titgħabba, it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna li tirċievi n-notifika għandha tinforma minnufih:

(a) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru msemmija fil-punt (c) tal-punt 6.8.7.6 sabiex tinforma u tikkomunika mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tal-ewwel titjira li tgħaddi minn fuq l-Unjoni;

(b) lill-awtorità xierqa għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-pajjiż terz fejn jinsab it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna li tirċievi n-notifika u tal-pajjiż terz minn fejn li minnu tkun telqet t-titjira, jekk dan ikun differenti.

6.8.7.9. Wara n-notifika riċevuta mill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul li jkun ħareġ notifika kif stabbilit fil-punt 6.8.7.5, l-awtorità xierqa tal-istess Stat Membru għandha, kif applikabbli, timplimenta jew tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom, jew tikkoopera fi kwalunkwe azzjoni sussegwenti, inkluża l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiż terz tat-tluq u fejn applikabbli fil-pajjiż jew fil-pajjiżi ta' tranżitu u/jew ta' trasferiment, il-protokolli rilevanti ta' kontinġenza tas-sigurtà f'konformità mal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-Istat Membru u mal-istandards internazzjonali u mal-prattiki rakkomandati li jirregolaw il-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rispons għal atti ta' interferenza illegali.

6.8.7.10. It-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna f'pajjiż terz li tirċievi notifika maħruġa mill-awtorità doganali ta' pajjiż terz li jimplimenta skema ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Merkanzija qabel it-Tagħbija f'konformità mal-prinċipji stabbiliti mill-Qafas ta' Standards SAFE tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, għandha tiżgura l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6.8.7.3 u 6.8.7.4 u fil-punti 6.8.7.6, 6.8.7.7, 6.8.7.8.

Dan il-punt japplika biss fir-rigward ta' kunsinni ta' merkanzija jew ta' posta li jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji ta' hawn taħt:

(a) jinġarru għat-tranżitu jew għat-trasferiment f'ajruport tal-Unjoni qabel ma jaslu fid-destinazzjoni finali f'ajruport ibbażat fil-pajjiż terz tal-awtorità doganali li tinnotifika;

(b) jinġarru għat-tranżitu jew għat-trasferiment lejn ajruport tal-Unjoni qabel ma jkollhom tranżitu jew trasferiment ieħor lejn ajruport ibbażat fil-pajjiż terz tal-awtorità doganali li tinnotifika.

Għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6.8.7.6(c) u 6.8.7.8(a), it-trasportatur tal-ajru, l-operatur, l-entità jew il-persuna li tirċievi n-notifika f'pajjiż terz, għandha tinforma minnufih lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tal-ewwel illandjar fl-Unjoni.

Jekk l-inġenju tal-ajru jkun diġà fl-ajru, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tal-ewwel titjira li tgħaddi minn fuq l-Unjoni li għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-punt 6.8.7.9, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tal-ewwel illandjar fl-Unjoni.

L-awtoritajiet rilevanti kemm tal-Istat Membru tal-ewwel titjira li tgħaddi minn fuq l-Unjoni kif ukoll tal-Istat Membru tal-ewwel illandjar fl-Unjoni għandhom jinformaw lill-awtorità doganali rispettiva.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-A

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI — AĠENT REGOLAT

Skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li,

— skont l-aħjar tagħrif u twemmin tiegħi, it-tagħrif li jinsab fil-programm tas-sigurtà tal-kumpanija huwa veru u preċiż;

— il-prattiki u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-programm tas-sigurtà se jiġu implimentati u se jinżammu fis-siti kollha koperti bil-programm;

— dan il-programm tas-sigurtà se jiġi aġġustat u adattat sabiex ikun konformi ma' kull bidla rilevanti futura fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm [isem il-kumpanija] ma tkunx avżat lil [isem l-awtorità xierqa] li ma tixtieqx tibqa' fin-negozju bħala aġent regolat,

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] bil-miktub dwar:

▼M15

(a) bidliet ippjanati żgħar li jsiru fil-programm tas-sigurtà tagħha, bħalma huma isem il-kumpanija, l-indirizz tal-kumpanija, il-persuna responsabbli għas-sigurtà jew id-dettalji tal-kuntatt, il-bdil tal-persuna li teħtieġ l-aċċess għall-"Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista", minnufih u mill-inqas fi żmien sebat ijiem tax-xogħol qabel il-bidla ppjanata; u

▼B

(b) bidliet kbar li jkunu ppjanati, bħalma huma proċeduri ġodda ta' skrinjar, xogħlijiet kbar ta' kostruzzjoni li jistgħu jaffettwaw il-konformità tagħha mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew bidla fil-post/l-indirizz, tal-anqas fi żmien 15-il jum tax-xogħol qabel ma jinbdew/il-bidla ppjanata,

— sabiex tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-KE, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ fl-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u se tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif jintalab mill-ispetturi,

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] dwar kwalunkwe ksur serju tas-sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkustanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru, b'mod partikolari dwar kwalunkwe tentattiv ta' ħabi ta' oġġetti pprojbiti fil-kunsinni,

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi t-taħriġ skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u jkun konxju mir-responsabbiltajiet tiegħu għas-sigurtà fil-kuntest tal-programm tas-sigurtà tal-kumpanija; kif ukoll

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] jekk:

(a) ittemm in-negozju;

(b) ma tibqax tittratta ma' merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru; jew

(c) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

▼B

Naċċetta responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-B

GWIDA GĦALL-SPEDITURI MAGĦRUFA

Din il-gwida tgħinek tivvaluta l-arranġamenti eżistenti tas-sigurtà tiegħek imqabbla mal-kriterji meħtieġa għall-ispedituri magħrufa kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan għandu jippermettilek tiżgura li int tissodisfa r-rekwiżiti qabel ma torganizza żjara uffiċjali ta' validazzjoni fuq il-post.

Huwa importanti li l-validatur ikun jista' jkellem lill-persuni xierqa waqt iż-żjara ta' validazzjoni (eż. il-persuna responsabbli għas-sigurtà u l-persuna responsabbli għar-reklutaġġ tal-persunal). Se tintuża lista ta' kontroll tal-UE biex tirreġistra l-valutazzjonijiet tal-validatur. Ladarba timtela l-lista ta' kontroll tal-validazzjoni, it-tagħrif li jkun hemm fil-lista ta' kontroll se jiġi ttrattat bħala tagħrif ikklassifikat.

Jekk jogħġbok kun af li l-mistoqsijiet fuq il-lista ta' kontroll tal-UE huma ta' żewġ tipi: (1) dawk li f'każ ta' reazzjoni negattiva awtomatikament ifissru li ma tistax tiġi aċċettat bħala speditur magħruf u (2) dawk li se jintużaw biex joħolqu stampa ġenerali tad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà tiegħek sabiex lill-validatur jippermettulu jilħaq konklużjoni ġenerali. Il-partijiet fejn "insuffiċjenza" tiġi rreġistrata awtomatikament huma indikati bir-rekwiżiti indikati bit-tipa grassa hawn taħt. Jekk ikun hemm "insuffiċjenza" għar-rekwiżiti indikati bit-**tipa** grassa, jingħatawlek ir-raġunijiet għal dan u wkoll parir dwar l-aġġustamenti meħtieġa sabiex tgħaddi.

Jekk int detentur ta' ċertifikat AEO imsemmi fil-punt (b) jew (c) tal-Artikolu 14a (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2545/93 ([2]) (l-hekk imsejħa ċertifikati AEOF u AEOS) u jekk is-sit li għalih qed titlob l-istatus ta' speditur magħruf ġie eżaminat b'suċċess mill-awtoritajiet doganali f'data li ma tkunx qabel 3 snin mid-data tat-talba tal-istatus ta' speditur magħruf, int meħtieġ li timla, u li rappreżentant legali tal-kumpanija tiegħek jiffirma, l-Ewwel (1) Parti dwar l-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-impenji tal-"Lista ta' kontroll tal-validazzjoni għall-ispedituri magħrufa" li tinsab fid-Dokument Mehmuż 6-C.

Introduzzjoni

Il-merkanzija fuq il-post li se jiġi spezzjonat għandha tkun oriġinata mill-kumpanija tiegħek. Dan ikopri l-manifattura li ssir fuq il-post u operazzjonijiet ta' ġbir u ppakkjar (pick and pack) fejn l-oġġetti ma jkunux identifikabbli bħala merkanzija bl-ajru sakemm ma jintgħażlux biex titlesta ordni partikolari. (Ara wkoll in-Nota.)

Jeħtieġ li inti **tiddetermina meta kunsinna ta' merkanzija/posta ssir identifikabbli bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru** u turi li jeżistu l-miżuri rilevanti li jipproteġuha minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat. Dan għandu jinkludi dettalji dwar il-produzzjoni, l-ippakkjar, il-ħżin u/jew il-bgħit.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

▼B

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet

Se tkun meħtieġ tipprovdi dettalji dwar l-organizzazzjoni tiegħek (l-isem, in-numru tal-VAT jew tal-Kamra tal-Kummerċ jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-korporazzjoni jekk ikunu applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat AEO u d-data tal-aħħar eżami ta' dan is-sit mill-awtoritajiet doganali, jekk ikun applikabbli), l-indirizz tas-sit li għandu jiġi vvalidat u l-indirizz prinċipali tal-organizzazzjoni (jekk dan ikun differenti minn dak tas-sit li jkun se jiġi vvalidat). Huma meħtieġa: id-data taż-żjara tal-validazzjoni preċedenti u l-aħħar identifikatur alfanumeriku uniku (jekk ikun applikabbli), kif ukoll in-natura tal-kummerċ, l-għadd approssimattiv tal-ħaddiema fuq il-post, l-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli għas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru u d-dettalji ta' kuntatt.

Proċedura ta' reklutaġġ tal-persunal

Se jkun meħtieġ li tipprovdi dettalji dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ għall-persunal kollu (permanenti, temporanju jew persunal ta' aġenziji, xufiera) li jkollhom aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli. Il-proċedura ta' reklutaġġ għandha tinkludi **kontroll ta' qabel l-impjieg jew kontroll tal-preċedenti personali** skont il-punt 11.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Iż-żjara tal-validazzjoni fuq il-post se tinvolvi intervista mal-persuna responsabbli għar-reklutaġġ tal-persunal. Ikun meħtieġ li huwa/hija jippreżenta/tippreżenta evidenza (eż. formoli vojta) biex tissostanzja l-proċeduri tal-kumpanija. Din il-proċedura ta' reklutaġġ għandha tapplika għall-persunal irreklutat wara d-29 ta' April 2010.

Proċedura ta' taħriġ tal-persunal dwar sigurtà

Ikollok bżonn turi li l-**membri kollha tal-persunal** (permanenti, temporanji, persunal tal-aġenziji, xufiera) **li jkollhom aċċess għall-merkanzija bl-ajru/-posta bl-ajru jkunu ġew soġġetti għal taħriġ xieraq dwar kwistjonijiet ta' għarfien rigward is-sigurtà**. Dan it-taħriġ għandu jsir skont il-punt 11.2.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Għandhom jinżammu reġistri ta' taħriġ individwali. **Barra minn hekk, tkun meħtieġ turi li l-membri kollha tal-persunal rilevanti li jimplimentaw il-kontrolli tas-siġurtà jkunu rċevew taħriġ jew taħriġ rikorrenti skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998**.

Is-sigurtà fiżika

Se tintalab turi kif inhuwa protett is-sit tiegħek (eż. ċint fiżiku jew barriera) u li jeżistu l-proċeduri rilevanti ta' kontroll fuq l-aċċess. Fejn applikabbli, se tintalab tipprovdi dettalji dwar kwalunkwe sistema ta' allarm u/jew ta' CCTV possibbli. **Huwa essenzjali li l-aċċess għaż-żona fejn il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi pproċessata jew maħżuna, ikun ikkontrollat.** Jeħtieġ li l-bibien, it-twieqi u l-punti l-oħra ta' aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru jkunu sikurizzati jew soġġetti għal kontroll fuq l-aċċess.

Produzzjoni (jekk applikabbli)

Jeħtieġ li turi li l-aċċess għaż-żona tal-produzzjoni hija kkontrollata u l-proċess tal-produzzjoni huwa taħt sorveljanza. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-produzzjoni allura jkun meħtieġ li turi **li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju.**

Ippakkjar (fejn applikabbli)

Jeħtieġ li turi li l-aċċess għaż-żona tal-ippakkjar hija kkontrollata u l-proċess tal-ippakkjar huwa taħt sorveljanza. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-ippakkjar allura jkun meħtieġ li turi **li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju.**

▼B

Se tintalab tipprovdi dettalji dwar il-proċess tiegħek tal-ippakkjar u turi li l-oġġetti kollha lesti jiġu kkontrollati qabel l-ippakkjar.

Jeħtieġ li tiddeskrivi l-imballaġġ ta' barra meta jkun lest u turi li huwa b'saħħtu. Trid turi wkoll kif l-imballaġġ ta' barra, lest minn kollox, ma jkunx jista'jiġi mbagħbas, pereżempju bl-użu ta' siġilli nnumerati, tejp tas-sigurtà, timbri speċjali jew kaxxi tal-kartun magħluqa permezz tat-tejp. Teħtieġ turi wkoll li dawn jinżammu f'kundizzjonijiet ta' sigurtà meta ma jkunux qegħdin jintużaw u li tikkontrolla l-produzzjoni tagħhom.

Ħżin (fejn applikabbli)

Jeħtieġ li turi li l-aċċess għaż-żona tal-ħżin huwa kkontrollat. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru waqt li jkun qiegħed jinħażen allura jkun meħtieġ li turi **li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju.**

Fl-aħħar nett, **jeħtieġ li turi li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru lesta u ppakkjata tiġi ċċekkjata qabel il-bgħit**.

Bgħit (fejn applikabbli)

Jeħtieġ li turi li l-aċċess għaż-żona tal-bgħit huwa kkontrollat. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-bgħit allura jkun meħtieġ li turi **li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju.**

It-trasportazzjoni

Jeħtieġ li tipprovdi dettalji dwar il-metodu tat-trasport tal-merkanzija/posta għal għand l-aġent regolat.

Jekk tuża t-trasport tiegħek stess, jeħtieġ li turi li x-xufiera tiegħek ġew imħarrġa sal-livell meħtieġ. **Jekk il-kumpanija tiegħek tuża kuntrattur, jeħtieġ li tiżgura li a) il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tkun ġiet issiġillata jew ippakkjata minnek sabiex tiżgura li kull tbagħbis ikun evidenti u b) id-dikjarazzjoni tat-trasportatur kif inhi fid-Dokument Mehmuż 6-E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 ġiet iffirmata mit-trasportatur.**

Jekk inti responsabbli għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru, se jkollok turi li l-mezzi tat-trasport **jistgħu jiġu assigurati**, jew bl-użu ta' siġilli, jekk dan ikun prattikabbli, jew bi kwalunkwe mod ieħor. Meta jintużaw siġilli nnumerati, se jkollok turi li l-aċċess għas-siġilli huwa kkontrollat u n-numri huma rreġistrati; jekk jintużaw metodi oħra jeħtieġ li turi kif il-merkanzija/posta tkun tista' turi li ma ġietx imbgħabsa u/jew kif tinżamm sikura. Barra minn hekk jeħtieġ li turi li jeżistu miżuri biex tkun ivverifikata l-identità tax-xufiera tal-vetturi li jiġbru l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiegħek. Jeħtieġ ukoll li turi li inti tiżgura li l-merkanzija/posta tkun sikura meta tħalli l-bini. **Jeħtieġ li turi li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru hija protetta minn interferenza mhux awtorizzata waqt it-trasport.**

Mhux se jkollok tipprovdi evidenza dwar it-taħriġ tax-xufier jew kopja tad-dikjarazzjoni tat-trasportatur meta aġent regolat ikun għamel l-arranġamenti tat-trasport għall-ġbir tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru mill-bini tiegħek.

Responsabbiltajiet tal-ispeditur

Jeħtieġ li tiddikjara li se taċċetta spezzjonijiet mingħajr avviż minn qabel mill-ispetturi tal-awtorità xierqa għall-fini ta' monitoraġġ ta' dawn l-istandards.

▼B

Jeħtieġ ukoll li tiddikjara li tipprovdi [isem l-awtorità xierqa] bid-dettalji rilevanti minnufih iżda tal-anqas fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol jekk:

(a) ir-responsabbiltà komprensiva għas-sigurtà tkun assenjata lil kwalunkwe persuna għajr dik imsemmija

(b) ikun hemm kwalunkwe bidla oħra fil-bini jew fil-proċeduri li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurtà

(c) il-kumpanija tiegħek ma tibqax fin-negozju, ma tibqax tittratta merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru jew ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti.

Fl-aħħar nett jeħtieġ li tiddikjara li se żżomm l-istandards ta' sigurtà saż-żjara u/jew l-ispezzjoni sussegwenti tal-validazzjoni fuq il-post.

Imbagħad se tintalab taċċetta r-responsabbiltà sħiħa għad-dikjarazzjoni u tiffirma d-dokument tal-validazzjoni.

NOTI:

Apparat esplożiv jew inċendjarju

Apparat esplożiv u inċendjarju armat jista' jinġarr f'kunsinni ta' merkanzija jekk ir-rekwiżiti tar-regoli tas-sikurezza kollha jiġu ssodisfati kompletament.

Il-kunsinni minn sorsi oħra

Speditur magħruf jista' jgħaddi kunsinni li ma jkunx oriġinahom huwa stess għal għand aġent regolat, bil-kundizzjoni li:

(a) dawn ikunu separati minn kunsinni li jkun oriġina huwa stess; kif ukoll

(b) l-oriġini tkun indikata b'mod ċar fuq il-kunsinna jew fuq id-dokumentazzjoni mehmuża.

It-tali kunsinni kollha għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitgħabbew fuq inġenju tal-ajru.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-C

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦALL-ISPEDITURI MAGĦRUFA

Noti dwar il-mili:

Meta tkun qiegħed timla din il-formola jekk jogħġbok innota li:

— L-entrati mmarkati "(*)" huma dejta obbligatorja u JEĦTIEĠ li jimtlew.

— Jekk it-tweġiba għal kwalunkwe mistoqsija **b'tipa grassa** hija **LE**, il-validazzjoni **JEĦTIEĠ** li tiġi vvalutata bħala **INSUFFIĊJENTI**. Dan ma japplikax meta l-mistoqsijiet ma jkunux applikabbli,

— Il-valutazzjoni ġenerali tista' tiġi vvalutata biss bħala **SUFFIĊJENTI** wara li l-ispeditur ikun iffirma d-dikjarazzjoni tal-impenji fl-aħħar paġna.

— Id-dikjarazzjoni oriġinali tal-impenji jeħtieġ li tinżamm minn jew tkun disponibbli għall-awtorità xierqa sa ma tiskadi l-validazzjoni. Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tingħata wkoll lill-ispeditur.

▼B

PARTI 1

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet

1.1. Id-data tal-validazzjoni (*)	
jj/xx/ssss	
1.2. Id-data tal-validazzjoni preċedenti u l-Identifikatur Uniku, fejn ikun applikabbli	
jj/xx/ssss	
UNI	
1.3. Isem l-organizzazzjoni li se tiġi vvalidata (*)	
L-isem In-numru tal-VAT/Numru tal-Kamra tal-Kummerċ/Numru ta' reġistrazzjoni tal-korporazzjoni (jekk applikabbli)	
1.4. Tagħrif dwar iċ-ċertifikat AEOF jew AEOS, jekk applikabbli	
In-numru taċ-ċertifikat tal-AEO	
Id-data ta' meta dan is-sit ġie eżaminat l-aħħar mill-awtoritajiet doganali	
1.5. L-indirizz tas-sit li għandu jiġi vvalidat (*)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
Il-pajjiż	
1.6. L-indirizz prinċipali tal-organizzazzjoni (jekk dan ikun differenti minn dak tas-sit li se jiġi vvalidat, sakemm ikun fl-istess pajjiż)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
Il-pajjiż	
1.7. In-Natura tan-Negozju/Negozji — tipi ta' merkanzija pproċessati	

▼B

1.8. L-applikant huwa responsabbli għal:	
(a) Il-produzzjoni (b) L-ippakkjar (c) Il-ħażna (d) Il-bgħit (e) Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	
1.9. Għadd approssimattiv tal-impjegati fuq il-post	
1.10. L-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli għas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru (*)	
L-isem	
It-titolu tax-xogħol	
1.11. In-numri ta' kuntatt bit-telefown	
In-numru tat-telefown	
1.12. L-indirizz tal-posta elettronika (*)	
L-indirizz tal-posta elettronika	

PARTI 2

Il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli

L-għan: Li jiġi stabbilit il-punt (jew: il-post) fejn il-merkanzija/posta ssir identifikabbli bħala merkanzija bl-ajru/posta.

2.1. Permezz ta' spezzjoni tal-produzzjoni, l-ippakkjar, il-ħżin, l-għażla, il-bgħit u kwalunkwe parti oħra rilevanti, żgura fejn u kif kunsinna tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru ssir identifikabbli bħala tali.
Iddeskrivi:

N.B: **Għandu jingħata tagħrif dettaljat dwar il-protezzjoni ta' merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat fil-Partijiet 5 sa 8.**

PARTI 3

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-membri tal-persunal

L-għan: Li jiġi żgurat li l-membri kollha tal-persunal (permanenti, temporanji, persunal tal-aġenziji, xufiera) li jkollhom aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli jkunu ġew soġġetti għal kontroll xieraq ta' qabel l-impjieg u/jew kontroll tal-preċedenti personali kif ukoll jingħataw taħriġ skont il-punt 11.2.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Barra min hekk, li jiġi żgurat li l-membri kollha tal-persunal li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà fir-rigward tal-provvisti jitħarrġu skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Jekk il-mistoqsijiet 3.1 u 3.2 ikunu jew ma jkunux **tipa grassa** *(u għalhekk meta t-tweġiba tkun LE l-valutazzjoni jeħtieġ li tkun insuffiċjenza) jiddependi mir-regoli nazzjonali applikabbli tal-Istat fejn jinsab is-sit. Madankollu, tal-anqas waħda minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet jeħtieġ li tkun* **bit-tipa grassa**, *u permezz ta' dan jista' jkun permess li fejn ikun twettaq kontroll tal-isfond, u allura*

▼B

kontroll ta' qabel l-impjieg ma jkunx meħtieġ aktar. Jeħtieġ li l-persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà dejjem isirilha kontroll tal-preċedenti personali.

3.1. **Hemm proċedura ta' reklutaġġ għall-membri kollha tal-persunal li għandhom aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli li tinkludi kontroll ta' qabel l-impjieg skont il-punt 11.1.4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?** Din tapplika għall-persunal irreklutat wara d-29 ta' April 2010.	
IVA jew LE	
Jekk IVA, liema tip	
3.2. **Din il-proċedura ta' reklutaġġ tinkludi wkoll kontroll tal-preċedenti personali, inkluż kontroll tar-reġistri kriminali, skont il-punt 11.1.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?** Din tapplika għall-persunal irreklutat wara d-29 ta' April 2010.	
IVA jew LE	
Jekk IVA, liema tip	
3.3. **Il-proċess tal-ħatra tal-persuna msemmija responsabbli għall-applikazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post jinkudi rekwiżit għall-kontroll tal-preċedenti personali, inkluż kontroll tar-reġistri kriminali skont il-punt 11.1.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	

▼M15

3.4. **Il-persunal b'aċċess mingħajr superviżjoni għall-merkanzija bl-ajru/għall-posta bl-ajru identifikabbli li jimplimenta l-kontrolli tas-sigurtà jirċievi taħriġ dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.3.9 qabel ma jingħata l-aċċess mingħajr superviżjoni għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli?**	

▼B

IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
3.5. **Il-membri tal-persunal (kif imsemmi hawn fuq) jirċievu taħriġ ta' aġġornament skont il-frekwenza stabbilita għal dan it-taħriġ?**	
IVA jew LE	
3.6. **Valutazzjoni — il-miżuri huma biżżejjed sabiex jiżguraw li l-membri kollha tal-persunal li għandhom aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli u l-membri tal-persunal li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà jkunu ġew irreklutati u mħarrġa skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

▼B

PARTI 4

Is-sigurtà fiżika

L-għan: Li jiġi stabbilit jekk hemmx livell ta' sigurtà (fiżika) fis-sit jew fil-bini li huwa biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tkun protetta minn interferenza mhux awtorizzata.

4.1. Is-sit huwa protett b'ċint fiżiku jew barriera?	
IVA jew LE	
4.2. Il-punti ta' aċċess għas-sit kollha huma soġġetti għall-kontroll fuq l-aċċess?	
IVA jew LE	
4.3. Jekk IVA, il-punti ta' aċċess huma …?	
Issorveljati mill-persunal:	
Manwal	
Awtomatiċi	
Elettroniċi	
Oħrajn, speċifika	
4.4. Il-bini huwa magħmul minn kostruzzjoni solida?	
IVA jew LE	
4.5. Il-bini għandu sistema effikaċi tal-allarm?	
IVA jew LE	
4.6. Il-bini għandu sistema effikaċi tas-CCTV?	
IVA jew LE	
4.7. Jekk iva, l-immaġnijiet tas-CCTV huma rrekordjati?	
IVA jew LE	
4.8. Il-bibien, it-twieqi u l-punti l-oħra ta' aċċess kollha għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli sikuri jew soġġetti għall-kontroll fuq l-aċċess?	
IVA jew LE	
4.9. Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
4.10. **Valutazzjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-organizzazzjoni huma biżżejjed sabiex jevitaw aċċess mhux awtorizzat għal dawk il-partijiet tas-sit u l-bini fejn tiġi pproċessata jew maħżuna l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

▼B

PARTI 5

Il-produzzjoni

L-għan: Li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-produzzjoni.

5.1. L-aċċess għaż-żona tal-produzzjoni huwa kkontrollat?	
IVA jew LE	
5.2. Jekk IVA, kif?	
5.3. Il-proċess tal-produzzjoni huwa taħt sorveljanza?	
IVA jew LE	
5.4. Jekk IVA, kif?	
5.5. Jeżistu kontrolli li jevitaw it-tbagħbis fl-istadju tal-produzzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
5.6. **Valutazzjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-organizzazzjoni huma biżżejjed sabiex jipproteġu l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat tul il-produzzjoni?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

PARTI 6

L-ippakkjar

L-għan: Li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-ippakkjar.

6.1. Il-proċess tal-ippakkjar huwa taħt sorveljanza?	
IVA jew LE	
6.2. Jekk IVA, kif?	
6.3. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-imballaġġ estern meta jkun lest:	
(a) Meta jitlesta, l-imballaġġ estern huwa sod?	
IVA jew LE Iddeskrivi:	

▼B

(b) Meta jitlesta, l-imballaġġ estern juri li ma jkunx ġie mbagħbas?	
IVA jew LE	
Iddeskrivi:	
6.4(a) Jintużaw siġilli nnumerati, tejp tas-sigurtà jew timbri speċjali sabiex jintwera li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru ma ġietx imbagħbsa?	
IVA jew LE	
Jekk IVA:	
6.4(b) Is-siġilli nnumerati, it-tejp tas-sigurtà jew it-timbri speċjali jinżammu f'kundizzjonijiet sikuri meta ma jkunux qegħdin jintużaw?	
IVA jew LE	
Iddeskrivi:	
6.4(c) Il-ħruġ tas-siġilli nnumerati, it-tejp tas-sigurtà, u/jew it-timbri hu kkontrollat?	
IVA jew LE	
Iddeskrivi:	
6.5. Jekk it-tweġiba għal 6.4(a) hija IVA, kif isir dan il-kontroll?	
6.6. **Valutazzjoni: Il-proċeduri tal-ippakkjar huma biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza u/jew tbagħbis mhux awtorizzat?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

PARTI 7

Ħżin

L-għan: Li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-ħżin.

7.1. Meta tkun lesta u ppakkjata, il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tinħażen b'mod sikur u jiġi ċċekkjat jekk kienx hemm tbagħbis?	
IVA jew LE	
7.2. **Valutazzjoni: Il-proċeduri tal-ħżin huma biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tkun protetta minn interferenza u/jew tbagħbis mhux awtorizzat?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

▼B

PARTI 8

Il-bgħit

L-għan: Li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tul il-proċess tal-bgħit.

8.1. L-aċċess għaż-żona tal-bgħit huwa kkontrollat?	
IVA jew LE	
8.2. IVA, kif?	
8.3. Min għandu aċċess għaż-żona tal-bgħit?	
L-impjegati?	
IVA jew LE	
Ix-xufiera?	
IVA jew LE	
Il-viżitaturi?	
IVA jew LE	
Il-kuntratturi	
IVA jew LE	
8.4. **Valutazzjoni: Il-protezzjoni hija biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tkun protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat fiż-żona tal-bgħit?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

PARTI 8 A

Il-kunsinni minn sorsi oħra

L-għan: li jiġu stabbiliti proċeduri sabiex ikunu ttrattati kunsinni mhux sikuri.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet biss jekk il-kunsinni għat-trasport bl-ajru qegħdin jiġu aċċettati minn kumpaniji oħra.

8A.1. **Il-kumpanija taċċetta kunsinni ta' merkanzija maħsuba għat-trasport bl-ajru minn kwalunkwe kumpanija oħra?**	
IVA JEW LE	
8A.2. Jekk IVA, dawn kif jinżammu separati mill-merkanzija tal-kumpanija stess u kif jiġu identifikati għall-aġent regolat/it-trasportatur?	

▼B

PARTI 9

It-trasportazzjoni

L-għan: Li l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat.

9.1. Il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru kif tiġi ttrasportata għal għand l-aġent regolat?	
(a) Mill-aġent regolat, jew f'ismu?	
IVA jew LE	
(b) Bit-trasport tal-ispeditur stess?	
IVA jew LE	
(c) Minn kuntrattur li jintuża mill-ispeditur?	
IVA jew LE	
9.2. **Meta l-ispeditur juża kuntrattur:** — **il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi ssiġillata jew ippakkjata qabel tiġi ttrasportata sabiex jiġi żgurat li kull tbagħbis ikun evidenti? kif ukoll** — **it-trasportatur iffirmaha d-dikjarazzjoni tat-trasportatur?**	
IVA jew LE	
Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin biss meta 9.1(b) jew 9.1(c) japplikaw 9.3. Il-kompartiment tal-merkanzija tal-vettura tat-trasport jista' jiġi assigurat?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika kif …	
9.4(a) Meta l-kompartiment tal-merkanzija tal-vettura tat-trasport jista' jiġi assigurat, jintużaw siġilli nnumerati?	
IVA jew LE	
(b) Meta jintużaw is-siġilli nnumerati, l-aċċess għas-siġilli jkun ikkontrollat u n-numri jiġu rreġistrati malli jinħarġu?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika kif …	
9.5. Meta l-kompartiment tal-merkanzija tal-vettura tat-trasport ma jkunx jista' jiġi assigurat, ikun jista' jintwera li l-merkanzija/posta ma ġietx imbagħbsa?	
IVA jew LE	

▼B

9.6. Jekk IVA, iddeskrivi x'tip ta' evidenza tintuża biex jintwera li ma kienx hemm tbagħbis
9.7. Jekk LE, kif jinżamm sikur?
9.8. **Valutazzjoni: Il-miżuri huma biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza u/jew tbagħbis waqt it-trasport?**

IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI

Niddikjara li:

— **Se naċċetta spezzjonijiet mingħajr avviż minn qabel mill-ispetturi tal-awtorità xierqa għall-fini ta' monitoraġġ ta' dawn l-istandards. Jekk l-ispettur jiskopri kwalunkwe nuqqas serju fis-sigurtà, dan jista' jwassal għall-irtirar tal-istatus tiegħi bħala speditur magħruf.**

— **Se nipprovdi [isem l-awtorità xierqa] bid-dettalji rilevanti minnufih iżda tal-anqas fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol jekk:**

  — **ir-responsabbiltà komprensiva għas-sigurtà tkun assenjata lil kwalunkwe persuna għajr dik imsemmija fil-punt 1.10;**

  — **ikun hemm kwalunkwe bidla oħra fil-bini jew fil-proċeduri li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurtà kif ukoll**

  — **il-kumpanija ma tibqax fin-negozju, ma tibqax tittratta merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru jew ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti.**

— **Se nżomm l-istandards ta' sigurtà saż-żjara u/jew l-ispezzjoni sussegwenti tal-validazzjoni fuq il-post,**

— **Naċċetta responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.**

Iffirmat	
Pożizzjoni fil-kumpanija	

Valutazzjoni (u notifika)

Suffiċjenza/Insuffiċjenza	
Meta l-valutazzjoni ġenerali hija insuffiċjenza,elenka hawn taħt il-partijiet fejn l-ispeditur jonqos milli jilħaq l-istandard ta' sigurtà meħtieġ jew għandu vulnerabilità speċifika. Agħti parir ukoll dwar l-aġġustamenti meħtieġa sabiex jintlaħaq l-istandard meħtieġ u għalhekk sabiex ikollu suffiċjenza.	
Iffirmat	
(Isem il-validatur)	

▼M2

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-C2

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦAL AĠENTI REGOLATI U VVALIDATI TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE MINN PAJJIŻ TERZ

Entitajiet minn pajjiżi terzi jistgħu jagħżlu li jsiru parti minn katina ta' provvista sikura ta' ACC3 (*Merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li joperaw fl-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz*) billi jitolbu dażinjazzjoni bħala aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE minn pajjiż terz (RA3). RA3 huwa entità tal-immaniġġar tal-merkanzija li tinsab f'pajjiż terz li hija vvalidata u approvata bħala tali abbażi tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

RA3 għandu jiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà, inkluż l-iskrinjar fejn applikabbli, ikunu saru fuq il-kunsinni li jkunu sejrin lejn l-Unjoni Ewropea u li l-kunsinni jkunu ġew imħarsa minn interferenza mhux awtorizzata minn meta ġew applikati dawk il-kontrolli tas-sigurtà u sakemm il-kunsinni tgħabbew fuq inġenju tal-ajru jew inkella ngħataw lil ACC3 jew RA3 ieħor.

Il-prerekwiżiti għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru lejn l-Unjoni ([1]) jew l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma meħtieġa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Il-lista ta' kontroll hija l-istrument li għandu jintuża mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għall-valutazzjoni tal-livell ta' sigurtà applikat għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE ([2]) mill-entità li qed titlob dażinjazzjoni bħala RA3 jew taħt ir-responsabbiltà tagħha. Il-lista ta' kontroll għandha tintuża biss fil-każijiet speċifikati fil-punt (b) tal-punt 6.8.5.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Fil-każijiet speċifikati fil-punt (a) tal-punt 6.8.5.1 ta' dak l-Anness, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu juża l-lista ta' kontroll tal-ACC3.

Għandu jintbagħat rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa li tinnomina u lill-entità vvalidata fi żmien massimu ta' xahar wara l-verifika fuq il-post. Partijiet integrali tar-rapport ta' validazzjoni għandhom ikunu mill-inqas:

— il-lista ta' kontroll mimlija, iffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u, fejn applikabbli, bil-kummenti dwarha mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-impenji (id-Dokument Mehmuż 6-H2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) iffirmata mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-indipendenza (id-Dokument Mehmuż 11-A tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) fir-rigward tal-entità vvalidata ffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

In-numerazzjoni tal-paġni, id-data tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u l-inizjalar fuq kull paġna mill-validatur u mill-entità vvalidata għandhom ikunu l-prova tal-integrità tar-rapport tal-validazzjoni.

L-RA3 għandu jkun jista' juża r-rapport fir-relazzjonijiet tan-negozju tiegħu ma' kwalunkwe ACC3 u fejn applikabbli, u ma' kwalunkwe RA3.

([1]) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

([2]) Merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fil-lista ta' kontroll ta' din il-validazzjoni hija ekwivalenti għal merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-Unjoni u l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

▼M2

F'kull każ, ir-rapport tal-validazzjoni għandu jkun bl-Ingliż.

Il-Parti 5 — L-iskrinjar u l-Parti 6 — Merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM) għandhom jiġu vvalutati skont ir-rekwiżiti tal-Kapitoli 6.7 u 6.8 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Għall-partijiet l-oħrajn li ma jistgħux jiġu vvalutati skont ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, l-istandards bażi huma l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) tal-Anness 17 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-materjal ta' gwida li jinsab fil-Manwal tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO (id-Dokument 8973-Ristrett).

Noti dwar il-mili:

— Għandhom jimtlew il-partijiet rilevanti kollha applikabbli tal-lista ta' kontroll, f'konformità mal-mudell kummerċjali u l-operazzjonijiet tal-entità li jkunu qed jiġu vvalidati. Fejn ma jkun hemm ebda informazzjoni disponibbli, għandha tingħata spjegazzjoni għal dan.

— Wara kull parti, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk u safejn intlaħqu l-objettivi ta' din il-parti.

IL-PARTI 1

L-identifikazzjoni tal-entità vvalidata u tal-validatur

1.1. Id-data/i tal-validazzjoni	
Uża l-format eżatt tad-data, bħal 01.10.2012 sa 02.10.2012	
jj/xx/ssss	
1.2. Id-data tal-validazzjoni preċedenti fejn applikabbli	
jj/xx/ssss	
In-numru tar-reġistrazzjoni preċedenti tal-RA3, fejn disponibbli	
Ċertifikat AEO jew status C-TPAT jew ċertifikazzjonijiet oħrajn, fejn disponibbli	
1.3. Informazzjoni dwar il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni	
L-isem	
Kumpanija/Organizzazzjoni/Awtorità	
Identifikatur Alfanumeriku Uniku (UAI)	
L-indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	

▼**M2**

1.4. Isem l-entità	
L-isem	
In-numru tal-kumpanija (eż. numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru kummerċjali, fejn applikabbli)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	
L-indirizz tal-Kaxxa Postali, fejn applikabbli	
1.5. L-indirizz prinċipali tal-organizzazzjoni (jekk differenti mis-sit li se jiġi vvalidat)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	
L-indirizz tal-Kaxxa Postali, fejn applikabbli	
1.6. In-natura tan-negozju — Jista' jkun applikabbli aktar minn tip wieħed ta' negozju	
a) merkanzija bl-ajru biss b) bl-ajru u permezz ta' mezzi oħra ta' trasport c) persuna li tgħaddi l-merkanzija li għandha l-bini għall-merkanizja d) persuna li tgħaddi l-merkanzija li m' għandhiex bini għall-merkanizja e) aġent tal-maniġġar f) oħrajn	
1.7. L-applikant …?	
a) jirċievi merkanzija minn aġent regolat minn pajjiż terz ieħor	

▼M2

b) jirċievi merkanzija mingħand kunsinnatarji magħrufa minn pajjiż terz	
c) jirċievi merkanzija mingħand kunsinnatarji in konto minn pajjiż terz	
d) jirċievi merkanzija esportata	
e) merkanzija skrinjata	
f) merkanzija maħżuna	
g) oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	
1.8. Għadd approssimattiv tal-ħaddiema fuq il-post	
Numru	
1.9. L-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli mis-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru fil-pajjiż terz	
L-isem	
It-titolu tal-impjieg	
L-indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	

IL-PARTI 2

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE minn pajjiż terz

L-objettiv: L-ebda merkanzija jew posta bl-ajru ma tista' tinġarr lejn l-UE jew iż-ŻEE mingħajr ma tkun soġġetta għal kontrolli tas-sigurtà. Il-merkanzija u l-posta li jintbagħtu minn RA3 lil ACC3 jew lil RA3 ieħor jistgħu jiġu aċċettati biss bħala merkanzija jew posta sikura jekk jiġu applikati kontrolli tas-sigurtà bħal dawn mill-RA3. Id-dettalji ta' tali kontrolli huma pprovduti fil-Partijiet li ġejjin ta' din il-lista ta' kontroll.

L-RA3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li jiġu applikati l-kontrolli tas-sigurtà xierqa lill-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru kollha li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE u l-merkanzija jew il-posta sikura tiġi protetta sakemm tkun trasferita għand ACC3 jew RA3 ieħor. Il-kontrolli tas-sigurtà għandhom jinkludu wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) skrinjar fiżiku li jrid ikun ta' standard suffiċjenti biex jiżgura b'mod raġonevoli li ma nħeba ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna;

(b) kontrolli tas-sigurtà oħrajn li huma parti minn proċess ta' sigurtà tal-katina tal-provvista li jiżguraw b'mod raġonevoli li ma nħeba ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna u li ġew applikati minn RA3 ieħor, KC3 jew AC3 nominati mill-RA3.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

▼**M2**

2.1. L-entità stabbiliet programm ta' sigurtà?	
IVA jew LE	
Jekk LE mur mal-ewwel għall-punt 2.5.	
2.2. Programm tas-sigurtà tal-entità	
Id-data — uża l-format eżatt jj/xx/ssss	
Verżjoni	
Il-programm tas-sigurtà tressaq u/jew ġie approvat mill-awtorità xierqa tal-istat tal-entità? Jekk IVA, jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċess	
2.3. Il-programm tas-sigurtà jkopri biżżejjed l-elementi msemmija fil-partijiet 3 sa 9 tal-lista ta' kontroll?	
IVA jew LE	
Jekk LE, iddeskrivi għaliex billi tagħti r-raġunijiet fid-dettall	
2.4. Il-programm tas-sigurtà huwa konklużiv, robust u komplet?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
2.5. L-entità stabbilixxiet proċess sabiex tiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi sottomessa għal kontrolli xierqa tas-sigurtà qabel ma tiġi trasferita għand ACC3 jew RA3 ieħor?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
2.6. L-entità għandha fis-seħħ sistema ta' ġestjoni (bħalma huma strumenti, istruzzjonijiet) biex tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jiġu implimentati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi s-sistema ta' ġestjoni u spjega jekk hijiex approvata, iċċekkjata jew ipprovduta mill-awtorità xierqa jew minn entità oħra.	
Jekk LE, spjega kif l-entità tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà jiġu applikati bil-mod meħtieġ.	

▼M2

2.7. Il-konklużjonijiet u kummenti ġenerali dwar id-dipendenza, il-konklużività u r-robustezza tal-proċess.	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 3

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff

L-objettiv: Biex jiġi żgurat li l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jiġu implimentati, l-RA3 għandu jassenja staff kompetenti u responsabbli biex jaħdem fil-qasam tas-sikurezza tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru. L-istaff b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru taħt sigurtà għandu jkollu l-kompetenzi kollha meħtieġa sabiex iwettaq id-doveri tiegħu u għandu jingħatalu taħriġ adegwat.

Sabiex jissodisfa dan l-objettiv, l-RA3 għandu jkollu proċeduri sabiex jiżgura li l-istaff kollu (bħalma huwa dak permanenti, temporanju, l-istaff tal-aġenzija u x-xufiera) b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għal liema jkunu qegħdin jiġu jew kienu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà:

(a) kienu soġġetti għal verifiki inizjali u rikorrenti qabel l-impjieg jew għal verifika tal-preċedenti personali, li mill-inqas ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-bini tal-RA3 ivvalidat; kif ukoll

(b) ikunu temmew taħriġ inizjali u rikorrenti fis-sigurtà sabiex ikunu konxji mir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-bini tal-RA3 ivvalidat.

Nota:

— Verifika tal-preċedenti personali tfisser verifika tal-identità u l-esperjenza preċedenti ta' persuna, inkluż fejn ikun legalment permessibbli, kwalunkwe preċedent kriminali bħala parti mill-valutazzjoni tal-adattabilità ta' individwu sabiex jiġi implimentat kontroll tas-sigurtà u/jew għal aċċess mingħajr skorta għal żona ristretta ta' sigurtà (definizzjoni fl-Anness 17 tal-ICAO).

— Verifika qabel l-impjieg għandha tistabbilixxi l-identità tal-persuna fuq il-bażi ta' xhieda ddokumentata, tkopri l-impjieg, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuni matul mill-inqas il-ħames snin ta' qabel, u titlob lill-persuna tiffirma dikjarazzjoni li tiddeskrivi fid-dettall kwalunkwe preċedent kriminali fl-istati kollha tar-residenza matul mill-inqas il-ħames (5) snin ta' qabel (definizzjoni tal-Unjoni).

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

3.1. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-istaff kollu b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru taħt sigurtà jkun soġġett għal verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	

▼**M2**

3.2. Din il-proċedura tinkludi?	
☐ verifika tal-preċedenti personali ☐ verifika qabel l-impjieg ☐ verifika tar-rekords kriminali ☐ intervisti ☐ oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	
3.3. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-persuna responsabbli mill-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post tkun soġġetta għal verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	
3.4. Din il-proċedura tinkludi?	
☐ verifika tal-preċedenti personali ☐ verifika qabel l-impjieg ☐ verifika tar-rekords kriminali ☐ intervisti ☐ oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	
3.5. L-istaff b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà jirċievi xi taħriġ fis-sigurtà qabel jingħata aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi u t-tul tat-taħriġ	
3.6. L-istaff li jaċċetta, jiskrinja jew jipproteġi l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru jirċievi xi taħriġ relatat mal-impjieg speċifiku?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi u t-tul tal-korsijiet tat-taħriġ.	
3.7. L-istaff imsemmi fil-punti 3.5 u 3.6 jirċievi taħriġ rikorrenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika l-elementi u l-frekwenza tat-taħriġ rikorrenti	

▼**M2**

3.8. Konklużjoni: il-miżuri li jikkonċernaw ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff jiżguraw li l-istaff kollu b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà jkun irreklutat u mħarreġ kif xieraq għal standard li jkun biżżejjed sabiex ikollu sensibilizzazzjoni tar-responsabbiltajiet tas-sigurtà tiegħu?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 4

Il-proċeduri ta' aċċettazzjoni

L-objettiv: L-RA3 jista' jirċievi merkanzija jew posta minn RA3 ieħor, KC3, AC3 jew minn kunsinnatarju mhux magħruf. L-RA3 għandu jkollu proċeduri ta' aċċettazzjoni adegwati għall-merkanzija u għall-posta sabiex ikun jista' jistabbilixxi jekk kunsinna tiġix minn katina ta' provvista sikura jew le u sussegwentament liema miżura ta' sigurtà għandha tiġi applikata għaliha.

Meta jaċċetta kwalunkwe kunsinna, l-RA3 għandu jistabbilixxi l-istatus tal-entità li mingħandha jkun irċieva l-kunsinna filwaqt li jivverifika jekk l-identifikatur alfanumeriku uniku (UAI) tal-entità li tkun qed twassal il-kunsinni hux indikat fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, u jikkonferma li t-trasportatur tal-ajru jew l-entità li qed twassal il-kunsinna humiex elenkati bħala attivi fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista għall-ajruport jew il-post speċifikat, kif inhu xieraq.

Jekk ma jkunx hemm indikazzjoni tal-UAI fuq id-dokumentazzjoni jew jekk l-istatus tat-trasportatur tal-ajru jew l-entità fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista ma jkunx attiv, l-RA3 għandu jittratta l-kunsinni li jaslu daqs li kieku minn sors mhux magħruf.

Barra minn hekk, RA3 għandu jżomm bażi tad-dejta li tagħti mill-inqas l-informazzjoni li ġejja għal kull aġent regolat jew kunsinnatarju magħruf li jkun soġġett għall-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE skont il-punt 6.8.5.1, minn fejn huwa jaċċetta direttament il-merkanzija jew il-posta li għandha tintbagħat lil ACC3 għall-ġarr fl-Unjoni:

(a) id-dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz tan-negozju *bona fide*;

(b) in-natura tan-negozju, minbarra informazzjoni sensittiva għan-negozju,

(c) id-dettalji ta' kuntatt, inklużi dawk tal-persuna/i responsabbli mis-sigurtà,

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, jekk ikun applikabbli;

(e) ir-rapport ta' validazzjoni, fejn disponibbli;

(f) l-identifikatur alfanumeriku uniku attribwit fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

Ir-referenza: il-punti 6.8.3.1, 6.8.3.5, u 6.8.5.4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Nota: RA3 jista' jaċċetta biss merkanzija minn AC3 bħala merkanzija sikura, jekk dan l-RA3 ikun innomina lil dan il-kunsinnatarju bħala AC3 hu nnifsu, skont il-punt (c) tal-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u jagħmel tajjeb għall-merkanzija mibgħuta minn dan l-ikunsinnatarju.

▼**M2**

4.1. Meta taċċetta kunsinna, l-entità tistabbilixxi jekk din hijiex ġejja minn RA3 ieħor, KC3, AC3 jew kunsinnatarju mhux magħruf?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif?	
4.2. L-entità tivverifika l-indikazzjoni tal-UAI fuq id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-kunsinni riċevuti minn ACC3, RA3 ieħor jew KC3 u tikkonferma l-istatus attiv tal-ACC3, tal-RA3 jew tal-KC3 fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista?	
IVA jew LE	
4.3. L-entità għandha proċedura biex tiżgura li f'każ li d-dokumentazzjoni ma fihiex l-UAI jew l-entità minn fejn tkun ġejja l-merkanzija ma jkollha l-ebda status attiv fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, il-kunsinna tkun ittrattata bħala kunsinna li tkun ġejja minn sors mhux magħruf?	
IVA jew LE	
4.4. L-entità taħtar kunsinnatarji bħala AC3?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura u l-miżuri ta' salvagwardja li l-entità teħtieġ li l-kunsinnatarju jkollu.	
4.5. Meta taċċetta kunsinna, l-entità tistabbilixxi jekk id-destinazzjoni tkunx ajruport tal-UE jew taż-ŻEE?	
IVA jew LE — spjega	
4.6. Jekk IVA — l-entità tissottometti l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru kollha għall-istess kontrolli tas-sigurtà meta d-destinazzjoni tkun ajruport tal-UE jew taż-ŻEE?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura	
4.7. Meta taċċetta kunsinna, l-entità tistabbilixxi jekk din għandhiex titqies bħala merkanzija u posta b'riskju għoli (HRCM) (ara d-definizzjoni fil-Parti 6), inkluż għal kunsinni li jitwasslu b'mezzi oħrajn ta' trasport minbarra bl-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif? Iddeskrivi l-proċedura	
4.8. Meta taċċetta kunsinna taħt sigurtà, l-entità vvalidata tistabbilixxi jekk din kinitx protetta minn interferenza mhux awtorizzat jew tbagħbis?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi b'liema mezzi (pereżempju, bl-użu ta' siġilli, katnazzi, spezzjoni)	

▼**M2**

4.9. Il-persuna li twassal il-kunsinna hija meħtieġa tippreżenta dokument ta' identifikazzjoni uffiċjali li jkun fih ritratt?	
IVA jew LE	
4.10. Hemm fis-seħħ proċess li jidentifika l-kunsinni li jeħtieġu l-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif?	
4.11. Konklużjoni: Il-proċeduri ta' aċċettazzjoni huma biżżejjed biex jistabbilixxu jekk il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għal destinazzjoni ta' ajruport tal-UE jew taż-ŻEE tiġix minn katina ta' provvista sikura jew jekk hemmx bżonn li tiġi soġġetta għal skrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 5

L-iskrinjar

L-objettiv: Meta l-RA3 jaċċetta merkanzija u posta li ma jiġux minn katina ta' provvista sikura, jeħtieġ li l-RA3 jgħaddi lil dawn il-kunsinni minn skrinjar adegwat qabel ma jkunu jistgħu jintbagħtu lil ACC3 bħala merkanzija sikura. L-RA3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri sabiex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru li sejra l-UE jew iż-ŻEE għat-trasferiment, għat-tranżitu jew għall-ħatt f'ajruport tal-Unjoni jiġu skrinjati bil-mezzi jew bil-metodi msemmija fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal standard li jkun biżżejjed biex jiżgura b'mod raġonevoli li dawn ma jkun fihom l-ebda oġġett ipprojbit.

Meta l-iskrinjar tal-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru jitwettaq mill-awtorità xierqa fil-pajjiż terz jew f'isimha, l-RA3 għandu jiddikjara dan il-fatt u jispeċifika kif l-iskrinjar xieraq huwa żgurat.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

▼**M2**

5.1. L-iskrinjar isir f'isem l-entità minn entità oħra?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, Speċifika n-natura ta' dawn l-entitajiet u pprovdi d-dettalji: — kumpanija privata tal-iskrinjar; — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — oħrajn Speċifika n-natura tal-ftehim jew il-kuntratt bejn l-entità vvalidata u l-entità li tapplika l-iskrinjar f'isimha.	
5.2. L-entità kapaċi titlob li jsiru l-kontrolli xierqa tas-sigurtà f'każ li l-iskrinjar jitwettaq minn waħda mill-entitajiet ta' hawn fuq?	
IVA jew LE	
Jekk LE, ipprovdi d-dettalji	
5.3. Permezz ta' liema strumenti u struzzjonijiet (bħal sorveljanza, monitoraġġ u kontroll tal-kwalità) l-entità tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà huma applikati bil-mod meħtieġ?	
5.4. Liema metodi ta' skrinjar jintużaw għall-merkanzija bl-ajru u għall-posta bl-ajru?	
Speċifika, inkluži d-dettalji tal-apparat li jintuża għall-iskrinjar tal-merkanzija bl-ajru u tal-posta bl-ajru (bħalma huma l-manifattur, it-tip, il-verżjoni tas-softwer, l-istandard, in-numru tas-serje, eċċ.) għall-metodi kollha użati	
5.5. L-apparat jew il-metodu użat (bħall-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi) huwa inkluż fl-aktar lista ta' konformità riċenti tal-UE, tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) jew tal-Amministrazzjoni tas-Sigurtà tat-Trasport (TSA) tal-Istati Uniti tal-Amerka?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, ipprovdi d-dettalji	

▼M2

Jekk LE, agħti d-dettalji li jispeċifikaw l-approvazzjoni tal-apparat u d-data tagħha, kif ukoll kwalunkwe indikazzjoni li turi li l-apparat huwa konformi mal-istandards tal-apparat tal-UE	
5.6. L-apparat qiegħed jintuża skont il-kunċett tal-operazzjonijiet (il-CONOPS) tal-manifatturi u l-apparat qiegħed jiġi ttestjat u ssirlu manutenzjoni regolari?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
5.7. Fil-każ li jitħaddmu l-EDDs, dawn huma soġġetti għal taħriġ inizjali u rikorrenti, għall-approvazzjoni u l-proċess tal-kontroll tal-kwalità għal standard ekwivalneti tar-rekwiżiti tal-UE jew tat-TSA?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess sħiħ u d-dokumentazzjoni relatata li jsostnu l-istima	
5.8. Fil-każ li jintużaw l-EDDs, il-proċess ta' skrinjar isegwi metodoloġija ta' skjerament ekwivalenti għall-istandards tal-UE jew tat-TSA?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess sħiħ u d-dokumentazzjoni relatata li jsostnu l-istima	
5.9. In-natura tal-kunsinna qiegħda tittieħed f'kunsiderazzjoni matul l-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħed jiġi żgurat li l-metodu ta' skrinjar magħżul qiegħed jitħaddem għal standard li jkun biżżejjed biex jiżgura b'mod raġonevoli li ma jitqiegħed ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna.	
5.10. Hemm xi proċess għar-riżoluzzjoni tal-allarm iġġenerat mill-apparat tal-iskrinjar? Għal xi tagħmir, bħalma hu tagħmir tar-raġġi X, l-allarm jiġi skattat mill-operatur innifsu.	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess li jintuża għar-riżoluzzjoni tal-allarmi sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli n-nuqqas ta' oġġetti pprojbiti.	

▼M2

Jekk LE, iddeskrivi x'jiġri mill-kunsinna.	
5.11. Hemm xi kunsinni li huma eżentati mill-iskrinjar tas-sigurtà?	
IVA jew LE	
5.12. Hemm xi eżenzjonijiet li mhumiex konformi mal-lista tal-Unjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
5.13. L-aċċess għaż-żona tal-iskrinjar huwa kkontrollat sabiex jiġi żgurat li l-istaff awtorizzat u mħarreġ biss jingħata aċċess?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
5.14. Hemm xi sistema stabbilita ta' kontroll tal-kwalità u/jew ittestjar fis-seħħ?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
5.15. Konklużjoni: Il-merkanzija jew il-posta bl-ajru qiegħda tiġi skrinjata b'wieħed mill-mezzi jew metodi elenkati fil-punt 6.2.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 għal standard biżżejjed sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li din ma jkun fiha ebda oġġett ipprojbit?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 6

Il-Merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM)

L-objettiv: Il-kunsinni li joriġinaw minn jew li jkunu involuti fi trasferiment f'postijiet identifikati bħala ta' riskju għoli mill-Unjoni jew li jidhru li ġew imbagħbsa b'mod sinifikanti għandhom jiġu kkunsidrati bħala merkanzija u posta b'riskju għoli (HRCM). Kunsinni bħal dawn għandhom jiġu skrinjati skont struzzjonijiet speċifiċi. L-RA3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri li permezz tagħhom jiżgura li tiġi identifikata l-HRCM li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE u li din tkun soġġetta għal kontrolli xierqa kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-ACC3 fejn l-RA3 jibgħat merkanzija jew posta bl-ajru għat-trasportazzjoni għandu jiġi awtorizzat li jinforma lill-RA3 dwar l-aktar stat riċenti tal-informazzjoni rilevanti dwar l-oriġini ta' riskju għoli.

▼**M2**

L-RA3 għandu japplika l-istess miżuri, irrispettivament minn jekk huwa jirċevix merkanzija u posta ta' riskju għoli minn trasportatur tal-ajru jew permezz ta' mezzi oħrajn ta' trasportazzjoni.

Ir-referenza: il-punt 6.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni(UE) 2015/1998.

Nota: L-HRCM li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni sabiex tinġarr lejn l-UE/iż-ŻEE għandha tingħata l-istatus ta' "SHR", jiġifieri li hija sikura għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija kollha u tal-posta kollha f'konformità mar-rekwiżiti tar-riskju għoli.

6.1. L-istaff responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà jaf liema merkanzija u posta bl-ajru għandha tiġi ttrattata bħala merkanzija u posta ta' riskju għoli (HRCM)?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
6.2. L-entità għandha fis-seħħ xi proċeduri għall-identifikazzjoni tal-HRCM?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
6.3. L-HRCM hija soġġetta għal proċeduri ta' skrinjar tal-HRCM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni?	
IVA jew LE	
Jekk LE, indika l-proċeduri applikati	
6.4. Wara l-iskrinjar, l-entità toħroġ dikjarazzjoni dwar l-istatus tas-sigurtà għall-SHR fid-dokumentazzjoni li takkumpanja l-kunsinna?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif jinħareġ l-istatus tas-sigurtà u f'liema dokument	
6.5. Konklużjoni: Il-proċess implimentat mill-entità huwa rilevanti u suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-HRCM kollha jkunu ġew ittrattati kif xieraq qabel tgħabbew?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

▼M2

IL-PARTI 7

Il-protezzjoni tal-merkanzija u l-posta bl-ajru taħt sigurtà

L-objettiv: L-RA3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri sabiex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru u/jew il-posta bl-ajru li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE tkun protetta minn interferenza mhux awtorizzata u/jew xi tbagħbis mill-punt li jiġu applikati l-iskrinjar tas-sigurtà jew kontrolli oħrajn tas-sigurtà jew mill-punt ta' aċċettazzjoni wara li jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà jew l-iskrinjar, sakemm titgħabba jew tiġi trasferita għand ACC3 jew RA3 ieħor. Jekk merkanzija u posta bl-ajru li qabel kienu taħt sigurtà ma jibqgħux protetti, ma jkunux jistgħu jitgħabbew jew jiġu trasferiti għand ACC3 jew RA3 ieħor bħala merkanzija jew posta sikura.

Il-protezzjoni tista' tiġi pprovduta b'mezzi differenti bħal mezzi fiżiċi (pereżempju, barrikati, kmamar imsakkrin,), umani (pereżempju, patrols, staff imħarreġ) u teknoloġiċi (pereżempju, CCTV, allarm ta' dħul).

Il-merkanzija jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE li tkun taħt sigurtà għandha tiġi separata mill-merkanzija jew mill-posta bl-ajru li ma tkunx taħt sigurtà.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

7.1. Il-protezzjoni ta' merkanzija bl-ajru u posta bl-ajru taħt sigurtà hija applikata f'isem l-entità vvalidata minn entità oħra?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, Speċifika n-natura ta' dawn l-entitajiet u pprovdi d-dettalji: — kumpanija privata tal-iskrinjar; — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — oħrajn	
7.2. Il-protezzjoni u l-kontrolli tas-sigurtà qegħdin fis-seħħ biex jipprevjenu milli jsir xi tbagħbis matul il-proċess tal-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi Speċifika x'tip/i ta' protezzjoni/jiet hemm fis-seħħ: — fiżika (pereżempju, ċnut, barrikati, bini ta' kostruzzjoni solida, eċċ.) — umana (pereżempju, pattulja eċċ.), — teknoloġika (pereżempju, CCTV, sistema ta' allarm). Spjega kif inhuma organizzati	

▼M2

7.3. Il-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru taħt sigurtà huma biss aċċessibbli għal persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi Speċifika kif il-punti kollha tal-aċċess (inklużi l-bibien u t-twieqi) għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli u taħt sigurtà huma kkontrollati.	
7.4. Hemm fis-seħħ xi proċeduri li jiżguraw li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE, li għaliha ġew applikati kontrolli tas-sigurtà, hija protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn dak il-ħin li titpoġġa taħt sigurtà sakemm titgħabba jew tiġi trasferita għand ACC3 jew RA3 ieħor?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħda tiġi protetta (pereżempju, b'mezzi fiżiċi, umani, teknoloġiċi) Speċifika wkoll jekk il-bini huwiex magħmul minn kostruzzjoni solida u x'tipi ta' materjali qed jiġu użati, jekk disponibbli.	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
7.5. Konklużjoni: Il-protezzjoni tal-kunsinni hija robusta biżżejjed biex tipprevjeni interferenza illegali?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 8

Dokumentazzjoni

L-objettiv: L-RA3 għandu jiżgura li d-dokumentazzjoni li takkumpanja kunsinna li fuqha l-RA3 ikun applika l-kontrolli tas-sigurtà (bħal skrinjar, protezzjoni), ikun fiha mill-inqas:

(a) l-identifikatur alfanumeriku uniku li wasal mingħand l-awtorità xierqa li tinnomina; kif ukoll

▼M2

(b) l-identifikatur uniku tal-kunsinna, bħalma huwa n-numru tal-polza tal-vjaġġ bl-ajru (house jew master), fejn applikabbli; kif ukoll

(c) il-kontenut tal-kunsinna; kif ukoll

(d) l-istatus tas-sigurtà, indikat kif ġej:

— "SPX", li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta, jew

— "SCO", li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-merkanzija u tal-posta biss, jew

— "SHR", li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta kollha skont rekwiżiti ta' riskju għoli;

Jekk l-istatus ta' sigurtà jinħareġ mill-RA3, l-entità għandha tindika wkoll ir-raġunijiet għall-ħruġ tiegħu, bħalma hu l-mezz jew il-metodu li ntuża għall-iskrinjar jew ir-raġunijiet li għalihom il-kunsinna ġiet eżentata mill-iskrinjar filwaqt li jintużaw l-istandards adottati fl-iskema tal-Kunsinna Dikjarazzjoni ta' Sigurtà.

Id-dokumentazzjoni li takkumpanja tista' tkun jew fil-forma ta' polza tal-vjaġġ bl-ajru, ta' dokumentazzjoni postali ekwivalenti jew f'dikjarazzjoni separata u jew fil-format elettroniku jew bil-miktub;

Ir-referenza: il-punti (d) tal-punt 6.3.2.6, il-punti 6.8.3.4, 6.8.3.5 u 6.8.3.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

8.1. L-entità tiżgura li d-dokumentazzjoni xierqa ta' akkumpanjament hija stabbilita u tinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d) tal-punt 6.3.2.6, il-punti 6.8.3.4, 6.8.3.5 u 6.8.3.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998	
IVA jew LE	
Jekk LE, spjega għaliex	
8.2. B'mod partikolari, l-entità tispeċifika l-istatus tas-sigurtà tal-merkanzija u kif inkiseb dan l-istatus?	
IVA jew LE	
Jekk LE, spjega għaliex	
8.3. Konklużjoni: Il-proċess tad-dokumentazzjoni huwa biżżejjed biex jiġi żgurat li l-merkanzija jew il-posta jkollha magħha d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament xierqa li tispeċifika l-istatus korrett tas-sigurtà u l-informazzjoni kollha meħtieġa?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

▼M2

IL-PARTI 9

It-trasport

L-objettiv: Il-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru għandhom jiġu protetti minn interferenza mhux awtorizzata jew tbagħbis minn meta jitpoġġew taħt sigurtà sakemm jitgħabbew jew sakemm jiġu trasferiti għand ACC3 jew RA3 ieħor. Dan jinkludi protezzjoni waqt it-trasportazzjoni sal-inġenju tal-ajru, għand l-ACC3 jew għand RA3 ieħor. Jekk merkanzija u posta bl-ajru li qabel kienu taħt sigurtà ma jkunux protetti waqt it-trasportazzjoni, ma jkunux jistgħu jitgħabbew jew jiġu trasferiti għand ACC3 jew RA3 ieħor bħala merkanzija sikura.

Waqt it-trasportazzjoni sal-inġenju tal-ajru, ACC3 jew RA3 ieħor, l-RA3 huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-kunsinni sikuri. Dan jinkludi każijiet fejn it-trasportazzjoni ssir minn entità oħra, bħal persuna li tgħaddi l-merkanzija, f'isimha. Dan ma jinkludix każijiet fejn il-kunsinni huma ttrasportati taħt ir-responsabbiltà ta' ACC3 jew RA3 ieħor.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

9.1. Kif tasal il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għand ACC3 jew għand RA3 ieħor?	
(a) It-trasport proprju tal-entità vvalidata?	
IVA jew LE	
(b) It-trasport ta' RA3 jew ta' ACC3 ieħor?	
IVA jew LE	
(c) Il-kuntrattur użat mill-entità vvalidata?	
IVA jew LE	
9.2. Il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tbagħbset b'mod evidenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif	
9.3. Il-vettura tiġi ssiġġillata jew imsakkra qabel it-trasportazzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif	
9.4. Meta jintużaw is-siġilli nnumerati, l-aċċess għas-siġilli jkun ikkontrollat u n-numri jiġu rreġistrati malli jinħarġu?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika kif	
9.5. Jekk applikabbli, it-trasportatur rispettiv jiffirma d-dikjarazzjoni tat-trasport?	
IVA jew LE	

▼M2

9.6. Il-persuna li tittrasporta l-merkanzija ġiet soġġetta għal kontrolli speċifiċi ta' sigurtà u taħriġ ta' sensibilizzazzjoni qabel ma ġiet awtorizzata tittrasporta merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru taħt sigurtà, jew it-tnejn?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, jekk jogħġbok iddeskrivi x'tipi ta' kontrolli tas-sigurtà (kontroll qabel l-impjieg, verifika tal-preċedenti personali) u x'tip ta' taħriġ (taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà, eċċ.)	
9.7. Konklużjoni: Il-miżuri huma biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza mhux awtorizzata waqt it-trasport?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 10

Il-konformità

L-objettiv: Wara li jivvaluta l-Partijiet 1 sa 9 ta' din il-lista ta' kontroll, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk il-verifika fuq is-sit tiegħu tikkonfermax l-implimentazzjoni tal-kontroll tas-sigurtà f'konformità mal-objettivi elenkati f'din il-lista ta' kontroll għall-merkanzija bl-ajru/-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE.

Huma possibbli żewġ xenarji differenti. Il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jikkonkludi li l-entità:

1. irnexxielha tikkonforma mal-objettivi msemmija f'din il-lista ta' kontroll. Għandu jintbagħat rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa li tinnomina u lill-entità vvalidata fi żmien massimu ta' xahar wara l-verifika fuq il-post.

2. ma rnexxilhiex tikkonforma mal-objettivi msemmija f'din il-lista ta' kontroll. F'dak il-każ, l-entità ma tkunx awtorizzata li tibgħat merkanzija jew posta bl-ajru fid-destinazzjoni tal-UE jew taż-ŻEE għand ACC3 jew RA3 ieħor. Hija għandha tirċievi kopja tal-lista ta' kontroll kompluta li tgħid x'inhuma n-nuqqasijiet.

10.1. Konklużjoni ġenerali: Indika l-każ li huwa l-eqreb għas-sitwazzjoni vvalidata	
1 jew 2	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	
Il-kummenti mill-entità	

Isem il-validatur:

Id-data:

Il-firma:

▼M2

ANNESS

Il-lista ta' persuni u entitajiet li saritilhom żjara jew li ġew intervistati

Għandhom jingħataw isem l-entità, l-isem u l-kariga tal-persuna ta' kuntatt u d-data taż-żjara jew tal-intervista.

Isem l-entità	Isem il-persuna ta' kuntatt	Il-kariga tal-persuna ta' kuntatt	Id-data taż-żjara/l-intervista

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-C3

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦALL-ACC3

Id-dežinjazzjoni ACC3 (*Trasportatur tal-merkanzija jew tal-posta bl-ajru li jopera lejn l-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz*) hija l-prerekwiżit għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru lejn l-Unjoni Ewropea ([1]) (UE) jew l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera u hija meħtieġa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Id-dežinjazzjoni ACC3 hija fil-prinċipju meħtieġa għat-titjiriet kollha li jġorru merkanzija jew posta għat-trasferiment, għat-tranżitu jew għall-ħatt fl-ajruporti tal-UE jew taż-ŻEE ([2]). L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Iżvizzera huma lkoll responsabbli għad-dežinjazzjoni ta' trasportaturi tal-ajru speċifiċi bħala ACC3. Id-dežinjazzjoni hija bbażata fuq il-programm tas-sigurtà ta' trasportatur tal-ajru u fuq verifika fuq il-post tal-implimentazzjoni skont l-objettivi msemmija f'din il-lista ta' kontroll tal-validazzjoni.

Il-lista ta' kontroll hija l-istrument li għandu jintuża mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għall-valutazzjoni tal-livell ta' sigurtà applikata għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-ACC3 jew trasportatur tal-ajru li japplika għal dežinjazzjoni bħala ACC3.

([1]) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

([2]) Merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fil-lista ta' kontroll ta' din il-validazzjoni hija ekwivalenti għal merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-Unjoni u l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

▼M2

Għandu jintbagħat rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa li tinnomina u lill-entità vvalidata fi żmien massimu ta' xahar wara l-verifika fuq il-post. Partijiet integrali tar-rapport ta' validazzjoni għandhom ikunu mill-inqas:

— il-lista ta' kontroll mimlija, iffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u, fejn applikabbli, bil-kummenti dwarha mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-impenji (id-Dokument Mehmuż 6-H1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) iffirmata mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-indipendenza (id-Dokument Mehmuż 11-A tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) fir-rigward tal-entità vvalidata ffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

In-numerazzjoni tal-paġni, id-data tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u l-inizjalar fuq kull paġna mill-validatur u mill-entità vvalidata għandhom ikunu l-prova tal-integrità tar-rapport tal-validazzjoni. F'kull każ, l-abbozz tar-rapport tal-validazzjoni għandu jkun bl-Ingliż.

Il-Parti 3 — Il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru, il-Parti 6 — Il-bażi tad-dejta, il-Parti 7 — L-iskrinjar u l-Parti 8 — Merkanzija jew posta b'riskju għoli (HRCM) għandhom jiġu vvalidati fl-isfond tar-rekwiżiti tal-Kapitoli 6.7 u 6.8 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Għall-partijiet l-oħrajn, l-istandards bażi huma l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) tal-Anness 17 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-materjal ta' gwida li jinsab fil-Manwal tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO (id-Dokument 8973-Ristrett).

Noti dwar il-mili:

— Għandhom jimtlew il-partijiet rilevanti kollha applikabbli tal-lista ta' kontroll, f'konformità mal-mudell kummerċjali u l-operazzjonijiet tal-entità li jkunu qed jiġu vvalidati. Fejn ma jkun hemm ebda informazzjoni disponibbli, għandha tingħata spjegazzjoni għal dan.

— Wara kull parti, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk u safejn intlaħqu l-objettivi ta' din il-parti.

IL-PARTI 1

L-identifikazzjoni tal-entità vvalidata u tal-validatur

1.1. Id-data/i tal-validazzjoni	
Uża l-format eżatt tad-data, bħal 01.10.2012 sa 02.10.2012	
jj/xx/ssss	
1.2. Id-data tal-validazzjoni preċedenti u l-identifikatur alfanumeriku uniku (UAI) tal-ACC3, fejn disponibbli	
jj/xx/ssss	
UAI	

▼**M2**

1.3. Informazzjoni dwar il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni	
L-isem	
Kumpanija/Organizzazzjoni/Awtorità	
UAI	
L-indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċijiet internazzjonali	
1.4. L-isem tat-trasportatur tal-ajru li għandu jiġi vvalidat	
L-isem	
AOC (iċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru) maħruġ fi (l-isem tal-Istat):	
Il-kodiċi tal-l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA), jew il-kodiċi tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jekk il-kodiċi tal-IATA ma jeżistix. Speċifika liema kodiċi japplika.	
L-Istat responsabbli għad-dežinjazzjoni tat-trasportatur tal-ajru bħala ACC3	
1.5. Id-dettalji tal-post tal-ajruport tal-pajjiż terz li għandu jiġi vvalidat jew il-faċilitajiet tal-merkanzija jew il-posta marbuta miegħu	
L-isem	
Il-kodiċi tal-IATA jew tal-ICAO għall-ajruport	
Il-pajjiż	
1.6. In-natura tan-negozju tat-trasportatur tal-ajru — Jista' jkun applikabbli aktar minn tip wieħed ta' negozju	
(a) trasportatur tal-passiġġieri u tal-merkanzija/posta (b) trasportatur tal-merkanzija u l-posta biss (c) trasportatur tal-merkanzija biss (d) trasportatur tal-posta biss (e) integratur. (f) noleġġ.	
1.7. L-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli mis-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru fil-pajjiż terz	
L-isem	
It-titolu tal-impjieg	
L-indirizz tal-posta elettronika	

▼M2

In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċijiet internazzjonali	
1.8. L-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tat-trasportatur tal-ajru fl-ajruport fejn issir iż-żjara	
In-Numru/l-Unità/il-Binja/l-Ajruport	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	
1.9. L-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tat-trasportatur tal-ajru, pereżempju, l-kwartieri korporattivi	
In-Numru/l-Unità/il-Binja/l-Ajruport	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	

IL-PARTI 2

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-ACC3 fl-ajruport

L-objettiv: Ebda merkanzija jew posta bl-ajru ma tista' tinġarr lejn l-UE jew iż-ŻEE mingħajr ma tkun soġġetta għal kontrolli tas-sigurtà. Id-dettalji ta' tali kontrolli huma pprovduti mill-Partijiet li ġejjin ta' din il-lista ta' kontroll. L-ACC3 ma għandux jaċċetta merkanzija jew posta biex tinġarr fuq inġenju tal-ajru li jkun sejjer lejn l-UE sakemm l-applikazzjoni tal-iskrinjar jew ta' kontrolli tas-sigurtà oħrajn ma tkunx ikkonfermata u ġġustifikata minn aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, minn kunsinnatarju magħruf ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew minn kunsinnatarju in konto maħtur minnu stess jew aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, jew sakemm tali kunsinni ma jkunux soġġetti għall-iskrinjar skont ir-regoli tal-Unjoni.

L-ACC3 għandu jkollu proċess sabiex jiżgura li jiġu applikati kontrolli xierqa tas-sigurtà għall-merkanzija u l-posta bl-ajru kollha li jkunu sejrin lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE sakemm dawn ma jkunux eżentati mill-iskrinjar skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u bil-kundizzjoni li l-merkanzija jew il-posta jkunu protetti minn hemm 'il quddiem sakemm jitgħabbew fuq l-inġenju tal-ajru. Il-kontrolli tas-sigurtà għandhom jikkonsistu minn:

▼**M2**

— Skrinjar fiżiku li għandu jkun ta' standard suffiċjenti biex jiżgura b'mod raġonevoli li ma nħeba ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna, jew

— Kontrolli tas-sigurtà oħrajn li huma parti minn proċess ta' sigurtà tal-katina tal-provvista li jiżguraw b'mod raġonevoli li ma nħeba ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna applikati minn aġenti regolati u vvalidati tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew minn kunsinnatarji magħrufa jew minn kunsinnatarju in konto maħtur minnu stess jew aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

2.1. It-trasportatur tal-ajru stabbilixxa proċess sabiex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi sottomessa għal kontrolli xierqa tas-sigurtà qabel titgħabba fuq inġenju tal-ajru li jkun sejjer lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
2.2. Il-kontrolli tas-sigurtà huma applikati mit-trasportatur tal-ajru jew f'ismu minn entità koperta skont il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru?	
Jekk IVA, ipprovdi d-dettalji	
Jekk LE, liema entitajiet mhux koperti mill-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru japplikaw kontrolli tas-sigurtà għal merkanzija jew posta bl-ajru li tinġarr minn dan it-trasportatur tal-ajru lejn l-UE jew iż-ŻEE?	
Speċifika n-natura ta' dawn l-entitajiet u pprovdi d-dettalji: — kumpanija privata ta' ġestjoni tal-merkanzija; — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — oħrajn	
2.3. Permezz ta' liema strumenti u struzzjonijiet (bħal sorveljanza, monitoraġġ u kontroll tal-kwalità) it-trasportatur tal-ajru jiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà huma applikati bil-mod meħtieġ minn fornituri tas-servizzi msemmija hawn fuq?	
2.4. It-trasportatur tal-ajru huwa kapaċi jesiġi li jsiru l-kontrolli tas-sigurtà xierqa f'każ li l-iskrinjar jitwettaq minn entitajiet li mhumiex koperti mill-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru, bħalma huma l-faċilitajiet tal-gvern?	
IVA jew LE	
Jekk LE, ipprovdi d-dettalji	

▼M2

2.5. Permezz ta' liema strumenti u struzzjonijiet (bħal sorveljanza, monitoraġġ u kontroll tal-kwalità) it-trasportatur tal-ajru jiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà huma applikati bil-mod meħtieġ?	
2.6. Ġie implimentat xi programm ta' aġenti regolati jew kunsinnatarji magħrufa għall-merkanzija u l-posta bl-ajru skont l-istandards tal-ICAO fl-Istat tal-ajruport fejn issir iż-żjara ta' validazzjoni?	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi tal-programm u kif dan iddaħħal fis-seħħ	
2.7. Il-konklużjonijiet u kummenti ġenerali dwar id-dipendenza, il-konklużività u r-robustezza tal-proċess.	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 3

Il-Programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru

L-objettiv: L-ACC3 għandu jiżgura li l-programm tas-sigurtà tiegħu jkun jinkludi l-miżuri kollha tas-sigurtà tal-avjazzjoni li huma rilevanti u suffiċjenti biex il-merkanzija u l-posta bl-ajru jinġarru lejn l-Unjoni.

Il-programm tas-sigurtà u d-dokumentazzjoni assoċjata tat-trasportatur tal-ajru għandhom ikunu l-bażi tal-kontrolli tas-sigurtà applikati skont l-objettiv ta' din il-lista ta' kontroll. It-trasportatur tal-ajru jista' jikkunsidra li jgħaddi d-dokumentazzjoni tiegħu lill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE qabel ma ssir iż-żjara fuq il-post, biex tgħinu jiffamiljarizza ruħu mad-dettalji tal-postijiet li jrid iżur.

Ir-referenza: il-punt 6.8.2.1 tal-Anness u d-Dokument Mehmuż tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Nota: Il-punti li ġejjin elenkati fid-Dokument Mehmuż 6-G tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 għandhom ikunu koperti b'mod xieraq:

(a) id-deskrizzjoni tal-miżuri għall-merkanzija u l-posta bl-ajru;

(b) il-proċeduri għall-aċċettazzjoni;

(c) l-iskema u l-kriterji tal-aġent regolat;

(d) l-iskema u l-kriterji tal-kunsinnatarju magħruf;

(e) l-iskema u l-kriterji tal-kunsinnatarju in konto;

(f) l-istandard tal-iskrinjar;

(g) il-post tal-iskrinjar;

(h) id-dettalji dwar it-tagħmir tal-iskrinjar;

(i) id-dettalji tal-operatur jew tal-fornitur tas-servizz;

(j) il-lista ta' eżenzjonijiet mill-iskrinjar tas-siġurtà;

(k) it-trattament ta' merkanzija u posta bl-ajru b'riskju għoli.

▼M2

3.1. Il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru	
Id-data — uża l-format eżatt tad-data jj/xx/ssss	
Verżjoni	
Il-programm ġie sottomess lil awtorità xierqa tal-UE jew taż-ŻEE fi stadju aktar bikri? Jekk IVA, kien għal dežinjazzjoni ACC3? Għal skopijiet oħrajn?	
3.2. Il-programm tas-sigurtà jkopri biżżejjed l-elementi tal-lista ta' hawn fuq?	
IVA jew LE	
Jekk LE, iddeskrivi għaliex billi tagħti r-raġunijiet fid-dettall	
3.3. Il-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni deskritti mill-programm tas-sigurtà huma rilevanti u biżżejjed sabiex jiżguraw il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE skont l-istandards meħtieġa?	
IVA jew LE	
Jekk LE, iddeskrivi għaliex billi tagħti r-raġunijiet fid-dettall	
3.4. Konklużjoni: Il-programm tas-sigurtà huwa konklużiv, robust u komplet?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 4

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff

L-objettiv: L-ACC3 għandu jassenja staff kompetenti u responsabbli biex jaħdem fil-qasam tas-sikurezza u l-ġestjoni tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru. L-istaff b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru taħt sigurtà jippossjedi l-kompetenzi kollha meħtieġa sabiex iwettaq id-doveri tiegħu u ngħatalu taħriġ adegwat.

Sabiex jissodisfa dan l-objettiv, l-ACC3 għandu jkollu proċedura sabiex jiżgura li l-istaff kollu (bħalma dak permanenti u udak temporanj, l-istaff tal-aġenzija u x-xufiera) b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru għal liema jkunu qegħdin jiġu jew kienu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà:

— kienu soġġetti għal verifiki inizjali u rikorrenti qabel l-impjieg jew għal kontrolli tal-preċedenti personali, li mill-inqas ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-ajruport ivvalidat, u

— ikunu temmew taħriġ inizjali u rikorrenti fis-sigurtà sabiex ikunu konxji mir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-ajruport ivvalidat.

▼**M2**

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Nota:

— Verifika tal-preċedenti personali tfisser verifika tal-identità u l-esperjenza preċedenti ta' persuna, inkluż fejn ikun legalment permessibbli, kwalunkwe preċedent kriminali bħala parti mill-valutazzjoni tal-adattabilità ta' individwu sabiex jiġi implimentat kontroll tas-sigurtà jew għal aċċess mingħajr skorta għal żona ristretta ta' sigurtà (definizzjoni fl-Anness 17 tal-ICAO).

— Verifika qabel l-impjieg għandha tistabbilixxi l-identità tal-persuna fuq il-bażi ta' xhieda ddokumentata, tkopri l-impjieg, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuni matul mill-inqas il-ħames snin ta' qabel, u titlob lill-persuna tiffirma dikjarazzjoni li tiddeskrivi fid-dettall kwalunkwe preċedent kriminali fl-istati kollha tar-residenza matul mill-inqas il-ħames (5) snin ta' qabel (definizzjoni tal-Unjoni).

4.1. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-istaff kollu b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà jkun soġġett għall-verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	
4.2. Din il-proċedura tinkludi?	
— verifika tal-preċedenti personali — verifika qabel l-impjieg — verifika tar-rekords kriminali — intervisti — oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	
4.3. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-persuna responsabbli mill-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post tkun soġġetta għal verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	
4.4. Din il-proċedura tinkludi?	
— verifika tal-preċedenti personali — verifika qabel l-impjieg — verifika tar-rekords kriminali — intervisti — oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	

▼**M2**

4.5. L-istaff b'aċċess dirett u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà jirċievi xi taħriġ fis-sigurtà qabel jingħata aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi u t-tul tat-taħriġ	
4.6. L-istaff li jaċċetta, jiskrinja jew jipproteġi l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru jirċievi xi taħriġ relatat mal-impjieg speċifiku?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi u t-tul tal-korsijiet tat-taħriġ.	
4.7. L-istaff imsemmi fil-punti 4.5 u 4.6 jirċievi taħriġ rikorrenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika l-elementi u l-frekwenza tat-taħriġ rikorrenti	
4.8. Konklużjoni: il-miżuri li jikkonċernaw ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff jiżguraw li l-istaff kollu b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru taħt sigurtà jkun ġie assenjat u mħarreġ kif xieraq għal standard li jkun biżżejjed sabiex ikun sensibilizzat mir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tiegħu?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 5

Il-proċeduri ta' aċċettazzjoni

L-objettiv: L-ACC3 għandu jkollu proċedura fis-seħħ sabiex mal-aċċettazzjoni jivvaluta u jivverifika l-istatus tas-sigurtà ta' kunsinna fir-rigward tal-verifiki preċedenti.

Il-proċedura għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) konferma li l-entità li twassal il-kunsinna hija elenkata bħala attiva fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista għall-ajruport jew il-post speċifikat, kif xieraq.

(b) verifika li l-identifikatur alfanumeriku uniku tal-bażi tad-dejta tal-UE tal-entità li tkun qed twassal il-kunsinni hix indikata fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament;

▼**M2**

(c) f'każ ta' kunsinni riċevuti minn kunsinnatarju in konto, il-verifika li l-entità hija elenkata fil-bażi tad-dejta tat-trasportatur tal-ajru.

Jekk ma jkunx hemm indikazzjoni fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tal-identifikatur, jew jekk it-trasportatur tal-ajru jew l-entità li qed twassal il-kunsinni mhix elenkata bħala attiva fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, jew fil-każ ta' kunsinnatarju in konto l-entità ma tkunx fil-bażi tad-dejta tat-trasportatur tal-ajru, għandu jitqies li ma ġew applikati l-ebda kontrolli tas-sigurtà minn qabel, u l-kunsinni għandhom jiġu skrinjati mill-ACC3 jew minn RA3 ieħor ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE qabel ma jitgħabbew fuq l-inġenju tal-ajru;

(d) verifika ta' jekk il-kunsinna titwassalx minn persuna nnominata mill-aġent regolat u vvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew minn kunsinnatarju magħruf kif elenkat fil-bażi tad-dejta tagħha jew minn kunsinnatarju in konto ta' tali aġent regolat jew nominat mit-trasportautr tal-ajru nnifsu;

(e) il-persuna nnominata għandha tikkorrispondi għall-persuna inkarigata biex twassal il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru lit-trasportatur tal-ajru. Il-persuna li twassal il-kunsinna fuq it-trasportatur tal-ajru għandha tippreżenta karta tal-identità, passaport, liċenzja tas-sewqan jew xi dokument ieħor, li jkun jinkludi ritratt tagħha u li jkun inħareġ jew li jkun ġie rikonoxxut mill-awtorità nazzjonali;

(f) fejn applikabbli, verifika ta' jekk il-kunsinna hijiex ippreżentata bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-sigurtà (polza tal-vjaġġ bl-ajru u informazzjoni dwar l-istatus tas-sigurtà bil-kitba jew b'mod elettroniku, deskrizzjoni tal-konsenja u l-identifikatur uniku tiegħu, għar-raġunijiet għall-ħruġ l-istatus tas-sigurtà, mezzi jew metodi ta' skrinjar jew ta' eżenzjoni minn skrinjar) li tikkorrespondi għall-kunsinni tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru li jkunu qegħdin jitwasslu;

(g) verifika ta' jekk il-kunsinna hijiex ħielsa minn kwalunkwe sinjal ta' tbagħbis; kif ukoll

(h) verifika ta' jekk il-kunsinna għandhiex tiġi ttrattata bħala merkanzija u posta b'riskju għoli (HRCM).

Ir-referenza: il-punti 6.8.3.5, 6.8.3.6, 6.8.3.7, u 6.8.5.4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

5.1. Meta jaċċetta kunsinna direttament, it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi jekk din hijiex ġejja minn aġent regolat, minn kunsinnatarju magħruf jew minn kunsinnatarju in konto rikonoxxut skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-merkanzija bl-ajru u elenkat fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina ta' provvista u fil-bażi tad-dejta miżmuma mit-trasportatur tal-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura	
5.2. It-trasportatur tal-ajru jivverifika l-indikazzjoni tal-UAI fuq id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-kunsinni riċevuti minn ACC3, RA3 ieħor jew KC3 u jikkonferma l-istatus attiv tal-ACC3, tal-RA3 jew tal-KC3 fuq il-bażi tad-dejta dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista?	
IVA jew LE	

▼**M2**

5.3. L-entità għandha proċedura biex tiżgura li f'każ li d-dokumentazzjoni ma fihiex l-UAI jew l-entità minn fejn tkun ġejja l-merkanzija ma jkollha l-ebda status attiv fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, il-kunsinna tkun ittrattata bħala kunsinna li tkun ġejja minn sors mhux magħruf?	
IVA jew LE	
5.4. It-trasportatur tal-ajru jaħtar kunsinnatarji bħala AC3?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura u l-miżuri ta' salvagwardja li t-trasportatur tal-ajru jeħtieġ li l-kunsinnatarju jkollu.	
5.5. Meta jaċċetta kunsinna direttament, it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi jekk id-destinazzjoni tagħha hijiex ajruport tal-UE jew taż-ŻEE?	
IVA jew LE — spjega	
5.6. Jekk IVA — it-trasportatur tal-ajru jissottometti l-merkanzija kollha tiegħu għall-istess kontrolli tas-sigurtà meta d-destinazzjoni tkun ajruport tal-UE jew taż-ŻEE?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura	
5.7. Meta jaċċetta kunsinna direttament, it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi jekk din għandhiex titqies bħala merkanzija u posta b'riskju għoli (HRCM), inkluż għal kunsinni li jitwasslu b'mezzi oħrajn ta' trasport minbarra bl-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif? Iddeskrivi l-proċedura	
5.8. Meta jaċċetta kunsinna taħt sigurtà, it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi jekk din kinitx protetta minn interferenza mhux awtorizzata u/jew tbagħbis?	
IVA jew LE	

▼M2

Jekk IVA, iddeskrivi (bħalma huma siġilli, katnazzi).	
5.9. Jekk it-trasportatur tal-ajru jaċċetta t-tranżitu tal-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru f'dan il-post (merkanzija/posta li titlaq fuq l-istess inġenju tal-ajru li tkun waslet fuqu), it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi abbażi tad-dejta mogħtija jekk hemmx bżonn jiġu applikati jew le kontrolli ta' sigurtà ulterjuri?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif jiġi stabbilit dan?	
Jekk LE, x'tip ta' kontrolli huma applikati sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-merkanzija u tal-posta li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE?	
5.10. Jekk it-trasportatur tal-ajru jaċċetta t-trasferiment tal-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru f'dan il-post (merkanzija/posta li titlaq fuq inġenju tal-ajru differenti minn dak li tkun waslet fuqu), it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi abbażi tad-dejta mogħtija jekk hemmx bżonn jiġu applikati jew le kontrolli ta' sigurtà ulterjuri?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif jiġi stabbilit dan?	
Jekk LE, x'tip ta' kontrolli huma applikati sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-merkanzija u tal-posta li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE?	
5.11. Il-persuna li twassal il-merkanzija bl-ajru taħt sigurtà lit-trasportatur tal-ajru hija meħtieġa tippreżenta dokument ta' identifikazzjoni uffiċjali li jkun fih ritratt?	
IVA jew LE	
5.12. Konklużjoni: Il-proċeduri ta' aċċettazzjoni huma biżżejjed biex jistabbilixxu jekk il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġix minn katina ta' provvista sikura jew jekk hemmx bżonn li tiġi soġġetta għal skrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 6

Il-bażi tad-dejta

L-objettiv: Meta l-ACC3 ma jkunx obbligat li japplika skrinjar ta' 100 % għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE/iż-ŻEE, l-ACC3 għandu jiżgura li l-merkanzija jew il-posta tkun ġejja minn entità vvalidata tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE nominata minn awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-UE bħala aġent regolat ta' pajjiż terz (RA3) jew kunsinnatarju magħruf ta' pajjiż terz (KC3) jew minn kunsinnatarju in konto (AC3) nominat minnu stess jew minn aġent regolat ta' pajjiż terz.

▼**M2**

Għall-monitoraġġ tar-rekord għall-verifika rilevanti għas-sigurtà, l-ACC3 għandu jivverifika l-istatus attiv tal-RA3 u tal-KC3 fil-bażi tad-dejta tas-sigurtà tal-Unjoni tal-katina ta' provvista filwaqt li jagħti l-informazzjoni li ġejja għal kull entità jew persuna li mingħandha jkun aċċetta l-merkanzija jew il-posta direttament:

— L-istatus tal-entità involuta (aġent regolat jew kunsinnatarju magħruf),

— id-dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz tan-negozju *bona fide*;

— in-natura tan-negozju, minbarra informazzjoni sensittiva għan-negozju,

— id-dettalji ta' kuntatt, inklużi dawk tal-persuna/i responsabbli mis-sigurtà,

— l-identifikatur alfanumeriku uniku attribwit fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, jew f'każ li l-entità hija AC3 in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija.

Meta jirċievi merkanzija jew posta bl-ajru minn RA3 jew KC3, l-ACC3 għandu jiċċekkja fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni jekk l-entità hix elenkata bħala attiva, u għall-AC3 fil-bażi ta' dejta tat-trasportatur tal-ajru. Jekk l-istatus ta' RA3 jew KC3 mhux attiv jew l-AC3 ma jkunx inkluż fil-bażi tad-dejta, il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru mwassla minnha tkun trid tiġi skrinjata qabel titgħabba.

Ir-referenza: il-punti (a) tal-punt 6.8.3.5 u l-punti 6.8.5.4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

6.1. Meta jaċċetta kunsinna direttament, it-trasportatur tal-ajru jistabbilixxi jekk din hijiex ġejja minn aġent regolat, minn kunsinnatarju magħruf jew minn kunsinnatarju in konto rikonoxxut skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-merkanzija bl-ajru u elenkat fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina ta' provvista u fil-bażi tad-dejta miżmuma mit-trasportatur tal-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċedura	
6.2. It-trasportatur tal-ajru jżomm bażi tad-dejta li tinkludi, skont kif xieraq, id-dettalji msemmija hawn fuq, ta':	
— entitajiet nominati bħala aġent regolat ta' pajjiż terz (RA3), — entitajiet nominati bħala kunsinnatarju magħruf minn pajjiż terz (KC3), — entitajiet nominat bħala kunsinnatarji in konto minn RA3 jew mit-trasportatur tal-ajru (AC3)?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-bażi tad-dejta	
Jekk LE, spjega għaliex	

▼**M2**

6.3. L-istaff li jaċċetta l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għandu aċċess faċli għall-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista u għall-bażi tad-dejta tat-trasportatur tal-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
6.4. Il-bażi tad-dejta tiġi aġġornata b'mod regolari sabiex tipprovdi dejta affidabbli lill-istaff li jaċċetta merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk LE, spjega għaliex	
6.5. Konklużjoni: It-trasportatur tal-ajru jżomm xi bażi tad-dejta li tiżgura t-trasparenza sħiħa fir-rigward tiegħu mal-entitajiet li mingħandhom jirċievi direttament merkanzija jew posta (skrinjata jew ikkontrollata mis-sigurtà) għat-trasport lejn l-UE jew iż-ŻEE?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 7

L-iskrinjar

L-objettiv: Meta l-ACC3 jaċċetta merkanzija u posta mingħand entità li mhijiex ivvalidata għas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew il-merkanzija kkunsinjata ma tkunx ġiet protetta minn interferenza mhux awtorizzata minn dak iż-żmien li jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà, l-ACC3 għandu jiżgura li l-merkanzija jew il-posta bl-ajru tiġi skrinjata qabel titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru. L-ACC3 għandu jkollu proċess sabiex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE għat-trasferiment, għat-tranżitu jew għall-ħatt f'ajruport tal-Unjoni jiġu skrinjati bil-mezzi jew bil-metodi msemmija fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal standard li jkun biżżejjed biex jiżgura b'mod raġonevoli li dawn ma jkun fihom l-ebda oġġett ipprojbit.

Meta l-ACC3 ma jiskrinjax il-merkanzija jew il-posta bl-ajru huwa nnifsu, huwa għandu jiżgura li l-iskrinjar xieraq jitwettaq skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni. Il-proċeduri tal-iskrinjar għandhom jinkludu, fejn ikun xieraq, it-trattament tat-trasferiment u t-tranżitu tal-merkanzija u l-posta.

▼**M2**

Meta l-iskrinjar tal-merkanzija jew tal-posta bl-ajru jitwettaq minn jew f'isem l-awtorità xierqa fil-pajjiż terz, l-ACC3 li jirċievi tali merkanzija jew posta bl-ajru mingħand l-entità għandu jiddikjara dan il-fatt fil-programm tas-sigurtà tiegħu, u jispeċifika l-mod li bih jista' jiġi żgurat skrinjar adegwat.

Ir-referenza: il-punti 6.8.3.1, 6.8.3.2, 6.8.3.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

7.1. L-iskrinjar huwa applikat mit-trasportatur tal-ajru jew f'ismu minn entità koperta taħt il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru?	
Jekk IVA, ipprovdi d-dettalji. Jekk applikabbli, ipprovdi d-dettalji tal-entità jew entitajiet koperta/i skont il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru: — l-isem — l-indirizz speċifiku tas-sit — il-preżenza ta' status AEO, fejn applikabbli	
Jekk LE, liema entitajiet li mhumiex koperti mill-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru japplikaw l-iskrinjar għall-merkanzija jew il-posta bl-ajru kkunsinjata minn dan it-trasportatur tal-ajru lejn l-UE jew iż-ŻEE? Speċifika n-natura ta' dawn l-entitajiet u pprovdi d-dettalji — kumpanija privata ta' ġestjoni tal-merkanzija — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — oħrajn	
7.2. L-entità kapaċi titlob li jsiru l-kontrolli xierqa tas-sigurtà f'każ li l-iskrinjar jitwettaq minn waħda mill-entitajiet ta' hawn fuq?	
IVA jew LE	
Jekk LE, ipprovdi d-dettalji	
7.3. Permezz ta' liema strumenti u struzzjonijiet (pereżempju sorveljanza, monitoraġġ u kontroll tal-kwalità) l-entità tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà jiġu applikati bil-mod meħtieġ minn dawn il-forniturі tas-servizz?	
7.4. Liema metodi ta' skrinjar jintużaw għall-merkanzija bl-ajru u għall-posta bl-ajru?	
Speċifika, inkluż i d-dettalji tal-apparat li jintuża għall-iskrinjar tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru (bħalma huma l-manifattur, it-tip, il-verżjoni tas-softwer, l-istandard, in-numru tas-serje) għall-metodi kollha użati	

▼**M2**

7.5. L-apparat jew il-metodu użat (bħall-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi) huwa inkluż fl-aktar lista ta' konformità riċenti tal-UE, tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) jew tat-Amministrazzjoni tas-Sigurtà tat-Trasport (TSA) tal-Istati Uniti tal-Amerka?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, ipprovdi d-dettalji	
Jekk LE, agħti d-dettalji li jispeċifikaw l-approvazzjoni tal-apparat u d-data tagħha, kif ukoll kwalunkwe indikazzjoni li turi li l-apparat huwa konformi mal-istandards tal-apparat tal-UE	
7.6. L-apparat qiegħed jintuża skont il-kunċett tal-operazzjonijiet (il-CONOPS) tal-manifatturi u l-apparat qiegħed jiġi ttestjat u ssirlu manutenzjoni regolari?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
7.7. Fil-każ li jitħaddmu l-EDDs, dawn huma soġġetti għal taħriġ inizjali u rikorrenti, għall-approvazzjoni u l-proċess tal-kontroll tal-kwalità għal standard ekwivalneti tar-rekwiżiti tal-UE jew tat-TSA?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess sħiħ u d-dokumentazzjoni relatata li jsostnu l-istima	
7.8. Fil-każ li jintużaw l-EDDs, il-proċess ta' skrinjar isegwi metodoloġija ta' skjerament ekwivalenti għall-istandards tal-UE jew tat-TSA?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess sħiħ u d-dokumentazzjoni relatata li jsostnu l-istima	
7.9. In-natura tal-kunsinna qiegħda titħieħed f'kunsiderazzjoni matul l-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħed jiġi żgurat li l-metodu ta' skrinjar magħżul qiegħed jiġi applikat għal standard li jkun biżżejjed biex jiżgura b'mod raġonevoli li ma jitqiegħed ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna	
7.10. Hemm xi proċess għar-riżoluzzjoni tal-allarm iġġenerat mill-apparat tal-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess li jintuża għar-riżoluzzjoni tal-allarmi sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli n-nuqqas ta' oġġetti pprojbiti.	

▼**M2**

Jekk LE, iddeskrivi x'jiġri mill-kunsinna.	
7.11. Hemm xi kunsinni li huma eżentati mill-iskrinjar tas-sigurtà?	
IVA jew LE	
7.12. Hemm xi eżenzjonijiet li mhumiex konformi mal-lista tal-Unjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
7.13. L-aċċess għaż-żona tal-iskrinjar huwa kkontrollat sabiex jiġi żgurat li l-istaff awtorizzat u mħarreġ biss jingħata aċċess?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
7.14. Hemm xi sistema stabbilita ta' kontroll tal-kwalità jew ittestjar fis-seħħ?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
7.15. Konklużjoni: Il-merkanzija jew il-posta bl-ajru qiegħda tiġi skrinjata b'wieħed mill-mezzi jew metodi elenkati fil-punt 6.2.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 għal standard biżżejjed sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li din ma jkun fiha ebda oġġett ipprojbit?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 8

Il-merkanzija jew posta b'riskju għoli

L-objettiv: Kunsinni li joriġinaw minn jew li jkunu involuti fi trasferiment f'postijiet identifikati bħala ta' riskju għoli mill-UE jew li jidhru li ġew imbagħbsa b'mod sinifikanti għandhom jiġu kkunsidrati bħala merkanzija u posta b'riskju għoli (HRCM). Kunsinni bħal dawn għandhom jiġu skrinjati skont struzzjonijiet speċifiċi. L-oriġini ta' riskju għoli u l-istruzzjonijiet tal-iskrinjar jiġu pprovduti mill-awtorità xierqa tal-UE/taż-ŻEE li tkun innominat l-ACC3. L-ACC3 għandu jkollu proċedura li permezz tagħha jiżgura li tiġi identifikata l-HRCM li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE u li din tkun soġġetta għal kontrolli xierqa kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

▼**M2**

L-ACC3 għandu jibqa' f'kuntatt mal-awtorità xierqa responsabbli għall-ajruporti tal-UE/taż-ŻEE li jġorr il-merkanzija lejhom sabiex ikollu disponibbli l-aħħar stat ta' informazzjoni dwar l-oriġini ta' riskju għoli.

L-ACC3 għandu japplika l-istess miżuri, irrispettivament minn jekk huwa jirċevix merkanzija u posta ta' riskju għoli minn trasportatur tal-ajru ieħor jew permezz ta' mezzi oħrajn ta' trasportazzjoni.

Ir-referenza: il-punti 6.7 u 6.8.3.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Nota: L-HRCM li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni sabiex tinġarr lejn l-UE jew iż-ŻEE għandha tingħata l-istatus ta' "SHR", li tfisser li hija sikura għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija kollha u tal-posta kollha f'konformità mar-rekwiżiti tar-riskju għoli.

8.1. L-istaff tat-trasportatur tal-ajru responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà jaf liema merkanzija u posta bl-ajru għandha tiġi ttrattata bħala merkanzija u posta ta' riskju għoli (HRCM)?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
8.2. It-trasportatur tal-ajru għandu xi proċeduri fis-seħħ għall-identifikazzjoni tal-HRCM?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
8.3. L-HRCM hija soġġetta għal proċeduri ta' skrinjar tal-HRCM skont il-leġiżlazzjoni tal-UE?	
IVA jew LE	
Jekk LE, indika l-proċeduri applikati	
8.4. Wara l-iskrinjar, it-trasportatur tal-ajru joħroġ dikjarazzjoni dwar l-istatus tas-sigurtà għall-SHR fid-dokumentazzjoni li takkumpanja l-kunsinna?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif jinħareġ l-istatus tas-sigurtà u f'liema dokument	
8.5. Konklużjoni: Il-proċess implimentat mit-trasportatur tal-ajru huwa rilevanti u suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-HRCM kollha jkunu ġew ittrattati kif xieraq qabel tgħabbew?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

▼M2

IL-PARTI 9

Protezzjoni

L-objettiv: L-ACC3 għandu jkollu proċessi fis-seħħ sabiex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru u/jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn interferenza mhux awtorizzata mill-punt li jiġu applikati l-iskrinjar tas-sigurtà jew kontrolli oħrajn tas-sigurtà jew mill-punt ta' aċċettazzjoni wara li jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà jew l-iskrining, sakemm titgħabba.

Il-protezzjoni tista' tiġi pprovduta b'mezzi differenti bħal mezzi fiżiċi (pereżempju, barrikati, kmamar imsakkrin,), umani (pereżempju, patrols, staff imħarreġ) u teknoloġiċi (pereżempju, CCTV, allarm ta' dħul).

Il-merkanzija jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE li tkun taħt sigurtà għandha tiġi separata mill-merkanzija jew mill-posta bl-ajru li ma tkunx taħt sigurtà.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

9.1. Il-protezzjoni tal-merkanzija bl-ajru u tal-posta bl-ajru taħt sigurtà tiġi applikata mit-trasportatur tal-ajru jew f'ismu minn entità koperta taħt il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru?	
Jekk IVA, ipprovdi d-dettalji	
Jekk LE, liema entitajiet li mhumiex koperti mill-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru japplikaw il-miżuri ta' protezzjoni għall-merkanzija jew il-posta bl-ajru li jinġarru minn dan it-trasportatur tal-ajru lejn l-UE jew iż-ŻEE? Speċifika n-natura ta' dawn l-entitajiet u pprovdi d-dettalji: — kumpanija privata ta' ġestjoni tal-merkanzija — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — oħrajn	
9.2. Il-protezzjoni u l-kontrolli tas-sigurtà qegħdin fis-seħħ biex jipprevjenu milli jsir xi tbagħbis matul il-proċess tal-iskrinjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
9.3. Hemm xi proċessi fis-seħħ biex jiżguraw li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE, li għalihom ġew applikati kontrolli tas-sigurtà, huma protetti minn interferenza mhux awtorizzata minn dak il-ħin li jintrabtu b'siġurtà sakemm jitgħabbew?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qegħdin jiġu protetti	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

▼M2

9.4. Konklużjonijiet: Il-protezzjoni tal-kunsinni hija robusta biżżejjed biex tipprevjeni interferenza illegali?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhi r-raġuni	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 10

Id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament

L-objettiv: L-ACC3 għandu jiżgura li d-dokumentazzjoni li takkumpanja kunsinna li fuqha l-ACC3 ikun applika l-kontrolli tas-sigurtà (bħal skrinjar, protezzjoni), ikun fiha mill-inqas:

(a) l-identifikatur alfanumeriku uniku li wasal mingħand l-awtorità xierqa li tinnomina; kif ukoll

(b) l-identifikatur uniku tal-kunsinna, bħalma huwa n-numru tal-polza tal-vjaġġ bl-ajru (house jew master), fejn applikabbli; kif ukoll

(c) il-kontenut tal-kunsinna; kif ukoll

(d) l-istatus tas-sigurtà, indikat kif ġej:

— “SPX”, li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta, jew

— “SCO”, li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-merkanzija u tal-posta biss, jew

— “SHR”, li tfisser sikur għall-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-posta kollha skont rekwiżiti ta' riskju għoli;

Fin-nuqqas ta' aġent regolat ta' pajjiż terz, id-dikjarazzjoni tal-istatus tas-sigurtà tista' tinħareġ mill-ACC3 jew mit-trasportatur tal-ajru li jasal minn pajjiż terz eżentat mir-reġim tal-ACC3.

Jekk l-istatus ta' sigurtà jinħareġ mill-ACC3, it-trasportatur tal-ajru għandu jindika wkoll ir-raġunijiet għall-ħruġ tiegħu, bħalma hu l-mezz jew il-metodu li ntuża għall-iskrinjar jew ir-raġunijiet li għalihom il-kunsinna ġiet eżentata mill-iskrinjar filwaqt li jintużaw l-istandards adottati fl-iskema tad-Dikjarazzjoni ta' Sigurtà tal-kunsinna.

Fil-każ li l-istatus tas-sigurtà u d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament ġew stabbiliti minn RA3 upstream jew minn ACC3 ieħor, l-ACC3 għandu jivverifika, matul il-proċess ta' aċċettazzjoni, li l-informazzjoni ta' hawn fuq qiegħda fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament.

Id-dokumentazzjoni li takkumpanja tista' tkun jew fil-forma ta' polza tal-vjaġġ bl-ajru, ta' dokumentazzjoni postali ekwivalenti jew f'dikjarazzjoni separata u jew fil-format elettroniku jew bil-miktub;

Ir-referenza: il-punti (d) tal-punt 6.3.2.6, il-punti 6.8.3.4, u 6.8.3.5, 6.8.3.6, 6.8.3.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

▼M2

10.1. Jista' t-trasportatur tal-ajru jiżgura li d-dokumentazzjoni xierqa ta' akkumpanjament hija stabbilita u tinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d) tal-punt 6.3.2.6, il-punti 6.8.3.4, 6.8.3.5 u 6.8.3.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-kontenut tad-dokumentazzjoni	
Jekk LE, spjega għalfejn u kif il-merkanzija jew il-posta hija ttrattata bħala "sikura" mit-trasportatur tal-ajru jekk din titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru	
10.2. Id-dokumentazzjoni tinkludi l-identifikatur alfanumeriku uniku ACC3 tat-trasportatur tal-ajru?	
IVA jew LE	
Jekk LE, spjega għaliex	
10.3. Id-dokumentazzjoni tispeċifika l-istatus tas-sigurtà tal-merkanzija u kif inkiseb dan l-istatus?	
IVA jew LE	
Iddeskrivi kif dan jiġi speċifikat	
10.4. Konklużjoni: Il-proċess tad-dokumentazzjoni huwa biżżejjed biex jiġi żgurat li l-merkanzija jew il-posta jkollha magħha d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament xierqa li tispeċifika l-istatus korrett tas-sigurtà u l-informazzjoni kollha meħtieġa?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhi r-raġuni	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 11

Il-konformità

L-objettiv: Wara li jivvaluta l-għaxar Partijiet preċedenti ta' din il-lista ta' kontroll, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk il-verifika tiegħu fuq il-post tikkorrispondix mal-kontenut tal-parti tal-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru li tiddeskrivi l-miżuri għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE u jekk il-kontrolli tas-sigurtà jimplimentawx biżżejjed l-objettivi elenkati f'din il-lista ta' kontroll.

Il-konklużjonijiet jistgħu jikkonsistu minn wieħed minn dawn l-erba' każijiet prinċipali possibbli:

▼**M2**

(1) il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru huwa f'konformità mad-Dokument Mehmuż 6-G tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u l-verifika fuq il-post tikkonferma l-konformità mal-objettiv tal-lista ta' kontroll; jew

(2) il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru huwa f'konformità mad-Dokument Mehmuż 6-G tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 iżda l-verifika fuq il-post ma tikkonfermax il-konformità mal-objettiv tal-lista ta' kontroll; jew

(3) il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru mhuwiex konformi mad-Dokument Mehmuż 6-G tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 iżda l-verifika fuq il-post tikkonferma l-konformità mal-objettiv tal-lista ta' kontroll; jew

(4) il-programm tas-sigurtà tat-trasportatur tal-ajru mhuwiex konformi mad-Dokument Mehmuż 6-G tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u l-verifika fuq il-post ma tikkonfermax il-konformità mal-objettiv tal-lista ta' kontroll.

11.1. Konklużjoni ġenerali: Indika l-każ li huwa l-eqreb għas-sitwazzjoni vvalidata	
1, 2, 3 jew 4	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	
Il-kummenti mit-trasportatur tal-ajru	

Isem il-validatur:

Id-data:

Il-firma:

▼M2

ANNESS

Il-lista ta' persuni u entitajiet li saritilhom żjara jew li ġew intervistati

Għandhom jingħataw isem l-entità, l-isem u l-kariga tal-persuna ta' kuntatt u d-data taż-żjara jew tal-intervista.

Isem l-entità	Isem il-persuna ta' kuntatt	Il-kariga tal-persuna ta' kuntatt	Id-data taż-żjara/l-intervista

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-C4

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦALL-KUNSINNATARJU MAGĦRUF IVVALIDAT TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE TA' PAJJIŻ TERZ

Entitatjiet minn pajjiżi terzi jistgħu jagħżlu li jsiru parti mill-katina ta' provvista sikura ta' ACC3 (*Trasportatur tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru li jopera fl-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz*) billi jitolbu nomina bħala kunsinnatarju magħruf ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (KC3) minn pajjiż terz. KC3 huwa entità tal-maniġġar tal-merkanzija minn pajjiż terz li hija vvalidata u approvata bħala tali abbażi tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

KC3 għandu jiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà jkunu ġew applikati lill-kunsinni li jkunu sejrin lejn l-Unjoni ([1]) u li l-kunsinni jkunu ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata minn meta jiġu applikati dawk il-kontrolli tas-sigurtà u sakemm jiġu trasferiti għand ACC3 jew aġent regolat minn pajjiż terz li hu vvalidat skont l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3).

Il-prerekwiżiti għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru lejn l-Unjoni (UE) jew l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma meħtieġa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Il-lista ta' kontroll hija l-istrument li għandu jintuża mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għall-valutazzjoni tal-livell ta' sigurtà applikat għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li tkun sejra l-UE jew iż-ŻEE ([2]) mill-entità li qed titlob dożinjazzjoni bħala KC3 jew taħt ir-responsabbiltà tagħha. Il-lista ta' kontroll għandha tintuża biss fil-każijiet speċifikati fil-punt (b) tal-punt 6.8.5.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Fil-każijiet speċifikati fil-punt (a) tal-punt 6.8.5.1 ta' dak l-Anness, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu juża l-lista ta' kontroll tal-ACC3.

([1]) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

([2]) Merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fil-lista ta' kontroll ta' din il-validazzjoni hija ekwivalenti għal merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru jew inġenji tal-ajru li jkunu sejrin lejn l-Unjoni u l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

▼**M2**

Għandu jintbagħat rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa li tinnomina u lill-entità vvalidata fi żmien massimu ta' xahar wara l-verifika fuq il-post. Partijiet integrali tar-rapport ta' validazzjoni għandhom jinkludu minn tal-inqas dawn li ġejjin:

— il-lista ta' kontroll mimlija, iffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u, fejn applikabbli, bil-kummenti dwarha mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-impenji (id-Dokument Mehmuż 6-H3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) iffirmata mill-entità vvalidata; kif ukoll

— id-dikjarazzjoni tal-indipendenza (id-Dokument Mehmuż 11-A tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998) fir-rigward tal-entità vvalidata ffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

In-numerazzjoni tal-paġni, id-data tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u l-inizjalar fuq kull paġna mill-validatur u mill-entità vvalidata għandhom ikunu l-prova tal-integrità tar-rapport tal-validazzjoni.

Il-KC3 għandu jkun jista' juża r-rapport fir-relazzjonijiet tan-negozju tiegħu ma' kwalunkwe ACC3 u RA3.

F'kull każ, ir-rapport tal-validazzjoni għandu jkun bl-Ingliż.

Għall-partijiet l-oħrajn li ma jistgħux jiġu vvalutati skont ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, l-istandards bażi huma l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) tal-Anness 17 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-materjal ta' gwida li jinsab fil-Manwal tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO (id-Dokument 8973-Ristrett).

Noti dwar il-mili:

(1) Għandhom jimtlew il-partijiet rilevanti kollha applikabbli tal-lista ta' kontroll, f'konformità mal-mudell kummerċjali u l-operazzjonijiet tal-entità li jkunu qed jiġu vvalidati. Fejn ma jkun hemm ebda informazzjoni disponibbli, għandha tingħata spjegazzjoni għal dan.

(2) Wara kull parti, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk u safejn intlaħqu l-objettivi ta' din il-parti.

IL-PARTI 1

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet

1.1. Id-data/i tal-validazzjoni	
Uża l-format eżatt tad-data, bħal 01.10.2012 sa 02.10.2012	
jj/xx/ssss	
1.2. Id-data tal-validazzjoni preċedenti fejn applikabbli.	
jj/xx/ssss	

▼**M2**

In-numru tar-reġistrazzjoni preċedenti tal-KC3, fejn disponibbli	
Ċertifikat AEO jew status C-TPAT jew ċertifikazzjonijiet oħrajn, fejn disponibbli	
1.3. Informazzjoni dwar il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni	
L-isem	
Kumpanija/Organizzazzjoni/Awtorità	
Identifikatur Alfanumeriku Uniku (UAI)	
L-indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	
1.4. Isem l-entità	
L-isem	
In-numru tal-kumpanija (pereżempju, in-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru kummerċjali, fejn applikabbli)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	
It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	
L-indirizz tal-Kaxxa Postali, jekk applikabbli, fejn applikabbli	
1.5. L-indirizz prinċipali tal-organizzazzjoni (jekk differenti mis-sit li se jiġi vvalidat)	
In-Numru/l-Unità/il-Binja	

▼**M2**

It-triq	
Il-belt	
Il-kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Il-pajjiż	
L-indirizz tal-Kaxxa Postali, fejn applikabbli	
1.6. In-natura tan-negozju — It-tipi ta' merkanzija pproċessati	
X'inhi n-natura tan-negozju(i) — tip ta' merkanzija pproċessata fil-bini tal-applikant?	
1.7. L-applikant huwa responsabbli għal…?	
a) il-produzzjoni b) l-ippakkjar c) Il-ħżin d) il-bgħit e) oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	
1.8. Għadd approssimattiv tal-ħaddiema fuq il-post	
Numru	
1.9. L-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli mis-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru fil-pajjiż terz	
L-isem	
It-titolu tal-impjieg	
L-indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	

IL-PARTI 2

L-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-kunsinnatarju magħruf ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE minn pajjiż terz

L-objettiv: L-ebda merkanzija jew posta bl-ajru ma tista' tinġarr lejn l-UE jew iż-ŻEE mingħajr ma tkun soġġetta għal kontrolli tas-sigurtà. Il-merkanzija u l-posta li jintbagħtu minn KC3 għand ACC3 jew RA3 jistgħu jiġu aċċettati biss bħala merkanzija jew posta sikura jekk jiġu applikati kontrolli tas-sigurtà bħal dawn mill-KC3. Id-dettalji ta' tali kontrolli huma pprovduti mill-Partijiet li ġejjin ta' din il-lista ta' kontroll.

Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li jiġu applikati l-kontrolli tas-sigurtà xierqa lill-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru kollha fil-limiti tal-UE jew taż-ŻEE u l-merkanzija jew il-posta sikura titħares sakemm tkun trasferita għand ACC3 jew RA3. Il-kontrolli tas-sigurtà jiżguraw b'mod raġonevoli li ma nħeba ebda oġġett ipprojbit fil-kunsinna.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

▼M2

2.1. L-entità stabbiliet programm ta' sigurtà?	
IVA jew LE	
Jekk LE mur mill-ewwel għall-punt 2.5	
2.2. Informazzjoni dwar il-programm tas-sigurtà tal-entità	
Id-data — uża l-format eżatt jj/xx/ssss	
Verżjoni	
Il-programm tas-sigurtà tressaq quddiem l-awtorità xierqa tal-istat fejn tinsab l-entità jew ġie approvat minnha? Jekk IVA, jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċess.	
2.3. Il-programm tas-sigurtà jkopri biżżejjed l-elementi msemmija fil-partijiet 4 sa 11 tal-lista ta' kontroll?	
IVA jew LE	
Jekk LE, iddeskrivi għaliex billi tagħti r-raġunijiet fid-dettall	
2.4. Il-programm tas-sigurtà huwa konklużiv, robust u komplet?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
2.5. L-entità stabbilixxiet proċess sabiex tiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru fil-limiti tal-UE jew taż-ŻEE tiġi sottomessa għal kontrolli xierqa tas-sigurtà qabel ma tiġi trasferita għand ACC3 jew RA3?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess	
2.6. L-entità għandha fis-seħħ sistema ta' ġestjoni (pereżempju, strumenti, istruzzjonijiet) biex tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jiġu implimentati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi s-sistema ta' ġestjoni u spjega jekk hijiex approvata, iċċekkjata jew ipprovduta mill-awtorità xierqa jew minn entità oħra.	
Jekk LE, spjega kif l-entità tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà jiġu applikati bil-mod meħtieġ.	

▼M2

2.7. Il-konklużjonijiet u kummenti ġenerali dwar id-dipendenza, il-konklużività u r-robustezza tal-proċess.	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 3

Il-merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru identifikabbli

L-objettiv: Li jiġi stabbilit il-punt jew il-post fejn il-merkanzija jew il-posta ssir identifikabbli bħala merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru.

3.1. Permezz ta' spezzjoni tal-produzzjoni, l-ippakkjar, il-ħażna, l-għażla, il-bgħit u kwalunkwe parti oħra rilevanti, żgura fejn u kif kunsinna tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE ssir identifikabbli bħala tali.	
Iddeskrivi	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

Jekk jogħġbok innota li għandu jingħata tagħrif dettaljat dwar il-protezzjoni ta' merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli minn interferenza mhux awtorizzata jew tbagħbis fil-Partijiet 6 sa 9.

IL-PARTI 4

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff

L-objettiv: Biex jiġi żgurat li l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jiġu implimentati, il-KC3 għandu jassenja staff kompetenti u responsabbli biex jaħdem fil-qasam tas-sikurezza tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru. Staff b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru identifikabbli għandu jippossjedi l-kompetenzi kollha meħtieġa sabiex iwettaq id-doveri tiegħu u jingħata taħriġ adegwat.

Sabiex jissodisfa dan l-objettiv, il-KC3 għandu jkollu proċedura sabiex jiżgura li l-istaff kollu (bħal permanenti, temporanji, staff tal-aġenzija, xufiera) b'aċċess direttu u mingħajr skorta għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għal liema jkunu qegħdin jiġu jew kienu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà:

(a) kienu soġġetti għal verifiki inizjali u rikorrenti qabel l-impjieg jew għal verifika tal-preċedenti personali, li mill-inqas ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-bini tal-KC3 ivvalidat; kif ukoll

(b) ikunu temmew taħriġ inizjali u rikorrenti fis-sigurtà sabiex ikunu konxji mir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet lokali tal-bini tal-KC3 ivvalidat.

▼**M2**

Nota:

— Verifika tal-preċedenti personali tfisser verifika tal-identità u l-esperjenza preċedenti ta' persuna, inkluż fejn ikun legalment permessibbli, kwalunkwe preċedent kriminali bħala parti mill-valutazzjoni tal-adattabilità ta' individwu sabiex jiġi implimentat kontroll tas-sigurtà jew għal aċċess mingħajr skorta għal żona ristretta ta' sigurtà (definizzjoni fl-Anness 17 tal-ICAO).

— Verifika qabel l-impjieg għandha tistabbilixxi l-identità tal-persuna fuq il-bażi ta' xhieda ddokumentata, tkopri l-impjieg, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuni matul mill-inqas il-ħames snin ta' qabel, u titlob lill-persuna tiffirma dikjarazzjoni li tiddeskrivi fid-dettall kwalunkwe preċedent kriminali fl-istati kollha tar-residenza matul mill-inqas il-ħames (5) snin ta' qabel (definizzjoni tal-Unjoni).

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

4.1. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-istaff kollu b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli jkun soġġett għall-verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	
4.2. Din il-proċedura tinkludi?	
☐ verifika tal-preċedenti personali ☐ verifika qabel l-impjieg ☐ verifika tar-rekords kriminali ☐ intervisti ☐ oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	
4.3. Hemm xi proċedura li tiżgura li l-persuna responsabbli mill-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post tkun soġġetta għal verifika qabel l-impjieg li tivvaluta l-isfond u l-kompetenza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, indika n-numru ta' snin preċedenti kkunsidrati għall-verifika qabel l-impjieg u għid liema entità twettaqha.	

▼**M2**

4.4. Din il-proċedura tinkludi?	
☐ verifika tal-preċedenti personali ☐ verifika qabel l-impjieg ☐ verifika tar-rekords kriminali ☐ intervisti ☐ oħrajn (ipprovdi d-dettalji) Spjega l-elementi, indika liema entità twettaq dan l-element u fejn applikabbli, indika l-limitu ta' żmien preċedenti li jittieħed f'kunsiderazzjoni.	
4.5. L-istaff b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli jirċievi xi taħriġ fis-sigurtà qabel jingħata aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-elementi u t-tul tat-taħriġ	
4.6. L-istaff imsemmi fil-punt 4.5 jirċievi taħriġ rikorrenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika l-elementi u l-frekwenza tat-taħriġ rikorrenti	
4.7. Konklużjoni: il-miżuri li jikkonċernaw ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-istaff kollu jiżguraw li l-istaff kollu b'aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE jkun ġie irreklutat u mħarreġ kif xieraq għal standard li jkun biżżejjed sabiex ikollu sensibilizzazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tiegħu?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 5

Sigurtà fiżika

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza mhux awtorizzata u/jew tbagħbis. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tintbagħat għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

▼**M2**

L-entità għandha turi kif is-sit tagħha jew il-bini tagħha huwa protett u li hemm fis-seħħ proċeduri ta' kontroll rilevanti għall-aċċess. Huwa essenzjali li l-aċċess għaż-żona fejn il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli tiġi pproċessata jew maħżuna, ikun ikkontrollat. Jeħtieġ li l-bibien, it-twieqi u l-punti l-oħra kollha ta' aċċess għall-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru sikuri li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE ikunu taħt sigurtà jew soġġetti għall-kontroll tal-aċċess.

Is-sigurtà fiżika tista' tkun, imma mhix limitata għal:

— ostakli fiżiċi bħal ċnut jew barrikati,

— teknoloġija bl-użu ta' allarmi u/jew sistemi ta' CCTV,

— sigurtà tal-bniedem bħal staff li xogħlu jkun li jwettaq attivitajiet ta' sorveljanza.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

5.1. Il-punti tal-aċċess għall-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru identifikabbli huma kollha soġġetti għall-kontroll tal-aċċess u l-aċċess huwa limitat għal persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif jiġi kkontrollat l-aċċess? Spjega u ddeskrivi. Tista' tagħti aktar minn risposta waħda. ☐ mill-istaff tas-sigurtà ☐ minn staff ieħor ☐ Verifika manwali jekk il-persuni jkunu jistgħu jidħlu f'dik iż-żona ☐ sistemi ta' kontroll elettroniku għall-aċċess ☐ oħrajn, speċifika	
Jekk IVA, kif jiġi żgurat li persuna tkun awtorizzata li tidħol fiż-żona? Spjega u ddeskrivi. Tista' tagħti aktar minn risposta waħda. — Użu ta' karta ta' identifikazzjoni tal-kumpanija — użu ta' tip ieħor ta' karta tal-identifikazzjoni bħal passaport jew liċenzja tas-sewqan — lista tal-persuni awtorizzati użata mill-istaff (tas-sigurtà) — awtorizzazzjoni elettronika, eż. bl-użu ta' ċippa — distribuzzjoni ta' ċwievet jew kodiċi ta' aċċess biss lill-persunal awtorizzat — oħrajn, speċifika	

▼**M2**

5.2. Il-punti kollha tal-aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli huma taħt sigurtà? Dawn jinkludu l-punti tal-aċċess li mhumiex f'użu permanenti u punti li normalment ma jintużawx bħala punti tal-aċċess, bħat-twieqi.	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif inhuma dawn il-punti taħt sigurtà? Spjega u ddeskrivi. Tista' tagħti aktar minn risposta waħda. — preżenza tal-istaff tas-sigurtà — sistemi ta' kontroll elettroniku għall-aċċess li jippermettu aċċess lil persuna waħda biss fl-istess ħin — barrikati, pereżempju, kontraporti jew serraturi — sistema ta' CCTV — sistema ta' sejbien ta' intrużi	
5.3. Hemm miżuri addizzjonali biex itejbu s-sigurtà tal-bini b'mod ġenerali?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, spjega u ddeskrivi x'inhuma ☐ ċnut jew barrikati ☐ sistema ta' CCTV ☐ sistema ta' sejbien ta' intrużi ☐ sorveljanza u patrols ☐ oħrajn, speċifika	
5.4. Il-bini huwa magħmul minn kostruzzjoni solida?	
IVA jew LE	
5.5. Konklużjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-entità huma biżżejjed sabiex jevitaw aċċess mhux awtorizzat għal dawk il-partijiet tas-sit u l-bini fejn tiġi pproċessata jew maħżuna l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

▼**M2**

IL-PARTI 6

Produzzjoni

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza mhux awtorizzata u/jew tbagħbis matul il-proċess ta' produzzjoni. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tintbagħat għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

L-entità għandha bżonn turi li l-aċċess għaż-żona tal-produzzjoni huwa kkontrollat u l-proċess tal-produzzjoni huwa taħt sorveljanza. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-produzzjoni, l-entità jkollha bżonn turi li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza mhux awtorizzata jew tbagħbis f'dan l-istadju.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-produzzjoni.

6.1. L-aċċess għaż-żona tal-produzzjoni huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, spjega kif l-aċċess huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati	
6.2. Il-proċess tal-produzzjoni huwa taħt sorveljanza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħed jiġi sorveljat	
6.3. Jeżistu kontrolli li jevitaw it-tbagħbis fl-istadju tal-produzzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
6.4. Konklużjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-entità huma biżżejjed sabiex jipproteġu l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE minn interferenza mhux awtorizzat jew tbagħbis tul il-produzzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 7

L-ippakkjar

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru u/jew il-posta bl-ajru identifikabbli sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza jew kwalunkwe tbagħbis mhux awtorizzat matul il-proċess tal-ippakkjar. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tintbagħat għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

▼**M2**

L-entità għandha bżonn turi li l-aċċess għaż-żona tal-ippakkjar huwa kkontrollat u l-proċess tal-ippakkjar huwa taħt sorveljanza. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-ippakkjar, l-entità għandha bżonn turi li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju. Hemm bżonn li l-prodotti lesti kollha jiġu vverifikati qabel ma jiġu ppakkjati.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-ippakkjar.

7.1. L-aċċess għaż-żona tal-ippakkjar huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, spjega kif l-aċċess huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati	
7.2. Il-proċess tal-ippakkjar huwa taħt sorveljanza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħed jiġi sorveljat	
7.3. Jeżistu kontrolli li jevitaw it-tbagħbis fl-istadju tal-ippakkjar?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
7.4. Iddeskrivi l-imballaġġ ta' barra meta jkun lest:	
(a) L-ippakkjar ta' barra meta jkun lest huwa robust?	
IVA jew LE	
Iddeskrivi	
(b) It-tbagħbis tal-imballaġġ estern komplet huwa evidenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi liema proċess jintuża biex jagħmilha evidenti li jkun sar tbagħbis fl-imballaġġ, pereżempju bl-użu ta' siġilli nnumerati, timbri speċjali jew tejp tas-sigurtà.	
Jekk LE, iddeskrivi x'miżuri ta' protezzjoni jittieħdu biex jiżguraw l-integrità tal-kunsinni.	
7.5. Konklużjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-organizzazzjoni huma biżżejjed sabiex jipproteġu l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra l-UE jew ż-ŻEE minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul l-ippakkjar?	
IVA jew LE	

▼**M2**

Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 8

Il-ħżin

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul il-ħażna. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tintbagħat għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

L-entità għandha bżonn turi li l-aċċess għaż-żona tal-ħażna huwa kkontrollat. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE waqt li jkun qiegħed jinħażen, l-entità għandha bżonn turi li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat minn dan l-istadju.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru sejra lejn għall-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-ħażna.

8.1. L-aċċess għaż-żona tal-ħażna huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, spjega kif l-aċċess huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati	
8.2. Meta tkun lesta u ppakkjata, il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tinħażen b'mod sikur u jiġi ċċekkjat jekk kienx hemm tbagħbis?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
Jekk LE, spjega kif l-entità tiżgura li l-merkanzija bl-ajru u l-posta bl-ajru lesti u ppakkjati li jkunu sejrin lejn l-UE u lejn iż-ŻEE ikunu protetti minn kull interferenza u tbagħbis mhux awtorizzat.	
8.3. Konklużjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-organizzazzjoni huma biżżejjed sabiex jipproteġu l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul il-ħażna?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	

▼**M2**

Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 9

Il-bgħit

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul il-proċess tal-bgħit. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tintbagħat għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

L-entità għandha bżonn turi li l-aċċess għaż-żona tal-bgħit huwa kkontrollat. Jekk il-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE matul il-proċess tal-bgħit, l-entità jkollha bżonn turi li qegħdin jittieħdu miżuri sabiex il-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat f'dan l-istadju.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE/iż-ŻEE matul il-proċess tal-bgħit.

9.1. L-aċċess għaż-żona tal-bgħit huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, spjega kif l-aċċess huwa kkontrollat u limitat għall-persuni awtorizzati	
9.2. Min għandu aċċess għaż-żona tal-bgħit? Tista' tagħti aktar minn risposta waħda.	
☐ l-impjegati tal-entità ☐ ix-xufiera ☐ il-viżitaturi; ☐ il-kuntratturi ☐ oħrajn, speċifika	
9.3. Il-proċess tal-bgħit huwa taħt sorveljanza?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif qiegħed jiġi sorveljat	
9.4. Jeżistu kontrolli li jevitaw it-tbagħbis fl-istadju tal-bgħit?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
9.5. Konklużjoni: Il-miżuri li jittieħdu mill-organizzazzjoni huma biżżejjed sabiex jipproteġu l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul il-proċess tal-bgħit?	
IVA jew LE	

▼M2

Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 10

Il-kunsinni minn sorsi oħra

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri li jiżguraw li l-merkanzija jew il-posta li ma jkunx oriġina hu, ma tintbagħatx għand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

jista' jgħaddi kunsinni li ma jkunx oriġina hu stess lil RA3 jew lil ACC3, sakemm dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfati:

(a) ikunu separati minn kunsinni li jkun oriġina huwa stess; kif ukoll

(b) l-oriġini tkun indikata b'mod ċar fuq il-kunsinna jew fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament.

Il-kunsinni kollha għandhom jiġu skrinjati minn RA3 jew ACC3 qabel ma jitgħabbew fuq inġenju tal-ajru.

10.1. L-entità taċċetta kunsinni ta' merkanzija jew posta maħsuba għall-ġarr bl-ajru minn entità oħra?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif dawn il-kunsinni jinżammu separati mill-merkanzija jew il-posta tal-kumpanija nnifisha u kif inhuma identifikabbli għall-aġent jew it-trasportatur regolat?	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.	

IL-PARTI 11

Dokumentazzjoni

L-objettiv: Il-KC3 għandu jiżgura li d-dokumentazzjoni li takkumpanja kunsinna li fuqha l-KC3 ikun applika l-kontrolli tas-sigurtà (bħal skrinjar, protezzjoni), ikun fiha mill-inqas:

(a) l-identifikatur alfanumeriku uniku li wasal mingħand l-awtorità xierqa li tinnomina; kif ukoll

(b) il-kontenut tal-kunsinna.

Id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-kunsinna tista' tkun jew f'format elettroniku jew bil-miktub.

Ir-referenza: il-punt 6.8.3.4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

▼**M2**

11.1. L-entità tiżgura li d-dokumentazzjoni xierqa ta' akkumpanjament hija stabbilita u li fiha l-UAI riċevuti mingħand l-awtorità xierqa li tinnomina u deskrizzjoni tal-kunsinna?	
IVA jew LE	
Jekk LE, spjega għaliex	
11.2. Konklużjoni: Il-proċess tad-dokumentazzjoni huwa biżżejjed biex jiġi żgurat li l-merkanzija jew il-posta jkollha magħha d-dokumentazzjoni xierqa ta' akkumpanjament?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 12

It-trasport

L-objettiv: Il-KC3 għandu jkollu fis-seħħ proċeduri biex jiżgura li l-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru identifikabbli li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE tkun protetta minn kull interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzat matul it-trasportazzjoni. Jekk merkanzija jew posta bħal din ma tkunx protetta, ma tistax tiġi aċċettata mingħand ACC3 jew RA3 bħala merkanzija jew posta sikura.

Matul it-trasportazzjoni, il-KC3 huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-kunsinni sikuri. Dan jinkludi każijiet fejn it-trasportazzjoni ssir minn entità oħra, bħal persuna li tgħaddi l-merkanzija, f'isimha. Dan ma jinkludix każijiet fejn il-kunsinni jkunu ttrasportati taħt ir-responsabbiltà ta' ACC3 jew RA3.

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet meta l-prodott jista' jiġi identifikat bħala merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew iż-ŻEE meta ttrasportat.

12.1. Kif tasal il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru għand l-ACC3 jew l-RA3?	
(a) It-trasport proprju tal-entità vvalidata?	
IVA jew LE	
(b) It-trasport ta' ACC3/RA3 ieħor?	
IVA jew LE	
(c) Il-kuntrattur użat mill-entità vvalidata?	
IVA jew LE	

▼M2

12.2. Il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tbagħbset b'mod evidenti?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif	
12.3. Il-vettura tiġi ssiġġillata jew imsakkra qabel it-trasportazzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, kif	
12.4. Meta jintużaw is-siġilli nnumerati, l-aċċess għas-siġilli jkun ikkontrollat u n-numri jiġu rreġistrati malli jinħarġu?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika kif	
12.5. Jekk applikabbli, it-trasportatur rispettiv jiffirma d-dikjarazzjoni tat-trasport?	
IVA jew LE	
12.6. Il-persuna li tittrasporta l-merkanzija ġiet soġġetta għal kontrolli speċifiċi ta' sigurtà u taħriġ ta' sensibilizzazzjoni qabel ma ġiet awtorizzata tittrasporta merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru taħt sigurtà, jew it-tnejn?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, jekk jogħġbok iddeskrivi x'tipi ta' kontrolli tas-sigurtà (verifika qabel l-impjieg, verifika tal-preċedenti personali) u x'tip ta' taħriġ (taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà, eċċ.)	
12.7. Konklużjoni: Il-miżuri huma biżżejjed sabiex il-merkanzija bl-ajru jew il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza mhux awtorizzata waqt it-trasport?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika x'inhuma r-raġunijiet	
Il-kummenti mill-entità	
Il-kummenti mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	

IL-PARTI 13

Il-konformità

L-objettiv: Wara li jivvaluta l-ħdax-il parti preċedenti ta' din il-lista ta' kontroll, il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jikkonkludi jekk il-verifika fuq is-sit tiegħu tikkonfermax l-implimentazzjoni tal-kontroll tas-sigurtà f'konformità mal-objettivi elenkati f'din il-lista ta' kontroll għall-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE.

▼**M2**

Huma possibbli żewġ xenarji differenti. Il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jikkonkludi li l-entità:

(1) irnexxielha tikkonforma mal-objettivi msemmija f'din il-lista ta' kontroll. Għandu jintbagħat rapport ta' validazzjoni lill-awtorità xierqa li tinnomina u lill-entità vvalidata fi żmien massimu ta' xahar wara l-verifika fuq il-post.

(2) ma rnexxilhiex tikkonforma mal-objettivi msemmija f'din il-lista ta' kontroll. F'dak il-każ, l-entità ma tkunx awtorizzata li tibgħat merkanzija jew posta bl-ajru f'destinazzjoni tal-UE jew ŻEE għand ACC3 jew RA3 mingħajr ma l-ewwel tiġi skrinjata minn parti awtorizzata. Hija għandha tirċievi kopja tal-lista ta' kontroll kompluta li tgħid x'inhuma n-nuqqasijiet.

Il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jżomm f'moħħu li l-valutazzjoni hija bbażata fuq metodoloġija ta' konformità globali abbażi tal-objettivi.

12.1. Konklużjoni ġenerali: Indika l-eqreb xenarju għas-sitwazzjoni vvalidata	
1 jew 2	
Il-kummenti minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	
Il-kummenti mill-entità	

Isem il-validatur:

Id-data:

Il-firma:

▼M2

ANNESS

Il-lista ta' persuni u entitajiet li saritilhom żjara jew li ġew intervistati

Għandhom jingħataw isem l-entità, l-isem u l-kariga tal-persuna ta' kuntatt u d-data taż-żjara jew tal-intervista.

Isem l-entità	Isem il-persuna ta' kuntatt	Il-kariga tal-persuna ta' kuntatt	Id-data taż-żjara/l-intervista

▼M15

———————

▼M17

DOKUMENT MEHMUŻ 6-D

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI – TRASPORTATUR APPROVAT

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li,

— sa fejn naf jien, l-informazzjoni li tinsab fil-programm ta' sigurtà tal-kumpanija hija vera u preċiża;

— il-prattiki u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-programm ta' sigurtà se jiġu implimentati u miżmuma fil-postijiet kollha koperti mill-programm;

— il-programm ta' sigurtà se jiġi aġġustat u adattat sabiex ikun konformi mal-bidliet kollha rilevanti għall-futur fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm [isem il-kumpanija] ma tkunx informat lil [isem l-awtorità xierqa] li ma tixtieqx tibqa' tinnegozja bħala trasportatur approvat;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] bil-miktub dwar:

(a) bidliet żgħar fil-programm ta' sigurtà tagħha, bħalma huma l-isem tal-kumpanija jew il-persuna responsabbli għas-sigurtà jew id-dettalji ta' kuntatt, fil-pront u mill-inqas fi żmien 10 ijiem tax-xogħol;

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2008/300/oj).

▼M17

(b) bidliet kbar ippjanati, bħalma bidliet proċedurali li jistgħu jaffettwaw il-konformità tagħha mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni rilevanti jew bidla fil-post jew fl-indirizz, mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel il-bidu tagħhom jew il-bidla ppjanata;

— sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ mal-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif mitlub mill-ispetturi;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] dwar kwalunkwe ksur serju tas-sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkostanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru, b'mod partikolari kwalunkwe tentattiv biex jinħbew oġġetti pprojbiti fil-kunsinni jew interferenza mat-trasport sigur, jew it-tnejn;

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi taħriġ f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 ([1]) u jkun konxju mir-responsabbiltajiet ta' sigurtà tiegħu taħt il-programm ta' sigurtà tal-kumpanija;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] jekk:

(a) twaqqaf in-negozju;

(b) ma tibqax involuta fit-trasport ta' merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru;

(c) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti.

Jien naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

Isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

L-isem u l-indirizz irreġistrat tal-kumpanija:

Data:

Firma:

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-E

DIKJARAZZJONI TAT-TRASPORTATUR

Skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu,

▼M16

Waqt il-ġbir, il-ġarr, il-ħżin u t-twassil tal-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru li jkunu sarulha l-kontrolli tas-sigurtà [f'isem *isem l-aġent regolat/it-trasportatur tal-ajru li japplika l-kontrolli tas-sigurtà għall-merkanzija jew għall-posta/l-konsenjatur magħruf*], nikkonferma li se jkun hemm konformità mal-proċeduri tas-sigurtà li ġejjin:

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1998/oj).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

▼M15

— Il-persunal kollu li jwettaq it-trasport tal-merkanzija u tal-posta jkun irċieva taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7. Barra minn hekk, jekk tali persunal jingħata wkoll aċċess mingħajr superviżjoni għall-merkanzija u għall-posta li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa, ikun irċieva taħriġ dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.3.9;

▼B

— L-integrità tal-persunal kollu li jiġi rreklutat li jkollu aċċess għall-merkanzija bl-ajru/il-posta bl-ajru se tkun ivverifikata. Din il-verifika għandha tinkludi tal-anqas kontroll tal-identità (jekk hu possibbli permezz ta' karta tal-identità, liċenzja tas-sewqan jew passaport li jkollhom ritratt tal-persuna) u kontroll tal-*curriculum vitae* u/jew ir-referenzi provduti;

— Il-kompartimenti għat-tagħbija fil-vetturi se jkunu siġġillati jew imsakkra. Vetturi li jkollhom il-purtieri fil-ġnub tagħhom se jingħalqu b'mod sikur permezz ta' ħbula tat-TIR. L-erjas tat-tagħbija tat-trakkijiet bi pjattaforma għall-ġarr se jinżammu taħt osservazzjoni meta l-merkanzija bl-ajru tkun qiegħda tiġi ttrasportata;

— Minnufih qabel it-tagħbien, għandha ssir tiftixa fil-kompartiment tat-tagħbija u l-integrità ta' din it-tiftixa għandha tinżamm sa ma jintemm it-tagħbien;

— Kull xufier se jġorr miegħu l-kartà tal-identità, il-passaport, il-liċenzja tas-sewqan jew dokument ieħor, li jkollu ritratt tal-persuna, li jkun inħareġ jew li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet nazzjonali;

— Bejn il-ġbir u t-twassil, ix-xufiera mhumiex se jieqfu f'postijiet li ma jkunux inklużi fl-iskeda. Meta dan ma jkunx jista' jiġi evitat, ix-xufier se jiċċekkja s-sigurtà tat-tagħbija u l-integrità tal-qofol u/jew tas-siġilli malli jasal lura. Jekk ix-xufier jiskopri kwalunkwe evidenza ta' interferenza, se jinnotifika lis-superviżur tiegħu u l-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru mhux se titwassal mingħajr notifika waqt it-twassil tagħha;

— It-trasport mhux se jiġi subkuntrattat lil parti terza, sakemm il-parti terza:

▼M16

(a) għandu ftehim ta' trasportatur mal-aġent regolat jew ma' konsenjatur magħruf responsabbli għat-trasport [l-istess isem ta' hawn fuq]; jew

▼B

(b) ma tkunx approvata jew ċertifikata mill-awtorità xierqa; jew

▼M16

(c) għandu ftehim ta' trasportatur mat-trasportatur firmatarju li jeħtieġ li l-parti terza ma tagħmilx subkuntratti ulterjuri u li din timplimenta l-proċeduri tas-sigurtà li jinsabu f'din id-dikjarazzjoni. It-trasportatur firmatarju jġorr ir-responsabbiltà kollha għat-trasport kollu f'isem l-aġent regolat jew il-konsenjatur magħruf; u

▼B

— L-ebda servizz ieħor (eż. il-ħżin) mhuwa se jingħata b'kuntratt lil kwalunkwe parti oħra għajr aġent regolat jew entità li tkun ġiet iċċertifikata jew approvata u elenkata għad-dispożizzjoni ta' dawn is-servizzi mill-awtorità xierqa.

▼B

Naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

L-isem u l-indirizz tal-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

▼M7

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-F

MERKANZIJA U POSTA

6-Fi

PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA PAJJIŻI U TERRITORJI LI JAPPLIKAW STANDARDS TAS-SIGURTÀ LI HUMA EKWIVALENTI GĦALL-ISTANDARDS BAŻIĊI KOMUNI DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Fir-rigward tal-merkanzija u tal-posta, il-pajjiżi terzi li ġejjin ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili:

▼M17

Ir-Renju tan-Norveġja, fir-rigward tal-Ajruport ta' Svalbard

▼M7

Il-Montenegro

▼M13

Ir-Repubblika tas-Serbja

▼M7

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri jekk ikollha xi tagħrif li jindika li l-istandards tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni mhumiex iktar ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni tal-Unjoni.

L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif dwar azzjonijiet, inkluż miżuri ta' kumpens, li jikkonfermaw li ġiet stabbilita mill-ġdid l-ekwivalenza tal-istandards rilevanti tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat.

6-Fii

PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI GĦALIHOM ID-DEŻINJAZZJONI ACC3 MHIX MEĦTIEĠA, HUMA ELENKATI FID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI C(2015)8005.

6-Fiii

ATTIVITAJIET TA' VALIDAZZJONI TA' PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL TA' PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RIKONOXXUTI BĦALA EKWIVALENTI GĦALL-VALIDAZZJONI TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE.

L-ebda dispożizzjoni ma ġiet adottata sa issa.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-G

DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAL-MERKANZIJA U L-POSTA LI JITILQU MINN PAJJIŻ TERZ

Il-programm tas-sigurtà tal-ACC3 għandu jistabbilixxi, kif applikabbli u jew għal kull ajruport ta' pajjiż terz individwalment inkella bħala dokument ġeneriku li jispeċifika kwalunkwe varjazzjoni f'ajruporti ta' pajjiż terz imsemmija:

(a) id-deskrizzjoni tal-miżuri għall-merkanzija u l-posta bl-ajru;

(b) il-proċeduri għall-aċċettazzjoni;

(c) l-iskema u l-kriterji tal-aġent regolat;

(d) l-iskema u l-kriterji tal-ispeditur magħruf;

(e) l-iskema u l-kriterji tal-ispeditur in konto;

(f) l-istandard tal-iskrinjar;

(g) il-post tal-iskrinjar;

(h) id-dettalji dwar it-tagħmir tal-iskrinjar;

(i) id-dettalji tal-operatur jew tal-fornitur tas-servizz;

(j) il-lista ta' eżenzjonijiet mill-iskrinjar tas-siġurtà;

(k) it-trattament ta' merkanzija u posta bl-ajru b'riskju għoli.

▼M2

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-H1

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI — ACC3 IVVALIDAT GĦAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE

F'isem [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] jien nieħu nota ta' dan li ġej:

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-livell ta' sigurtà applikata għall-operazzjonijiet ta' merkanzija bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fir-rigward tal-istandards tas-sigurtà elenkati fil-lista ta' kontroll jew imsemmija fih.

[L-isem tat-trasportatur tal-ajru] jista' jiġi nnominat biss bħala "trasportatur tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru li jopera fl-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz" (ACC3) ladarba rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jkun ġie sottomess u aċċettat mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Iżlanda, tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera għal dak l-iskop, u d-dettalji tal-ACC3 ikunu ddaħħlu fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

Jekk ir-rapport jistabbilixxi nuqqas ta' konformità fil-miżuri tas-sigurtà li jirreferi għalihom, dan jista' jwassal għall-irtirar tad-deżinjazzjoni ta' [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] bħala ACC3 diġà miksuba għal dan l-ajruport mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-UE jew mill-Kummissjoni Ewropea, liema rtirar jispiċċa jipprevjeni lil [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] milli jittrasporta merkanzija jew posta bl-ajru lejn iż-żona tal-UE jew iż-ŻEE minn dan l-ajruport.

Ir-rapport huwa validu għal ħames snin u għaldaqstant għandu jiskadi mhux aktar tard minn ….

F'isem [it-trasportatur tal-ajru] jien niddikjara li:

▼M2

(1) [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] jaċċetta li tittieħed azzjoni ta' segwitu xierqa bil-għan li jiġu mmonitorjati l-istandards ikkonfermati mir-rapport.

(2) Se nipprovdi lill-l-awtorità xierqa li tinnomina d-dettalji rilevanti minnufih iżda tal-anqas fi żmien 15-il jum jekk:

(a) kwalunkwe bidla li sseħħ fil-programm tas-sigurtà ta'[l-isem tal-entità];

(b) ir-responsabbiltà globali għas-sigurtà tiġi assenjata lil kwalunkwe persuna minbarra l-persuna msemmija fil-punt 1.9 tad-Dokument Mehmuż 6-C4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998;

(c) ikun hemm kwalunkwe bidla oħra fil-bini jew fil-proċeduri li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurtà;

(d) It-trasportatur tal-ajru ma jibqax fin-negozju, ma jibqax jittratta merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-Unjoni, jew ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li ġew vvalidati f'dan ir-rapport.

(3) [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] sejjer iżomm il-livell tas-sigurtà kkonfermat f'dan ir-rapport bħala konformi mal-objettiv stabbilit fil-lista ta' kontroll u, fejn xieraq, jimplimenta u japplika kwalunkwe miżura ta' sigurtà addizzjonali meħtieġa sabiex jiġi nnominat bħala ACC3 fejn l-istandards tas-sigurtà jkunu ġew identifikati bħala insuffiċjenti, sakemm issir il-validazzjoni sussegwenti tal-attivitajiet ta' [l-isem tat-trasportatur tal-ajru].

(4) [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] sejjer jgħarraf lill-awtorità xierqa li tinnomina, f'każ li ma jkunx jista' jitlob, jikseb jew jiżgura l-applikazzjoni ta' kontrolli xierqa ta' sigurtà fir-rigward tal-merkanzija jew il-posta li hu jaċċetta biex tinġarr lejn iż-żona tal-UE jew taż-ŻEE, jew inkella ma jkunx jista' jeżerċita sorveljanza effettiva fuq il-katina ta' provvista tagħha.

F'isem [l-isem tat-trasportatur tal-ajru] jien naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-H2

DIKJARAZZJONI TA' IMPENJI — AĠENTI REGOLATI U VVALIDATI TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE MINN PAJJIŻ TERZ (RA3)

F'isem [l-isem tal-entità] jien nieħu nota ta' dan li ġej:

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-livell ta' sigurtà applikata għall-operazzjonijiet ta' merkanzija bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fir-rigward tal-istandards tas-sigurtà elenkati fil-lista ta' kontroll jew imsemmija fih.

[L-isem tal-entità] jista' jiġi nnominat biss bħala "aġent regolat ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ta' pajjiż terz (RA3)" ladarba rapport tal-validazzjoni tal-UE jkun ġie sottomess u aċċettat mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Iżlanda, tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera għal dak il-għan, u d-dettalji tal-KC3 ikunu ddaħħlu fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

▼M2

Jekk l-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-Unjoni jew il-Kummissjoni Ewropea tidentifika nuqqas ta' konformità fil-miżuri tas-sigurtà li r-rapport jirreferi għalihom, dan jista' jwassal għall-irtirar tad-deżinjazzjoni ta' [l-isem tal-entità] bħala RA3 li diġà nkisbet għal dan il-bini. Dan l-irtirar se jipprevjeni lil [l-isem tal-entità] milli jwassal merkanzija jew posta bl-ajru taħt sigurtà fid-destinazzjoni tal-UE jew taż-ŻEE għand ACC3 jew RA3 ieħor.

Ir-rapport huwa validu għal tliet snin u għaldaqstant għandu jiskadi mhux aktar tard minn ….

F'isem [l-isem tal-entità] jien niddikjara li:

(1) [l-isem tal-entità] jaċċetta li tittieħed azzjoni ta' segwitu xierqa bil-għan li jiġu mmonitorjati l-istandards ikkonfermati mir-rapport.

(2) Se nipprovdi lill-l-awtorità xierqa li tinnomina d-dettalji rilevanti minnufih iżda tal-anqas fi żmien 15-il jum jekk:

(a) kwalunkwe bidla li seħħ fil-programm tas-sigurtà ta'[l-isem tal-entità];

(b) ir-responsabbiltà globali għas-sigurtà tiġi assenjata lil kwalunkwe persuna minbarra l-persuna msemmija fil-punt 1.9 tad-Dokument Mehmuż 6-C4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998;

(c) ikun hemm kwalunkwe bidla oħra fil-bini jew fil-proċeduri li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurtà;

(d) il-kumpanija ma tibqax fin-negozju, ma tibqax tittratta merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-Unjoni Ewropea, jew ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li ġew vvalidati f'dan ir-rapport.

(3) [l-isem tal-emtità] sejjer iżomm il-livell tas-sigurtà kkonfermat f'dan ir-rapport bħala konformi mal-objettiv stabbilit fil-lista ta' kontroll u, fejn xieraq, jimplimenta u japplika kwalunkwe miżura ta' sigurtà addizzjonali meħtieġa sabiex jiġi nnominat bħala KC3 fejn l-istandards tas-sigurtà jkunu ġew identifikati bħala insuffiċjenti, sakemm issir il-validazzjoni sussegwenti tal-attivitajiet ta' [l-isem tal-entità].

(4) [l-isem tal-entità] se jgħarraf lill-ACC3 u lill-RA3 li għandhom iwassal merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru taħt sigurtà jekk [l-isem tal-entità] iwaqqaf il-kummerċ, ma jibqax ikollu x'jaqsam ma' merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru jew ma jkunx jista' jibqa' jissodisfa r-rekwiżiti vvalidati f'dan ir-rapport.

F'isem [l-isem tal-entità] jien naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-H3

DIKJARAZZJONI TA' IMPENJI — KUNSINNATARJU MAGĦRUF MINN PAJJIŻ TERZ LI HU VVALIDAT SKONT L-ISTANDARDS TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE (KC3)

F'isem [l-isem tal-entità] jien nieħu nota ta' dan li ġej:

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-livell ta' sigurtà applikata għall-operazzjonijiet ta' merkanzija bl-ajru li tkun sejra lejn l-UE jew lejn iż-ŻEE fir-rigward tal-istandards tas-sigurtà elenkati fil-lista ta' kontroll jew imsemmija fih.

▼M2

[L-isem tal-entità] jista' jiġi nnominat biss bħala “kunsinnatarju magħruf ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ta' pajjiż terz (KC3)” ladarba rapport tal-validazzjoni tal-UE jkun ġie sottomess u aċċettat mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Iżlanda, tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera għal dak il-għan, u d-dettalji tal-KC3 ikunu ddaħħlu fil-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

Jekk jiġi identifikat mill-awtorità xierqa ta' Stat membru tal-Unjoni nuqqas ta' konformità fil-miżuri tas-sigurtà li r-rapport jirreferi għalih, dan jista' jwassal għall-irtirar tan-dežinjazzjoni ta' [l-isem tal-entità] bħala KC3 li diġà nkisbet minn dan il-bini mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-Unjoni jew mill-Kummissjoni Ewropea, liema rtirar se jipprevjeni lil [l-isem tal-entità] milli jwassal merkanzija jew posta bl-ajru taħt sigurtà fid-destinazzjoni tal-UE jew taż-ŻEE għand ACC3 jew RA3.

Ir-rapport huwa validu għal tliet snin u għaldaqstant għandu jiskadi mhux aktar tard minn ….

F'isem [l-isem tal-entità] jien niddikjara li:

(1) [l-isem tal-entità] ser jaċċetta li tittieħed azzjoni ta' segwitu xierqa bil-għan li jiġu mmonitorjati l-istandards ikkonfermati mir-rapport.

(2) Se nipprovdi lill-l-awtorità xierqa li tinnomina d-dettalji rilevanti minnufih iżda tal-anqas fi żmien 15-il jum jekk:

(a) kwalunkwe bidla li seħħ fil-programm tas-sigurtà ta'[l-isem tal-entità];

(b) ir-responsabbiltà globali għas-sigurtà tiġi assenjata lil kwalunkwe persuna minbarra l-persuna msemmija fil-punt 1.9 tad-Dokument Mehmuż 6-C4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998;

(c) ikun hemm kwalunkwe bidla oħra fil-bini jew fil-proċeduri li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurtà;

(d) il-kumpanija ma tibqax fin-negozju, ma tibqax tittratta merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru li tkun sejra lejn l-Unjoni Ewropea, jew ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li ġew vvalidati f'dan ir-rapport.

(3) [l-isem tal-entità] sejjer iżomm il-livell tas-sigurtà kkonfermat f'dan ir-rapport bħala konformi mal-objettiv stabbilit fil-lista ta' kontroll u, fejn xieraq, jimplimenta u japplika kwalunkwe miżura ta' sigurtà addizzjonali meħtieġa sabiex jiġi nnominat bħala KC3 fejn l-istandards tas-sigurtà jkunu ġew identifikati bħala insuffiċjenti, sakemm issir il-validazzjoni sussegwenti tal-attivitajiet ta' [l-isem tal-entità].

(4) [l-isem tal-entità] se jgħarraf lill-ACC3 u lill-RA3 li għandhom iwassal merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru taħt sigurtà jekk [l-isem tal-entità] iwaqqaf il-kummerċ, ma jibqax ikollu x'jaqsam ma' merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru jew ma jkunx jista' jibqa' jissodisfa r-rekwiżiti vvalidati f'dan ir-rapport.

F'isem [l-isem tal-entità] jien naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-I

Id-dispożizzjonijiet għal merkanzija b'riskju għoli huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 6-J

Id-dispożizzjonijiet għall-użu tat-tagħmir tal-iskrinjar huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M17

DOKUMENT MEHMUŻ 6-K

PROGRAMM TA' SIGURTÀ TAT-TRASPORTATUR APPROVAT

Introduzzjoni

Dan il-mudell għall-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat huwa mfassal biex jgħinek tiddeskrivi u tivvaluta l-prekawzjonijiet ta' sigurtà eżistenti tiegħek abbażi tal-kriterji għat-trasportaturi stabbiliti fil-punt 6.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998. Huwa maħsub biex jagħtik iċ-ċans tiżgura li tissodisfa r-rekwiżiti qabel ma tkun soġġett(a) għal verifika uffiċjali.

L-applikant għandu jissottometti programm ta' sigurtà lill-awtorità xierqa kkonċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mit-trasportatur sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu.

Il-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat għandu jkun protett minn aċċess mhux awtorizzat u jintuża biss fuq bażi interna tal-kumpanija, minħabba li fih informazzjoni rilevanti għas-sigurtà. Il-persuni kollha fdati bil-kompiti tas-sigurtà tal-avjazzjoni jrid ikollhom għarfien li jista' jintwera tal-kontenut, kif ukoll il-kapaċità li japplikawh.

Struzzjonijiet għall-mili tal-formola:

— Jekk il-proċeduri speċifikati ma japplikawx għas-sit operatorju tiegħek, dan irid jiġi indikat fil-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat.

— Sa fejn tagħmel bidliet f'kapitolu ta' dan il-programm ta' sigurtà fil-futur, innota d-data tal-bidla tal-kapitolu rispettiv fil-werrej u ssottometti l-programm ta' sigurtà kollu tat-trasportatur bil-bidliet lill-awtorità xierqa li tkun tat l-approvazzjoni tiegħek. **Barra minn hekk, il-bidliet fil-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat iridu jiġu enfasizzati bil-kulur.**

Werrej

Kapitolu	Werrej	Data tal-aħħar modifika
1	Dettalji ta' kuntatt	
2	Persunal	
3	Trasport u protezzjoni tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru	
4	Ħżin limitat/trażbord ta' merkanzija u posta bl-ajru	
5	Assigurazzjoni tal-kwalità interna	
6	Theddida minn informazzjoni privileġġata u kultura ta' sigurtà	
7	Dokumenti mehmużin: rekwiżiti nazzjonali	

▼M17

KAPITOLU 1

Dettalji ta' kuntatt

1.1 L-isem, l-indirizz irreġistrat u d-dettalji ta' kuntatt tat-trasportatur

Jekk jogħġbok indika l-isem, l-indirizz sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt (telefon, indirizz tal-posta elettronika, eċċ.) tal-kwartieri ġenerali tal-kumpanija. Jekk jogħġbok innota li l-kumpanija tiegħek se tiġi approvata taħt l-isem uffiċjali tal-kumpanija mdaħħal fir-reġistru kummerċjali. Kummerċjanti żgħar jew waħdiena huma approvati bħala trasportaturi taħt l-isem u l-kunjom tagħhom (kif iddikjarat fil-liċenzja kummerċjali).

Jekk jogħġbok indika n-numru tal-VAT/tal-Kamra tal-Kummerċ jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-Korporazzjoni (kif applikabbli).

1.2 Persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat (maniġer tas-sigurtà)

Jekk jogħġbok indika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt (telefon, indirizz tal-posta elettronika, eċċ.) tal-persuna responsabbli għall-kompilazzjoni tal-programm ta' sigurtà, l-implimentazzjoni tiegħu u l-konformità miegħu.

1.3 Awtopreżentazzjoni tal-kumpanija

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet kummerċjali speċifiċi tal-kumpanija tiegħek, b'mod partikolari:

— it-tipi ta' merkanzija li tittrasporta (eż. annimali ħajjin, oġġetti li jitħassru malajr, oġġetti perikoluży, eċċ.);

— jekk inti tissottokuntrattax jew le (jew intix biħsiebek tissottokuntratta) it-trasport ta' merkanzija bl-ajru jew posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà lil partijiet terzi (jiġifieri trasportatur approvat ieħor jew aġent regolat).

1.4 Siti operatorji (din għandha timtela jekk ma hijiex identika għal 1.1)

1.4.1 Jekk jogħġbok indika:

— l-isem u l-indirizz sħiħ tas-siti operatorji kollha fl-Istat Membru (jekk applikabbli);

— l-għadd approssimattiv ta' impjegati f'kull sit operatorju (fil-ħin li jiġi stabbilit dan il-programm ta' sigurtà);

— it-tip u s-sehem approssimattiv tal-operazzjonijiet imwettqa f'kull sit operatorju (bħala perċentwal tat-total).

1.4.2 Jekk jogħġbok indika:

— l-isem u l-indirizz sħiħ tas-siti operatorji kollha f'kull Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-approvazzjoni (jekk applikabbli);

— l-għadd approssimattiv ta' impjegati f'kull sit operatorju (fil-ħin li jiġi stabbilit dan il-programm ta' sigurtà);

— it-tip u s-sehem approssimattiv tal-operazzjonijiet imwettqa f'kull sit operatorju (bħala perċentwal tat-total).

▼M17

KAPITOLU 2

Il-persunal

Il-proċedura ta' reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal jitwettqu f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, kif deskritt hawn taħt.

2.1 Reklutaġġ

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċedura ta' reklutaġġ tal-persunal fis-seħħ u kif din tiżgura l-konformità mal-punti 11.1.8, 11.1.9 u 11.1.10 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Ir-rekords tar-reklutaġġ u tat-taħriġ, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe test ta' valutazzjoni, iridu jinżammu mill-inqas għal kemm idum il-kuntratt. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-proċeduri tiegħek jiżguraw il-konformità mal-punt 11.1.10 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

2.2 Verifika tal-isfond

Hija meħtieġa verifika tal-preċedenti personali msaħħa b'suċċess għall-persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat (maniġer tas-sigurtà), kif indikat fil-punt 1.2.

Hija meħtieġa verifika tal-preċedenti personali b'suċċess għal persuni li jkollhom aċċess mingħajr skorta għall-merkanzija u l-posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa, kif ukoll għal persuni li jimplimentaw protezzjoni u kwalunkwe kontroll tas-sigurtà ieħor fir-rigward ta' tali merkanzija u posta bl-ajru. Jekk għandhiex titlesta verifika tal-preċedenti personali standard jew imsaħħa għandu jiġi ddeterminat mill-awtorità xierqa li tapprova t-trasportatur f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli.

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċedura ta' verifika tal-preċedenti personali għall-kategoriji differenti ta' persunal u kif il-proċedura tiżgura li l-persunal rilevanti jkollu verifika tal-preċedenti personali valida f'kull ħin.

Jekk persuna ġġib riżultat negattiv f'verifika tal-preċedenti personali jew inkella l-verifika tal-preċedenti personali tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti, id-drittijiet ta' aċċess u ta' dħul tal-persuna jiġu rtirati minnufih u din il-persuna ma tibqax tintuża għal attivitajiet li jeħtieġu t-tlestija b'suċċess ta' verifika tal-preċedenti personali. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċedura rilevanti applikabbli f'każijiet bħal dawn.

2.3 Kategoriji ta' persunal u taħriġ

Il-kategoriji ta' persunal li ġejjin jeżistu u huma soġġetti għall-ispeċifikazzjonijiet ta' taħriġ rilevanti li jinsabu fil-punti li ġejjin tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998:

— persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà tat-trasportatur approvat (maniġer tas-sigurtà): taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.5;

— persunal b'aċċess mingħajr superviżjoni jew skorta li jwettaq il-ġbir, il-ġarr, il-ħżin limitat u t-twassil ta' merkanzija jew posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà: taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.9;

— persunal b'aċċess b'superviżjoni jew skorta li jwettaq il-ġbir, il-ġarr, il-ħżin limitat u t-twassil ta' merkanzija jew posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà: taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.7;

— persunal mingħajr aċċess għall-merkanzija bl-ajru jew għall-posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà, involut fit-trasport jew fil-ħżin limitat tagħhom: taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.7.

▼M17

It-taħriġ rikorrenti tal-persunal irid jitwettaq f'konformità mal-punt 11.4.3 (a) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Il-persunal jinkludi kemm il-persunal tal-kumpanija stess kif ukoll il-persunal mill-forniturі tas-servizzi skjerati fis-sit operatorju.

It-trasportatur approvat jiżgura li lista aġġornata tal-persunal imsemmi f'dan il-punt u r-rekords tat-taħriġ rilevanti jkunu disponibbli għall-awtorità xierqa fuq talba fi kwalunkwe ħin.

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċedura u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-punt f'kull ħin.

KAPITOLU 3

It-trasport u l-protezzjoni tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru

Meta jiġbor, jittrasporta u jwassal merkanzija jew posta bl-ajru li għaliha jkunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà, it-trasportatur irid jiżgura li jimplimenta r-rekwiżiti tal-punt 6.5.2.1, 6.5.2.2 u 6.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 fl-operazzjonijiet tiegħu.

Jekk jogħġbok iddeskrivi kif it-trasportatur jiżgura l-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet legali.

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-azzjonijiet implimentati mit-trasportatur meta jkun hemm xi raġuni biex wieħed jemmen li kunsinna li għaliha jkunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà kienet soġġetta għal interferenza illegali jew ma tkunx ġiet protetta f'konformità mal-punt 6.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, jew it-tnejn.

KAPITOLU 4

Il-ħżin limitat/it-trażbord ta' merkanzija u posta bl-ajru

F'konformità mal-punt 6.0.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, "ħżin limitat" tfisser iż-żmien kumplessiv strettament meħtieġ għal trasportatur approvat biex iwettaq it-trażbord tal-merkanzija u tal-posta minn mezz wieħed ta' trasport għal dak li jintuża għall-porzjon sussegwenti tat-trasport bis-superfiċje ta' dak il-vjeġġ.

Matul il-ħżin limitat, il-kunsinna għandha tinżamm protetta minn interferenza mhux awtorizzata f'konformità mal-punti 6.5.2, 6.6.1 u 6.6.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

Jekk jogħġbok indika jekk it-trasportatur jagħmilx operazzjonijiet ta' ħżin limitat jew le. Jekk applikabbli:

— jekk jogħġbok iddeskrivi t-tipi u l-mezzi kollha ta' ħżin użati f'kull wieħed mill-postijiet fejn dan japplika (eż. maħżen, kontejner, eċċ.), ir-raġunijiet għall-użu tagħhom u l-proċeduri rilevanti fis-seħħ;

— jekk jogħġbok spjega kif il-merkanzija u l-posta bl-ajru li għalihom ġew applikati kontrolli tas-sigurtà huma protetti minn interferenza mhux awtorizzata matul il-ħżin limitat;

— jekk jogħġbok iddeskrivi l-azzjonijiet implimentati mit-trasportatur meta jkun hemm xi raġuni biex wieħed jemmen li kunsinna li għaliha jkunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà kienet soġġetta għal interferenza illegali jew ma tkunx ġiet protetta f'konformità mal-punti 6.5.2, 6.6.1 u 6.6.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, jew it-tnejn.

▼M17

KAPITOLU 5

Assigurazzjoni tal-kwalità interna mwettqa mit-trasportatur approvat

It-trasportatur approvat irid iwettaq assigurazzjoni tal-kwalità interna b'mod regolari, f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali.

It-trasportatur approvat irid jindika l-persuna responsabbli għall-attivitajiet ta' kwalità interna tas-sigurtà tal-avjazzjoni (jekk differenti mill-persuna indikata fil-punt 1.2).

It-trasportatur approvat irid jiżgura li r-rekwiżiti statutorji għall-protezzjoni tal-merkanzija bl-ajru jew tal-posta bl-ajru li għalihom ikunu ġew applikati kontrolli tas-sigurtà jiġu rrispettati u li l-proċeduri deskritti fil-programm ta' sigurtà jkunu aġġornati. Għal dak il-għan, it-trasportatur irid ifassal rapport tal-kwalità interna.

Jekk jogħġbok elenka u ddeskrivi l-attivitajiet ta' kontroll tal-kwalità mwettqa, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu jinkludu u jkopru dawn li ġejjin:

— l-ambitu u l-frekwenza tal-attivitajiet ta' kontroll tal-kwalità;

— iż-żoni u l-oġġetti li għandhom jiġu vverifikati;

— il-ponderazzjoni tan-nuqqasijiet individwali (eż. nuqqas minuri, serju jew serju ħafna);

— ir-responsabbiltajiet għar-rettifika tan-nuqqasijiet u l-iskadenzi għat-tlestija, kif ukoll kwalunkwe proċedura ta' eskalazzjoni.

It-trasportatur approvat għandu jiżgura li r-rekords tal-attivitajiet ta' kwalità interna tas-sigurtà tal-avjazzjoni jkunu disponibbli għall-awtorità xierqa fuq talba fi kwalunkwe ħin.

KAPITOLU 6

Theddida minn informazzjoni privileġġata u kultura ta' sigurtà

Sabiex tiġi miġġielda u tittaffa t-theddida minn informazzjoni privileġġata ta' trasgressuri interni (theddida minn informazzjoni privileġġata), it-trasportatur approvat irid jistabbilixxi regolamenti interni xierqa u miżuri preventivi relatati biex titqajjem kuxjenza u tiġi promossa kultura ta' sigurtà.

Għal dak il-għan, it-trasportatur jimplimenta miżuri preventivi biex jidentifika t-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni u biex jiġġieled dawk it-theddidiet, kif ukoll sistemi għall-valutazzjoni tal-inċidenti rilevanti għas-sigurtà tal-avjazzjoni. Il-miżuri meħuda u s-sistemi ta' valutazzjoni qed jiġu analizzati u kkoreġuti kontinwament, f'konformità ma' dan li ġej:

— jekk jogħġbok indika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna (jekk differenti mill-persuna indikata fil-punt 1.2) jew il-funzjoni responsabbli għall-koordinazzjoni ta' dawk il-miżuri;

— jekk jogħġbok indika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna (jekk differenti mill-persuna indikata fil-punt 1.2) jew il-funzjoni responsabbli għall-valutazzjoni tar-rapporti li jidħlu u għall-bidu u l-koordinazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu derivati minnhom;

— jekk jogħġbok iddeskrivi l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni tal-persunal u l-informazzjoni dwar is-sistema ta' rapportar intern.

KAPITOLU 7

Dokumenti mehmużin: rekwiżiti nazzjonali

Jekk jogħġbok inkludi kwalunkwe informazzjoni u dokument ta' politika jew regolatorju stabbiliti fil-livell nazzjonali li t-trasportatur approvat għandu jikkonforma magħhom.

▼M17

DOKUMENT MEHMUŻ 6-L

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦAT-TRASPORTATURI APPROVATI

Noti dwar il-mili

Meta timla din il-lista ta' kontroll, jekk jogħġbok innota li jekk it-tweġiba għal kwalunkwe mistoqsija ppreżentata b'tipa grassa tkun LE, il-validazzjoni TRID tiġi vvalutata bħala RIŻULTAT NEGATTIV, sakemm il-mistoqsija ma tapplikax.

Jekk jogħġbok innota li l-mistoqsijiet fuq din il-lista ta' kontroll huma ta' żewġ tipi: (1) dawk fejn rispons negattiv awtomatikament ifisser li ma tistax tiġi aċċettat bħala trasportatur approvat u (2) dawk li se jintużaw biex joħolqu stampa ġenerali tad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà tat-trasportatur sabiex il-validatur ikun jista' jasal għal konklużjoni ġenerali. L-oqsma fejn awtomatikament jiġi rreġistrat "riżultat negattiv" huma indikati bir-rekwiżiti indikati b'tipa grassa. Jekk ikun hemm "riżultat negattiv" fir-rigward tar-rekwiżiti indikati b'tipa grassa, ir-raġunijiet jingħataw lit-trasportatur, flimkien ma' pariri dwar l-aġġustamenti meħtieġa sabiex jinkiseb riżultat pożittiv.

PARTI 1

Organizzazzjoni u responsabbiltajiet

1.1	Id-data tal-validazzjoni	
	jj/xx/ssss	
1.2	Id-data tal-validazzjoni preċedenti u l-identifikatur alfanumeriku uniku (UAI), fejn applikabbli	
	jj/xx/ssss	
	UAI	
1.3	Isem l-organizzazzjoni li għandha tiġi vvalidata	
	Isem: Numru tal-VAT/tal-kamra tal-kummerċ jew in-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva (jekk applikabbli):	
1.4	Ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet: L-applikant għandu aktar minn sit wieħed fl-Istat Membru li minnu qed ifittex l-approvazzjoni?	
IVA jew LE		
Jekk IVA, elenka s-siti kollha f'dan l-Istat Membru		
Indika għal kull sit l-għadd totali approssimattiv ta': — l-impjegati kollha — l-impjegati li jittrattaw merkanzija u posta bl-ajru siguri — it-tip u s-sehem tal-operazzjonijiet imwettqa (bħala perċentwal tat-total)		

▼**M17**

1.5	Ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet: L-applikant qed jopera wkoll fi Stat(i) Membru/i minbarra dak li minnu qed ifittex l-approvazzjoni?	
IVA jew LE		
Jekk IVA, elenka s-siti kollha fi Stati Membri oħrajn:		
L-għadd approssimattiv ta' impjegati fuq kull sit		
Indika t-tip u s-sehem ta' operazzjonijiet f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħrajn (bħala perċentwal tat-total)		
1.6	L-indirizz tas-sit(i) li għandhom jiġu vvalidati u r-raġuni għall-għażla f'każ ta' siti multipli. NB. dan jista' jinkludi wkoll is-sit(i) fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħrajn [żid ir-ringieli kif meħtieġ]	
	Raġuni għall-għażla tas-sit	
	Numru/Unità/Bini	
	Triq	
	Belt	
	Kodiċi postali	
	Pajjiż	
1.7	L-indirizz ewlieni tal-organizzazzjoni (jekk ikun differenti mis-sit li għandu jiġi vvalidat) fl-Istat Membru tal-approvazzjoni	
	Numru/Unità/Bini	
	Triq	
	Belt	
	Kodiċi postali	
	Pajjiż	
1.8	L-isem u t-titolu tal-persuna responsabbli għas-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru/posta bl-ajru	
	Isem	
	It-titolu tal-impjieg	
1.9	In-numru ta' kuntatt bit-telefon	
	Nru. tat-telefon	
1.10	L-indirizz ta' kuntatt bil-posta elettronika	
	Posta elettronika	

▼M17

PARTI 2

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal

Għan: Sabiex jiġi żgurat li l-persunal kollu meħtieġ biex jagħmel dan ikun ġie soġġett għal verifika tal-preċedenti personali, kif ukoll ikun ġie mħarreġ f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

2.1	**Il-proċess tal-ħatra għall-persuna msemmija responsabbli għall-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post jinkudi rekwiżit għal verifika tal-preċedenti personali msaħħa f'konformità mal-punt 11.1.1(b) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE		
Jekk IVA, iddeskrivi		
2.2	**Hemm proċedura ta' reklutaġġ biex jiġi żgurat li l-persunal kollu b'aċċess mingħajr superviżjoni jew skorta għal merkanzija jew posta bl-ajru identifikabbli li għaliha jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkun lesta verifika tal-preċedenti personali f'konformità mal-punt 11.1.2(b) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998, u sa fejn meħtieġ mill-awtorità xierqa tal-approvazzjoni?**	
IVA jew LE		
Jekk IVA, iddeskrivi		
2.3	**Hemm proċedura ta' reklutaġġ biex jiġi żgurat li l-persunal kollu li ma jkollux aċċess mingħajr superviżjoni jew skorta għal merkanzija jew posta, u li jwettaq trasport jew ħżin limitat tagħha, li għaliha jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkun irċieva taħriġ ġenerali ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE		
Jekk IVA, iddeskrivi		
2.4	**Hemm proċedura ta' reklutaġġ biex jiġi żgurat li l-persunal kollu b'aċċess mingħajr superviżjoni jew skorta għal merkanzija jew posta bl-ajru identifikabbli li għaliha jkunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkun irċieva taħriġ tas-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.3.9 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE		
Jekk IVA, iddeskrivi		
2.5	**Il-proċess tal-ħatra għall-persuna msemmija responsabbli għall-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fuq il-post jinkudi taħriġ tas-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.5 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	

▼**M17**

IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
2.6 **Il-persunal (kif imsemmi fil-punti 2.3, 2.4 u 2.5) jirċievi taħriġ rikorrenti f'konformità mal-frekwenza stabbilita għal dan it-taħriġ?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi	
2.7 **Valutazzjoni — Il-miżuri huma biżżejjed biex jiżguraw li l-membri kollha tal-persunal b'aċċess għal merkanzija jew posta bl-ajru identifikabbli jkunu ġew irreklutati u mħarrġa kif suppost f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġunijiet	

PARTI 3

Trasport

Għan: Li l-merkanzija jew il-posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzati.

3.1 **It-trasportatur qed jittrasporta l-merkanzija jew il-posta bl-ajru f'isem aġent regolat jew konsenjatur magħruf, jew it-tnejn?**	
IVA jew LE	
3.2 It-trasportatur qed juża sottokuntrattur għat-trasport?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif it-trasportatur jivverifika li l-kuntrattur innifsu huwa trasportatur approvat jew aġent regolat?	
3.3 Il-kompartiment tal-merkanzija tal-vettura tat-trasport jista' jiġi assigurat?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif	

3.4 (a) Meta l-kompartiment tal-merkanzija tal-vettura tat-trasport ikun jista' jiġi assigurat, jintużaw siġilli numerati?	
IVA jew LE	
(b) Meta jintużaw siġilli numerati, l-aċċess għas-siġilli jkun ikkontrollat u n-numri jiġu rreġistrati meta jiġu applikati?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi kif	

▼**M17**

3.5 **Valutazzjoni: Il-miżuri huma biżżejjed sabiex il-merkanzija jew il-posta bl-ajru tiġi protetta minn interferenza mhux awtorizzata waqt it-trasport?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġunijiet	

PARTI 4

Ħżin limitat/trażbord

Għan: Li l-merkanzija jew il-posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzati matul il-ħżin limitat.

4.1 Il-ħżin limitat jew it-trażbord isir mit-trasportatur?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi t-tip ta' ħżin użat jew il-miżuri għat-trażbord, jew it-tnejn:	
4.2 **Il-merkanzija jew il-posta bl-ajru tinżamm protetta minn interferenza mhux awtorizzata matul il-ħżin limitat jew it-trażbord f'konformità mal-punti 6.5.2, 6.6.1 u 6.6.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-miżuri għall-protezzjoni tal-merkanzija jew tal-posta bl-ajru:	
4.3 **Valutazzjoni: Il-proċeduri tal-ħżin limitat jew tat-trażbord huma biżżejjed sabiex il-merkanzija jew il-posta bl-ajru identifikabbli tiġi protetta minn interferenza jew tbagħbis mhux awtorizzati, jew it-tnejn?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġunijiet	

PARTI 5

Valutazzjoni (u notifika)

Riżultat Pożittiv/Negattiv	
Meta l-valutazzjoni ġenerali tkun riżultat negattiv, elenka l-oqsma fejn it-trasportatur jonqos milli jilħaq l-istandard ta' sigurtà meħtieġ jew għandu vulnerabbiltà speċifika. Barra minn hekk, agħti parir dwar l-aġġustamenti meħtieġa sabiex jintlaħaq l-istandard meħtieġ u, b'hekk, jinkiseb riżultat pożittiv.	
Iffirmat	
(Isem il-validatur)	

▼M19

DOKUMENT MEHMUŻ 6-M

LISTA TA' KONTROLL TAL-VALIDAZZJONI GĦALL-KLIEB GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-ISPLUSSIVI TA' PAJJIŻI TERZI (EDD)

Noti u struzzjonijiet għall-mili

L-għan tal-validazzjoni huwa li jiġi vvalutat jekk il-programm EDD applikabbli f'pajjiż terz u l-proċess ta' skrinjar relatat osservat f'post ACC3 jew RA3 humiex ekwivalenti għar-rekwiżiti regolatorji tal-UE, kif stabbilit fil-punt 6.8.3.2 ta' dan l-Anness.

Din il-lista ta' kontroll għandha tintuża esklużivament biex jiġu vvalutati u evalwati, jekk applikabbli, ir-rekwiżiti u l-operazzjonijiet li jappartjenu għall-EDD. Din ma tissostitwixxix, iżda tissupplimenta, l-obbligu eżistenti għall-validatur tal-UE li juża l-lista ta' kontroll xierqa 6-C2 jew 6-C3 meta jwettaq il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ta' RA3 jew ACC3, rispettivament. Għalhekk, meta applikabbli, din il-lista ta' kontroll għandha tkun parti integrali mir-rapport ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità xierqa.

Matul il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE tal-RA3 jew tal-ACC3 fejn jintużaw l-EDD, il-mistoqsijiet 5.7 u 5.8 li jinsabu fil-lista ta' kontroll 6-C2 u l-mistoqsijiet 7.7 u 7.8 li jinsabu fil-lista ta' kontroll 6-C3, kif applikabbli, għandhom jiġu ssodisfati bl-użu ta' din il-lista ta' kontroll.

Meta timla din il-lista ta' kontroll, jekk jogħġbok innota li jekk it-tweġiba għal kwalunkwe mistoqsija ppreżentata b'tipa grassa tkun LE, il-validazzjoni TRID tiġi vvalutata bħala RIŻULTAT NEGATTIV, sakemm il-mistoqsija ma tapplikax.

PARTI 1

Identifikazzjoni tal-operatur, tal-entità jew tal-awtorità li tuża l-EDD u tal-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE

1.1. Id-data/i u l-post tal-validazzjoni tal-EDD	
Uża l-format eżatt tad-data, bħal 01.10.2025 sa 02.10.2025	
jj/xx/ssss	
1.2. Id-data tal-validazzjoni(jiet) preċedenti tal-EDD fejn applikabbli	
jj/xx/ssss	
1.3. Informazzjoni dwar il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE	
Isem	
Kumpanija/Organizzazzjoni/Awtorità Xierqa	
Identifikatur Alfanumeriku Uniku (UAI)	
Indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	

▼**M19**

1.4. Isem l-operatur, l-entità jew l-awtorità tal-iskrinjar tal-EDD	
Isem	
Dettalji: Speċifika n-natura tal-operatur, tal-entità jew tal-awtorità u pprovdi d-dettalji: — kumpanija privata tal-iskrinjar; — kumpanija regolata mill-gvern; — faċilità jew entità ta' skrinjar tal-gvern; — Oħrajn Speċifika n-natura tal-ftehim jew il-kuntratt bejn l-entità vvalidata u l-entità li tapplika l-iskrinjar f'isimha.	
In-numru tal-kumpanija (eż. numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru kummerċjali, fejn applikabbli)	
Numru/Unità/Bini	
Triq	
Belt	
Kodiċi postali	
L-Istat (fejn ikun rilevanti)	
Pajjiż	
L-indirizz tal-Kaxxa Postali, fejn applikabbli	
Identifikatur alfanumeriku uniku (UAI) tal-ACC3 jew tal-RA3, jekk diġà disponibbli	
1.5. Numru approssimattiv ta' impjegati involuti f'attivitajiet tal-EDD (eż. handlers u persunal ieħor)	
Numru	

▼**M19**

1.6. L-isem u t-titlu tal-persuna responsabbli għall-iskrinjar tal-EDD	
Isem	
It-titolu tal-impjieg	
Indirizz tal-posta elettronika	
In-numru tat-telefon — inkluż il-kodiċi internazzjonali	
1.7. Dettalji tat-timijiet tal-klieb u tal-handlers li ġew approvati fil-bini li qed jiġi vvalidat.	
Isem tal-EDD, tal-handler tal-kelb u n-numru tal-mikroċippa tal-EDD.	

PARTI 2

Taħriġ inizjali u ċ-ċertifikazzjoni jew l-approvazzjoni tal-EDDs u tal-handlers

2.1. **L-EDDs u l-handlers tagħhom huma soġġetti għal taħriġ inizjali?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-programm ta' taħriġ u s-suġġetti li huma koperti fil-programm ta' taħriġ.	
2.2. **Il-fornitur tal-EDD jippossjedi rekords ta' taħriġ li jagħtu dettalji dwar it-taħriġ li jkun wettaq kull kombinazzjoni ta' kelb u handler?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-evidenza li tingħata fir-rekords tat-taħriġ fir-rigward tat-taħriġ inizjali filwaqt li tikkummenta dwar il-frekwenza li biha t-tim (ijiet) tal-EDD jagħmlu taħriġ ta' kontinwazzjoni.	
2.3. **L-EDDs huma soġġetti għal proċess ta' ċertifikazzjoni jew approvazzjoni fi tmiem it-taħriġ inizjali? Jekk iva, dan huwa proċess ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew proċess rikonoxxut fil-livell nazzjonali?**	
IVA jew LE	

▼**M19**

	Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess ta' ċertifikazzjoni sħiħ u d-dokumentazzjoni relatata li jsostnu l-valutazzjoni	
2.4.	Iċ-ċertifikazzjoni jew l-approvazzjoni tinvolvi l-użu ta' materjali fil-mira splussivi reali?	
	IVA jew LE	
	Jekk LE, jekk jogħġbok speċifika x'tip ta' għajnuna għat-taħriġ qed tintuża	
2.5.	Iċ-ċertifikazzjoni tinvolvi l-ħabi ta' materjali fil-mira splussivi f'kunsinna tal-merkanzija reali jew simulata?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, jekk jogħġbok iddeskrivi	
2.6.	**Tista' tiġi pprovduta evidenza dokumentarja li turi li l-EDDs u l-handlers tagħhom għaddew mill-proċess ta' ċertifikazzjoni, u l-validatur kellu aċċess għal dik l-informazzjoni?**	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, jekk jogħġbok ehmeż eżempju tad-dokument	
2.7.	Hemm awtorità responsabbli għall-proċess ta' ċertifikazzjoni, eż. regolatur nazzjonali/tal-Istat?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, agħti d-dettalji tal-awtorità responsabbli għall-proċess. Huwa proċess approvat mill-istat jew il-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet privati stess?	
2.8.	L-EDDs użati huma mħarrġa għad-detezzjoni tal-isplussivi biss u din hija limitata għall-iskrinjar tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru, jew għal kategoriji usa'?	
	IVA jew LE	
	Jekk LE, jekk jogħġbok spjega għaliex.	

▼**M19**

2.9. Jintużaw splussivi reali għaċ-ċertifikazzjoni tal-EDD?	
IVA jew LE	
Jekk LE, jekk jogħġbok spjega għaliex.	
2.10. **Konklużjoni: Minħabba l-informazzjoni dwar it-taħriġ inizjali u l-proċess ta' ċertifikazzjoni pprovduti, il-validatur huwa raġonevolment ċert li l-proċessi huma ekwivalenti għar-rekwiżiti regolatorji tal-UE? Jintużaw splussivi reali għaċ-ċertifikazzjoni tal-EDD.**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	

PARTI 3

Materjal li jintuża fit-taħriġ

3.1. Qed jintużaw diversi tipi ta' materjali ta' taħriġ u/jew għajnuniet għat-taħriġ tal-EDDs?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika t-tipi differenti ta' materjali u għajnuniet għat-taħriġ li qed jintużaw. Jekk jintuża materjal ta' taħriġ, ipprovdi, pereżempju, l-awtorizzazzjoni għall-pussess tal-imsemmi materjal ta' taħriġ.	
3.2. Il-materjali tat-taħriġ huma mġedda/aġġornati/sostitwiti ta' spiss biex jiġi żgurat li jibqgħu effettivi u adattati għall-iskop tagħhom?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, speċifika l-frekwenza li biha jinbidlu l-materjali u l-proċess biex jiġi deċiż meta jeħtieġ li jinbidlu l-materjali ta' taħriġ.	
3.3. Il-klieb huma mħarrġa f'sitwazzjonijiet realistiċi bl-użu ta' ħabi tipiku tal-merkanzija inkluża l-preżenza ta' rwejjaħ tal-immaskjar?	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	

▼M19

3.4	**Ġiet ipprovduta evidenza dokumentarja sabiex il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jivvaluta din il-Parti bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti regolatorji tal-UE?**	
	IVA jew LE	
	Jekk LE, speċifika r-raġuni	

PARTI 4

Kontroll tal-kwalità

4.1.	L-EDDs u l-handlers tagħhom huma soġġetti għal programm estern ta' kontroll tal-kwalità?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, iddeskrivi l-programm estern ta' kontroll tal-kwalità, inkluża l-frekwenza, u l-entità responsabbli għat-twettiq ta' dan.	
4.2.	L-entità tal-EDD għandha r-riżultati ta' testijiet esterni ta' kontroll tal-kwalità?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, speċifika r-riżultati reċenti tat-testijiet esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità għal kull kombinazzjoni attiva ta' kelb u handler.	
4.3.	L-EDDs u l-handlers tagħhom huma soġġetti għal programm intern ta' kontroll tal-kwalità kontinwu u regolari?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, iddeskrivi l-programm intern ta' kontroll tal-kwalità u l-frekwenza tiegħu.	
4.4.	L-operatur, l-entità jew l-awtorità tal-EDD iżżomm rekords ta' testijiet esterni ta' kontroll tal-kwalità, kif applikabbli?	
	IVA jew LE	
	Jekk IVA, speċifika r-riżultati tat-testijiet esterni ta' kwalità reċenti għal kull kombinazzjoni attiva ta' kelb u handler.	

▼**M19**

4.5. **Konklużjoni: Il-validatur jista' jkun ċert li kemm il-proċessi interni kif ukoll dawk esterni tal-kontroll tal-kwalità huma ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-UE?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	

PARTI 5

Taħriġ kontinwu

5.1. L-EDDs u l-handlers tagħhom huma soġġetti għal taħriġ kontinwu wara ċ-ċertifikazzjoni jew l-approvazzjoni?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-programm ta' taħriġ u s-suġġetti li huma koperti fil-programm ta' taħriġ, li jista' jkun l-isess bħal f' 2.1 u 2.2.	
5.2. It-taħriġ kontinwu qed isir bi frekwenza suffiċjenti biex tinżamm il-kompetenza tal-EDDs?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-frekwenza tat-taħriġ kontinwu. Idealment it-taħriġ jenħtieġ li jsir kuljum.	
5.3. Hemm xi evidenza ta' miżuri ta' rimedju fis-seħħ biex jirrettifikaw xi nuqqas fil-prestazzjoni waqt it-taħriġ jew l-ittestjar tal-kontroll tal-kwalità?	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess għall-identifikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju adegwati.	
5.4 Il-fornitur tal-EDD iżomm rekord sħiħ tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' kull EDD (u handler) (inkluż kwalunkwe taħriġ mill-ġdid jew ċertifikazzjoni mill-ġdid/ approvazzjoni)?	
IVA jew LE	
Jekk LE, x'rekords ta' taħriġ u ċertifikazzjoni jinżammu?	

▼**M19**

5.5. **Konklużjoni: Minħabba l-informazzjoni dwar it-taħriġ koninwu, il-validatur huwa raġonevolment ċert li l-proċess huwa ekwivalenti għar-rekwiżiti regolatorji tal-UE?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni	

PARTI 6

Osservazzjoni tal-proċess ta' skrinjar

6.1 **Il-validatur osserva l-proċess ta' skrinjar tal-merkanzija?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, il-proċess ta' skrinjar jikkonforma mar-rekwiżiti tal-UE?	
Jekk LE, speċifika r-raġuni.	
6.2. Iddeskrivi l-benesseri ġenerali u l-attenzjoni tal-klieb. Jidhru b'saħħithom u komdi? Huma ffukati fuq il-kompitu tagħhom jew jidhru distratti?	
6.3. **L-entità pprovdiet evidenza tal-protokoll ta' riżoluzzjoni tal-allarm tal-EDD tagħha?**	
IVA jew LE	
Jekk IVA, iddeskrivi l-proċess kollu fid-dettall.	
6.4. **Konklużjoni: Il-verifika fuq il-post ipprovdiet biżżejjed evidenza li tippermetti li l-validatur ikun raġonevolment ċert li l-proċessi osservati u dokumentati juru konformità tal-iskrinjar tal-EDD mal-istandards tal-UE?**	
IVA jew LE	
Jekk LE, speċifika r-raġuni.	

▼B

7. **POSTA U MATERJALI TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU**

7.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor jew sakemm l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà msemmija fil-Kapitoli 4, 5 u 6, rispettivament, ma jkunux żgurati minn awtorità, operatur ta' ajruport, entità jew trasportatur tal-ajru ieħor, trasportatur tal-ajru għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu fir-rigward tal-posta u l-materjali tat-trasportatur tal-ajru tiegħu.

7.1. POSTA U MATERJALI TAT-TRASPORTATURI TAL-AJRU LI SE JITGĦABBEW FUQ L-INĠENJU TAL-AJRU

7.1.1. Qabel ma jitgħabbew fl-istiva ta' inġenju tal-ajru, posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru se jiġu jew skrinjati jew inkella protetti skont il-Kapitolu 5 jew se jkunu soġġetti għall-kontrolli tas-sigurtà u protetti skont il-Kapitolu 6.

7.1.2. Qabel ma jitgħabbew fi kwalunkwe parti ta' inġenju tal-ajru għajr l-istiva, posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġu skrinjati u protetti skont id-dispożizzjonijiet dwar il-bagalji tal-kabina fil-Kapitolu 4.

7.1.3. Posta u materjali tat-trasportaturi bl-ajru li se jitgħabbew fuq inġenju tal-ajru se jkunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

7.2. MATERJALI TAT-TRASPORTATURI TAL-AJRU UŻATI GĦALL-IPPROĊESSAR TAL-PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI

7.2.1. Materjali tat-trasportaturi tal-ajru li jintużaw għall-finijiet ta' pproċessar tal-passiġġieri u l-bagalji u li jistgħu jintużaw biex jikkompromettu s-sigurtà tal-avjazzjoni għandhom ikunu protetti jew jinżammu taħt sorveljanza sabiex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat.

Iċ-check-in magħmul mill-passiġġier innifsu u alternattivi applikabbli tal-Internet għall-użu mill-passiġġieri għandhom jitqiesu bħala aċċess awtorizzat għat-tali materjali.

7.2.2. Il-materjali mormija li jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw aċċess mhux awtorizzat jew iressqu l-bagalji fiż-żona ristretta ta' sigurtà jew fuq inġenju tal-ajru għandhom jinqerdu jew jiġu invalidati.

7.2.3. Sistemi għall-kontroll tat-tluq u sistemi għaċ-check in għandhom ikunu mmaniġġati b'tali mod li jipprevjenu l-aċċess mhux awtorizzat.

Iċ-check-in magħmul mill-passiġġier innifsu għandu jitqies bħala aċċess awtorizzat għat-tali sistemi.

8. **PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA**

8.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

8.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, l-awtorità, l-operatur tal-ajruport, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità responsabbli skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼B

8.0.2. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, “provvisti għal matul it-titjira” tfisser l-oġġetti kollha li huwa ppjanat li jittieħdu abbord l-inġenju tal-ajru għall-użu, il-konsum jew ix-xiri mill-passiġġieri jew l-ekwipaġġ matul it-titjira, għajr:

(a) bagalji tal-kabina; kif ukoll

(b) oġġetti li jkunu qed jinġarru mill-persuni li mhumiex passiġġieri; kif ukoll

(c) posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru.

Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, “fornitur regolat tal-provvisti għal matul it-titjira” tfisser fornitur li l-proċeduri tiegħu jilħqu r-regoli u l-istandards komuni tas-sigurtà li jkunu suffiċjenti sabiex jippermettu t-twassil tal-provvisti għal matul it-titjira direttament sal-inġenju tal-ajru.

Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, “fornitur magħruf tal-provvisti għal matul it-titjira” tfisser fornitur li l-proċeduri tiegħu jilħqu r-regoli u l-istandards komuni tas-sigurtà li jkunu suffiċjenti sabiex jippermettu t-twassil tal-provvisti għal matul it-titjira għand trasportatur tal-ajru jew fornitur regolat, iżda mhux direttament sal-inġenju tal-ajru.

8.0.3. Il-provvisti għandhom jitqiesu bħala provvisti għal matul it-titjira mill-waqt li jkunu identifikabbli bħala provvisti sabiex jittieħdu abbord inġenju tal-ajru għall-użu, il-konsum jew ix-xiri mill-passiġġieri jew l-ekwipaġġ matul it-titjira.

8.0.4. Il-lista ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti għal matul it-titjira hija l-istess bħal dik stipulata fid-Dokument Mehmuż 1-A. Oġġetti pprojbiti għandhom jiġu ttratati skont il-punt 1.6

8.1. KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

8.1.1. **Kontrolli tas-sigurtà — dispożizzjonijiet ġenerali**

8.1.1.1. ►**M15** Il-provvisti għal matul it-titjira għandhom jiġu skrinjati minn trasportatur tal-ajru, fornitur regolat jew operatur tal-ajruport, jew f'isimhom, qabel ma jittieħdu f'żona ta' sigurtà ristretta, sakemm: ◄

(a) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati minn trasportatur tal-ajru li jwassal dawn il-provvisti sal-inġenju tal-ajru tiegħu stess u l-provvisti ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-waqt li dawk il-kontrolli jkunu ġew applikati sat-twassil tal-provvisti fl-inġenju tal-ajru; jew

(b) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati għall-provvisti minn fornitur regolat u l-provvisti ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-waqt li jkunu ġew applikati dawk il-kontrolli sal-wasla fiż-żona ristretta ta' sigurtà jew, fejn applikabbli, sat-twassil għand it-trasportatur tal-ajru jew fornitur regolat ieħor; jew

(c) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati għall-provvisti minn fornitur magħruf u l-provvisti ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-waqt li dawk il-kontrolli jkunu ġew applikati sat-twassil tal-provvisti fl-inġenju tal-ajru jew għand il-fornitur regolat.

▼B

8.1.1.2. Kull meta jkun hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li provvisti għal matul it-titjira li jkunu sarulhom il-kontrolli tas-sigurtà ġew imbgħabsa jew ma ġewx protetti minn interferenza mhux awtorizzata, mill-mument li fih ikunu saru dawk il-kontrolli, dawn għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitħallew jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà.

8.1.1.3. Il-kontrolli tas-siġurtà tal-provvisti għal matul it-titjira għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

8.1.2. **L-iskrinjar**

8.1.2.1. Meta l-provvisti għal matul it-titjira jiġu skrinjati, il-mezz jew il-metodu użat għandu jqis in-natura tal-provvisti u għandu jkun ta' standard suffiċjenti sabiex jiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jkun moħbi fil-provvisti.

8.1.2.2. L-iskrinjar tal-provvisti għal matul it-titjira għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

8.1.2.3. Il-mezzi jew il-metodi ta' skrinjar li ġejjin, b'mod individwali jew inkella flimkien, għandhom jiġu applikati:

(a) kontrolli viżwali;

(b) it-tfittxija bl-idejn;

(c) it-tagħmir tar-raġġi X;

(d) it-tagħmir bl-EDS;

(e) it-tagħmir għall-ETD flimkien mal-punt (a);

▼M16

(f) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi flimkien mal-punt (a);

(g) it-tagħmir għall-EVD applikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fid-Dokument Mehmuż 6-J u flimkien mal-punt (a).

▼B

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista' jindividwalizza jekk l-oġġett fihx oġġetti pprojbiti jew le, dan għandu jiġi rifjutat jew għandu jerġa' jiġi skrinjat sa ma l-iskrinjatur jiġi sodisfatt.

▼M20

8.1.2.4. Il-provvisti li jikkonsistu f'oġġetti kif definiti fil-punt 6.0.9 li n-natura, l-imballaġġ jew il-kontenitur tagħhom jistgħu jfixklu jew jipprevjenu b'mod sinifikanti l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti jew l-analiżi tal-materjal, tas-sustanza jew tal-oġġetti li jinsabu fihom matul l-applikazzjoni tad-Dokumenti Mehmuża 6-J u 12-H tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005 għandhom jiġu aċċettati bħala provvisti għal matul it-titjira mill-fornitur regolat riċevitur jew mit-trasportatur bl-ajru, kif applikabbli, f'waħda biss mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu oriġinaw minn fornitur magħruf;

(b) fejn permess mill-awtorità xierqa u nnotifikat lill-Kummissjoni, ikunu soġġetti għal kombinament ta' skrinjar u kontrolli xierqa oħra tas-sigurtà, kif definiti mill-awtorità xierqa.

L-ewwel paragrafu, il-punt (b), għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.

▼B

8.1.3. **Approvazzjoni ta' forniturі regolati**

8.1.3.1. Forniturі regolati għandhom ikunu approvati mill-awtorità xierqa.

L-approvazzjoni bħala fornitur regolat għandha tkun speċifika għas-sit.

▼B

Kwalunkwe entità li tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà kif inhuma msemmija fil-punt 8.1.5 u li twassal il-provvisti għal matul it-titjira direttament sal-inġenju tal-ajru għandha tiġi approvata bħala fornitur regolat. Dan ma għandux japplika għal trasportatur tal-ajru li japplika dawn il-kontrolli tas-sigurtà huwa stess u li jwassal il-provvisti sal-inġenju tal-ajru tiegħu stess.

8.1.3.2. Għandha tapplika l-proċedura li ġejja dwar l-approvazzjoni ta' forniturі regolati:

(a) L-entità għandha tfittex li tikseb l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li fih jinsab is-sit tagħha sabiex tingħata l-istatus ta' fornitur regolat.

L-applikant għandu jressaq programm ta' sigurtà quddiem l-awtorità xierqa konċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li l-fornitur għandu jsegwi sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti tal-punt 8.1.5. Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif il-konformità ma' dawn il-metodi u l-proċeduri għandha tiġi ssorveljata mill-fornitur innifsu.

L-applikant għandu jressaq ukoll id-"Dikjarazzjoni tal-impenji — fornitur regolat ta' provvisti għal matul it-titjira" kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 8-A. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata mir-rappreżentant legali jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà.

▼M15

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tiddikjara b'mod ċar il-post tas-sit jew tas-siti li għalihom tirreferi u għandha tinżamm mill-awtorità xierqa kkonċernata;

▼B

(b) l-awtorità xierqa, jew validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha, għandhom jeżaminaw il-programm tas-sigurtà u mbagħad iwettqu verifika fuq il-post tas-siti speċifikati sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-punt 8.1.5;

▼M2

(c) jekk l-awtorità xierqa tkun sodisfata bit-tagħrif ipprovdut taħt skont il-punti (a) u (b), għandha tiżgura li d-dettalji meħtieġa tal-fornitur regolat jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta t-tagħrif jiddaħħal fil-bażi tad-dejta l-awtorità xierqa għandha tagħti identifikatur alfanumeriku uniku skont il-format standard għal kull sit approvat. Jekk l-awtorità xierqa ma tkunx sodisfatta, l-entità li tkun qiegħda tfittex li tikseb l-approvazzjoni bħala fornitur regolat għandha tiġi nnotifikata minnufih bir-raġunijiet għal dan;

(d) aġent regolat ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiddaħħlu fil-"Bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista".

▼B

8.1.3.3. Fornitur regolat għandu jerġa' jiġi vvalidat mill-ġdid f'intervalli regolari li ma jaqbżux il-ħames (5) snin. Dan għandu jinkludi verifika fil-post sabiex jiġi vvalutat jekk il-fornitur regolat għadux konformi mar-rekwiżiti tal-punt 8.1.5.

Spezzjoni fil-bini ta' fornitur regolat mill-awtorità xierqa skont il-programm nazzjonali tiegħu tal-kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala verifika fuq il-post, sakemm din tkun tkopri r-rekwiżiti kollha tal-punt 8.1.5.

8.1.3.4. Jekk l-awtorità xierqa ma tibqax sodisfatta fir-rigward tal-konformità tal-fornitur regolat mar-rekwiżiti tal-punt 8.1.5, għandha tirtira l-istatus ta' fornitur regolat għas-siti speċifikati.

8.1.3.5. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, fornitur regolat approvat skont il-punt 8.1.3 għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

▼B

8.1.4. **Nominazzjoni tal-forniturі magħrufa**

8.1.4.1. Kwalunkwe entità (“il-fornitur”) li tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà kif imsemmija fil-punt 8.1.5.1 u li twassal il-provvisti għal matul it-titjira, iżda mhux direttament sal-inġenju tal-ajru, għandha tiġi nnominata bħala fornitur magħruf mill-operatur jew l-entità li tkun qiegħda tforni (“l-entità li tinnomina”). Dan ma għandux japplika għal fornitur regolat.

8.1.4.2. Sabiex jiġi nnominat bħala fornitur magħruf, il-fornitur irid jipprovdi lill-entità li tinnomina bi:

▼M15

(a) id-“Dikjarazzjoni tal-impenji — fornitur magħruf tal-provvisti għal matul it-titjira” kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 8-B. Din id-dikjarazzjoni għandha tiddikjara b’mod ċar il-post tas-sit jew tas-siti li tirreferi għalihom u għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentant legali; u

▼B

(b) il-programm ta' sigurtà li jkopri l-kontrolli ta' sigurtà kif imsemmi fil-punt 8.1.5.

8.1.4.3. Il-forniturі magħrufa kollha jridu jinnominaw abbażi ta' validazzjonijiet ta':

(a) ir-relevanza u l-kompletezza tal-programm ta' sigurtà fir-rigward tal-punt 8.1.5; kif ukoll

(b) l-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà mingħajr defiċenzi.

Jekk l-awtorità xierqa jew l-entità li tinnomina ma jibqgħux sodisfatti fir-rigward tal-konformità tal-fornitur magħruf mar-rekwiżiti tal-punt 8.1.5, l-entità li tinnomina għandha, mingħajr dewmien, tirtira l-istatus ta' fornitur magħruf.

8.1.4.4. L-awtorità xierqa għandha tiddefinixxi fil-programm nazzjonali tagħha għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, jekk il-validazzjonijiet tal-programm ta' sigurtà u l-implimentazzjoni tiegħu għandhomx jitwettqu minn awditur nazzjonali, minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew minn persuna li taġixxi f'isem l-entità li tinnomina li tkun ġiet innomminata u mħarrġa għal dak il-għan.

▼M20

Il-validazzjonijiet iridu jiġu rreġistrati u, meta ma jkunx iddikjarat mod ieħor f’dan ir-Regolament, iridu jsiru qabel in-nomina u jiġu ripetuti kull 3 snin wara dik id-data.

▼B

Jekk il-validazzjoni ma ssirx f'isem l-entità li tinnomina, kwalunkwe reġistrazzjoni tagħha għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha.

8.1.4.5. Il-validazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà li jikkonferma n-nuqqas ta' defiċenzi għandu jikkonsisti jew fi:

▼M20

(a) żjara tal-fornitur fis-sit kull 3 snin; jew

▼B

(b) kontrolli regolari mal-wasla tal-provvisti li jitwasslu minn dak il-fornitur magħruf, li għandhom jibdew wara n-nominazzjoni, inkluż:

— verifika li l-persuna li twassal il-provvisti f'isem il-fornitur magħruf kienet imħarrġa sew; kif ukoll

— verifika li l-provvisti huma tassew siguri; kif ukoll

— skrinjar tal-provvisti daqslikieku l-provvisti ġejjin mingħand fornitur mhux magħruf.

▼B

Dawn il-kontrolli jridu jitwettqu b'mod mhux prevedibbli u għandhom isiru minn tal-inqas darba kull tliet xhur jew fuq 20 % tal-provvisti kollha mwassla mill-fornitur magħruf lill-entità li tinnomina.

L-għażla (b) tista' tintuża biss jekk l-awtorità xierqa tkun iddefiniet fil-programm nazzjonali tagħha għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili li l-validazzjoni għandha titwettaq minn persuna li taġixxi f'isem l-entità li tinnomina.

8.1.4.6. Il-metodi applikati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti matul u wara n-nominazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' sigurtà tal-entità li tinnomina.

8.1.4.7. L-entità li tinnomina għandha żżomm:

(a) lista tal-forniturі magħrufa kollha li jkun innomina bid-data ta' skadenza tan-nominazzjoni tagħhom, u

(b) d-dikjarazzjoni ffirmata, kopja tal-programm ta' sigurtà u kull rapport li jirreġistra l-implimentazzjoni tagħha għal kull fornitur magħruf, għal mill-inqas 6 xhur wara l-iskadenza tan-nominazzjoni tiegħu.

Fuq talba, dawn id-dokumenti għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-awtorità xierqa għal finijiet ta' monitoraġġ tal-konformità.

▼M20

8.1.4.8. Spezzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-programm nazzjonali tagħha ta' kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala żjara fuq il-post tal-fornitur, dment li tkopri l-validazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà u li tikkonferma li ma jkunx hemm defiċjenzi. Wara l-ispezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-entità b'evidenza xierqa tal-eżitu pożittiv tal-validazzjoni mill-ġdid, li għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-entità maħtura.

▼B

8.1.5. **Il-kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn trasportatur tal-ajru, fornitur regolat u fornitur magħruf**

8.1.5.1. Trasportatur tal-ajru, fornitur regolat u fornitur magħruf tal-provvisti għal matul it-titjira għandhom:

(a) jinnomina persuna li tkun responsabbli għas-sigurtà tal-kumpanija; kif ukoll

▼M15

(b) jiżguraw li l-persuni b'aċċess għall-provvisti għal matul it-titjira jirċievu taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7 qabel ma jingħataw aċċess għal dawn il-provvisti. Barra minn hekk, jiżguraw li l-persuni li jimplimentaw l-iskrinjar tal-provvisti għal matul it-titjira jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.3 u li l-persuni li jimplimentaw kontrolli oħra tas-sigurtà fir-rigward tal-provvisti għal matul it-titjira jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.10; u

▼B

(c) jevitaw aċċess mhux awtorizzat fil-bini tagħhom u għall-provvisti għal matul it-titjira; kif ukoll

(d) jiżguraw b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jkun moħbi fil-provvisti għal matul it-titjira; kif ukoll

(e) japplikaw siġilli li juru sinjali tat-tbagħbis fil-vetturi kollha u/jew fil-kontejners li jittrasportaw il-provvisti għal matul it-titjira jew jipproteġuhom fiżikament.

Il-punt (e) ma għandux japplika waqt it-trasport li jsir fin-naħa tal-ajru.

▼B

8.1.5.2. Jekk fornitur magħruf jagħmel użu minn kumpanija oħra għat-trasport ta' provvisti li ma tkunx fornitur magħruf għat-trasportatur tal-ajru jew fornitur regolat, il-fornitur magħruf għandu jiżgura li l-kontrolli kollha ta' sigurtà imsemmija fil-punt 8.1.5.1 jiġu mħarsa.

8.1.5.3. Il-kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn trasportatur tal-ajru u minn fornitur regolat għandhom ikunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

8.2. PROTEZZJONI TAL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-protezzjoni tal-provvisti għal matul it-titjira huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

8.3. DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA TA' LAGS U STEBS

8.3.1. Il-provvisti għal matul it-titjira ta' STEBs għandhom jaslu fin-naħa tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.

8.3.2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'naħa tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fuq l-ajruplan, l-LAGs u l-STEBs għandhom jiġu protetti minn interferenzi mhux awtorizzati.

8.3.3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti għal matul it-titjira ta' LAGs u STEBs huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 8-A

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI

FORNITUR REGOLAT TAL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA

Skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li,

— skont l-aħjar għarfien u twemmin tiegħi, l-informazzjoni li jinsab fil-programm tas-sigurtà tal-kumpanija huwa veru u preċiż;

— il-prattiki u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-programm tas-sigurtà se jiġu implimentati u se jinżammu fis-siti kollha koperti bil-programm;

— dan il-programm tas-sigurtà se jiġi aġġustat u adattat sabiex ikun konformi ma' kull bidla rilevanti futura fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm [isem il-kumpanija] ma tkunx avżat lil [isem l-awtorità xierqa] li ma tixtieqx tibqa' twassal il-provvisti għal matul it-titjira direttament sal-inġenju tal-ajru (u għaldaqstant ma tixtieqx tibqa' fin-negozju bħala fornitur regolat);

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

▼B

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] bil-miktub dwar:

(a) bidliet żgħar fil-programm tas-sigurtà tagħha, bħalma huma isem il-kumpanija, il-persuna responsabbli għas-sigurtà jew id-dettalji tal-kuntatt, minnufih iżda tal-anqas fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol; kif ukoll

(b) bidliet kbar li jkunu ppjanati, bħalma huma proċeduri ġodda ta' skrinjar, xogħlijiet kbar ta' kostruzzjoni li jistgħu jaffettwaw il-konformità tagħha mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-KE jew bidla fil-post/l-indirizz, tal-anqas fi żmien 15-il jum tax-xogħol qabel ma jinbdew/il-bidla ppjanata.

— sabiex tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-KE, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ fl-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u se tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif jintalab mill-ispetturi;

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] dwar kwalunkwe ksur serju tas-sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkustanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għas-sigurtà tal-provvisti għal matul it-titjira, b'mod partikolari dwar kwalunkwe tentattiv ta' ħabi ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti;

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi t-taħriġ skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u jkun konxju mir-responsabbiltajiet tiegħu għas-sigurtà fil-kuntest tal-programm tas-sigurtà tal-kumpanija; kif ukoll

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem l-awtorità xierqa] jekk:

(a) ittemm in-negozju;

(b) ma tibqax twassal il-provvisti għal waqt it-titjira direttament sal-inġenju tal-ajru; jew

(c) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

Naċċetta responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

L-isem:

Il-kariga fil-kumpanija:

Id-data:

Il-firma:

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 8-B

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI

FORNITUR MAGĦRUF TAL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA

Skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) l-atti tal-implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li,

— [isem il-kumpanija] se

(a) tinnomina persuna li tkun responsabbli għas-sigurtà tal-kumpanija; kif ukoll

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

▼M15

(b) tiżgura li l-persuni b'aċċess għall-provvisti għal matul it-titjira jirċievu taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7 qabel ma jingħataw aċċess għal dawk il-provvisti. Barra minn hekk, tiżgura li l-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà għajr l-iskrinjar fir-rigward tal-provvisti għal matul it-titjira jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.10; u

▼B

(c) tevita aċċess mhux awtorizzat fil-bini tagħha u għall-provvisti għal matul it-titjira; kif ukoll

(d) tiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jkun moħbi fil-provvisti għal matul it-titjira; kif ukoll

(e) tapplika siġilli li juru sinjali tat-tbagħbis fil-vetturi kollha u/jew fil-kontejners li jittrasportaw il-provvisti għal matul it-titjira jew tipproteġihom fiżikament (dan il-punt mhuwiex se japplika waqt it-trasport finnaħa tal-ajru).

Meta jsir użu minn kumpanija oħra għat-trasport ta' provvisti, li mhijiex fornitur magħruf għat-trasportatur tal-ajru jew fornitur regolat, [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-kontrolli kollha ta' sigurtà msemmija hawn fuq jiġu mħarsa.

— sabiex tiġi żgurata konformità, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ fl-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u se tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif jintalab mill-ispetturi;

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf lil [isem it-trasportatur tal-ajru jew tal-fornitur regolat li tforni bil-provvisti għal matul it-titjira] dwar kwalunkwe ksur serju tas-sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkustanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għas-sigurtà tal-provvisti għal matul it-titjira, b'mod partikolari dwar kwalunkwe tentattiv ta' ħabi ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti;

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi t-taħriġ skont il-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u jkun konxju mir-responsabbiltajiet tiegħu għas-sigurtà; u

— [isem il-kumpanija] se tgħarraf [lit-trasportatur tal-ajru jew lill-fornitur regolat li tforni bil-provvisti għal matul it-titjira] jekk:

(a) ittemm in-negozju; jew

(b) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Naċċetta responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

Ir-rappreżentant legali

L-isem:

Id-data:

Il-firma:

9. **PROVVISTI TAL-AJRUPORT**

9.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

9.0.1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor jew sakemm l-implimentazzjoni tal-iskrinjar ma tkunx ġiet żgurata minn awtorità jew entità, operatur ta' ajruport għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M20

9.0.2 Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "provvisti tal-ajruport" tfisser l-oġġetti kollha maħsuba biex jinbiegħu, jintużaw jew ikunu disponibbli għal kwalunkwe skop jew attività fiż-żona ristretta ta' sigurtà tal-ajruporti, ħlief "oġġetti li jkunu qegħdin jinġarru mill-persuni li mhumiex passiġġieri";

▼M20

(b) “fornitur regolat tal-provvisti tal-ajruport” tfisser fornitur li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw ir-regoli tas-sigurtà komuni u l-istandards suffiċjenti biex jippermettu t-twassil tal-provvisti tal-ajruporti sażżoni ristretti ta’ sigurtà kif ukoll biex jitwettaq skrinjar tal-provvisti tal-ajruport;

(c) “fornitur magħruf tal-provvisti tal-ajruport” tfisser fornitur li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw regoli tas-sigurtà komuni u standards suffiċjenti biex jippermettu t-twassil tal-provvisti tal-ajruporti sażżoni ristretti ta’ sigurtà.

▼B

9.0.3. Il-provvisti għandhom jitqiesu bħala provvisti tal-ajruport mill-waqt li jsiru identifikabbli bħala provvisti biex jinbiegħu, jintużaw jew ikunu disponibbli f'żoni ristretti ta' sigurtà tal-ajruporti.

9.0.4. Il-lista ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti tal-ajruporti hija l-istess bħal dik stipulata fid-Dokument Mehmuż 1-A. Oġġetti pprojbiti għandhom jiġu ttratati skont il-punt 1.6.

9.1. KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

9.1.1. **Kontrolli tas-sigurtà — dispożizzjonijiet ġenerali**

9.1.1.1. ►M15 Il-provvisti tal-ajruport għandhom jiġu skrinjati minn operatur tal-ajruport jew fornitur regolat, jew f’isimhom, qabel ma jittieħdu f’żona ta’ sigurtà ristretta, sakemm: ◄

(a) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa ma jkunux ġew applikati lill-provvisti minn operatur tal-ajru li jwassal dawn il-provvisti sal-ajruport tiegħu stess u l-provvisti ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-waqt li dawk il-kontrolli jkunu ġew applikati sat-twassil fiż-żona ristretta ta' sigurtà; jew

(b) il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu ġew applikati lill-provvisti minn fornitur magħruf jew fornitur regolat u l-provvisti ma jkunux ġew protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-waqt li dawk il-kontrolli jkunu ġew applikati sat-twassil fiż-żona ristretta ta' sigurtà.

9.1.1.2. Il-provvisti tal-ajruport li joriġinaw fiż-żona ristretta ta' sigurtà jistgħu jiġu eżentati minn dawn il-kontrolli tas-sigurtà.

9.1.1.3. Kull meta jkun hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li l-provvisti tal-ajruport li jkunu sarulhom il-kontrolli tas-sigurtà ġew imbgħabsa jew ma ġewx protetti minn interferenza mhux awtorizzata, mill-mument li fih ikunu saru dawk il-kontrolli, dawn għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitħallew jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà..

9.1.2. **L-iskrinjar**

9.1.2.1. Meta l-provvisti tal-ajruport jiġu skrinjati, il-mezz jew il-metodu użat għandu jqis in-natura tal-provvista u għandu jkun ta' standard suffiċjenti sabiex jiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett pprojbit ma jkun moħbi fil-provvista.

9.1.2.2. L-iskrinjar tal-provvisti tal-ajruport għandhom ikunu wkoll soġġetti għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

9.1.2.3. Il-mezzi jew il-metodi ta' skrinjar li ġejjin, b'mod individwali jew inkella flimkien, għandhom jiġu applikati:

(a) kontrolli viżwali;

(b) it-tfittxija bl-idejn;

▼B

(c) it-tagħmir tar-raġġi X;

(d) it-tagħmir bl-EDS;

(e) it-tagħmir għall-ETD flimkien mal-punt (a);

▼M16

(f) il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi flimkien mal-punt (a);

(g) it-tagħmir għall-EVD applikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fid-Dokument Mehmuż 6-J u flimkien mal-punt (a).

▼B

Meta l-iskrinjatur ma jkunx jista' jindividwalizza jekk l-oġġett fihx oġġetti pprojbiti jew le, dan għandu jiġi rifjutat jew għandu jerġa' jiġi skrinjat sa ma l-iskrinjatur jiġi sodisfatt.

▼M20

9.1.2.4. Il-provvisti li jikkonsistu f'oġġetti kif definiti fil-punt 6.0.9 li n-natura, l-imballaġġ jew il-kontenitur tagħhom jistgħu jfixklu jew jipprevjenu b'mod sinifikanti l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti jew l-analiżi tal-materjal, tas-sustanza jew tal-oġġetti li jinsabu fihom matul l-applikazzjoni tad-Dokumenti Mehmuża 6-J u 12-H tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005 għandhom jiġu aċċettati bħala provvisti tal-ajruport mill-operatur tal-ajruport riċeventi jew mill-fornitur regolat, kif applikabbli, f'waħda biss mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu oriġinaw minn fornitur magħruf;

(b) fejn permess mill-awtorità xierqa u nnotifikat lill-Kummissjoni, ikunu soġġetti għal kombinament ta' skrinjar u kontrolli xierqa oħra tas-sigurtà, kif definiti mill-awtorità xierqa.

L-ewwel paragrafu, il-punt (b), għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.

9.1.3. **Approvazzjoni ta' fornituri regolati**

9.1.3.1. Il-fornituri regolati għandhom jiġu approvati mill-awtorità xierqa.

L-approvazzjoni bħala fornitur regolat għandha tkun speċifika għas-sit.

Kwalunkwe entità li tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà kif inhuma msemmija fil-punt 9.1.5 u twettaq skrinjar tal-provvisti tal-ajruport għandha tiġi approvata bħala fornitur regolat.

9.1.3.2. Għandha tapplika l-proċedura li ġejja għall-approvazzjoni ta' fornituri regolati:

(a) l-entità għandha tfittex li tikseb l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa tal-Istat Membru li fih jinsab is-sit tagħha sabiex tingħata l-istatus ta' fornitur regolat.

L-applikant għandu jissottometti programm ta' sigurtà lill-awtorità xierqa kkonċernata. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li l-fornitur għandu jsegwi sabiex jikkonforma mal-punt 9.1.5. Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif il-konformità ma' dawk il-metodi u l-proċeduri għandha tiġi mmonitorjata mill-fornitur innifsu.

L-applikant għandu jissottometti wkoll id-"Dikjarazzjoni tal-impenji – fornitur regolat tal-provvisti tal-ajruport" kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 9-A. Dik id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata mir-rappreżentant legali jew mill-persuna responsabbli għas-sigurtà.

Id-dikjarazzjoni ffirmata għandha tiddikjara b'mod ċar il-post tas-sit jew tas-siti li għalihom tirreferi u għandha tinżamm mill-awtorità xierqa kkonċernata;

▼M20

(b) l-awtorità xierqa, jew validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE li jaġixxi f'isimha, għandha teżamina l-programm tas-sigurtà u mbagħad twettaq verifika fuq il-post tas-siti speċifikati sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant jikkonformax mal-punt 9.1.5;

(c) fejn l-awtorità xierqa tkun sodisfatta bl-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-punti (a) u (b), għandha tiżgura li d-dettalji neċessarji tal-fornitur regolat jiddaħħlu fil-bażi tad-data dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta tagħmel l-entrata fil-bażi tad-data, l-awtorità xierqa għandha tagħti lil kull sit approvat identifikatur alfanumeriku uniku fil-format standard. Fejn l-awtorità xierqa ma tkunx sodisfatta, l-entità li tkun qiegħda tfittex li tikseb l-approvazzjoni bħala fornitur regolat għandha tiġi nnotifikata fil-pront bir-raġunijiet għal dan;

(d) aġent regolat ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiddaħħlu fil-bażi tad-data tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

9.1.3.3. Fornitur regolat għandu jerġa' jiġi vvalidat mill-ġdid f'intervalli regolari li ma jaqbżux il-5 snin. Dak għandu jinkludi verifika fil-post sabiex jiġi vvalutat jekk il-fornitur regolat għadux konformi mal-punt 9.1.5.

Spezzjoni fil-bini ta' fornitur regolat mill-awtorità xierqa f'konformità mal-programm nazzjonali tiegħu tal-kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala verifika fuq il-post, dment li din tkun tkopri r-rekwiżiti kollha tal-punt 9.1.5.

9.1.3.4. Fejn l-awtorità xierqa ma tibqax sodisfatta li l-fornitur regolat jikkonforma mal-punt 9.1.5, għandha tirtira l-istatus ta' fornitur regolat għassiti speċifikati.

9.1.3.5. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri aktar stretti f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, fornitur regolat approvat f'konformità mal-punt 9.1.3 għandu jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

9.1.4. **Ħatra tal-forniturimagħrufa**

9.1.4.1. Kwalunkwe entità ("il-fornitur") li tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà kif imsemmija fil-punt 9.1.5 iżda ma twettaq l-ebda skrinjar tal-provvisti tal-ajruport għandha tinħatar bħala fornitur magħruf mill-operatur tal-ajruport.

9.1.4.2. Sabiex jinħatar bħala fornitur magħruf, il-fornitur jeħtieġlu jipprovdi lill-operatur tal-ajruport:

(a) id-"Dikjarazzjoni tal-impenji – fornitur magħruf tal-provvisti tal-ajruport" kif tinsab fid-Dokument Mehmuż 9-B. Din id-dikjarazzjoni għandha tiddikjara b'mod ċar il-post tas-sit jew tas-siti li tirreferi għalihom u għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentant legali;

(b) il-programm ta' sigurtà li jkopri l-kontrolli ta' sigurtà kif imsemmi fil-punt 9.1.5.

9.1.4.3. Il-forniturimagħrufa kollha jeħtiġilhom jinħatru abbażi ta' validazzjonijiet:

(a) tar-rilevanza u l-kompletezza tal-programm ta' sigurtà fir-rigward tal-punt 9.1.5;

(b) tal-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà mingħajr nuqqasijiet.

Bħala prova legali tal-ħatra, l-awtorità xierqa tista' tirrikjedi lill-operaturi tal-ajruport idaħħlu d-dettalji neċessarji tal-forniturimagħrufa li jinnominaw fil-"Bażi tad-data tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista" sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss. Meta l-informazzjoni tiddaħħal fil-bażi tad-data, l-operatur tal-ajruport għandu jagħti identifikatur alfanumeriku uniku skont il-format standard lil kull sit iddeżinjat.

▼**M20**

L-aċċess fiż-żoni ta' sigurtà ristretti tal-provvisti tal-ajruport jista' jingħata biss wara li jkun ġie stabbilit l-istatus tal-fornitur. Dak għandu jsir permezz ta' verifika fil-"Bażi tad-data tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista", fejn applikabbli, jew bl-użu ta' mekkaniżmu alternattiv li jiżgura l-istess objettiv.

Fejn l-awtorità xierqa jew l-operatur tal-ajruport ma jibqgħux sodisfatti li l-fornitur magħruf jikkonforma mal-punt 9.1.5, l-operatur tal-ajruport għandu jirtira l-istatus ta' fornitur magħruf mingħajr dewmien.

9.1.4.4. L-awtorità xierqa għandha tiddefinixxi fil-programm nazzjonali tagħha għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, jekk il-validazzjonijiet tal-programm ta' sigurtà u l-implimentazzjoni tiegħu għandhomx jitwettqu minn awditur nazzjonali, minn validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew minn persuna li taġixxi f'isem l-operatur tal-ajruport maħtura u mħarrġa għal dak il-għan.

Il-validazzjonijiet iridu jiġu rreġistrati u, fejn ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'dan ir-Regolament, iridu jsiru qabel il-ħatra u jiġu ripetuti kull 3 snin wara dik id-data.

Jekk il-validazzjoni ma ssirx f'isem l-operatur tal-ajruport, kwalunkwe reġistrazzjoni tagħha trid titqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu.

9.1.4.5. Il-validazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà li jikkonferma li ma hemmx nuqqasijiet għandha tikkonsisti fi:

(a) żjara tal-fornitur fis-sit kull 3 snin; jew

(b) kontrolli regolari mal-aċċess għaż-żona ristretta ta' sigurtà tal-provvisti li jitwasslu minn dak il-fornitur magħruf, li għandhom jibdew wara n-nomina, inklużi:

— verifika li l-persuna li twassal il-provvisti f'isem il-fornitur magħruf ġiet imħarrġa sew;

— verifika li l-provvisti huma tassew siguri;

— skrinjar tal-provvisti daqslikieku l-provvisti ġejjin mingħand fornitur mhux magħruf.

Dawk il-kontrolli jridu jitwettqu b'mod mhux prevedibbli u jsiru minn tal-inqas darba kull tliet xhur jew fuq 20 % tal-provvisti kollha mwassla mill-fornitur magħruf lill-operatur tal-ajruport.

L-għażla (b) tista' tintuża biss fejn l-awtorità xierqa ddefiniet fil-programm nazzjonali tagħha għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili li l-validazzjoni għandha titwettaq minn persuna li taġixxi f'isem l-operatur tal-ajruport.

9.1.4.6. Il-metodi applikati u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti matul u wara l-ħatra għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' sigurtà tal-operatur tal-ajruport.

9.1.4.7. L-operatur tal-ajruport għandu jżomm:

(a) lista tal-forniturimagħrufa kollha li jkun ħatar, bid-data ta' skadenza tan-nomina tagħhom;

(b) id-dikjarazzjoni ffirmata, kopja tal-programm ta' sigurtà u kwalunkwe rapport li jirreġistra l-implimentazzjoni tagħha għal kull fornitur magħruf, għal mill-inqas 6 xhur wara l-iskadenza tal-ħatra tiegħu.

Meta ssir talba, dawk id-dokumenti għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-konformità.

▼M20

9.1.4.8. Spezzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-programm nazzjonali tagħha ta' kontroll tal-kwalità tista' titqies bħala żjara fuq il-post tal-fornitur, dment li tkopri l-validazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm ta' sigurtà u li tikkonferma li ma jkunx hemm defiċjenzi. Wara l-ispezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-entità b'evidenza xierqa tal-eżitu pożittiv tal-validazzjoni mill-ġdid, li għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-entità maħtura.

9.1.5. **Kontrolli tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati minn fornitur regolat, fornitur magħruf jew operatur tal-ajruport**

9.1.5.1. Fornitur regolat jew fornitur magħruf tal-provvisti tal-ajruport jew operatur ta' ajruport li jwassal provvisti tal-ajruport fiż-żona ristretta ta' sigurtà għandu:

(a) jaħtar persuna li tkun responsabbli għas-sigurtà tal-kumpanija;

(b) jiżgura li l-persuni b'aċċess għall-provvisti tal-ajruport jirċievu taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7 qabel ma jingħataw aċċess għal dawk il-provvisti;

(c) jiżgura li l-persuni li jimplimentaw l-iskrinjar tal-provvisti tal-ajruport jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.3 u li l-persuni li jimplimentaw kontrolli tas-sigurtà oħra fir-rigward tal-provvisti tal-ajruport jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.10;

(d) jipprevjeni l-aċċess mhux awtorizzat fil-bini tiegħu u għall-provvisti tal-ajruport;

(e) jiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jinħeba fil-provvisti tal-ajruport;

(f) japplika siġilli li juru sinjali tat-tbagħbis fil-vetturi kollha jew fil-kontejners li jittrasportaw il-provvisti tal-ajruporti jew jipproteġihom fiżikament.

L-ewwel paragrafu, il-punt (f), ma għandux japplika matul it-trasport fiż-żona tal-ajru.

9.1.5.2. Fejn fornitur regolat jew fornitur magħruf juża kumpanija oħra li mhijiex fornitur magħruf għall-operatur tal-ajruport għat-trasport tal-provvisti lejn l-ajruport, il-fornitur regolat jew il-fornitur magħruf għandu jiżgura li jiġu rrispettati l-kontrolli tas-sigurtà kollha elenkati f'dan il-punt.

▼B

9.2. PROTEZZJONI TAL-PROVVISTI TAL-AJRUPORT

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-protezzjoni tal-provvisti tal-ajuport huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

9.3. DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI TA' LAGS U STEBS

9.3.1. Il-provvisti ta' STEBs għandhom jaslu f'naħa tal-ajru lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti tal-imbarkazzjoni jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.

9.3.2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'naħa tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fil-ħanut, l-LAGs u l-STEBs għandhom jiġu protetti kontra interferenzi mhux awtorizzati.

9.3.3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti ta' LAGs u STEBs huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M20

DOKUMENT MEHMUŻ 9-A

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI

FORNITUR REGOLAT TAL-PROVVISTI TAL-AJRUPORT

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li:

— sa fejn naf jien, l-informazzjoni li tinsab fil-programm ta' sigurtà tal-kumpanija hija vera u preċiża;

— il-prattiki u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-programm ta' sigurtà se jiġu implimentati u miżmuma fis-siti kollha koperti mill-programm;

— dan il-programm ta' sigurtà se jiġi aġġustat u adattat biex jikkonforma ma' kull bidla rilevanti futura fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm [isem il-kumpanija] ma tkunx avżat lil [isem l-awtorità xierqa] li ma tixtieqx tibqa' tiskrinja u twassal provvisti tal-ajruport (u għaldaqstant ma tixtieqx tibqa' fin-negozju bħala fornitur regolat);

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] bil-miktub dwar:

(a) bidliet żgħar fil-programm ta' sigurtà tagħha, bħalma huma l-isem tal-kumpanija, il-persuna responsabbli għas-sigurtà jew id-dettalji ta' kuntatt, fil-pront iżda mill-inqas fi żmien 10 ijiem tax-xogħol;

(b) bidliet kbar li jkunu ppjanati, bħalma huma proċeduri ġodda ta' skrinjar, xogħlijiet kbar ta' bini li għandhom imnejn jaffettwaw il-konformità tagħha mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew bidla fis-sit/fl-indirizz, tal-inqas fi żmien 15-il jum tax-xogħol qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet/il-bidla ppjanata;

— sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ fl-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif mitlub mill-ispetturi;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] dwar kwalunkwe ksur serju ta' sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkostanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għas-sigurtà tal-provvisti għall-ajruport, b'mod partikolari dwar kwalunkwe tentattiv ta' ħabi ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti;

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi taħriġ f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 u jkun jaf x'inhuma r-responsabbiltajiet ta' sigurtà tiegħu fl-ambitu tal-programm ta' sigurtà tal-kumpanija;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [isem l-awtorità xierqa] jekk:

(a) twaqqaf in-negozju;

(b) ma tibqax tiskrinja l-provvisti tal-ajruport;

(c) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

Isem:

Kariga fil-kumpanija:

Data:

Firma:

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2008/300/oj).

▼M20

DOKUMENT MEHMUŻ 9-B

DIKJARAZZJONI TAL-IMPENJI

FORNITUR MAGĦRUF TAL-PROVVISTI TAL-AJRUPORT

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u mal-atti ta' implimentazzjoni tiegħu,

Niddikjara li

— [isem il-kumpanija] se:

(a) taħtar persuna li tkun responsabbli għas-sigurtà fil-kumpanija;

(b) tiżgura li l-persuni b'aċċess għall-provvisti tal-ajruport jirċievu taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà f'konformità mal-punt 11.2.7 qabel ma jingħataw aċċess għal dawk il-provvisti;

(c) tiżgura li l-persuni li jimplimentaw kontrolli tas-sigurtà għajr l-iskrinjar fir-rigward tal-provvisti tal-ajruport jirċievu taħriġ f'konformità mal-punt 11.2.3.10;

(d) tipprevjeni l-aċċess mhux awtorizzat għall-bini tagħha u għall-provvisti tal-ajruport;

(e) tiżgura b'mod raġonevoli li l-ebda oġġett ipprojbit ma jinħeba fil-provvisti tal-ajruport;

(f) tapplika siġilli li juru sinjali tat-tbagħbis fil-vetturi kollha jew fil-kontejners li jittrasportaw il-provvisti tal-ajruport jew tipproteġihom fiżikament (dan il-punt mhuwiex se japplika waqt it-trasport fiż-żona tal-ajru).

Meta għat-trasport ta' provvisti jsir użu minn kumpanija oħra li mhijiex fornitur magħruf għall-operatur tal-ajruport, [isem il-kumpanija] se tiżgura li jiġu rrispettati l-kontrolli tas-sigurtà kollha msemmija hawn,

— sabiex tiġi żgurata l-konformità, [isem il-kumpanija] se tikkoopera bis-sħiħ fl-ispezzjonijiet kollha, kif meħtieġ, u se tipprovdi aċċess għad-dokumenti kollha, kif mitlub mill-ispetturi;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [l-operatur tal-ajruport] dwar kwalunkwe ksur serju ta' sigurtà u dwar kwalunkwe ċirkostanza suspettuża li tista' tkun rilevanti għall-provvisti tal-ajruport, b'mod partikolari dwar kwalunkwe tentattiv ta' ħabi ta' oġġetti pprojbiti fil-provvisti;

— [isem il-kumpanija] se tiżgura li l-persunal kollu rilevanti jirċievi t-taħriġ f'konformità mal-Kapitolu 11 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 u jkun jaf x'inhuma r-responsabbiltajiet tiegħu għas-sigurtà;

— [isem il-kumpanija] se tinforma lil [operatur tal-ajruport] jekk:

(a) twaqqaf in-negozju;

(b) ma tkunx tista' tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal din id-dikjarazzjoni.

Rappreżentant legali

Isem:

Data:

Firma:

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2008/300/oj).

▼B

10. MIŻURI TA' SIGURTÀ GĦAL MATUL IT-TITJIRA

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

11. REKLUTAĠĠ U TAĦRIĠ TAL-PERSUNAL

11.0. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

11.0.1. L-awtorità, l-operatur tal-ajru, it-trasportatur tal-ajru jew l-entità li jimmobilizzaw il-persuni li jimplimentaw, jew li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw li dawn il-persuni jissodisfaw l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M19

11.0.2. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, "ċertifikazzjoni" u "ċertifikazzjoni mill-ġdid" ifissru evalwazzjoni formali u konferma mill-awtorità xierqa jew f'isimha li tindika li l-persuna wettqet b'suċċess it-taħriġ rilevanti u li l-persuna għandha l-kompetenzi meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha f'livell aċċettabbli. Il-proċessi ta' ċertifikazzjoni u ċertifikazzjoni mill-ġdid għandhom ikunu standardizzati fil-livell nazzjonali.

▼B

11.0.3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "stat tar-residenza" għandu jkun kwalunkwe pajjiż fejn il-persuna tkun ilha residenti b'mod kontinwu għal sitt (6) xhur jew aktar u "vojt" fir-reġistru tal-edukazzjoni jew tax-xogħol għandu jfisser kwalunkwe vojt ta' aktar minn 28 jum.

11.0.4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "kompetenza" tfisser li jkunu kapaċi juru għarfien u ħiliet xierqa.

11.0.5. Il-kompetenzi li persuni jiksbu qabel ir-reklutaġġ għandhom jitqiesu meta tkun qiegħda tiġi vvalutata kwalunkwe ħtieġa ta' taħriġ taħt din il-Kapitolu.

11.0.6. Fejn il-kompetenzi rilevanti rikjesti minn dan ir-Regolament li mhumiex speċifiċi għas-sigurtà tal-avjazzjoni ġew akkwistati permezz ta' taħriġ mhux imwassal minn struttur f'konformità mal-punt 11.5 ta' dan ir-Regolament u/jew permezz ta' korsijiet mhux speċifikat jew approvat mill-awtorità xierqa, li għandhom jitqiesu meta tkun qiegħda tiġi vvalutata kwalunkwe ħtieġa ta' taħriġ skont dan il-Kapitolu.

11.0.7. Fejn persuna tkun irċeviet it-taħriġ u l-kompetenzi miksuba elenkati fil-punt 11.2, it-taħriġ ma għandux għalfejn jiġi ripetut għal funzjoni oħra għajr għall-finijiet ta' taħriġ rikorrenti.

▼M5

11.0.8. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "radikalizzazzjoni" tfisser il-fenomenu ta' soċjalizzazzjoni sa estremiżmu ta' persuni li jħaddnu opinjonijiet, fehmiet u ideat, li jistgħu jwasslu għal terroriżmu.

11.0.9. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, meta jiddeterminaw l-affidabbiltà ta' individwu li jkun għaddej mill-proċess deskritt fil-punti 11.1.3 u 11.1.4, l-Istati Membri għandhom iqisu minn tal-inqas:

▼M5

(a) ir-reati msemmija fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

u

(b) ir-reati terroristiċi msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Ir-reati elenkati fil-punt (b) għandhom jitqiesu bħala kriminalità li tiskwalifika.

11.1. REKLUTAĠĠ

▼M15

11.1.1. Il-persunal li ġej għandu jkun irnexxielu jgħaddi b'suċċess minn kontroll rigoruż tal-preċedenti personali:

(a) il-persuni li jiġu rreklutati biex jimplimentaw, jew biex ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskrinjar, il-kontroll fuq l-aċċess jew kontrolli oħra tas-sigurtà f'żona ta' sigurtà ristretta;

(b) il-persuni b'responsabbiltà ġenerali fil-livell nazzjonali jew lokali li jiżguraw li programm tas-sigurtà u l-implimentazzjoni tiegħu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet legali kollha ("maniġers tas-sigurtà");

(c) istrutturi, kif imsemmi fil-Kapitolu 11.5;

(d) validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, kif imsemmi fil-Kapitolu 11.6.

▼M20

_____

▼M8

11.1.2 Il-persunal li ġej għandu jkun wettaq b'suċċess kontroll tal-isfond imtejjeb jew standard:

(a) Il-persuni li jiġu rreklutati biex jimplimentaw, jew biex ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskrinjar, il-kontroll fuq l-aċċess jew kontrolli tas-sigurtà oħra f'post ieħor għajr f'żona ristretta tas-sigurtà;

(b) Il-persuni li jkollhom aċċess mingħajr skorta għall-merkanzija u l-posta tal-ajru, għall-posta tat-trasportaturi tal-ajru u għall-materjal tat-trasportaturi tal-ajru, għall-provvisti għal matul it-titjira u għall-provvisti tal-ajruporti li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa;

(c) Il-persuni li jkollhom drittijiet ta' amministratur jew aċċess mhux sorveljat u mhux limitat għas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-*data* kritiċi użati għall-iskopijiet ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif deskritt fil-punt 1.7.1 skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni, jew li jkunu ġew identifikati b'mod ieħor fil-valutazzjoni tar-riskju skont il-punt 1.7.3.

([1]) Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

▼M8

Sakemm ma jkunx ġie speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-awtorità xierqa għandha tiddetermina jekk għandux isir kontroll tal-isfond imtejjeb jew standard skont ir-regoli nazzjonali applikabbli.

▼M5

11.1.3 Skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha minn tal-inqas:

(a) tistabbilixxi l-identità tal-persuna abbażi ta' evidenza dokumentata;

(b) tkopri r-rekords kriminali fl-istati ta' residenza kollha minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(c) tkopri l-impjiegi, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuna minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(d) tkopri l-intelligence u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tkun disponibbli għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huma jikkunsidraw li jistgħu jkunu rilevanti għall-idoneità ta' persuna biex taħdem f'funzjoni li tirrikjedi verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża.

11.1.4 Skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, verifika tal-preċedenti personali standard għandha:

(a) tistabbilixxi l-identità tal-persuna abbażi ta' evidenza dokumentata;

(b) tkopri r-rekords kriminali fl-istati ta' residenza kollha minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(c) tkopri l-impjiegi, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuna minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti.

11.1.5 Verifika tal-preċedenti personali standard jew il-punti (a) sa (c) ta' verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha ssir qabel ma l-persuna tattendi taħriġ inizjali tas-sigurtà li jinvolvi l-aċċess għal informazzjoni li ma tkunx disponibbli b'mod pubbliku minħabba s-sensittività tas-sigurtà tagħha. Fejn ikun applikabbli, il-punt (d) ta' verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha ssir qabel ma persuna titħalla timplimenta, jew tkun responsabbli għall-implimentazzjoni, tal-iskrinjar, tal-kontroll tal-aċċess jew ta' kontrolli oħra tas-sigurtà.

▼M17

Kull meta tkun meħtieġa verifika tal-preċedenti personali msaħħa, din għandha titlesta kompletament qabel ma l-persuna tagħmel it-taħriġ imsemmi fil-punti 11.2.3.1 sa 11.2.3.5.

▼M5

11.1.6 Jekk individwu ma jgħaddix mill-elementi kollha speċifikati fil-punti 11.1.3 u 11.1.4 rispettivament, jew jekk fi kwalunkwe żmien dawn l-elementi ma jipprovdux il-livell meħtieġ ta' aċċertament tal-affidabbiltà tiegħu, għandu jitqies li l-individwu ma għaddiex mill-verifiki tal-preċedenti personali standard jew iktar rigoruż.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa u effettivi sabiex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali u ma' Stati oħra għall-finijiet ta' elaborazzjoni u evalwazzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-verifika tal-preċedenti personali.

11.1.7 Il-verifiki tal-preċedenti personali għandhom ikunu soġġetti għal dawn li ġejjin:

(a) mekkaniżmu għar-rieżami kontinwu tal-elementi speċifikati fil-punti 11.1.3 u 11.1.4 permezz tan-notifika fil-pront lill-awtorità kompetenti, lill-operatur jew lill-entità emittenti, kif ikun applikabbli, ta' kwalunkwe okkorrenza li tista' taffettwa l-affidabbiltà tal-individwu. Il-modalitajiet għan-notifika u għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' kontenut tagħha bejn l-awtoritajiet, l-operaturi u l-entitajiet kompetenti, għandhom jiġu stabbiliti u mmonitorjati skont il-liġi nazzjonali; jew

▼M5

(b) repetizzjoni f'intervalli regolari li ma taqbiżx tnax-il xahar għall-verifiki tal-preċedenti personali iktar rigoruži, jew tliet snin għall-verifiki tal-preċedenti personali standard.

11.1.8 Il-proċess tar-reklutaġġ għall-persuni kollha rreklutati skont il-punti 11.1.1 u 11.1.2 għandu jinkludi minn tal-inqas applikazzjoni bil-miktub u stadju b'intervista maħsuba biex tipprovdi valutazzjoni inizjali tal-ħiliet u tal-predispożizzjonijiet.

11.1.9 Il-persuni rreklutati biex jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà għandu jkollhom il-ħiliet mentali u fiżiċi kif ukoll il-predispożizzjonijiet meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti mogħtija lilhom u għandhom ikunu mgħarrfa dwar in-natura ta' dawn ir-rekwiżiti mill-bidu tal-proċess tar-reklutaġġ.

Dawn il-ħiliet u l-predispożizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati waqt il-proċess tar-reklutaġġ u qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' prova.

11.1.10 Ir-rekords dwar ir-reklutaġġ, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe testijiet ta' valutazzjoni, għandhom jinżammu għall-persuni kollha rreklutati skont il-punti 11.1.1 u 11.1.2 għal minn tal-inqas id-durata tal-kuntratt tagħhom.

11.1.11 Sabiex tiġi indirizzata t-theddida minn informazzjoni privileġġata, u minkejja l-kontenuti u l-kompetenzi rispettivi tat-taħriġ tal-persunal elenkati fil-paragrafu 11.2, il-programm tas-sigurtà tal-operaturi u tal-entitajiet imsemmija fl-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandu jinkludi politika interna xierqa u miżuri relatati li jtejbu s-sensibilizzazzjoni tal-persunal u li jippromwovu kultura tas-sigurtà.

▼M19

_____

▼B

11.2. TAĦRIĠ

11.2.1. **Obbligi ta' taħriġ ġenerali**

11.2.1.1. Il-persuni għandhom ikunu temmew b'suċċess it-taħriġ rilevanti qabel ma jiġu awtorizzati jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà mingħajr sorveljanza.

11.2.1.2. It-taħriġ tal-persuni li jwettqu l-ħidmiet elenkati fil-punti 11.2.3.1 sa 11.2.3.5 u l-punt 11.2.4 għandu jinkludi elementi teoretiċi, prattiċi u ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

11.2.1.3. Il-kontenut tal-korsijiet għandu jiġi speċifikat jew approvat mill-awtorità xierqa qabel ma:

(a) struttur jagħti kwalunkwe taħriġ meħtieġ taħt ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu; jew

(b) taħriġ ibbażat fuq il-kompjuter jintuża sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu.

Taħriġ ibbażat fuq il-kompjuter jista' jintuża bl-appoġġ jew mingħajr l-appoġġ ta' struttur jew ta' kowċ.

11.2.1.4. Ir-reġistri tat-taħriġ għandhom jinżammu għall-persuni kollha mħarrġa tal-anqas matul id-dewmien tal-kuntratt tagħhom.

▼B

11.2.2. **Taħriġ bażiku**

Taħriġ bażiku tal-persuni li jwettqu l-ħidmiet elenkati fil-punti 11.2.3.1, 11.2.3.4 u 11.2.3.5 kif ukoll il-punti 11.2.4, 11.2.5 u 11.5 għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

(b) għarfien dwar il-qafas legali għas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) għarfien dwar il-proċeduri tal-kontroll fuq l-aċċess;

▼M2

(e) għarfien dwar is-sistemi tal-karti tal-identifikazzjoni li jintużaw;

▼B

(f) għarfien dwar il-proċeduri sabiex persuni jiġu kkontrollati u ċ-ċirkustanzi li fihom persuni għandhom jiġu ċċalinġjati jew irrappurtati;

(g) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

(h) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(i) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà;

(j) għarfien dwar kif l-imġiba u r-reazzjonijiet tal-bniedem jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tas-sigurtà;

▼M5

(k) il-ħila ta' komunikazzjoni ċara u kunfidenti; u

(l) l-għarfien dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni.

▼B

11.2.3. **Taħriġ speċifiku dwar l-impjieg għall-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà**

11.2.3.1. Taħriġ speċifiku ta' persuni li jimplimentaw l-iskrinjar tal-persuni, il-bagalji tal-kabina, l-oġġetti li jinġarru u l-bagalji tal-istiva għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(b) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(c) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(d) għarfien dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-tagħmir tas-sigurtà jew il-metodi tal-iskrinjar użati;

▼B

(e) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza.

Barra minn hekk, fejn kompiti magħżula tal-persuna kkonċernata jitolbu hekk it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi li ġejjin:

(f) ħiliet interpersonali, b'mod partikolari kif wieħed għandu jittratta differenzi kulturali u passiġġieri potenzjalment problematiċi;

(g) għarfien dwar it-tekniki tat-tfittxijiet bl-idejn;

(h) il-ħila li jitwettqu tfittxijiet bl-idejn ta' standard suffiċjenti sabiex l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija tiġi żgurata b'mod raġonevoli;

(i) għarfien dwar l-eżenzjonijiet mill-iskrinjar u l-proċeduri tas-sigurtà speċjali;

(j) il-ħila li wieħed jopera t-tagħmir tas-sigurtà li jintuża;

(k) il-ħila li wieħed jinterpreta b'mod korrett l-immaġnijiet mogħtija mit-tagħmir tas-sigurtà; kif ukoll

(l) għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' protezzjoni għall-bagalji tal-istiva.

11.2.3.2. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw l-iskrinjar ta' merkanzija u posta għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà fil-katina tal-forniment;

(d) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(e) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(f) għarfien dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-tagħmir tas-sigurtà jew il-metodi tal-iskrinjar użati;

(g) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

▼B

(h) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(i) għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' protezzjoni għall-merkanzija u l-posta;

Barra minn hekk, fejn kompiti magħżula tal-persuna kkonċernata jitolbu hekk t-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi li ġejjin:

(j) għarfien dwar ir-rekwiżiti tal-iskrinjar għall-merkanzija u l-posta, inklużi l-eżenzjonijiet u l-proċeduri tas-sigurtà speċjali;

(k) għarfien dwar il-metodi xierqa tal-iskrinjar għal tipi differenti ta' merkanzija u posta;

(l) għarfien dwar it-tekniki tat-tfittxijiet bl-idejn;

(m) il-ħila li jitwettqu tfittxijiet bl-idejn ta' standard suffiċjenti sabiex l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija tiġi żgurata b'mod raġonevoli;

(n) il-ħila li wieħed jopera t-tagħmir tas-sigurtà li jintuża;

(o) il-ħila li wieħed jinterpreta b'mod korrett l-immaġnijiet mogħtija mit-tagħmir tas-sigurtà;

(p) għarfien dwar ir-rekwiżiti għat-trasport.

11.2.3.3. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw l-iskrinjar ta' posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru, provvisti għal matul it-titjira u provvisti tal-ajruport għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà fil-katina tal-forniment;

(d) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(e) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(f) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(g) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(h) għarfien dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-tagħmir tas-sigurtà jew il-metodi tal-iskrinjar użati;

▼B

Barra minn hekk, fejn kompiti magħżula tal-persuna kkonċernata jitolbu hekk t-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi li ġejjin:

(i) għarfien dwar it-tekniki tat-tfittxijiet bl-idejn;

(j) il-ħila li jitwettqu tfittxijiet bl-idejn ta' standard suffiċjenti sabiex l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija tiġi żgurata b'mod raġonevoli;

(k) il-ħila li wieħed jopera t-tagħmir tas-sigurtà li jintuża;

(l) il-ħila li wieħed jinterpreta b'mod korrett l-immaġnijiet mogħtija mit-tagħmir tas-sigurtà;

(m) għarfien dwar ir-rekwiżiti għat-trasport.

11.2.3.4. Taħriġ speċifiku ta' persuni li jwettqu l-eżamijiet tal-vetturi għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar ir-rekwiżiti legali għall-eżamijiet tal-vetturi, inklużi l-eżenzjonijiet u l-proċeduri tas-sigurtà speċjali;

(b) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(c) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(d) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(e) għarfien dwar it-tekniki tal-eżaminar tal-vetturi;

(f) il-ħila li jitwettqu eżamijiet tal-vetturi ta' standard suffiċjenti sabiex l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija tiġi żgurata b'mod raġonevoli;

11.2.3.5. Taħriġ speċifiku għall-persuni li jimplimentaw il-kontroll fuq l-aċċess f'ajruport kif ukoll is-sorveljanza u l-għassa għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar ir-rekwiżiti legali għall-kontroll fuq l-aċċess, inklużi l-eżenzjonijiet u l-proċeduri tas-sigurtà speċjali;

(b) għarfien dwar is-sistemi tal-kontroll fuq l-aċċess li jintużaw fl-ajruport;

(c) għarfien dwar l-awtorizzazzjonijiet, inklużi l-karti tal-identifikazzjoni u l-passes tal-vetturi, li jipprovdu aċċess għaż-żoni tannaħat tal-ajru u l-ħila li dawk l-awtorizzazzjonijiet jiġu identifikati;

(d) għarfien dwar il-proċeduri għall-għassa u sabiex persuni jiġu kkontrollati u taċ-ċirkustanzi li fihom persuni għandhom jiġu sfidati jew irrappurtati;

(e) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(f) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(g) ħiliet interpersonali, b'mod partikolari kif wieħed għandu jittratta differenzi kulturali u passiġġieri potenzjalment problematiċi.

11.2.3.6. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw it-tfittxijiet ta' sigurtà tal-inġenju tal-ajru għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

▼M5

(a) l-għarfien dwar ir-rekwiżiti ġuridiċi għat-tfittxijiet tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru u dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(b) għarfien dwar il-konfigurazzjoni tat-tip(i) ta' inġenju tal-ajru li fuqu l-persuna se timplimenta t-tfittxijiet ta' sigurtà tal-inġenju tal-ajru;

(c) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(d) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(e) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(f) il-ħila li jiġu implimentati tfittxijiet ta' sigurtà tal-inġenju tal-ajru ta' standard suffiċjenti sabiex l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija tiġi żgurata b'mod raġonevoli.

Barra minn hekk, fejn din il-persuna jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport, it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(g) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

(h) għarfien dwar il-qafas legali għas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(i) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(j) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(k) għarfien dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

(l) għarfien dwar il-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruport li jintużaw fl-ajruport;

11.2.3.7. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw il-protezzjoni tal-inġenju tal-ajru għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

▼M5

(a) l-għarfien dwar kif titwettaq il-protezzjoni u l-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat għall-inġenji tal-ajru u għall-elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(b) għarfien dwar proċeduri għall-issiġillar tal-inġenju tal-ajru, jekk applikabbli għall-persuna li se titħarreġ;

(c) għarfien dwar is-sistemi tal-karti tal-identifikazzjoni li jintużaw fl-ajruport;

(d) għarfien dwar il-proċeduri sabiex persuni jiġu kkontrollati u ċ-ċirkustanzi li fihom persuni għandhom jiġu ċċalinġjati jew irrappurtati; kif ukoll

(e) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza.

Barra minn hekk, fejn din il-persuna jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport, it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(f) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

(g) għarfien dwar il-qafas legali għas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(h) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

▼B

(i) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(j) għarfien dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

11.2.3.8. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw it-taqbil tal-bagalji għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(e) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(f) għarfien dwar ir-rekwiżiti u t-tekniki ta' taqbil tal-passiġġieri u l-bagalji;

(g) għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' protezzjoni għall-materjali tat-trasportaturi tal-ajru li jintużaw għall-ipproċessar tal-passiġġieri u l-bagalji.

▼M2

Barra minn hekk, fejn din il-persuna jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport, it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(h) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(i) sensibilizzazzjoni dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

(j) għarfien dwar il-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruport li jintużaw fl-ajruport;

(k) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

(l) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà.

▼B

11.2.3.9. ►M15 It-taħriġ ta’ persuni b’aċċess mingħajr superviżjoni għall-merkanzija bl-ajru u għall-posta bl-ajru identifikabbli li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa u l-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà għall-merkanzija bl-ajru u għall-posta bl-ajru għajr l-iskrinjar għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin: ◄

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà fil-katina tal-forniment;

(d) għarfien dwar il-proċeduri sabiex persuni jiġu kkontrollati u ċ-ċirkustanzi li fihom persuni għandhom jiġu ċċalinġjati jew irrappurtati;

▼B

(e) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

(f) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(g) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(h) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(i) għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' protezzjoni għall-merkanzija u l-posta;

(j) għarfien dwar ir-rekwiżiti għat-trasport, jekk applikabbli.

▼M2

Barra minn hekk, fejn din il-persuna jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport, it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(k) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(l) sensibilizzazzjoni dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

(m) għarfien tal-karti tal-identifikazzjoni li jintużaw;

(n) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà.

▼B

11.2.3.10. It-taħriġ tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà ta' posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru, provvisti għal matul it-titjira u provvisti tal-ajruport għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) għarfien dwar il-proċeduri sabiex persuni jiġu kkontrollati u ċ-ċirkustanzi li fihom persuni għandhom jiġu ċċalinġjati jew irrappurtati;

(e) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

(f) il-ħila li jiġu identifikati oġġetti pprojbiti;

(g) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(h) għarfien dwar kif oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(i) għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' protezzjoni għal posta u materjali tat-trasportaturi tal-ajru, provvisti għal matul it-titjira u provvisti tal-ajruport, kif applikabbli;

(j) għarfien dwar ir-rekwiżiti għat-trasport, jekk applikabbli.

▼M2

Barra minn hekk, fejn din il-persuna jkollha karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport, it-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

▼M2

(k) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(l) sensibilizzazzjoni dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

(m) għarfien tal-karti tal-identifikazzjoni li jintużaw;

(n) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà.

▼M15

11.2.3.11. It-taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina li jimplimentaw il-miżuri ta' sigurtà matul it-titjira għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

(b) sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti legali u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fil-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inkluż, fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

(c) għarfien dwar l-objettivi u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inkluż l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-kabina;

(d) għarfien dwar kif l-inġenju tal-ajru għandu jkun protett u kif għandu jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat;

(e) għarfien dwar proċeduri għall-issiġillar tal-inġenju tal-ajru, jekk applikabbli għall-persuna li tkun se titħarreġ;

(f) abbiltà li biha jiġu identifikati l-oġġetti pprojbiti;

(g) għarfien dwar kif l-oġġetti pprojbiti jistgħu jinħbew;

(h) abbiltà li biha jiġu implimentati t-tfittxijiet tas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru skont standard suffiċjenti biex tiġi żgurata b'mod raġonevoli l-individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti moħbija;

(i) għarfien tal-konfigurazzjoni tat-tip jew tat-tipi ta' inġenji tal-ajru li fuqhom jitwettqu d-doveri;

(j) abbiltà li biha l-kabina tal-pilota tiġi protetta matul it-titjira;

(k) għarfien tal-proċeduri rilevanti għall-ġarr ta' passiġġieri potenzjalment problematiċi abbord inġenju tal-ajru, jekk applikabbli għall-persuna li tkun se titħarreġ;

(l) għarfien dwar l-immaniġġar ta' persuni awtorizzati li jġorru l-armi tan-nar abbord, jekk applikabbli għall-persuna li tkun se titħarreġ;

(m) għarfien dwar il-proċeduri tar-rapportar;

(n) abbiltà li biha wieħed ikollu rispons xieraq f'każ ta' inċidenti u emerġenzi relatati mas-sigurtà abbord inġenju tal-ajru.

▼B

11.2.4. **Taħriġ speċifiku għall-persuni li jagħmlu superviżjoni diretta fuq persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà ("superviżuri")**

It-taħriġ speċifiku tas-superviżuri għandu, minbarra l-kompetenzi tal-persuni li se jiġu ssorveljati, jirriżulta fil-kompetenzi li ġejjin:

▼B

(a) għarfien dwar ir-rekwiżiti legali u dwar kif għandhom jiġu ssodisfati;

(b) għarfien dwar il-ħidmiet tas-sorveljanza;

(c) għarfien dwar il-kontroll intern tal-kwalità;

(d) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa f'każ ta' individwazzjoni ta' oġġetti pprojbiti;

(e) għarfien dwar il-proċeduri ta' reazzjoni f'emerġenza;

(f) il-ħila li wieħed jipprovdi konsulenza esperta u ta' fiduċja u taħriġ fuq il-post tax-xogħol u li jimmotiva lill-oħrajn;

Barra minn hekk, fejn kompiti magħżula tal-persuna kkonċernata jitolbu hekk, li t-taħriġ għandu jirriżulta wkoll fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(g) għarfien dwar l-immaniġġar ta' konflitti;

(h) għarfien dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-tagħmir tas-sigurtà jew il-metodi tal-iskrinjar użati.

11.2.5. **Taħriġ speċifiku għall-persuni b'responsabbiltà ġenerali fil-livell nazzjonali jew lokali li jiżguraw li programm tas-sigurtà u l-implimentazzjoni tiegħu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet legali kollha ("maniġers tas-sigurtà")**

Taħriġ speċifiku ta' maniġers tas-sigurtà għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar ir-rekwiżiti legali u dwar kif għandhom jiġu ssodisfati;

(b) għarfien dwar il-kontroll tal-kwalità interna, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali;

(c) il-ħila li wieħed jimmotiva lill-oħrajn;

(d) għarfien dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-tagħmir tas-sigurtà jew il-metodi tal-iskrinjar użati.

11.2.6. **Taħriġ ta' persuni għajr passiġġieri li jeħtieġu aċċess mingħajr skorta għaż-żoni ristretti ta' sigurtà**

11.2.6.1. Persuni għajr passiġġieri li jeħtieġu aċċess mingħajr skorta għaż-żoni ta' sigurtà ristretta u li ma jaqgħux taħt il-punti 11.2.3 sa 11.2.5 u 11.5 għandhom jirċievu taħriġ ta' għarfien dwar is-sigurtà qabel ma tinħarġilhom awtorizzazzjoni li tagħtihom aċċess mingħajr skorta għaż-żoni ristretti ta' sigurtà.

Għal raġunijiet oġġettivi, l-awtorità xierqa tista' teżenta persuni minn dan ir-rekwiżit ta' taħriġ jekk l-aċċess tagħhom hija limitata għaż-żoni fit-terminal aċċessibbli għall-passiġġieri.

▼B

11.2.6.2. It-taħriġ ta' għarfien dwar is-sigurtà għandu jirriżulta fil-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) fehim tal-konfigurazzjoni tal-punt tal-kontroll tal-iskrinjar u l-proċess tal-iskrinjar;

(e) għarfien dwar il-kontroll fuq l-aċċess u l-proċeduri rilevanti tal-iskrinjar;

(f) għarfien dwar il-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruport li jintużaw fl-ajruport;

(g) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

(h) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà.

11.2.6.3. Kull persuna li tattendi taħriġ ta' għarfien dwar is-sigurtà għandha tkun meħtieġa turi fehim tas-suġġetti kollha msemmija fil-punt 11.2.6.2 qabel ma tinħarġilha awtorizzazzjoni li tagħtiha aċċess mingħajr skorta għaż-żoni ristretti ta' sigurtà.

11.2.7. **Taħriġ ta' persuni li jeħtieġu għarfien ġenerali dwar is-sigurtà**

It-taħriġ ta' għarfien ġenerali dwar is-sigurtà għandu jwassal għall-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) għarfien dwar atti preċedenti ta' interferenza mhux skont il-liġi fl-avjazzjoni ċivili, atti terroristiċi u theddid attwali;

▼M5

(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;

▼B

(c) għarfien dwar l-għanijiet u l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ambjent ta' ħidma tagħhom, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuni li jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà;

(d) għarfien dwar il-proċeduri tar-rappurtar;

▼B

(e) il-ħila li jkun hemm reazzjoni xierqa għal inċidenti relatati mas-sigurtà.

Kull persuna li tgħaddi minn taħriġ ġenerali ta' għarfien dwar is-sigurtà tkun meħtieġa turi għarfien tas-suġġetti kollha msemmija f'dan il-punt qabel ma tieħu l-kariga.

Dan it-taħriġ ma għandux japplika għal strutturi li jaqgħu taħt il-punt 11.5.

▼M8

11.2.8. It-taħriġ tal-persunal bi rwoli u responsabbiltajiet relatati mat-theddidiet ċibernetiċi

11.2.8.1. Il-persuni li jimplimentaw il-miżuri kif stipulat fil-punt 1.7.2 għandu jkollhom il-ħiliet u l-aptitudnijiet meħtieġa biex iwettqu l-kompiti mogħtija lilhom b'mod effettiv. Għandhom jiġu mgħarrfa dwar ir-riskji ċibernetiċi rilevanti fuq bażi ta' ħtieġa ta' għarfien.

11.2.8.2. Il-persuni li jkollhom aċċess għad-*data* jew għas-sistemi għandhom jirċievu taħriġ xieraq u speċifiku relatat mal-impjieg li jkun proporzjonat mar-rwol u mar-responsabbiltajiet tagħhom, inkluż li jiġu mgħarrfa dwar ir-riskji rilevanti meta l-funzjoni tal-impjieg tagħhom teħtieġ dan. L-awtorità xierqa, jew l-awtorità jew l-aġenzija kif stabbilit fil-punt 1.7.4 għandha tispeċifika jew tapprova l-kontenut talkors.

▼B

11.3. ĊERTIFIKAZZJONI JEW APPROVAZZJONI

11.3.1. Persuni li jwettqu kompiti kif elenkati fil-punti 11.2.3.1 sa 11.2.3.5 għandhom ikunu soġġetti għal:

(a) proċess ta' ċertifikazzjoni jew approvazzjoni inizjali; kif ukoll

▼M5

(b) għal persuni li jħaddmu tagħmir EDS jew tar-raġġi X, ċertifikazzjoni mill-ġdid minn tal-inqas kull tliet (3) snin; kif ukoll

▼B

(c) ċertifikazzjoni jew approvazzjoni mill-ġdid tal-anqas kull ħames (5) snin għall persuni l-oħra kollha.

Persuni li jwettqu kompiti ta' prestazzjoni kif elenkati fil-punt 11.2.3.3 jistgħu jiġu eżentati minn dawn ir-rekwiżiti jekk huma biss awtorizzati li jimplimentaw kontrolli viżwali u/jew tfittxijiet bl-idejn.

▼M19

11.3.2. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid jew approvazzjoni inizjali għandu jinkludi:

(a) test teoretiku jew intervista tal-bord li jivvaluta l-għarfien teoretiku tal-persuni meħtieġ biex jitwettqu l-funzjonijiet assenjati; u

(b) test prattiku li jivvaluta l-kompetenzi meħtieġa biex jitwettqu l-funzjonijiet assenjati; u

(c) test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet għallpersuni li joperaw tagħmir tar-raġġi X u tagħmir bl-EDS.

11.3.3. Il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-approvazzjoni mill-ġdid għandu jinkludi:

(a) test teoretiku jew intervista tal-bord li jivvaluta l-għarfien teoretiku tal-persuni meħtieġ biex jitwettqu l-funzjonijiet assenjati; u

(b) evalwazzjoni tal-prestazzjoni operattiva li tkopri l-funzjonijiet assenjati kollha jew test prattiku li jivvaluta l-kompetenzi meħtieġa biex jitwettqu l-funzjonijiet assenjati, kif definit millawtorità xierqa; u

▼M19

(c) test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet għall-persuni li joperaw tagħmir tar-raġġi X u tagħmir bl-EDS.

11.3.4. It-test teoretiku jew l-intervista tal-bord għandhom jikkonsistu f'għadd ta' mistoqsijiet u/jew suġġetti diskussi, li jkunu biżżejjed biex jipprovdu valutazzjoni komprensiva u bir-reqqa tal-għarfien tal-kandidat.

11.3.5. It-test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet għandu jikkonsisti f'għadd ta' immaġnijiet, f'diffikultà li tvarja, li jkunu biżżejjed biex jiġu vvalutati l-għarfien u l-ħiliet ta' interpretazzjoni tal-kandidat fil-kategoriji kollha ta' oġġetti pprojbiti rilevanti għall-funzjonijiet assenjati.

11.3.6. L-awtorità xierqa tista' tawtorizza struttur iċċertifikat involut fit-taħriġ tal-persunal tas-sigurtà biex iwettaq it-test prattiku kif imsemmi fil-punti 11.3.2 (b) u 11.3.3 (b), dment li:

(a) il-proċedura tat-test u l-kontenut tiegħu jkunu ġew approvati mill-awtorità xierqa;

(b) ir-riżultati tat-test ikunu preżentati lill-awtorità xierqa għall-evalwazzjoni bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni jew taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid; u

(c) l-awtorità xierqa twettaq kontroll regolari tal-kwalità f'dan ir-rigward.

11.3.7. Bl-eċċezzjoni tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni operattiva li tkopri l-funzjonijiet assenjati kollha kif stabbilit fil-punt 11.3.3 (b), l-elementi kollha tal-proċessi taċ-ċertifikazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid iridu jitwettqu mill-awtorità xierqa, jew f'isimha.

L-istitut ta' taħriġ jew simili, ingaġġat mill-awtorità xierqa biex iwettaq iċ-ċertifikazzjoni f'isimha, irid ikun kompletament indipendenti mill-operaturi u l-fornituri tas-sigurtà li jimpjegaw persunal tas-sigurtà u minn strutturi li jagħtu kwalunkwe taħriġ f'konformità mal-Kapitolu 11.2. Dan ma japplikax għall-għażla relatata mat-testijiet prattiċi indikati fil-punt 11.3.6.

11.3.8. Jekk wieħed jonqos milli jattendi jew itemm b'suċċess ċertifikazzjoni jew approvazzjoni mill-ġdid fi żmien raġonevoli, li normalment ma jaqbiżx 3 xhur, għandu jwassal sabiex id-drittijiet tas-sigurtà relatati jiġu rtirati.

11.3.9. Ir-reġistri taċ-ċertifikazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom jinżammu għall-persuni kollha ċertifikati jew approvati, rispettivament, tal-anqas għal tul il-kuntratt tagħhom.

▼B

11.4. TAĦRIĠ RIKORRENTI

11.4.1. Il-persuni li joperaw it-tagħmir tar-raġġi X jew it-tagħmir bl-EDS għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ rikorrenti li jikkonsisti minn taħriġ u ttestjar dwar l-għarfien tal-immaġnijiet. Dan għandu jkun fil-forma ta':

(a) taħriġ li jsir fil-klassi u/jew ibbażat fuq il-kompjuter; jew

▼B

(b) taħriġ TIP fil-post tax-xogħol, bil-kundizzjoni li librerija TIP li jkollha tal-anqas 6 000 immaġni, kif speċifikat hawn taħt, tintuża fuq it-tagħmir tar-raġġi X jew bit-tagħmir bl-EDS użat u l-persuna taħdem b'dan it-tagħmir matul tal-anqas terz mis-sigħat tax-xogħol tagħha.

▼M5

_____

▼B

Għat-taħriġ fil-klassi u/jew ibbażat fuq il-kompjuter, il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ u ttestjar tal-għarfien tal-immaġnijiet għal tal-anqas sitt (6) sigħat f'kull perjodu ta' sitt (6) xhur.

— librerija tal-immaġnijiet li jkun fiha tal-anqas 1 000 immaġni li tal-anqas 250 minnhom ikunu oġġett differenti ta' theddid, inklużi immaġnijiet tal-partijiet komponenti tal-oġġetti ta' theddid, fejn kull oġġett jinqabad f'varjetà differenti ta' orjentazzjonijiet, u rranġat sabiex ikun hemm għażla imprevedibbli tal-immaġnijiet mil-librerija matul it-taħriġ u l-ittestjar; jew

— l-aktar immaġnijiet tat-TIP li ta spiss jintilfu mil-librerija tat-TIP użati flimkien ma' immaġnijiet ta' oġġeti ta' theddid rilevanti maqbudin reċentament għat-tip ta' operazzjoni tal-iskrinjar u li jkopru t-tipi rilevanti kollha ta' oġġetti ta' theddid jekk użati biss darba għat-taħriġ ta' ċertu skrinjatur fuq perijodu ta' tliet snin.

Għat-taħriġ TIP fil-post tax-xogħol, il-librerija TIP għandha tkun tikkonsisti minn tal-anqas 6 000 immaġni li 1 500 minnhom ikunu ta' oġġetti differenti ta' theddid, inklużi immaġnijiet tal-partijiet komponenti tal-oġġetti ta' theddid, fejn l-oġġett ikun inqabad f'varjetà differenti ta' orjentazzjonijiet.

▼M19

It-taħriġ u l-ittestjar għandhom preferibbilment jitqassmu b'mod ugwali fuq kull perjodu ta' 6 xhur. Meta dan ma jkunx possibbli, it-taħriġ u l-ittestjar għandhom isiru fl-aħħar ta' kull perjodu ta' 6 xhur.

▼M5

11.4.2. L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwi li jwettqu l-iskrinjar għandu jsir fl-aħħar ta' kull perjodu ta' sitt (6) xhur. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni:

(a) għandhom jiġu pprovduti lill-persuna u jiġu rrekordjati;

(b) għandhom jintużaw biex jiġu identifikati d-dgħufijiet u biex jinfurmaw l-adattament tat-taħriġ u tal-ittestjar fil-ġejjieni sabiex jiġu indirizzati dawk id-dgħufijiet; u

(c) jistgħu jitqiesu bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-approvazzjoni mill-ġdid.

▼B

11.4.3. Il-persuni li jwettqu l-kompiti elenkati fil-punt 11.2 għajr dawk imsemmija fil-punti 11.4.1 u 11.4.2 għandhom jattendu taħriġ rikorrenti fi frekwenza suffiċjenti li tiżgura li l-kompetenzi jinżammu u jinkisbu skont l-iżviluppi tas-sigurtà.

It-taħriġ rikorrenti għandu jitwettaq:

(a) għal kompetenzi li jinkisbu matul it-taħriġ inizjali bażiku, speċifiku u ta' għarfien dwar is-sigurtà, tal-anqas darba kull ħames (5) snin jew, f'każijiet fejn il-kompetenzi ma ġewx eżerċitati għal aktar minn sitt (6) xhur, qabel wieħed jerġa' jibda jwettaq dmirijiet b'rabta mas-sigurtà; kif ukoll

(b) għal kompetenzi ġodda jew estiżi, kif meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-persuni li jimplimentaw, jew li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà jiġu mgħarrfa minnufih dwar theddid u rekwiżiti legali ġodda saż-żmien li fih dawn ikunu meħtieġa li jiġu applikati.

▼B

Ir-rekwiżiti taħt (a) ma għandhomx japplikaw għall-kompetenzi li nkisbu waqt taħriġ speċifiku li ma għadhomx meħtieġa għall-ħidmiet assenjati lill-persuna.

11.4.4. Ir-reġistri tat-taħriġ rikorrenti għandhom jinżammu għall-persuni kollha mħarrġa tal-anqas matul id-dewmien tal-kuntratt tagħhom.

11.5. IL-KWALIFIKI TA' DAWK LI JĦARRĠU

11.5.1. L-istrutturi għandhom mill-inqas jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

▼M5

(a) it-tlestija b'suċċess ta' verifika mtejba tal-preċedenti personali skont il-punt 11.1.3;

▼B

(b) kompetenza fit-teknika tat-tagħlim;

(c) għarfien dwar l-ambjent tax-xogħol fil-qasam rilevanti tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(d) kompetenza f'elementi tas-sigurtà li jridu jiġu mgħallma.

▼M16

Iċ-ċertifikazzjoni għandha tapplika mill-inqas għal strutturi awtorizzati li jagħtu t-taħriġ definit fil-punti 11.2.3.1 sa 11.2.3.5 u fil-punti 11.2.4 (sakemm ma tikkonċernax it-taħriġ ta' superviżuri li jissorveljaw esklussivament persuni msemmija fil-punti 11.2.3.6 sa 11.2.3.11) u 11.2.5.

▼M2

Instructors għandhom ikunu soġġetti għal ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-anqas kull 5 snin.

▼B

11.5.2. L-awtorità xierqa għandha tiżgura li l-istrutturi jirċievu taħriġ jew tagħrif regolari dwar l-iżviluppi fl-oqsma rilevanti.

11.5.3. L-awtorità xierqa għandha żżomm jew ikollha aċċess għal-listi tal-istrutturi li joperaw fl-Istat Membru.

11.5.4. Meta l-awtorità xierqa ma tibqax sodisfatta li t-taħriġ mogħti minn struttur qiegħed jirriżulta fil-kompetenzi rilevanti, jew l-istruttur jeħel fil-kontroll tal-preċedenti personali, l-awtorità xierqa għandha jew tirtira l-approvazzjoni tal-kors jew inkella tiżgura li l-istruttur jiġi sospiż jew jitneħħa mil-lista tal-istrutturi kkwalifikati, skont kif ikun xieraq. Meta tittieħed din l-azzjoni, l-awtorità xierqa għandha tispeċifika wkoll kif l-istruttur jista' japplika biex titneħħielu s-sospensjoni, jerġa' jiddaħħal fil-lista tal-istrutturi jew ikollu l-approvazzjoni tal-kors mill-ġdid.

11.5.5. Kwalunkwe kompetenza miksuba minn struttur sabiex jissodisfa r-rekwiżiti skont dan il-Kapitolu fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor.

11.6. IL-VALIDAZZJONI TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE

11.6.1. Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE hija proċess standardizzat, iddokumentat, imparzjali u oġġettiv li jintuża sabiex tinkiseb u tiġi evalwata l-evidenza bil-għan li jiġi stabbilit il-livell ta' konformità tal-entità vvalidata mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 300/2008 u fl-atti ta' implimentazzjoni tiegħu.

11.6.2. **Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE**

Il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE:

(a) Tista' tkun rekwiżit għall-kisba jew iż-żamma ta' status legali skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu;

▼B

(b) tista' titwettaq minn awtorità xierqa jew minn validatur approvat bħala validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jew validatur rikonoxxut bħala ekwivalenti għalih, f'konformità ma' dan il-Kapitolu;

(c) għandha tivvaluta l-miżuri ta' sigurtà applikati taħt ir-responsabbiltà tal-entità vvalidata jew partijiet minnhom li għalihom l-entità tkun qiegħda tfittex il-validazzjoni. Mill-inqas, hija għandha tikkonsisti minn

(1) evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti tas-sigurtà, inkluż il-programm tas-sigurtà tal-entità vvalidata jew l-ekwivalenti tiegħu; kif ukoll

(2) verifika tal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni, li għandha tinkludi verifika fuq il-post tal-operazzjonijiet rilevanti tal-entità vvalidata, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

(d) għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri kollha.

11.6.3. **Ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni għall-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE**

11.6.3.1. L-Istati Membri għandhom japprovaw il-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE fuq il-bażi tal-kapaċità tal-valutazzjoni tal-konformità, li għandha tinkludi

(a) l-indipendenza mill-industrija vvalidata, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. kif ukoll

(b) il-kompetenza xierqa tal-persunal fil-qasam tas-sigurtà li għandu jiġi vvalidat, kif ukoll il-metodi li jintużaw sabiex tali kompetenza tinżamm fil-livell imsemmi fil-punt 11.6.3.5; kif ukoll

(c) il-funzjonalità u l-adegwatezza tal-proċessi tal-validazzjoni.

11.6.3.2. Fejn ikun rilevanti, l-approvazzjoni għandha tikkunsidra ċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni fir-rigward tal-istandards armonizzati rilevanti, jiġifieri EN-ISO/IEC 17020 minflok tivvaluta mill-ġdid il-kapaċità tal-valutazzjoni tal-konformità.

11.6.3.3. Validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jista' jkun kwalunkwe individwu jew entità legali.

11.6.3.4. Il-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jista' jingħata s-setgħa li jakkredita l-kapaċità tal-valutazzjoni tal-konformità tal-entitajiet legali sabiex iwettqu l-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, jadottaw miżuri amministrattivi f'dak ir-rigward u jwettqu s-sorveljanza tal-attivitajiet ta' validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

11.6.3.5. Kull individwu li jwettaq validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jkollu kompetenza u sfond xierqa, u għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

▼M5

(a) ikunu ġew soġġetti għal verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża skont il-punt 11.1.3;

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

▼B

(b) iwettaq il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE b'mod imparzjali u oġġettiv, għandu jifhem it-tifsira tal-indipendenza u japplika metodi sabiex jevita sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-entità vvalidata;

(c) ikollu biżżejjed għarfien teoretiku u esperjenza prattika fil-qasam tal-kontroll tal-kwalità, kif ukoll ħiliet u attributi personali rispettivi sabiex jiġbor, jirreġistra u jivvaluta s-sejbiet abbażi ta' lista ta' kontroll, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(1) il-prinċipji, il-proċeduri u t-tekniki tal-monitoraġġ tal-konformità;

(2) il-fatturi li jaffettwaw il-prestazzjoni u s-superviżjoni umana;

(3) l-irwol u s-setgħat tal-validatur, inkluż fuq il-kunflitt ta' interess;

(d) jipprovdi evidenza ta' kompetenza xierqa abbażi tat-taħriġ u/jew esperjenza ta' xogħol minima fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:

(1) Il-prinċipji tas-sigurtà tal-avjazzjoni ġenerali tal-Unjoni u l-istandards ICAO tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(2) standards speċifiċi relatati mal-attività vvalidata u kif dawn jiġu applikati għall-operazzjonijiet;

(3) it-teknoloġiji tas-sigurtà u t-tekniki rilevanti għall-proċess tal-validazzjoni;

(e) jgħaddi minn taħriġ rikorrenti bi frekwenza suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li huwa jżomm il-kompetenzi eżistenti u jakkwista kompetenzi ġodda bil-għan li jieħu kont tal-iżviluppi li jseħħu fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

11.6.3.6. L-awtorità xierqa għandha jew tipprovdi t-taħriġ għall-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE hija stess jew inkella tapprova u żżomm lista ta' korsijiet xierqa ta' taħriġ b'rabta mas-sigurtà. ►M12 L-awtorità xierqa għandha tipprovdi lill-validaturi li tapprova bil-partijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni mhux pubblika u bil-programmi nazzjonali li jirreferu għall-operazzjonijiet u għaż-żoni li jridu jiġu vvalidati. ◄

11.6.3.7. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-approvazzjoni ta' validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għal attivitajiet ta' validazzjoni li jitwettqu biss fuq it-territorju ta' dak l-Istat Membru f'isem l-awtorità xierqa ta' dak l-Istat Membru. F'każijiet bħal dawn, ir-rekwiżiti tal-punt 11.6.4.2 mhumiex applikabbli.

▼M12

11.6.3.8. L-awtorità xierqa li taġixxi bħala validatur tista' twettaq biss validazzjonijiet fir-rigward ta' trasportaturi tal-ajru, ta' operaturi u ta' entitajiet li jitqiegħdu taħt ir-responsabbiltà tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità xierqa ta' Stat Membru ieħor, meta tkun intalbet jew inħatret b'mod espliċitu sabiex tagħmel dan minn dik l-awtorità.

▼M7

11.6.3.9. Mid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-TUE, japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE approvati minn dan l-Istat Membru biex iwettqu l-validazzjonijiet fir-rigward tal-linji tal-ajru, l-operaturi u l-entitajiet li jippruvaw jiksbu rispettivament id-dežinjazzjoni ACC3, RA3 u KC3:

▼M7

(a) ma jibqgħux ikunu rikonoxxuti fl-Unjoni;

(b) il-validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE mwettqa qabel id-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, inkluż ir-rapporti ta' validazzjoni tal-UE maħruġa qabel dik id-data jibqgħu validi għall-fini tad-dežinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru, tal-operaturi u tal-entitajiet li jkunu vvalidaw;

11.6.3.10. L-individwi u l-entitajiet indikati fil-punt preċedenti jistgħu jippruvaw jiksbu l-approvazzjoni bħala validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru. L-Istat Membru tal-approvazzjoni għandu:

(a) Jikseb id-dokumentazzjoni meħtieġa mingħand l-awtorità xierqa tar-Renju Unit, li abbażi tagħha l-entità individwali jew ġuridika kienet ġiet approvata bħala validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE;

(b) Jivverifika li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti tal-Unjoni f'dan il-Kapitolu. Jekk l-awtorità xierqa tkun sodisfatta, tista' tapprova lill-individwu jew lill-entità bħala validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għal perjodu li ma jaqbiżx l-approvazzjoni li kienet ingħatat mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit;

(c) Jinforma minnufih lill-Kummissjoni li tiżgura li l-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jiġi elenkat fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

▼M12

11.6.3.11. L-approvazzjoni ta' validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandha tkun valida għal perjodu massimu ta' ħames snin.

▼B

11.6.4. **Ir-rikonoxximent u s-sospensjoni tal-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE**

▼M12

11.6.4.1. Validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE:

(a) ma għandux jitqies bħala approvat qabel ma d-dettalji tiegħu jiddaħħlu fil-"bażi ta' data tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista";

(b) għandu jiġi pprovdut b'evidenza tal-istatus tiegħu minn jew f'isem l-awtorità xierqa;

▼M13

(c) ma jistax iwettaq validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jekk ikollu status ta' validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni skont skema ekwivalenti fis-seħħ f'pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, sakemm il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali ma jagħtux opportunitajiet reċiproċi lill-validaturi tas-sigurtà tal-UE fl-iskema tiegħu.

▼M12

Il-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE elenkati fil-"bażi ta' *data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista" f'isem l-awtorità xierqa, jistgħu jwettqu biss validazzjonijiet tal-linji tal-ajru, tal-operaturi jew tal-entitajiet taħt ir-responsabbiltà ta' dik l-awtorità xierqa.

▼B

11.6.4.2. Il-validaturi approvati tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha.

▼M2

11.6.4.3. Meta Stat Membru ma jibqax sodisfat li validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE jilħaq ir-rekwiżiti msemmija fil-punti 11.6.3.1 jew 11.6.3.5, dan għandu jirtira l-approvazzjoni u jneħħi lill-validatur mill-bażi tad-dejta tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, jew jinforma lill-awtorità xierqa li tkun approvatu filwaqt li jaqsam ir-raġuni vera tat-tħassib tiegħu.

▼B

11.6.4.4. L-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li joperaw programmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità jistgħu jiġu approvati bħala validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE bil-kundizzjoni li l-miżuri ekwivalenti ta' dawk il-programmi jiżguraw validazzjoni imparzjali u oġġettiva. Ir-rikonoxximent għandu jsir bil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet xierqa ta' mill-inqas żewġ Stati Membri.

11.6.4.5. Il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi l-attivitajiet ta' validazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet jew mill-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni taħt il-ġurisdizzjoni ta' u rikonoxxuti minn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali meta hija tkun tista' tikkonferma l-ekwivalenza tagħhom għall-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE. Lista tagħhom għandha tinżamm fid-Dokument Mehmuż 6-Fiii.

11.6.5. **Ir-rapport dwar il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE ("ir-rapport tal-validazzjoni")**

11.6.5.1. Ir-rapport tal-validazzjoni għandu jirreġistra l-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u jkun fih mill-inqas:

(a) Lista ta' kontroll mimlija u ffirmata mill-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE inklużi, meta jintalab, il-kummenti dwarha mill-entità vvalidata fid-dettall meħtieġ, kif ukoll

(b) dikjarazzjoni tal-impenji ffirmata mill-entità vvalidata; kif ukoll

(c) dikjarazzjoni tal-indipendenza fir-rigward tal-entità vvalidata ffirmata mill-individwu li jwettaq il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

11.6.5.2. Il-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE għandu jistabbilixxi l-livell ta' konformità mal-objettivi inklużi f'din il-lista ta' kontroll u jirreġistra dawn is-sejbiet fil-parti xierqa tal-lista ta' kontroll.

11.6.5.3. Dikjarazzjoni tal-impenji għandha tiddikjara l-impenn tal-entità vvalidata sabiex tkompli taħdem skont l-istandards tat-tħaddim ivvalidati b'suċċess.

11.6.5.4. L-entità vvalidata tista' tiddikjara l-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-livell ta' konformità stabbilit fir-rapport tal-validazzjoni. Dikjarazzjoni bħal din għandha ssir parti integrali mir-rapport tal-validazzjoni.

11.6.5.5. In-numerazzjoni tal-paġni, id-data tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE u l-inizjalar fuq kull paġna mill-validatur u mill-entità vvalidata għandhom ikunu l-prova tal-integrità tar-rapport tal-validazzjoni. ►**M5** L-inizjalar bl-idejn fuq kull paġna jista' jiġi sostitwit b'firma elettronika tad-dokument kollu. ◄

▼M12

11.6.5.6. B'mod awtomatiku, ir-rapport għandu jkun bl-Ingliż u għandu jiġi pprovdut lill-awtorità xierqa flimkien mal-entità vvalidata, fi żmien mhux aktar tard minn xahar wara l-verifika fuq il-post.

L-awtorità xierqa għandha tivvaluta r-rapport ta' validazzjoni fi żmien mhux aktar minn sitt ġimgħat wara li tirċivih.

▼M12

Fejn ir-rapport jikkonċerna linja tal-ajru, operatur jew entità li tkun qed issirilha validazzjoni għall-finijiet ta' nominazzjoni eżistenti li tiskadi wara l-perjodi msemmijin fil-paragrafi ta' hawn fuq, l-awtorità xierqa tista' tistabbilixxi perjodu itwal sabiex titlesta l-valutazzjoni.

F'każ bħal dan, u sakemm ma jkunux meħtieġa aktar tagħrif u evidenza dokumentarja addizzjonali sabiex il-valutazzjoni tiġi konkluża b'suċċess, l-awtorità xierqa għandha tiżgura li l-proċess jitlesta qabel ma tiskadi l-validità tal-istatus.

Fi żmien tliet xhur mid-data tar-riċevuta tar-rapport, il-validatur għandu jiġi pprovdut b'feedback bil-miktub dwar il-kwalità tar-rapport, u fejn applikabbli, bi kwalunkwe rakkomandazzjoni u rimarka li l-awtorità xierqa tista' tqis li jkunu meħtieġa. Fejn applikabbli, kopja ta' dan il-feedback għandha tiġi trażmessa lill-awtorità xierqa li tkun approvat lill-validatur.

Għall-finijiet tan-nominazzjoni ta' linji tal-ajru, ta' operaturi jew ta' entitajiet oħra kif previst f'dan ir-Regolament, awtorità xierqa tista' titlob u għandha tikseb, fi żmien ħmistax-il jum, mill-awtorità xierqa li tkun abbozzat rapport ta' validazzjoni bil-lingwa nazzjonali tagħha jew li tkun talbet lill-validatur li jwettaq il-validazzjoni sabiex jagħmel dan, kopja tar-rapport sħiħ ta' validazzjoni bil-lingwa Ingliża.

▼B

11.7. RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAT-TAĦRIĠ

11.7.1. Kwalunkwe kompetenza miksuba minn persuna sabiex tissodisfa r-rekwiżiti skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor.

▼M2

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 11-A

DIKJARAZZJONI TAL-INDIPENDENZA — VALIDATUR TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI TAL-UE

(a) Jien nikkonferma li stabbilixxejt il-livell tal-konformità tal-entità vvalidata b'mod imparzjali u oġġettiv.

(b) Jien nikkonferma li minix impjegat, u fis-sentejn li għaddew ma kontx impjegat mill-entità vvalidata.

(c) Jien nikkonferma li ma għandi ebda interess ekonomiku jew xi interess dirett jew indirett ieħor fl-eżitu tal-attività tal-validazzjoni, fl-entità vvalidata jew fil-membri affiljati magħha.

(d) Jien nikkonferma li la għandi, u fit-12-il xahar li għaddew la kelli xi relazzjoni kummerċjali, bħal taħriġ u konsulenza lil hinn mill-proċess tal-validazzjoni, mal-entità vvalidata f'oqsma relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni.

(e) Jien nikkonferma li r-rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE huwa bbażat fuq evalwazzjoni bir-reqqa tal-ġbir tal-fatti tad-dokumentazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà, li jikkonsisti minn:

— il-programm tas-sigurtà tal-entitajiet ivvalidati, jew l-ekwivalenti, u

— ta' verifika fuq il-post tal-implimentazzjoni tiegħu.

(f) Jien nikkonferma li r-rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE huwa bbażat fuq valutazzjoni tal-oqsma kollha li huma rilevanti għas-sigurtà u li dwarhom il-validatur huwa mitlub li jagħti opinjoni bbażata fuq il-lista ta' kontroll rilevanti tal-UE.

(g) Jien nikkonferma li applikajt metodoloġija li tippermetti li jsiru rapporti separati dwar il-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE fir-rigward ta' kull entità vvalidata, kif ukoll li tiżgura l-oġġettività u l-imparzjalità tal-ġbir tal-fatti u l-evalwazzjoni, fejn bosta entitajiet qegħdin jiġu vvalidati f'azzjoni konġunta.

▼M2

(h) Jien nikkonferma li ma aċċettajt ebda benefiċċju finanzjarju jew xi benefiċċji oħrajn, ħlief għal dritt ta' ħlas raġonevoli għall-validazzjoni, flimkien ma' kumpens għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni.

Jien naċċetta r-responsabbiltà sħiħa għar-rapport tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

L-isem tal-entità vvalidata:

L-isem tal-validatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE:

Id-data:

Il-firma:

▼B

12. IT-TAGĦMIR TAS-SIGURTÀ

▼M10

12.0. DISPOŻIZZJONI ĠENERALI U APPROVAZZJONI TAT-TAGĦMIR TAS-SIGURTÀ

12.0.1. **Dispożizzjoni ġenerali**

12.0.1.1. L-awtorità, l-operatur jew l-entità li jużaw tagħmir għall-implimentazzjoni ta' miżuri li jkunu responsabbli għalihom skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandhom jiżguraw li t-tagħmir jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

L-informazzjoni li tinsab f'dan il-Kapitolu u li hi klassifikata f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([1]) għandha ssir disponibbli għall-manifatturi mill-awtorità xierqa, fuq bażi ta' ħtieġa ta' għarfien.

▼M19

12.0.1.2. Għandu jkun hemm kemm test tal-aċċettazzjoni tas-sit ta' kull biċċa tagħmir tas-sigurtà li tkun qed tiġi installata kif ukoll ittestjar ta' rutina sussegwenti tagħha. L-ittestjar regolari għandu jitwettaq irrispettivament mill-manutenzjoni regolari u bi frekwenza li tiżgura l-identifikazzjoni f'waqtha b'mod raġonevoli ta' kwalunkwe ħsara jew tnaqqis fil-prestazzjoni jew fil-kapaċità ta' individwazzjoni tal-parti tat-tagħmir.

▼M10

12.0.1.3. Il-manifatturi tat-tagħmir għandhom jipprovdu kunċett tal-operazzjonijiet u t-tagħmir għandu jiġi evalwat u għandu jintuża skont dak il-kunċett.

12.0.1.4. Fejn diversi tipi ta' tagħmir tas-sigurtà jintużaw flimkien, kull wieħed minnhom għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet definiti u jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu, kemm meta jintużaw b'mod separat u kemm meta jintużaw flimkien bħala sistema.

12.0.1.5. It-tagħmir għandu jiġi ppożizzjonat, installat u miżmum f'konformità mar-rekwiżiti tal-manifatturi tat-tagħmir.

12.0.2. **Approvazzjoni ta' tagħmir tas-sigurtà**

▼M16

12.0.2.1. Soġġett għall-punt 12.0.5, it-tagħmir ta' sigurtà u s-softwer li ġejjin jistgħu jiġu installati biss wara l-1 ta' Ottubru 2020 jekk ikunu mmarkati b'"Timbru tal-UE" jew immarkati b' "Timbru tal-UE pendenti" kif imsemmi fil-punt 12.0.2.5:

(a) tagħmir bokka għall-individwazzjoni tal-metall (WTMD);

(b) tagħmir b'sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS);

(c) tagħmir għall-individwazzjoni tat-traċċi ta' splussivi (ETD);

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

▼M16

(d) tagħmir ta’ sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi likwidi (LEDS);

(e) tagħmir għall-individwazzjoni tal-metall (MDE);

(f) skeners tas-sigurtà;

(g) tagħmir għall-iskennjar taż-żraben;

(h) tagħmir għall-individwazzjoni tal-fwar splussiv (EVD);

(i) softwer awtomatizzat għall-individwazzjoni ta’ oġġetti pprojbiti (APID).

▼M10

12.0.2.2. Il-Kummissjoni għandha tapprova t-tagħmir tas-sigurtà elenkat fi 12.0.2.1 u għandha tagħti l-marka ta’ “Timbru tal-UE”.

▼M12

12.0.2.3. L-immarkar tat-“Timbru tal-UE” għandu jingħata lit-tagħmir tas-sigurtà ttestjat minn ċentri tat-testijiet li jimplimentaw miżuri ta’ kontroll tal-kwalità f’konformità mal-Proċess ta’ Evalwazzjoni Komuni tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità xierqa.

▼M10

12.0.2.4. Il-Kummissjoni tista’ tagħti marka ta’ “Timbru tal-UE” lil tagħmir tas-sigurtà biss wara li tkun irċeviet ir-rapporti tat-testijiet għat-tagħmir inkwistjoni jew ir-rapporti tal-Livell 2 mill-Proċess ta’ Evalwazzjoni Komuni tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili.

Il-Kummissjoni tista’ titlob informazzjoni addizzjonali b’rabta mar-rapporti tat-testijiet.

12.0.2.5. Il-Kummissjoni tista’ tagħti marka ta’ “Timbru tal-UE” lil tagħmir tas-sigurtà li jkun ġie kkonfermat mill-Proċess ta’ Evalwazzjoni Komuni tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili. Tali tagħmir għandu jkun eliġibbli awtomatikament għall-marka ta’ “Timbru tal-UE”, u għandu jingħata status ta’ marka ta’ “Timbru tal-UE pendenti” sakemm tinħareġ l-approvazzjoni finali.

Tagħmir tas-sigurtà bi status ta’ marka ta’ “Timbru tal-UE pendenti” għandu jkun permess għall-installazzjoni u l-użu.

12.0.3. **Marka ta’ “Timbru tal-UE” u l-bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista – tagħmir tas-sigurtà**

12.0.3.1. Tagħmir tas-sigurtà elenkat fil-punt 12.0.2.1 li għalih tkun ingħatat marka ta’ “Timbru tal-UE” għandu jiddaħħal fil-“Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista — tagħmir tas-sigurtà”.

▼M15

12.0.3.2. Il-marka ta’ “Timbru tal-UE” għandha titwaħħal mill-manifatturi fuq tagħmir tas-sigurtà approvat mill-Kummissjoni, u għandha tkun viżibbli fuq naħa waħda jew fuq l-iskrin.

▼M10

12.0.3.3. It-tagħmir bil-marka ta’ “Timbru tal-UE” għandu jiġi installat b’verżjonijiet ta’ hardware u software li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tiegħu fil-“Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista — tagħmir tas-sigurtà”.

12.0.3.4. Mingħajr preġudizzju għall-punti 12.0.4 u 12.0.5, it-tagħmir tas-sigurtà b’marka ta’ “Timbru tal-UE” għandu jibbenefika mir-rikonoxximent reċiproku u għandu jiġi rikonoxxut għad-disponibbiltà, id-distribuzzjoni u l-użu fl-Istati Membri kollha.

12.0.3.5. Il-Kummissjoni żżomm aġġornata l-“Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista — tagħmir tas-sigurtà”.

12.0.3.6. Kull entrata fil-“Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista — tagħmir tas-sigurtà” għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) identifikatur alfanumeriku uniku;

(b) isem il-manifattur;

(c) l-isem tad-dežinjazzjoni;

(d) il-konfigurazzjoni dettaljata, b’mill-inqas:

(i) il-verżjoni tal-hardware;

▼M10

(ii) l-algoritmu ta' individwazzjoni;

(iii) jekk ikun hemm bżonn, il-verżjoni tas-software tas-sistema;

(iv) jekk ikun hemm bżonn, il-verżjoni tal-hardware awżiljarju; kif ukoll

(v) jekk ikun hemm bżonn, il-verżjoni tal-kunċett tal-operazzjonijiet;

(e) l-istandard miksub;

(f) l-istatus tat-tagħmir, b'dikjarazzjoni ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) "Timbru tal-UE";

(ii) "Timbru tal-UE pendenti";

(iii) "Timbru tal-UE sospiż";

(iv) "Timbru tal-UE rtirat";

(v) "Timbru tal-UE skadut";

(g) id-data tal-ħruġ tal-istatus tat-tagħmir.

12.0.4. **Sospensjoni u rtirar tal-marka ta' "Timbru tal-UE"**

12.0.4.1. Fuq talba mill-Istati Membri jew b'inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-marka ta' "Timbru tal-UE" u l-istatus ta' marka "Timbru tal-UE pendenti" ta' tagħmir tas-sigurtà mingħajr avviż minn qabel meta tirċievi informazzjoni li tindika li t-tagħmir ma jissodisfax l-istandard li għalih ikun ġie approvat. B'hekk, il-Kummissjoni taġġorna l-istatus fil-"Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista – tagħmir tas-sigurtà" kif xieraq.

▼M18

12.0.4.2. Tagħmir tas-sigurtà li l-marka "Timbru tal-UE" tiegħu jew l-istatus tal-marka "Timbru tal-UE pendenti" tiegħu jkunu ġew sospiżi jista' jitħaddem soġġett għall-implimentazzjoni ta' miżuri kumpensatorji addizzjonali, kif xieraq. Meta tissospendi l-marka "Timbru tal-UE" jew l-istatus tal-marka "Timbru tal-UE pendenti", il-Kummissjoni tista' tindika jekk biċċiet ġodda tat-tagħmir li fir-rigward tagħhom ikun ġie sospiż l-istatus tal-marka jistgħux jintużaw u jitħaddmu biż-żieda tal-istess miżuri kumpensatorji.

▼M10

12.0.4.3. Fuq talba mill-Istati Membri jew b'inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' tirtira l-marka ta' "Timbru tal-UE" jew l-istatus ta' marka "Timbru tal-UE pendenti" ta' tagħmir tas-sigurtà meta ma tkunx għadha sodisfatta li t-tagħmir tas-sigurtà jissodisfa l-istandard li għalih ikun ġie approvat.

12.0.4.4. It-tagħmir tas-sigurtà li l-marka ta' "Timbru tal-UE" jew l-istatus ta' marka "Timbru tal-UE pendenti" tiegħu jkunu ġew irtirati jew ikun skada, ma jistax jibqa' jitħaddem mid-data tal-ħruġ tal-istatus kif irreġistrata fil-"Bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista – tagħmir tas-sigurtà".

12.0.4.5. Il-Kummissjoni tista' terġa' tistabbilixxi l-marka ta' "Timbru tal-UE" jew l-istatus ta' marka "Timbru tal-UE pendenti" meta tirċievi informazzjoni li t-tagħmir reġa' qed jissodisfa l-istandard li għalih ikun ġie approvat.

12.0.5. **Miżuri aktar stretti dwar it-tagħmir tas-sigurtà u l-approvazzjoni nazzjonali**

12.0.5.1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku billi japplikaw miżuri aktar stretti b'rabta mat-tagħmir tas-sigurtà. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri, bl-approvazzjonijiet tagħhom tat-tagħmir tas-sigurtà u bil-passi meħuda biex jiġi żgurat li t-tagħmir tas-sigurtà li japprovaw jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M10

12.0.5.2. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku billi japplikaw il-mekkaniżmu ta' approvazzjoni nazzjonali tagħhom stess b'rabta mat-tagħmir tas-sigurtà. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan il-mekkaniżmu, bl-approvazzjonijiet tagħhom tat-tagħmir u bil-passi addizzjonali meħuda biex jiġi żgurat li t-tagħmir tas-sigurtà jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M12

12.0.5.3. It-tagħmir tas-sigurtà approvat fil-livell nazzjonali fuq il-bażi tal-punt 12.0.5.1 jew 12.0.5.2 ma għandux ikun immarkat b'mod awtomatiku b'"Timbru tal-UE"

▼M20

12.0.5.4. Il-Kummissjoni tista' tagħti l-istatus tal-marka "Timbru tal-UE" lit-tagħmir tas-sigurtà msemmi fil-punt 12.0.5.3. bil-kundizzjoni li tkun irċeviet u vvalidat l-evidenza ppreżentata mill-Istat Membru li tali tagħmir tas-sigurtà jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼B

12.1. IT-TAGĦMIR BOKKA GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-METALL (WTMD)

12.1.1. **Il-prinċipji ġenerali**

12.1.1.1. It-tagħmir bokka għall-individwazzjoni tal-metall (WTMD) għandu jkollu l-ħila jindividwa u jindika permezz ta' allarm tal-anqas oġġetti metalliċi speċifikati, kemm individwalment kif ukoll meta jinsabu flimkien ma' affarijiet oħra.

12.1.1.2. L-individwazzjoni permezz tad-WTMD ma għandhiex tiddependi mill-pożizzjoni jew l-orjentazzjoni tal-oġġett metalliku.

12.1.1.3. Id-WTMD għandu jkun imwaħħal sew ma' bażi solida.

12.1.1.4. Id-WTMD għandu jkollu indikatur viżiv li jindika li t-tagħmir qiegħed jaħdem.

12.1.1.5. Il-mezzi għall-aġġustament tas-settings tal-individwazzjoni tad-WTMD għandhom ikunu protetti u aċċessibbli biss għall-persuni awtorizzati.

12.1.1.6. Id-WTMD għandu jagħti kemm allarm viżiv kif ukoll allarm li jinstema' meta jindividwa oġġetti metalliċi kif imsemmi fil-punt 12.1.1.1. Iż-żewġ tipi ta' allarmi għandhom ikunu jidhru/jinstemgħu fuq medda ta' 2 metri.

12.1.1.7. L-allarm viżiv għandu jagħti indikazzjoni tas-saħħa tas-sinjal individwat mid-WTMD.

▼M5

_____

▼B

12.1.2. **L-Istandards għad-WTMD**

▼M15

12.1.2.1. Għandu jkun hemm erba' standards għad-WTMD. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawk l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

12.1.2.2. Id-WTMD kollha użati esklussivament għall-iskrinjar tal-persuni li ma jkunux passiġġieri għandhom jissodisfaw l-istandard 1.

12.1.2.3. Id-WTMD użati għall-iskrinjar tal-passiġġieri għandhom jissodisfaw l-istandard 2.

▼M15

12.1.2.4. Id-WTMD kollha installati mill-1 ta' Lulju 2023 għandhom jissodisfaw l-istandard 1.1 jew l-istandard 2.1.

▼B

12.1.3. **Ir-rekwiżiti addizzjonali għad-WTMD**

Id-WTMD kollha li għalihom isir kuntratt għall-installazzjoni mill-5 ta' Jannar 2007 għandhom ikunu jistgħu:

▼B

(a) jiġġeneraw sinjal li jinstema' u/jew viżiv fuq perċentwal ta' persuni li ma jiskattawx l-allarm meta jgħaddu mid-WTMD kif imsemmi fil-punt 12.1.1.1. Għandu jkun possibbli li jkun iffissat perċentwal; kif ukoll

(b) jgħoddu n-numru ta' persuni skrinjati, minbarra kwalunkwe persuna li tgħaddi mid-WTMD mid-direzzjoni opposta; kif ukoll

(c) jgħoddu n-numru ta' allarmi; kif ukoll

(d) jikkalkulaw l-għadd ta' allarmi bħala perċentwal tal-għadd ta' persuni li jiġu skrinjati.

12.1.4. **Ir-rekwiżiti addizzjonali għad-WTMD użati flimkien mat-tagħmir għall-individwazzjoni tal-metall taż-żraben (SMD)**

12.1.4.1. It-tagħmir kollu tad-WTMD użat flimkien mat-tagħmir għall-individwazzjoni tal-metall taż-żraben (SMD), għandu jkollu l-ħila jindividwa u jindika permezz ta' allarm tal-anqas oġġetti metalliċi speċifikati, kemm individwalment kif ukoll meta jinsabu flimkien ma' affarijiet oħra, u dan għandu jikkorrispondi għall-għoli li fih dan l-oġġett (jew oġġetti) jinsab fuq il-persuna li jgħaddi minnha. Dan għandu jkun irrespettivament mit-tip u n-numru ta' oġġetti u l-orjentazzjoni tagħhom.

12.1.4.2. It-tagħmir kollu tad-WTMD użat flimkien mat-tagħmir tal-SMD għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika l-allarmi kollha ġġenerati permezz ta' oġġetti metalliċi fuq persuna f'żewġ żoni ta' mill-anqas. L-ewwel żona għandha tikkorrispondi għal partijiet tar-riġel t'isfel ta' persuna u għandha tkun bejn l-art u l-livell massimu ta' 35 cm 'l fuq mill-art. Iż-żoni l-oħra kollha għandhom ikunu fuq l-ewwel żona.

12.2. IT-TAGĦMIR LI JINŻAMM FL-IDEJN GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-METALL (HHMD)

12.2.1. It-tagħmir li jinżamm fl-idejn għall-individwazzjoni tal-metall (HHMD) għandu jkollu l-ħila jindividwa oġġetti metalliċi tal-ħadid kif ukoll dawk li ma jkunux tal-ħadid. L-individwazzjoni u l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-metall individwat għandha tiġi indikata permezz ta' allarm.

12.2.2. Il-mezzi għall-aġġustament tas-settings tas-sensitività tal-HHMD għandhom ikunu protetti u aċċessibbli biss għall-persuni awtorizzati.

12.2.3. L-HHMD għandu jiskatta allarm li jinstema' meta jindividwa oġġetti metalliċi. L-allarm għandu jkun jinstema' fuq medda ta' metru (1).

▼M15

_____

▼B

12.2.5. L-HHMD għandu jkollu indikatur viżiv li jindika li t-tagħmir qiegħed jaħdem.

12.3. IT-TAGĦMIR TAR-RAĠĠI X

It-tagħmir tar-raġġi X għandu jkun konformi mar-rekwiżiti dettaljati stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M13

12.3.1. It-tagħmir kollu installat sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, li għandu jintuża fl-Unjoni għall-iskrinjar tal-merkanzija u tal-posta, kif ukoll tal-posta u tal-materjali tat-trasportaturi tal-ajru soġġetti għall-kontrolli tas-sigurtà f'konformità mal-Kapitolu 6, għandu jkun b'viżjoni multipla (multi-view).

L-awtorità xierqa, għal raġunijiet oġġettivi, tista' tippermetti l-użu ta' tagħmir bir-raġġi X b'viżjoni unika (single-view) installat qabel l-1 ta' Jannar 2023 sad-dati li ġejjin:

(a) tagħmir tar-raġġi X b'viżjoni unika installat qabel l-1 ta' Jannar 2016, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025;

▼M13

(b) tagħmir tar-raġġi X b'viżjoni unika installat mill-1 ta' Jannar 2016, għal perjodu massimu ta' għaxar snin mid-data tal-installazzjoni tiegħu jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

L-awtorità xierqa għandha tinforma lill-Kummissjoni meta tapplika d-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu.

▼B

12.4. IT-TAGĦMIR B'SISTEMI GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-ISPLUSSIVI (EDS)

12.4.1. **Il-prinċipji ġenerali**

▼M16

12.4.1.1. It-tagħmir b'sistemi għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDS) għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika permezz ta' allarm kwantitajiet individwali speċifikati u kwantitajiet ogħla minnhom ta' materjal splussiv jew kimiku li jkun jinsab fil-bagalji jew f'kunsinni oħra.

12.4.1.2. L-individwazzjoni għandha tkun indipendenti mill-għamla, mill-pożizzjoni jew mill-orjentazzjoni tal-materjal splussiv jew kimiku.

▼B

12.4.1.3. L-EDS għandha tiskatta allarm f'kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

▼M16

— meta tindividwa materjal splussiv jew kimiku; u

— meta tindividwa l-preżenza ta' oġġett li jipprevjeni l-individwazzjoni ta' materjali splussivi jew kimiċi; u

▼B

— meta l-kontenut ta' bagalja jew ta' kunsinna jkun ta' densità hekk għolja li ma jkunx jista' jiġi analizzat.

▼M12

12.4.2. **Standards għall-EDS**

▼M20

12.4.2.1. It-tagħmir kollu bl-EDS għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) it-tagħmir installat qabel l-1 ta' Settembru 2022 irid tal-inqas jissodisfa l-istandard 3;

(b) it-tagħmir installat mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2027 irid tal-inqas jissodisfa l-istandard 3.1;

(c) it-tagħmir installat mill-1 ta' Settembru 2027 irid tal-inqas jissodisfa l-istandard 3.2.

_____

▼M19

_____

▼M12

12.4.2.6. Kull tagħmir bl-EDS maħsub biex jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina għandu jissodisfa tal-inqas l-istandard C1.

12.4.2.7. Kull tagħmir bl-EDS maħsub biex jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina li jkun fihom il-kompjuters li jinġarru u oġġetti kbar oħra li jaħdmu bl-elettriku għandu jissodisfa tal-inqas l-istandard C2.

▼M18

12.4.2.8. Kull tagħmir tal-EDS maħsub biex jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina li jkun fihom kompjuters portabbli u oġġetti elettriċi kbar oħra u LAGs għandu jissodisfa mill-inqas l-istandard C3.

12.4.2.9. It-tagħmir tal-EDS kollu li jissodisfa l-istandard C3 għandu jitqies bħala ekwivalenti għat-tagħmir tal-LEDS li jissodisfa l-istandard 2 għall-iskrinjar tal-LAGs.

▼M18

12.4.2.10. It-tagħmir tal-istandard C3 maħsub għall-iskrinjar tal-bagalji tal-kabina li jkun ingħata l-marka “Timbru tal-UE” jew il-marka “Timbru tal-UE pendenti” qabel l-1 ta’ Awwissu 2024 jista’ jintuża biss għall-iskrinjar tal-LAGs b’limitu tal-iskrinjar tal-volum massimu ta’ kontenituri individwali tal-LAGs li ma jaqbiżx il-100 ml.

▼B

12.4.3. **Ir-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-immaġni għall-EDS**

Il-kwalità tal-immaġni għall-EDS għandha tkun konformi mar-rekwiżiti dettaljati stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.5. PROJEZZJONI TA' IMMAĠNI TA' THEDDIDA (TIP)

12.5.1. **Il-prinċipji ġenerali**

12.5.1.1. Il-projezzjoni ta' immaġni ta' theddida (TIP) għandha tkun tista' tipprojetta immaġnijiet ta' theddid ikkumbinati (CTI) jew immaġni ta' theddida fittizji (FTI).

CTI huma immaġijiet tar-raġġi X tal-bagalji jew ta' kunsinni oħra li fihom oġġett ta' theddid.

FTI huma immaġijiet tar-raġġi X ta' oġġetti ta' theddid li huma pproġettati f'immaġijiet tar-raġġi X tal-bagalji jew ta' kunsinni oħra li jkunu qed jiġu skrinjati.

Dawn l-oġetti ta' theddida għandhom jidhru fl-immaġni tar-raġġi X tal-bagalji u l-kunsinni li jkunu qegħdin jiġu skrinjati b'distribuzzjoni uniformi u mhux f'pożizzjoni fissa.

Għandu jkun possibbli li jiġi ffissat perċentwal tas-CTI u l-FTI li jridu jiġu pprojettati.

Meta jintużaw is-CTI:

(a) il-kunċett ta' operazzjoni għandu jiżgura li l-iskrinjatur ma jistax jara boroż jew kunsinni oħra li huma introdotti fit-tagħmir tar-raġġi X jew l-EDS u ma jistgħux jiddeterminaw li CTI hija jew tista' tiġi pprojettata lilu/lilha; kif ukoll

(b) is-sistema tat-TIP u d-daqs tal-librerija għandhom jiġu żgurati b'mod raġonevoli li l-iskrinjatur ma jiġix espost għall-istess CTI mill-ġdid fi żmien 12 xhur.

▼M15

———————

▼B

12.5.1.2. It-TIP ma għandux inaqqas il-prestazzjoni u t-tħaddim normali tal-apparat tar-raġġi X jew l-EDS.

Ma għandha tingħata l-ebda indikazzjoni lill-iskrinjatur CTI jew FTI tkun appik li tiġi pprojettata jew ġiet ipprojettata sakemm ma jidhirx messaġġ skont il-punt 12.5.2.2.

12.5.1.3. Il-mezzi ta' ġestjoni tat-TIP għandhom ikunu protetti u aċċessibbli biss għall-persuni awtorizzati.

12.5.1.4. Għandu jkun hemm amministratur tat-TIP responsabbli għall-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tas-sistema TIP.

12.5.1.5. L-awtorità xierqa għandha tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni korretta tas-sistemi TIP u tiżgura li s-sistemi jkunu kkonfigurati b'mod korrett, inkluż il-projezzjoni realistika u rilevanti ta' CTI u FTI fejn jintużaw, li huma konformi mar-rekwiżiti u li għandhom libreriji tal-immaġnijiet aġġornati.

▼B

12.5.2. **Il-kompożizzjoni tat-TIP**

12.5.2.1. It-TIP għandha tkun magħmula tal-anqas minn:

(a) librerija ta' CTI jew FTI; kif ukoll

(b) mezz li jippreżenta l-messaġġi jew li jippermetti li l-messaġġi jitħassru; kif ukoll

(c) mezz li jirreġistra u jippreżenta r-reazzjonijiet ta' kull wieħed mill-iskrinjaturi.

12.5.2.2. It-TIP għandu jippreżenta messaġġ lill-iskrinjatur f'kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) meta l-iskrinjatur ikun irreaġixxa u tkun ġiet ipprojettata CTI jew FTI;

(b) meta l-iskrinjatur ma jkunx irreaġixxa u tkun ġiet ipprojettata CTI jew FTI;

(c) meta l-iskrinjatur jkun irreaġixxa u ma tkun ġiet ipprojettata l-ebda CTI jew FTI;

(d) meta jfalli tentattiv ta projezzjoni ta' CTI jew FTI u dan ikun viżibbli għall-iskrinjatur.

Il-messaġġ għandu jkun ippreżentat b'tali mod li ma jaħbix l-immaġini tal-bagalja jew tal-kunsinna li jkun qed jirreferi għaliha.

Il-messaġġ għandu jibqa' sakemm ikun tneħħa mill-iskrinjatur. Fil-każ tal-punti (a) u (b) il-messaġġ għandu jiġi ppreżentat flimkien mas-CTI jew l-FTI.

12.5.2.3. L-aċċess għat-tagħmir bit-TIP installat u użat għandu jkun jeħtieġ lill-iskrinjatur juża identifikatur uniku.

12.5.2.4. It-TIP għandu jkollu l-ħila jżomm ir-riżultati tar-reazzjonijet ta' kull wieħed mill-iskrinjaturi għal tal-anqas 12-il xahar u f'format li jippermetti r-rappurtar.

12.5.2.5. Il-kompożizzjoni tat-TIP għandha tkun ukoll soġġetta għad-dispożizzjonijiet addizzjonali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.6. IT-TAGĦMIR GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAT-TRAĊĊI TA' SPLUSSIVI (ETD)

12.6.1. ►**M16** It-tagħmir għall-ETD għandu jkun kapaċi jiġbor u janalizza livelli ta' traċċi ta' partikoli minn fuq uċuħ ikkontaminati, jew il-kontenut ta' bagalji jew kunsinni, u permezz ta' allarm, jindika l-preżenza ta' splussivi jew ta' sustanzi kimiċi. ◄ Għall-finijiet tal-iskrinjar, għandhom jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-oġġetti tal-konsum ma għandhomx jintużaw aktar milli rakkomandat mill-manifattur tal-oġġetti tal-konsum jew meta l-prestazzjoni tagħhom tkun tidher li ddeterjorat bl-użu;

(b) It-tagħmir għall-ETD għandu jintuża biss f'ambjent li fih it-tagħmir ġie approvat għall-użu.

▼M16

Għandu jkun hemm standards għall-ETD stabbiliti għat-teħid tal-kampjuni mill-partikoli. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

12.6.2. L-istandard għat-tagħmir għall-ETD għall-individwazzjoni ta' splussivi, li juża t-teħid tal-kampjuni mill-partikoli għandu japplika għat-tagħmir għall-ETD li ilu jintuża mill-1 ta' Settembru 2014.

▼M17

L-istandard għat-tagħmir ETD għall-individwazzjoni tas-sustanzi kimiċi, li juża l-kampjunar tal-partikoli, għandu japplika mill-►**M20** 31 ta' Diċembru 2026 ◄ għat-tagħmir ETD skjerat mill-1 ta' Settembru 2014.

▼M15

_____

▼B

12.7. IT-TAGĦMIR GĦALL-ISKRINJAR TAL-LIKWIDI, L-AEROSOLS U L-ĠELLIJIET (LAGS)

12.7.1. **Il-prinċipji ġenerali**

12.7.1.1. Tagħmir ta' LEDS għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika, permezz ta' allarm, kwantitajiet individwali speċifiċi jew ogħla ta' materjali ta' theddida fl-LAGs.

▼M2

12.7.1.2. It-tagħmir għandu jintuża b'tali manjiera li jiżgura li l-kontenitur jitqiegħed f'pożizzjoni u jiġi orjentat biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet ta' individwazzjoni jintużaw b'mod sħiħ.

12.7.1.3. It-tagħmir għandu jiskatta l-allarm f'kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) meta jindividwa materjal ta' theddid;

(b) meta jindividwa l-preżenza ta' oġġett li jipprevjeni l-individwazzjoni ta' materjal ta' theddid;

(c) meta ma jkunx jista' jivvaluta jekk l-LAG huwiex beninn jew le;

(d) meta l-kontenut tal-bagalja li tkun qiegħda tiġi skrinjata jkun ta' densità tant għolja li ma jkunx jista' jiġi analizzat.

_____

▼B

12.7.2. **L-Istandards għal tagħmir ta' Sistemi għall-Individwazzjoni tal-Isplussivi Likwidi (LEDS)**

12.7.2.1. Għandu jkun hemm tliet standards għat-tagħmir ta' LEDS. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M2

12.7.2.2. It-tagħmir kollu tal-LEDS għandu jissodisfa l-istandard 2.

_____

▼M15

_____

▼B

12.8. METODI TA' SKRINJAR LI JUŻAW TEKNOLOĠIJI ĠODDA

12.8.1. Stat Membru jista' jippermetti metodu ta' skrinjar li juża teknoloġiji ġodda għajr dawk stipulati f'dan ir-Regolament, sakemm:

(a) jintuża għall-fini ta' evalwazzjoni ta' metodu ġdid ta' skrinjar; kif ukoll

(b) mhuwiex se jaffettwa ħażin il-livell globali ta' sigurtà li jintlaħaq; kif ukoll

(c) għandu jingħata tagħrif xieraq lil dawk affettwati, inkluż il-passiġġieri, dwar il-fatt li qiegħda titwettaq prova.

12.8.2. Qabel l-introduzzjoni ppjanata tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miktub dwar il-metodu ta' skrinjar propost li jkun biħsiebu jippermetti, filwaqt li jinkludi valutazzjoni ta' kif se jiggarantixxi li l-applikazzjoni tal-metodu l-ġdid se tissodisfa r-rekwiżit tal-punt 12.8.1(b). In-notifika għandu jkun fiha wkoll tagħrif dettaljat dwar il-post(ijiet) fejn huwa ppjanat li se jintuża l-metodu tal-iskrinjar u t-tul previst tal-perjodu ta' evalwazzjoni.

12.8.3. Jekk il-Kummissjoni lill-Istat Membru tagħtih risposta pożittiva, jew jekk ma tasal l-ebda risposta fi żmien tliet xhur mill-wasla tat-talba bil-miktub, l-Istat Membru jkun jista' jippermetti li jiddaħħal il-metodu tal-iskrinjar li juża teknoloġiji ġodda.

▼B

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta li l-metodu tal-iskrinjar propost jipprovdi biżżejjed garanziji li l-livell globali tas-sigurtà tal-avjazzjoni se jinżamm fil-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru b'dan fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-punt 12.8.2, filwaqt li tispjega t-tħassib tagħha. F'tali ċirkustanza, l-Istat Membru konċernat ma għandux jibda bil-metodu tal-iskrinjar sakemm ma jkunx issodisfa lill-Kummissjoni.

12.8.4. Il-perjodu massimu ta' evalwazzjoni għal kull metodu ta' skrinjar li juża teknoloġiji ġodda għandu jkun ta' tmintax-il xahar. Il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' evalwazzjoni b'massimu ta' tnax-il xahar ieħor, bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għall-estensjoni.

12.8.5. F'intervalli ta' mhux aktar minn sitt xhur matul il-perjodu tal-evalwazzjoni, l-awtorità xierqa fl-Istat Membru konċernat għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport dwar il-progress li jkun sar fl-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bil-kontenut tar-rapport dwar il-progress. Jekk ma jiġi pprovdut l-ebda rapport dwar il-progress, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru sabiex jissospendi l-prova.

12.8.6. Jekk, abbażi ta' rapport, il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta li l-metodu tal-iskrinjar li qiegħed jiġi ppruvat qiegħed jipprovdi garanziji suffiċjenti li l-livell globali tas-sigurtà tal-avjazzjoni qiegħed jinżamm fil-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru li l-prova se tiġi sospiża sakemm ikunu jistgħu jingħataw it-tali garanziji.

12.8.7. L-ebda perjodu ta' evalwazzjoni ma għandu jkun itwal minn tletin xahar.

12.9. IL-KLIEB GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-ISPLUSSIVI

12.9.1. **Il-prinċipji ġenerali**

▼M20

12.9.1.1. Kelb għall-individwazzjoni tal-isplussivi (EDD, Explosive Detection Dog) għandu jkun jista' jindividwa u jindika materjali speċifikati stabbiliti fid-Dokument Mehmuż 12-D tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼B

12.9.1.2. L-individwazzjoni għandha tkun indipendenti mill-għamla, il-pożizzjoni jew l-orjentament tal-materjal esplożiv.

12.9.1.3. EDD għandu jwissi, fil-forma ta' rispons passiv, meta jindividwa materjali splussivi kif stipulati fid-Dokument Mehmuż 12-D tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M20

12.9.1.4. EDD u l-handler tiegħu jistgħu jintużaw għall-iskrinjar jekk il-handler ikun lesta b'suċċess l-eżami teoretiku, jekk l-EDD ikun lesta b'suċċess it-test tar-rikonoxximent tar-riħa u jekk ikunu ġew approvati flimkien bħala tim.

▼B

12.9.1.5. EDD u min imexxih għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ inizjali u rikorrenti sabiex jiġi żgurat li l-kompetenzi meħtieġa jintgħallmu u jinżammu u, fejn xieraq, jitgħallmu kompetenzi ġodda.

12.9.1.6. Sabiex jiġi approvat, tim tal-EDD, li jikkonsisti minn EDD u persuna (i) li jmexxih, għandhom ikunu għaddew b'suċċess minn kors ta' taħriġ.

▼M15

12.9.1.7 Tim tal-EDD għandu jiġi approvat mill-awtorità xierqa jew f'isimha f'konformità mad-Dokumenti Mehmużin 12-E u 12-F tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005. L-awtorità xierqa tista' tippermetti l-iskjerament u l-użu ta' timijiet tal-EDD imħarrġa u/jew approvati mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru ieħor, diment li tkun qablet

▼M15

formalment mal-awtorità tal-approvazzjoni dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha fil-Kapitolu 12.9 ta' dan l-Anness jiġu ssodisfati, f'konformità mad-Dokument Mehmuż 12-P ta' dan l-Anness. Fin-nuqqas ta' tali ftehim, ir-responsabbiltà sħiħa għall-issodisfar tar-rekwiżiti kollha fil-Kapitolu 12.9 ta' dan l-Anness tibqa' tal-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn jiġi skjerat u jintuża t-tim tal-EDD.

▼M20

12.9.1.8. Wara l-approvazzjoni mill-awtorità xierqa, tim EDD jista' jintuża għall-iskrinjar tas-sigurtà biss għall-metodoloġija u ż-żona/żoni li għaliha/għalihom ikun ġie approvat.

▼B

12.9.2. **L-Istandards għall-EDD**

12.9.2.1. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għal EDD huma stipulati fid-Dokument Mehmuż 12-D tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

12.9.2.2. Tim tal-EDD użat għall-iskrinjar ta' persuni, bagalji fil-kabini, oġġetti li jkunu qed jinġarru mill-persuni li mhumiex passiġġieri, vetturi, inġenji tal-ajru, provvisti għal fuq it-titjira u provvisti tal-ajruport, u żoni ristretti ta' sigurtà ta' ajruport għandu jilħaq l-istandard 1 ta' individwazzjoni.

12.9.2.3. Tim tal-EDD użat għall-iskrinjar ta' bagalji fl-istiva, posta tat-trasportaturi bl-ajru, materjali tat-trasportaturi bl-ajru, merkanzija u posta għandu jilħaq l-istandard 2 ta' individwazzjoni.

12.9.2.4. Tim tal-EDD approvat biex jindividwa materjal splussiv bl-użu tal-metodu ta' traċċar remot tal-isplussiv bix-xamm jista' biss jintuża fl-iskrinjar tal-merkanzija, iżda fl-ebda qasam ieħor inkluż fl-istandard 2.

▼M20

12.9.2.5. EDD użat għall-individwazzjoni ta' materjal splussiv għandu jiġi mmarkat bl-impjantazzjoni ta' transponder ([1]) li jippermetti l-identifikazzjoni unika tal-EDD.

▼B

12.9.2.6. Meta jkun qed iwettaq dmirijiet ta' individwazzjoni tal-isplussiv, EDD għandu dejjem ikun akkumpanjat minn min imexxih li jkun approvat biex jaħdem mal-EDD.

12.9.2.7. EDD approvat għall-metodu tal-ġiri ħieles jista' jkollu persuna waħda biss tmexxih. Persuna waħda tista' tiġi approvata biex tmexxi massimu ta' żewġt EDDs.

12.9.2.8. EDD approvat għall-metodu ta' traċċar remot tal-isplussiv bix-xamm għandu jkollu massimu ta' żewġ persuni jmexxuh għal kull EDD.

12.9.3. **Ir-rekwiżiti tat-taħriġ**

Obbligi ta' taħriġ ġenerali

12.9.3.1. It-taħriġ ta' tim tal-EDD għandu jinkludi taħriġ teoretiku, prattiku u fuq il-post tax-xogħol.

▼M15

12.9.3.2 Il-kontenut tal-korsijiet tat-taħriġ għandu jiġi speċifikat jew approvat mill-awtorità xierqa. It-taħriġ teoriku ta' min jieħu ħsieb l-immaniġġar għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu 11.2 għall-iskrinjar taż-żona speċifika jew taż-żoni speċifiċi fejn it-tim tal-EDD ikun approvat.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/576/oj).

▼M20

12.9.3.3. It-taħriġ għandu jitwettaq minn strutturi kwalifikati f'konformità mal-punt 11.5.

12.9.3.4. Il-klieb li għandhom jitħarrġu għall-individwazzjoni tal-isplussivi għandhom jintużaw biss għal dak il-għan.

12.9.3.5. Waqt it-taħriġ, għandu jintuża splussiv reali jew għajnuniet għat-taħriġ li jirrappreżentaw materjal splussiv.

12.9.3.6. Il-persuni li jimmaniġġjaw splussivi reali jew għajnuniet għat-taħriġ għandhom jirċievu taħriġ xieraq sabiex tiġi pprevenuta l-kontaminazzjoni.

▼B

Taħriġ inizjali għal timijiet tal-EDD

12.9.3.7. Tim tal-EDD għandu jkun suġġett għal taħriġ inizjali f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-punt 12.9.3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.9.3.8. It-taħriġ inizjali għat-tim tal-EDD għandu jinkludi taħriġ prattiku fl-ambjent tax-xogħol li t-taħriġ huwa maħsub għalih.

Taħriġ rikorrenti għal timijiet tal-EDD

12.9.3.9. EDD u min imexxih għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' taħriġ rikorrenti, sew individwalment sew flimkien bħala tim.

12.9.3.10. It-taħriġ rikorrenti għandu jżomm il-kompetenzi eżistenti kif meħtieġa mit-taħriġ inizjali u dawk miksuba skont żviluppi fis-sigurtà.

▼M20

12.9.3.11. It-taħriġ rikorrenti għal tim EDD għandu jitwettaq ta' mill-inqas f'intervalli ta' 6 ġimgħat. It-tul minimu tat-taħriġ rikorrenti għandu jkun ta' mhux inqas minn 4 sigħat fi kwalunkwe perjodu ta' 6 ġimgħat. Ir-rekwiżit ma japplikax fil-każ fejn EDD huwa soġġett għal taħriġ tar-rikonoxximent tal-materjali kollha mniżżla fid-Dokument Mehmuż 12-D tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005 mill-inqas darba dil-ġimgħa.

12.9.3.12. Matul it-taħriġ rikorrenti, għandu jintuża splussiv reali jew għajnuniet għat-taħriġ li jirrappreżentaw materjal splussiv.

▼B

Reġistri tat-taħriġ għal timijiet tal-EDD

12.9.3.13. Ir-reġistri sew għat-taħriġ inzjali sew rikorrenti għandhom jinżammu sew għall-EDD sew għal min imexxih għal mill-inqas it-tul tal-kuntratt tal-impjieg tagħhom u għandhom ikunu disponibbli lill-awtorità xierqa fuq talba.

▼M20

Taħriġ Operazzjonali għal Timijiet tal-EDD

12.9.3.14. Meta l-EDD jitħaddem fid-dmirijiet ta' skrinjar, l-EDD għandu jkun soġġett għal taħriġ f'kull żona operazzjonali, kif imsemmi fid-Dokument Mehmuż 12-F tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2015) 8005, fejn it-tim jintuża biex jiżgura li jissodisfa l-prestazzjoni stabbilita fid-Dokument Mehmuż 12-D tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005.

▼M20

12.9.3.15. It-taħriġ fiż-żona operazzjonali kif elenkat fid-Dokument Mehmuż 12-F tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005 għandu jsir fuq bażi aleatorja kontinwa matul il-perjodu tat-tħaddim tal-EDD u għandu jkejjel ir-riżultati tal-EDD fir-rigward tal-individwazzjoni permezz ta' għajnuniet għat-taħriġ approvati f'kull żona fejn jitħaddem l-EDD.

12.9.3.16. It-taħriġ għandu jitwettaq fuq oġġetti diġà skrinjati u mhux mimsusa.

▼B

12.9.4. **Il-Proċeduri tal-Approvazzjoni**

12.9.4.1. Il-proċedura tal-approvazzjoni għandha tiżgura li jitkejlu l-kompetenzi kollha li ġejjin:

(a) il-ħila tal-EDD li jilħaq il-prestazzjoni tal-individwazzjoni stipulata fid-Dokument Mehmuż 12-D tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005;

(b) il-ħila tal-EDD li jagħti indikazzjoni passiva dwar il-preżenza ta' materjali splussivi;

(c) il-ħila tal-EDD u min imexxih li jaħdmu effettivament bħala tim;

(d) il-ħila ta' min imexxi li jmexxi l-EDD korrettament, u jinterpreta u jwieġeb kif xieraq għar-reazzjoni tal-EDD għall-preżenza ta' materjal splussiv.

12.9.4.2. Il-proċedura tal-approvazzjoni għandha tissimula kull waħda mill-oqsma ta' ħidma li se jaħdmu fihom it-tim tal-EDD.

12.9.4.3. It-tim tal-EDD għandu jkun lesta b'suċċess it-taħriġ f'kull qasam li għalih tintalab l-approvazzjoni.

12.9.4.4. Il-proċeduri tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu skont id-Dokumenti Mehmużin 12-E u 12-F tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.9.4.5. Il-validità ta' kull perjodu ta' approvazzjoni ma għandhiex tkun itwal minn 12-il xahar.

12.9.5. **Il-Kontroll tal-Kwalità**

12.9.5.1. It-tim tal-EDD għandu jkun suġġett għal miżuri ta' kontroll tal-kwalità stipulati fid-Dokument Mehmuż 12-G tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.9.6. **Il-Metodoloġija tal-Iskrinjar**

Barra minn hekk, rekwiżiti dettaljati jinsabu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.10. IT-TAGĦMIR GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-METALL (MDE)

Id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-MDE huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.11. SKENERS TAS-SIGURTÀ

12.11.1 **Il-prinċipji ġenerali**

Skener tas-sigurtà huwa sistema għall-iskrinjar ta' persuni li huwa kapaċi jindividwa oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem li jintlibsu fuq il-ġisem jew fil-ħwejjeġ.

▼B

Skener tas-sigurtà b'eżaminatur uman, jista' jikkonsisti f'sistema ta' individwazzjoni li toħloq immaġni tal-ġisem tal-persuna sabiex jiġi analizzat mill-eżaminatur uman u li tistabbilixxi li l-persuna skrinjata mhix qed iġġorr oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem. Meta l-eżaminatur uman jidentifika dan l-oġġett, il-post fejn ikun instab għandu jkun ikkomunikat lill-iskrinjatur għal tfittxija ulterjuri. F'dan il-każ, l-eżaminatur uman għandu jkun meqjus bħala parti integrali tas-sistema ta' individwazzjoni.

Skener tas-sigurtà b'individwazzjoni awtomatika ta' theddid huwa sistema li tikkonsisti f'sistema ta' individwazzjoni li awtomatikament tidentifika oġġetti tal-metall u mhux tal-metall, distinti mill-ġilda tal-bniedem li tkun qed iġġorr il-persuna li tkun qed tiġi skrinjata. Meta s-sistema tidentifika dan l-oġġett, il-post fejn ikun instab għandu jkun indikat fuq xbiha rappreżentattiva standard tal-figura tal-bniedem lill-iskrinjatur.

Għall-iskop tal-iskrinjar tal-passiġġieri, skener tas-sigurtà għandu jissodisfa l-istandards li ġejjin:

(a) skeners tas-sigurta għandhom jindividwaw u jindikaw permezz ta' allarm għall-inqas oġġetti tal-metall u mhux tal-metall speċifiċi inklużi splussivi kemm individwalment kif ukoll aggruppjati;

(b) l-individwazzjoni għandha tkun indipendenti mill-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-oġġett;

(c) is-sistema għandu jkollha indikatur viżwali li jindika li t-tagħmir qiegħed jaħdem;

(d) l-iskeners tas-sigurtà għandhom jitqegħdu f'pożizzjoni li tiżgura li l-prestazzjoni tagħhom ma tkunx affettwata minn sorsi ta' interferenza;

(e) l-iffunzjonar korrett tal-iskeners tas-sigurtà għandu jkun ittestjat kuljum;

(f) l-iskener tas-sigurtà għandu jkun użat skont il-kunċett tal-operazzjonijiet ipprovdut mill-manifattur.

L-iskeners tas-sigurtà għall-iskrinjar tal-passiġġieri għandhom jitqiegħdu u jintużaw f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE ([1]) u d-Direttiva 2013/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

12.11.2 **L-istandards għall-iskeners tas-sigurtà**

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni għall-iskeners tas-sigurtà huma stipulati fid-Dokument Mehmuż 12-K, dokument li għandu jkun ikklassifikat bħala "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" u jkun ittrattat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444.

L-iskeners tas-sigurtà għandhom jissodisfaw l-istandard definit fid-Dokument Mehmuż 12-K mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

12.11.2.1. L-iskeners tas-sigurtà kollha għandhom jilħqu l-istandard 1.

L-istandard 1 għandu jiskadi fl-1 ta' Jannar 2022.

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni tal-espożizzjoni tal-pubbliku ġenerali għal kampi elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz) (ĠU L 199, 30.7.1999, p. 59).

([2]) Id-Direttiva 2013/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampi elettromanjetiċi) (l-20 Direttiva individwali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) u li thassar id-Direttiva 2004/40/KE (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 1).

▼B

12.11.2.2. L-istandard 2 għandu japplika għall-iskeners tas-sigurtà installati mill-1 ta' Jannar 2019.

▼M5

12.11.2.3. L-istandard 2.1 għandu japplika għall-iskeners tas-sigurtà installati mill-1 ta' Jannar 2021.

12.12. TAGĦMIR TAL-ISKENJAR TAŻ-ŻRABEN

12.12.1. **Prinċipji ġenerali**

12.12.1.1. It-tagħmir tal-individwazzjoni tal-metall fiż-żraben (SMD) għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika permezz ta' allarm minn tal-inqas l-oġġetti metalliċi speċifikati, kemm b'mod individwali u kemm flimkien ma' tagħmir ieħor.

12.12.1.2. It-tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussiv fiż-żraben (SED) għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika permezz ta' allarm minn tal-inqas l-oġġetti splussivi speċifikati.

12.12.1.3. L-individwazzjoni permezz tat-tagħmir SMD u SED ma għandhiex tiddependi fuq il-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-oġġetti metalliċi jew splussivi.

12.12.1.4. It-tagħmir SMD u SED għandu jitqiegħed fuq bażi solida.

12.12.1.5. It-tagħmir SMD u SED għandu jkollu indikatur viżiv biex juri li t-tagħmir qed jitħaddem.

12.12.1.6. Il-mezzi għall-aġġustament tal-konfigurazzjonijiet tal-individwazzjoni tat-tagħmir SMD u SED għandhom jiġu protetti u għandhom ikunu aċċessibbli għal persuni awtorizzati biss.

12.12.1.7. It-tagħmir SMD għandu jagħti minn tal-inqas allarm viżiv u allarm li jinstema' meta jindividwa xi oġġetti metalliċi kif imsemmi fil-punt 12.12.1.1. Għandu jkun possibbli li wieħed jinduna biż-żewġ tipi ta' allarm minn bogħod ta' metru (1 m).

12.12.1.8. It-tagħmir SED għandu jagħti minn tal-inqas allarm viżiv u allarm li jinstema' meta jindividwa xi oġġetti splussivi kif imsemmi fil-punt 12.12.1.2. Għandu jkun possibbli li wieħed jinduna biż-żewġ tipi ta' allarm minn bogħod ta' metru (1 m).

12.12.2. **Standards għat-tagħmir SMD**

12.12.2.1. Għandu jkun hemm żewġ standards għat-tagħmir SMD. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.12.2.2. It-tagħmir SMD kollu li jintuża b'mod esklużiv għall-iskrinjar tal-persuni għajr il-passiġġieri għandu jissodisfa minn tal-inqas l-istandard 1.

12.12.2.3. It-tagħmir SMD kollu li jintuża għall-iskrinjar tal-passiġġieri għandu jissodisfa l-istandard 2.

12.12.2.4. It-tagħmir SMD kollu għandu jkun kapaċi jsolvi l-allarmi ġġenerati fuq WTMD, fil-parti bejn is-superfiċe li tappoġġa ż-żarbuna u minn tal-inqas 35 cm 'il fuq.

12.12.3. **standard għat-tagħmir SED**

12.12.3.1. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dan l-istandard huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼**M16**

12.13. SOFTWER AWTOMATIZZAT GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TA' OĠĠETTI PPROJBITI (APID)

12.13.1. **Prinċipji ġenerali**

12.13.1.1. Is-Softwer Awtomatizzat għall-Individwazzjoni ta' Oġġetti Pprojbiti (APID) għandu jkun jista' jindividwa u jindika, permezz ta' allarm, oġġetti pprojbiti li jinsabu fil-bagalji jew f'kunsinni oħra.

12.13.2. **Standards għas-softwer APID**

12.13.2.1. Għandu jkun hemm tliet standards għas-softwer APID. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.14. TAGĦMIR GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-FWAR SPLUSSIV (EVD)

12.14.1. **Prinċipji ġenerali**

12.14.1.1. It-tagħmir għall-Individwazzjoni tal-Fwar Splussiv (EVD) għandu jkun jista' jiġbor kampjuni tal-arja u janalizza l-kampjun miġbur għall-fwar, l-aerosols u/jew il-partikoli fl-ajru u b'hekk jindika l-preżenza ta' splussivi u materjali relatati mal-isplussivi.

Jekk jinstabu livelli ta' traċċi ta' splussivi jew materjali relatati mal-isplussivi fil-kampjun, it-tagħmir għall-EVD għandu jindika allarm.

12.14.1.2. Għall-iskop ta' skrinjar b'tagħmir għall-EVD, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) It-tagħmir għall-EVD għandu jintuża biss f'ambjent u għall-iskop li għalih ikun ġie approvat, jiġifieri skrinjar ta':

— Passiġġieri u persuni li ma humiex passiġġieri (EVD-PX);

— Bagalji tal-kabina (EVD-CB);

— Bagalji tal-istiva (EVD-HB);

— Merkanzija u posta bl-ajru, posta tat-trasportatur tal-ajru u materjali tat-trasportatur tal-ajru, provvisti għal matul it-titjira u provvisti tal-ajruport (EVD-CS);

(b) l-oġġetti tal-konsum ma għandhomx jintużaw aktar milli rakkomandat mill-manifattur tagħhom jew jekk il-prestazzjoni tal-oġġetti tal-konsum tkun tidher li ddeterjorat bl-użu.

▼M16

12.14.2. **Standards għall-EVD**

12.14.2.1. It-tagħmir kollu għall-EVD li jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva, tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru, tal-posta tat-trasportaturi tal-ajru u tal-materjali tat-trasportaturi tal-ajru mgħobbija fl-istiva tal-inġenju tal-ajru, tal-provvisti għal matul it-titjira kif ukoll tal-provvisti tal-ajruport għandu tal-inqas jissodisfa l-istandard 1.

12.14.2.2. It-tagħmir kollu għall-EVD li jintuża għall-iskrinjar tal-passiġġieri u tal-persuni li ma humiex passiġġieri kif ukoll tal-bagalji tal-kabina għandu jissodisfa tal-anqas l-istandard 3.

12.14.2.3. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-A

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għad-WTMD u l-SMD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-B

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-EDS huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-C

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għar-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir sabiex ikunu skrinjati l-likwidi, l-aerosols u l-ġellijiet (LAGS) huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-D

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għal EDD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-E

Id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedutri ta' approvazzjoni ta' EDD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-F

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar iż-żoni ta' ttestjar u l-kundizzjonijiet tat-test tal-approvazzjoni għal EDD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-G

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-kwalità għal EDD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-H

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar "EDD li joperaw liberament — Standards għall-metodoloġija tal-użu" huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-I

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar "EDD li jaħdmu biss permezz tal-metodu ta' lokalizzazzjoni mill-bogħod ta' traċċi ta' splussivi — Standards għall-metodoloġija tal-użu" huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-J

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-MDE huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼B

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-K

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-iskeners tassigurtà huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-L

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-Individwazzjoni ta' Traċċi ta' Splussivi (ETD) huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M16

DOKUMENT MEHMUŻ 12-M

Dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-APID huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M10

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-N

Dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-SED huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-O

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-EVD huma stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

▼M15

ID-DOKUMENT MEHMUŻ 12-P

ITTRA TA' QBIL BEJN L-AWTORITAJIET XIERQA LI JAPPOĠĠAW L-ISKJERAMENT TA' TIMIJIET TAL-EDD

Din l-ittra ta' qbil hija stabbilita bejn il-partijiet li ġejjin:

L-awtorità xierqa li tirċievi appoġġ għall-iskjerament ta' timijiet tal-EDD:

.....

L-awtorità jew l-awtoritajiet xierqa li jipprovdu appoġġ għall-iskjerament ta' timijiet tal-EDD:

.....

Għall-identifikazzjoni tar-rwoli [1] li ġejjin biex jiġi żgurat li l-iskjerament tat-timijiet tal-EDD jissodisfa r-rekwiżiti tal-UE:

L-awtorità xierqa inkarigata biex tispeċifika jew tapprova l-kontenut tal-korsijiet tat-taħriġ:

.....

L-awtorità xierqa inkarigata biex tapprova t-timijiet tal-EDD:

.....

L-awtorità xierqa inkarigata mill-kontroll estern tal-kwalità:

.....

Għall-perjodu ta' validità li ġej:

Data:

Firem:

[1] Jekk ikun hemm bżonn, din l-ittra ta' qbil tista' tiġi ssupplimentata b'dettalji addizzjonali u tista' tiġi emendata kif meħtieġ sabiex jiġu speċifikati r-rwoli tal-awtoritajiet xierqa, u biex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.